**IL-KONVENZJONI EWROPEA**
IS-SEGRETARJAT

**Brussel, it-18 ta' Lulju 2003**

**CONV 850/03**

**NOTA:**

| | |
|---|---|
| Mis- : | Segretarjat |
| Lill- : | Konvenzjoni |
| Nri dok. preċ: | CONV 820/1/03 REV 1; CONV 847/03, CONV 848/03 |
| Suġġett: | **Abbozz tat-Trattat li jistabilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa** |

Il-membri tal-Konvenzjoni jsibu hawnhekk anness it-test finali ta' l-abbozz tat-Trattat li jistabilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa, kif sottomess lill-President tal-Kunsill Ewropew f' Ruma fit-18 ta' Lulju 2003.

*Abbozz ta'*

**TRATTAT**

**LI JISTABILIXXI**

# KOSTITUZZJONI GĦALL-EWROPA

Adottat b' *consensus* mill-Konvenzjoni Ewropea

fit-13 ta' Ġunju u fl-10 ta' Lulju 2003

SOTTOMESS

LILL-PRESIDENT TAL-KUNSILL EWROPEW

F' RUMA

*-- it-18 ta' Lulju 2003--*

E

*Il-Konvenzjoni Ewropea*

# PREFAZJU

Għall-Partijiet I u II ta' l-abbozz tat-Trattat li jistabilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa sottomess lill-Kunsill Ewropew li ltaqa' f' Salonka fl-20 ta' Ġunju 2003.

# PREFAZJU

Billi ġie nnutat li l-Unjoni Ewropea kienet waslet f'mument definittiv fl-eżistenza tagħha, l-Kunsill Ewropew li ltaqa' f'Laeken fl-14 u l-15 ta' Diċembru 2001 laqqa' l-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Futur ta' l-Ewropa.

Il-Konvenzjoni ntalbet biex tabbozza proposti fuq tliet materji: kif tqarreb iċ-ċittadini lejn l-idea Ewropea u l-Istituzzjonijiet Ewropej; kif torganizza l-politika u ż-żona politika Ewropea f' Unjoni mkabbra; u kif tiżviluppa l-Unjoni bħala fattur ta' stabilità u mudell fl-ordni ġdid mondjali.

Il-Konvenzjoni identifikat ir-risposti għall-mistoqsijiet li saru fid-dikjarazzjoni ta' Laeken:

– hija tipproponi diviżjoni aħjar tal-kompetenzi ta' l-Unjoni u ta' l-Istati Membri;
– hija tirrakkomanda li jiġu nkorporati flimkien it-Trattati, u li tiġi mogħtija personalità ġuridika lill-Unjoni;
– hija tistabbilixxi s-simplifikazzjoni ta' l-istrumenti ta' azzjoni ta' l-Unjoni;
– hija tipproponi miżuri sabiex iżżid id-demokrazija, it-trasparenza u l-effiċjenza ta' l-UnjoniEwropea, billi tiżviluppa l-kontribut tal-Parlamenti nazzjonali għal-leġittimazzjoni ta' l-idea Ewropea, billi tissimplifika l-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet, u billi tagħmel il-funzjonament ta' l-istituzzjonijiet Ewropej iktar trasparenti u jinftiehem aħjar;
- hija tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa biex ittejjeb l-istruttura u jitqawwa r-rwol ta' kull waħda mit-tliet istituzzjonijiet ta' l-Unjoni u billi jittieħed kont b'mod partikolari tal-konsegwenzi tat-tkabbir.

Id-dikjarazzjoni ta' Laeken ukoll qegħdet il-mistoqsija jekk is-simplifikazzjoni u l-organizzazzjoni mill-ġdid tat-Trattati kenitx tista' tlesti t-triq għall-adozzjoni tat-test kostituzzjonali. Il-proċeduri fil-Konvenzjoni wasslu finalment għall-abbozz ta' Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa illi kiseb kunsens wiesa' fis-sessjoni plenarja tat-13 ta' Ġunju 2003.

Huwa dan it-test li jiena għandi l-privileġġ li nippreżenta llum 20 ta' Ġunju 2003 lill-Kunsill Ewropew li qed jiltaqa' f'Salonka, għan-nom tal-Konvenzjoni Ewropea, bit-tama li jikkostitwixxi il-fundament ta' trattat futur li jistabbilixxi Kostituzzjoni Ewropea.

Valéry Giscard d'Estaing
President tal-Konvenzjoni

Giuliano Amato
Viċi-President

Jean-Luc Dehaene
Viċi-President

# Abbozz ta'

# TRATTAT LI JISTABILIXXI IL-KOSTITUZZJONI GĦALL-EWROPA

## PREAMBOLU

*Χρώμεθα γάρ πολιτεία... καὶ ὄνομα μὲν διὰ τὸ μὴ ἐς ὀλίγους ἀλλ᾽ ἐς πλείονας οἰκεῖν δημοκρατία κέκληται.*

*Il-Kostituzzjoni tagħna ... tissejjaħ demokrazija għaliex il-poter ma jinstabx f'idejn minoranza iżda f' idejn l-akbar numru.*

*Tucidide II, 37*

Konxji li l-Ewropa hija kontinent li ġab miegħu ċ-ċivilizzazzjoni; li l-abitanti tagħha, li waslu f'mewġiet suċċessivi sa mill-ewwel żminijiet, u li progressivament żviluppaw il-valuri li huma l-bażi ta' l-umaneiżmu: l-ugwaljanza, il-libertà u rispett għar-raġuni,

Ispirati mill-wirt kulturali, reliġjuż u umanist ta' l-Ewropa, li minnhom ħarġu l-valuri dejjem preżenti fil-patrimonju tagħha li daħħlu fil-qalba tas-soċjetà ir-rwol ċentrali tal-persuna umana u d-drittijiet li ma jistgħux jiġu la vjolati u lanqas aljenati, u r-rispett għal-liġi,

Konvinti li l-Ewropa unita mill-ġdid minn issa 'l quddiem bi ħsiebha ssegwi l-mixja taċ-ċiviltà, progress u prosperità, għall-ġid ta' l-abitanti tagħha kollha, inklużi dawk li huma l-iktar debboli u l-iktar nieqsa; billi tixtieq tibqa' kontinent miftuħ għall-kultura, għerf u progress soċjali; u billi tixtieq tagħmel iktar demokratikament profonda u trasparenti il-ħajja pubblika tagħha, u sabiex tahdem għall-paċi, għall-ġustizzja u għas-solidarjetà fid-dinja kollha,

Persważi li l-popli ta' l-Ewropa, filwaqt li jibqgħu kburin mill-identitajiet nazzjonali u mill-istorja tagħhom, huma determinati sabiex jittraxxendu d-diviżjonijiet antiki tagħhom, u, uniti aktar fil-qrib, isawru destin komuni,

Konvinti li, għaldaqstant bl-"unità fid-diversità tagħha" l-Ewropa toffrilhom l-aħjar opportunità, fir-rispett tad-drittijiet ta' kull individwu u fl-għarfien tar-responsabbiltajiet tagħhom lejn il-ġenerazzjonijiet futuri u lejn il-pjaneta, li jimxu 'l quddiem bl-avventura kbira li tagħmilha spazju privileġġjat tat-tama ta' l-umanità,

Grati lejn il-membri tal-Konvenzjoni Ewropea talli ppreparaw din il-Kostituzzjoni għan-nom taċ-ċittadini u ta' l-Istati ta' l-Ewropa,

[Li, wara li skambjaw il-pjeni poteri tagħhom, li kienu fil-forma tajba u dovuta, qablu kif ġej:]

# PARTI I

## TITOLU I: TIFSIR U MIRI TA' L-UNJONI

### Artikolu 1: Stabbiliment ta' l-Unjoni

1. Ispirati mir-rieda taċ-ċittadini u ta' l-Istati ta' l-Ewropa li jibnu l-futur tagħhom komuni, din il-Kostituzzjoni tistabbilixxi l-Unjoni Ewropea, li lilha l-Istati Membri jikkonferixxu l-kompetenzi sabiex jintlaħqu l-miri komuni. L-Unjoni tikkoordina l-politika li biha l-Istati Membri għandhom il-ħsieb li jilħqu dawn il-miri, u teżerċita il-kompetenzi konferiti b'mod komunitarju.

2. L-Unjoni għandha tkun miftuħa għall-Istati Ewropej kollha li jirrispettaw il-valuri tagħha u li jimpenjaw ruhhom li jippromwovuhom flimkien.

### Artikolu 2: Il-Valuri ta' l-Unjoni

L-Unjoni hija mibnija fuq il-valuri ta' rispett għad-dinjità tal-bniedem, tal-libertà, ta' l-ugwaljanza, tad-demokrazija, tas-sovranità tal-liġi, kif ukoll ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà karatterizzata mill-pluraliżmu, mit-tolleranza, mill-ġustizzja, mis-solidarjetà u n-non diskriminazzjoni.

**Artikolu 3: Il-Miri ta' l-Unjoni**

1. Il-mira ta' l-Unjoni hi li tippromwovi l-paċi, il-valuri tagħha u l-ġid tal-popli tagħha.

2. L-Unjoni għandha toffri liċ-ċittadini tagħha spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja mingħajr fruntieri interni, u suq wieħed fejn il-kompetizzjoni hija libera u mhux distorta.

3. L-Unjoni taħdem għall-iżvilupp sostenibbli ta' l-Ewropa mibni fuq l-avvanz ekonomiku bilanċjat, b' ekonomija soċjali tas-suq ferm kompetittiv u li jimmira li kulħadd jaħdem u li jkun hem mil-progress soċjali b' livell għoli ta' protezzjoni u titjib tal-kwalità ta' l-ambjent. Għandha tippromwovi żvilupp xjentifiku u teknoloġiku.

   Tikkumbatti l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni; tippromwovi l-ġustizzja u l-protezzjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet u l-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal.

   Tippromwovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri.

   L-Unjoni tirrispetta d-diversità kulturali u lingwistika tagħha u għandha tiżgura li l-wirt kulturali Ewropew jiġi mħares u żviluppat.

4. Fir-relazzjonijiet tagħha mad-dinja barra minnha, l-Unjoni ssostni u tippromwovi l-valuri u l-interessi tagħha. Għandha tikkontribwixxi għall-paċi, għas-sigurtà, għall-iżvilupp sostenibbli fid-dinja, għas-solidarjetà u r-rispett reċiproku bejn il-popli, għall-kummerċ liberu u ġust, għall-qerda tal-faqar mill-għeruq u għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem b'mod partikolari dawk tat-tfal, kif ukoll għall-osservanza stretta u għall-iżvilupp tad-drittijiet internazzjonali inkluż ir-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

5. Dawn il-miri jiġu segwiti b' mezzi approprjati, skond ma tkun l-attribuzzjoni tal-kompetenzi lill-Unjoni fil-Kostituzzjoni.

**Artikolu 4: Libertajiet fundamentali u n-non diskriminazzjoni**

1. Il-moviment liberu ta' persuni, ta' beni, ta' servizzi u ta' kapital, u l-libertà ta' l-istabbiliment għandhom ikunu garantiti mill-Unjoni u fiha, skond id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni.

2. Fil-kamp ta' l-applikazzjoni tal-Kostituzzjoni, u mingħajr preġudizzju ghad-disposizzjonijiet speċifiċi tagħħa kull diskriminazzjoni fuq il-bażi tan-nazzjonalità għandha tkun projbita.

**Artikolu 5: Relazzjonijiet bejn l-Unjoni u l-Istati Membri**

1. L-Unjoni tirrispetta l-identitajiet nazzjonali ta' l-Istati Membri, inerenti fl-istrutturi fundamentali politiċi u kostituzzjonali tagħhom inklużi dawk tal-gvernijiet reġjonali u lokali. Tirrispetta l-funzjonijiet statali essenzjali tagħhom inklużi dawk li jassiguraw l-integrità territorjali ta' l-Istat, il-manteniment ta' l-ordni pubbliku u tal-ħarsien tas-sigurtà interna.

2. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom, waqt li jsegwu l-prinċipju tal-kooperazzjoni leali, b'rispett reċiproku sħiħ, jassistu lil xulxin fl-esekuzzjoni tal-missjonijiet li jemanaw mill-Kostituzzjoni.

   L-Istati Membri jiffaċilitaw lill-Unjoni l-esekuzzjoni tal-missjoni tagħha u joqogħdu lura minn kull miżura li tipperikola sitwazzjoni fejn ma jintlaħqux il-miri stabbiliti fil-Kostituzzjoni.

**Artikolu 6: Personalità Ġuridika**

L-Unjoni jkollha personalità ġuridika

## TITOLU II: DRITTIJIET FUNDAMENTALI I U Ċ-ĊITTADINANZA TA' L-UNJONI

### Artikolu 7: Drittijiet fundamentali

1. L-Unjoni tirrikonoxxi d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji dikjarati fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali li tikkostitwixxi it-Tieni Parti tal-Kostituzzjoni.

2. L-Unjoni tfittex li taderixxi għall-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali. Din l-Adeżjoni m'għandhiex timmodifika l-kompetenzi ta' l-Unjoni kif definiti fil-Kostituzzjoni.

3. Id-drittijiet fundamentali, kif garantiti mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali, u kif żviluppaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, għandhom jikkostitwixxu l-prinċipji ġenerali tad-dritt ta' l-Unjoni.

### Artikolu 8: Iċ-Ċittadinanza ta' l-Unjoni

1. Għandha ċittadinanza ta' l-Unjoni kull persuna li tkun ċittadin ta' Stat Membru. Iċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni tkun addizzjonali għaċ-ċittadinanza nazzjonali; m' għandhiex tissostitwiha.

2. Iċ-ċittadini ta' l-Unjoni għandhom igawdu d-drittijiet u jintrabtu bid-dmirijiet previsti fil-Kostituzzjoni. Huma jkollhom:

   - id-dritt ta' moviment u d-dritt ta' residenza libera fit-territorji ta' l-Istati Membri;

   - id-dritt tal-vot u li joħorġu bħala kandidati fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u fl-elezzjonijiet muniċipali fl-Istat Membru fejn huma jirrisjedu, taħt l-istess kondizzjonijiet bħaċ-ċittadini ta' dak l-Istat;

- id-dritt li jgawdu, fit-territorju ta’ pajjiż terz fejn l-Istat Membru li tiegħu huma ċittadini ma jkunx rappreżentat, mill-protezzjoni ta' l-awtoritajiet diplomatiċi u konsulari ta’ kull Stat Membru, taħt l-istess kondizzjonijiet bħaċ-ċittadini ta’ dak l-Istat;

- id-dritt ta' petizzjoni lill-Parlament Ewropew, li japplikaw għand l-Ombudsman Ewropew u li jindirizzaw lill-Istituzzjonijiet u korpi konsultattivi ta' l-Unjoni f'waħda mill-lingwi tal-Kostituzzjoni u d-dritt li jirċievu risposta bl-istess lingwa.

3. Dawn id-drittijiet għandhom ikunu eżerċitati skond il-kondizzjonijiet u l-limiti definiti mill-Kostituzzjoni u permezz tal-miżuri li jittiehdu sabiex jagħtuha effett.

## TITOLU III: IL-KOMPETENZI TA' L-UNJONI

### Artikolu 9: Prinċipji fondamentali

1. Il-limiti tal-kompetenzi ta' l-Unjoni huma regolati mill-prinċipju tal-konferiment. L-użu tal-kompetenzi ta' l-Unjoni hu regolat mill-prinċipju tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

2. Skond il-prinċipju tal-konferiment, l-Unjoni tagixxi fil-limiti tal-kompetenzi konferiti lilha mill-Istati Membri fil-Kostituzzjoni biex jintlaħqu l-miri tal-Kostituzzjoni. Il-kompetenzi li ma jiġux konferiti lill-Unjoni b'din il-Kostituzzjoni Jibqgħu għand l-Istati Membri.

3. Skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà, f'dawk l-oqsma li ma jaqgħux taħt il-kompetenza esklużiva tagħha, l-Unjoni għandha taġixxi meta u sa fejn il-miri ta' l-azzjoni kontemplata ma jistgħux jintlahqu biżżejjed mill-Istati Membri, la fil-livell ċentrali u lanqas fil-livell reġjonali jew lokali, iżda jistgħu, minħabba fl-iskala jew l-effetti ta’ l-azzjoni proposta, jintlaħqu aħjar fil-livell ta' l-Unjoni.

L-Istituzzjonijiet ta' l-Unjoni japplikaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fil-Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, anness mal-Kostituzzjoni. Il-Parlamenti Nazzjonali għandhom jassiguraw il-konformità ma' dak il-prinċipju skond il-proċedura indikata fil-Protokoll.

4. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, il-kamp u l-forma ta' l-azzjoni ta' l-Unjoni m'għandhomx jeċċedu dak li hu neċessarju biex jintlaħqu l-miri tal-Kostituzzjoni.

   L-Istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit fil-Protokoll imsemmi fil-paragrafu 3.

**Artikolu 10: Id-dritt ta' l-Unjoni**

1. Il-Kostituzzjoni u l-liġijiet adottati mill-Istituzzjonijiet ta' l-Unjoni fl-eżerċizzju tal-kompetenzi konferiti fuqhom, ikollhom primat fuq il-liġi ta’ l-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jiehdu l-miżuri kollha approprjati, ġenerali jew parttikolari, sabiex jassiguraw li jiġu sodisfatti l-obbligi li joħorġu mill-Kostituzzjoni jew li jirriżultaw mill-atti li joħorġu mill-Istituzzjonijiet ta' l-Unjoni.

**Artikolu 11: Kategoriji ta' kompetenza**

1. Meta l-Kostituzzjoni tikkonferixxi lill-Unjoni kompetenza esklużiva f’qasam speċifiku, l-Unjoni biss tista' tilleġisla u tadotta atti li jorbtu legalment, u l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu hekk fil-każ biss li jkunu mogħtija s-setgħa mill-Unjoni jew għall-implimentazzjoni ta' atti adottati mill-Unjoni.

2. Meta l-Kostituzzjoni tikkonferixxi lill-Unjoni kompetenza li tinqasam ma' l-Istati Membri f'qasam speċifiku l-Unjoni u l-Istati Membri għandu jkollhom is-setgħa li jilleġislaw u li jadottaw atti li jorbtu legalment f'dak il-qasam. L-Istati Membri Għandhom jeżerċitaw il-kompetenza tagħhom sa fejn l-Unjoni ma teżerċitax, jew iddeċidiet li tieqaf milli teżerċita l-kompetenza tagħha.

3. L-Unjoni jkollha l-kompetenza li tikkoordina l-politika ekonomika u ta' impiegi ta' l-Istati Membri.

4. L-Unjoni jkollha l-kompetenza li tiddefinixxi u timplimenta politika barranija u ta' sigurtà komuni inkluża l-inkwadratura progressive ta’ politika ta’ difiża komuni.

5. F'ċerti oqsma u skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Kostituzzjoni, l-Unjoni jkollha l-kompetenza li tiehu azzjonijiet biex tagħti sostenn, tikkoordina jew tissupplimenta l-azzjonijiet ta' l-Istati Membri, mingħajr b’ daqshekk ma tissoprassjedi fuq il-kompetenza tagħhom f’ dawn l-oqsma.

6. L-iskop u l-modalitajiet ta' l-eżerċizzju tal-kompetenzi ta' l-Unjoni għandhom jiġu determinati mid-disposizzjonijiet speċifiċi għal kull qasam fil-Parti III.

**Artikolu 12: Kompetenza esklużiva**

1. L-Unjoni jkollha l-kompetenza esklużiva li tiddefinixxi r-regoli tal-kompetizzjoni meħtieġa għall-funzjonament tas-suq intern, u fl-oqsma li ġejjin:

- il-politika monetarja, għall-Istati Membri li jkunu adottaw l-ewro,
- il-politika kummerċjali komuni,
- l-unjoni doganali,
- il-konservazzjoni ta’ riżorsi bijoloġiċi tal-baħar skond il-politika komuni tas-sajd.

2. L-Unjoni jkollha l-kompetenza esklużiva li tikkonkludi ftehim internazzjonali meta dan huwa previst f'att leġislattiv ta' l-Unjoni, hu neċessarju sabiex tkun tista' teżerċita il-kompetenza interna tagħha, jew meta dan jeffettwa att intern ta' l-Unjoni.

**<u>Artikolu 13: Oqsma ta' kompetenzi kondiviżi</u>**

1. L-Unjoni jkollha kompetenza kondiviża ma' l-Istati Membri fejn il-Kostituzzjoni tikkonferixxi lilha l-kompetenza li ma tirrigwardax l-oqsma msemmija fl-Artikoli 12 u 16.

2. Il-kompetenza kondiviża tapplika fl-oqsma prinċipali li ġejjin:

- is-suq intern,
- l-oqsma ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja
- l-agrikoltura u s-sajd, eskluża l-konservazzjoni ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar
- it-trasport u r-rettikolat trans-Ewropew,
- l-enerġija
- il-politika soċjali, għall-aspetti definiti fil-Parti III,
- il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali
- l-ambjent,
- il-protezzjoni tal-konsumatur,
- il-preokkupazzjonijiet dwar is-saħħa komuni f' oqsma ta' saħħa pubblika.

3. Fl-oqsma ta' riċerka ta' l-iżvilupp teknoloġiku u ta' l-ispazju, l-Unjoni jkollha l-kompetenza li teżegwixxi azzjonijiet, partikolarment biex tiddefinixxi u timplimenta programmi; madanakollu, l-eżerċizzju ta' dik il-kompetenza m'għandux iwassal għal li Stat Membru ikun impedit milli jeżerċita l-kompetenza tiegħu.

4. Fl-oqsma ta' kooperazzjoni ta' żvilupp u għajnuna umanitarja l-Unjoni jkollha l-kompetenza li tieħu azzjoni u li tmexxi politika komuni; madankollu l-eżerċizzju ta’ dik il-kompetenza m'għandux iwassal għal li Stat Membru jkun impedit milli jeżerċita l-kompetenza tiegħu.

**Artikolu 14: Il-koordinazzjoni ta' politika ekonomika u ta' l-impieg**

1. L-Unjoni għandha tadotta miżuri biex tassigura l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika ta' l-Istati Membri, partikolarment billi tadotta linji ta' gwida ġenerali għall-din il-politika. L-Istati Membri għandhom jikkoordinaw il-politika ekonomika tagħhom fi ħdan l-Unjoni.

2. Id-disposizzjonijiet speċifiċi għandhom japplikaw għal dawk l-Istati Membri li jadottaw l-ewro.

3. L-Unjoni għandha tadotta miżuri sabiex tassigura il-oordinazzjoni tal-politika ta' l-impieg ta' l-Istati Membri, partikolarment billi tadotta linji ta' gwida għal din il-politika.

4. L-Unjoni tista' tieħu inizjattivi biex tassigura l-koordinazzjoni tal-politika soċjali ta’ l-Istati Membri.

**Artikolu 15: Il-politika barranija u ta' sigurtà komuni**

1. Il-kompetenza ta' l-Unjoni f'materji ta' politika barranija u ta' sigurtà komuni għandha tkopri l-oqsma kollha ta' politika barranija u l-materji kollha li ghandhom x'jaqsmu mas-sigurtà ta' l-Unjoni inkluża l-inkwadratura progressiva ta' politika ta' difiża li tista’ twassal għal difiża komuni.

2. L-Istati Membri għandhom attivament u mingħajr riżervi isostnu l-politika barranija u ta' sigurtà komuni ta' l-Unjoni, fi spirtu ta' lealtà u solidarjetà reċiproka u għandhom jirrispettaw l-atti ta' l-Unjoni f'dan il-qasam. Għandhom jastjenu minn azzjonijiet li jmorru kontra l-interessi ta' l-Unjoni jew li probabbilment ifixklu l-effettività tagħha.

**Artikolu 16: Oqsma ta' azzjoni ta' sostenn, ta' koordinazzjoni jew kumplimentari**

1. L-Unjoni tista' tieħu azzjoni ta' sostenn, ta' koordinazzjoni jew kumplimentari.

2. L-oqsma ta' azzjoni ta' sostenn, ta' koordinazzjoni jew kumplimentari għandhom ikunu, fl-iskop Ewropew:

- l-industrija,
- il-protezzjoni u t-titjib tas-saħħa tal-bniedem,
- l-edukazzjoni, it-taħriġ professjonali, iż-żgħażagħ u l-isport,
- il-kultura,
- il-protezzjoni ċivili.

3. Atti li jorbtu legalment adottati mill-Unjoni fuq bażi ta' disposizzjonijiet speċifiċi għal dawn l-oqsma fil-Parti III m'għandhomx jimpurtaw l-armonizzazzjoni tal-liġijiet u tar-regolamenti ta' l-Istati Membri.

**Artikolu 17: Klawżola ta' flessibilità**

1. Jekk jirriżulta neċessarju li l-Unjoni tieħu azzjoni fil-kwadru tal-politika definita fil-Parti III sabiex tintlaħaq mira fissata minn din il-Kostituzzjoni, u l-Kostituzzjoni ma tkunx ipprovdiet is-setgħat meħtieġa, il-Kunsill tal-Ministri, li jaġixxi unanimament fuq proposta tal-Kummissjoni u wara li jikseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew, jista' jieħu l-miżuri appropjati.

2. Il-Kummissjoni għandha tiġbed l-attenzjoni tal-Parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri għall-proposti skond dan l-Artikolu billi tuża l-proċedura għall-monitoraġġ tal-prinċipju ta' sussidjarjetà msemmi fl-Artikolu 9(3).

3. Id-disposizzjonijiet adottati skond dan l-Artikolu m'għandhomx jimpurtaw l-armonizzazzjoni ta' liġijiet u ta' regolamenti ta' l-Istati Membri f' każijiet fejn il-Kostituzzjoni teskludi din l-armonizzazzjoni.

## TITOLU IV: L-ISTITUZZJONIJIET TA' L-UNJONI

### Kapitolu I - Il-Kwadru Istituzzjonali

### Artikolu 18: L-Istituzzjonijiet ta' l-Unjoni

1. L-Unjoni tinqeda minn kwadru istituzzjonali uniku mmirat biex:
   - javvanza l-miri ta' l-Unjoni,
   - jippromwovi il-valuri ta' l-Unjoni,
   - jaqdi l-interessi ta' l-Unjoni, taċ-ċittadini tagħha u ta' l-Istati Membri tagħha

   u jassigura l-koerenza, l-effettività, u l-kontinwità tal-politika u ta' l-azzjonijiet li tieħu biex issegwi l-miri tagħha.

2. Dan il-kwadru istituzzjonali huwa magħmul minn:

   il-Parlament Ewropew,
   il-Kunsill Ewropew,
   il-Kunsill tal-Ministri,
   il-Kummissjoni Ewropea,
   il-Qorti tal-Ġustizzja

3. Kull Istituzzjoni taġixxi fil-limiti tas-setgħat konferiti lilha mill-Kostituzzjoni, u skond il-proċeduri u l-kondizzjonijiet stabbiliti fiha. L-Istituzzjonijiet għandhom jipprattikaw kooperazzjoni sħiħa reċiproka.

### Artikolu 19: Il-Parlament Ewropew

1. Il-Parlament Ewropew għandu flimkien mal-Kunsill tal-Ministri jeżerċita funzjonijiet leġislattivi u ta' *budget*, kif ukoll funzjonijiet ta' kontroll politiku u ta' konsultazzjoni kif stabbilit fil-Kostituzzjoni. Għandu jeleġġi l-President tal-Kummissjoni Ewropea.

2. Il-Parlament Ewropew għandu jkun elett direttament b' suffraġju universali miċ-ċittadini Ewropej, b' vot ħieles u sigriet għal mandate ta' ħames snin. Il-membri tiegħu m' għandhomx ikunu iktar minn seba' mija u sitta u tletin. Ir-rappreżentanza taċ-ċittadini Ewropej tkun proporzjonali degressivament, billi tiġi ffissata bl-għatba minima ta' erba' membri għal kull Stat Membru.

Minn żmien biżżejjed qabel l-elezzjonijiet Parlamentari Ewropej ta' l-2009, u jekk Neċessarju wara dan għall-elezzjonijiet sussegwenti, il-Kunsill Ewropew għandu unanimament jadotta, fuq il-bażi ta' proposta mill-Parlament Ewropew u bil-kunsens tiegħu, deċiżjoni li tistabilixxi-komposizzjoni tal-Parlament Ewropew, fir-rispett tal-prinċipji fuq dikjarati

3. Il-Parlament Ewropew jeleġġi l-President u l-uffiċjali tiegħu minn fost il-membri tiegħu.

**Artikolu 20: Il-Kunsill Ewropew**

1. Il-Kunsill Ewropew għandu jipprovdi l-Unjoni bl-impetu neċessarju għall-iżvilupp tagħha, u għandu jiddefinixxid-direzzjonijiet politiċi ġenerali u l-prijoritajiet tagħha. Huwa ma jeżerċitax funzjonijiet leġislattivi.

2. Il-Kunsill Ewropew għandu jikkonsisti mill-Kapijiet ta' l-Istat jew tal-Gvern ta' l-Istati Membri, flimkien mal-President tiegħu u mal-President tal-Kummissjoni. Il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jieħu sehem fix-xogħol tiegħu.

3. Il-Kunsill Ewropew għandu jiltaqa' erba' darbiet fis-sena, fuq sejħa mill-President tiegħu. Meta l-aġenda tirrikjedi dan, il-membri tiegħu jistgħu jkunu assistiti minn Ministru, u, fil-każ tal-President tal-Kummissjoni, minn membru tal-Kummissjoni. Meta s-sitwazzjoni tirrikjedi dan, il-President għandu jsejjaħ laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew.

4. Sakemm il-Kostituzzjoni ma tipprovdix mod ieħor, id-deċiżjonijiet tal-Kunsill Ewropew għandhom jittieħdu b'*consensus*.

**Artikolu 21: Il-Presidenza tal-Kunsill Ewropew**

1. Il-Kunsill Ewropew għandu jeleġġi l-President tiegħu, b' maġġoranza kwalifikata, għal perjodu ta' sentejn u nofs li jista' jiġi mġedded darba. F' każijiet ta' mġieba ħażona gravi, il-Kunsill Ewropew jista' jittermina l-mandat tiegħu skond l-istess proċedura.

2. Il-President tal-Kunsill Ewropew
   - għandu jippresjedi u jmiexxi 'l quddiem ix-xogħol tal-Kunsill.
   - B'kooperazzjoni mal-President tal-Kummissjoni, u fuq il-bażi tax-xogħol tal-Kunsill ta' l-Affarijiet Ġenerali, għandu jassigura l-preparazzjoni u l-kontinwità.
   - Hu għandu jipprova jiffaċilita l-koeżjoni u l-*consensus* fi ħdan il-Kunsill Ewropew.
   - Hu għandu jippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew wara kull waħda mil-laqgħat tal-Kunsill.

   Il-President tal-Kunsill Ewropew għandu f' dik il-kariga jassigura, fil-livell tiegħu rappreżentanza esterna ta' l-Unjoni f'oqsma li jikkonċernaw il-Politika Barranija u ta' Sigurtà Komuni tagħha mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni.

3. Il-President tal-Kunsill Ewropew ma jistax jeżerċita mandate nazzjonali.

**Artikolu 22: Il-Kunsill tal-Ministri**

1. Il-Kunsill tal-Ministri għandu, flimkien mal-Parlament Ewropew jeżerċita funzjonijiet ta' leġislazzjoni u ta' *budget* kif ukoll iwettaq funzjonijiet ta' definizzjoni tal-politika u ta' koordinazzjoni, kif stabbilit fil-Kostituzzjoni.
2. Il-Kunsill tal-Ministri ikun kompost minn rappreżentant ta' kull Stat Membru f' livell ministerjali għal kull waħda mill-formazzjonijiet tiegħu. Dan ir-rappreżentant biss jista' jikkometti lill-Istat Membru li jirrappreżenta, u jeżerċita d-dritt tal-vot.
3. Ħlief fejn il-Kostituzzjoni tipprovdi mod ieħor, id-deċiżjonijiet tal-Kunsill tal-Ministri għandhom jittieħdu b'maġġoranza kwalifikata.

**Artikolu 23: Formazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ministri**

1. Il-Kunsill Leġislattiv u ta’ l-Affarijiet Ġenerali għandu jassigura il-koerenza fix-xogħol tal-Kunsill tal-Ministri.

   Meta jaġixxi bħala Kunsill ta’ l-Affarijiet Ġenerali għandu jipprepara l-laqgħat tal-Kunsill Ewropew u jassigura l-azzjoni li ssegwi bi ftehim mal-Kummissjoni.

   Meta jaġixxi fil-funzjoni leġislattiva, l-Kunsill tal-Ministri jiddelibera u, flimkien mal-Parlament Ewropew, jgħaddi l-liġijiet u l-liġijiet kwadru Ewropej skond id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni. Meta jaġixxi b’ din il-kwalità r-rappreżentanza ta’ kull Stat Membru tkun ta’ rappreżentant wieħed jew tnejn f’ livell ministerjali skond il-kompetenzi li jikkorrispondu ma' l-aġenda tal-Kunsill tal-Ministri.

2. Il-Kunsill ta' l-Affarijiet Barranin għandu, fuq il-bażi tal-linji ta' gwida strateġiċi mħejjija mill-Kunsill Ewropew, jelabora l-politika barranija ta' l-Unjoni, u għandu jassigura l-koerenza ta' l-azzjoni magħha. Għandu jkun presedut mill-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni.

3. Il-Kunsill Ewropew jiddeċiedi kif jiltaqa’ l-Kunsill tal-Ministri f'formazzjonijiet oħra.

4. Il-Presidenza ta' xi formazzjoni tal-Kunsill tal-Ministri, bl-eċċezzjoni ta’ dik ta’ l-Affarijiet Barranin, għandha tiġi deċiża minn rappreżentanti ta’ l-Istati Membri fi ħdan il-Kunsill tal-Ministri skond sistema ta' rotazzjoni ugwali, għall-perjodi ta’ mhux anqas minn sena. Il-Kunsill Ewropew għandu jistabilixxi r-regoli ta' din ir-rotazzjoni billi jqis l-ekwilibriji politiċi u ġeografiċi Ewropej u d-diversità ta' l-Istati Membri.

**Artikolu 24: Maġġoranza Kwalifikata**

1. Meta l-Kunsill Ewropew jew il-Kunsill tal-Ministri jieħdu deċiżjonijiet b' maġġoranza kwalifikata, din il-maġġoranza għandha tikkonsisti minn maġġoranza ta' l-Istati Membri li tirrapreżenta mill-inqas tlieta minn ħamsa mill-popolazzjoni ta' l-Unjoni.

2. Meta l-Kummissjoni ma tirrikjedix li l-Kunsill Ewropew jew il-Kunsill tal-Ministri għandhom jaġixxu fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni, jew meta l-Kunsill Ewropew jew il-Kunsill tal-Ministri ma jaġixxix fuq l-inizjattiva tal-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin, il-maġġoranza kwalifikata meħtieġa għandha tkun kostitwita minn żewġ terzi ta' l-Istati Membri, li tirrappreżenta mill-inqas tlieta minn ħamsa tal-popolazzjoni ta' l-Unjoni.

3. Id-disposizzjonijiet tal-paragarafi 1 u 2 jibdew iseħħu mill-1 ta' Novembru 2009, wara li jsiru l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 19.

4. Meta l-Kostituzzjoni tipprevedi fil-Parti III li l-liġijiet u l-liġijiet kwadru Ewropej jiġu adottati mill-Kunsill tal-Ministri skond proċedura leġislattiva speċjali, il-Kunsill Ewropew jista' b'inizjattiva proprja u bl-unanimità, wara terminu minimu ta' eżami ta' sitt xhur jadotta deċiżjoni li tawtorizza l-adozzjoni ta' dawn il-liġijiet jew liġijiet kwadru skond il-proċedura leġislattiva ordinarja. Il-Kunsill Ewropew għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u wara li jinforma lill-Parlamenti nazzjonali.

Meta l-Kostituzzjoni tipprevedi fil-Parti III li l-Kunsill jiddeċiedi bl-unanimità f'qasam partikolari, il-Kunsill Ewropew jista', fuq l-inizjattiva proprja u bl-unanimità, jadotta deċiżjoni li tawtorizza lill-Kunsill tal-Ministri li jiddeċiedi bil-maġġoranza kwalifikata f'dak il-qasam. Kull inizjattiva meħuda mill-Kunsill Ewropew fuq il-bażi ta' din id-disposizzjoni għandha tintbagħat lill-Parlamenti Nazzjonali mill-inqas erba' xhur qabel ma tittieħed deċiżjoni.

5. Fi ħdan il-Kunsill Ewropew, il-President tiegħu u l-President tal-Kummissjoni ma jivvutawx.

**Artikolu 25: Il-Kummissjoni Ewropea**

1. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tippromwovi l-interessi ġenerali Ewropej u għandha tieħu inizjattivi approprjati għal dan l-iskop. Għandha tħares l-applikazzjoni tal-Kostituzzjoni, kif ukoll l-passi meħuda mill-Istituzzjonijiet taħt il-Kostituzzjoni. Għandha tħares l-applikazzjoni tad-dritt ta' l-Unjoni taħt il-kontroll tal-Qorti tal-Ġustizzja. Għandha teżegwixxi l-*budget* u tamministra l-programmi. Għandha teżerċita funzjonijiet ta' koordinazzjoni, ta' eżeguzzjoni u ta' amministrazzjoni, skond il-Kostituzzjoni. Bl-eċċezzjoni tal-politika barranija u ta' sigurtà komuni, u ta' każijiet oħra previsti mill-Kostituzzjoni, għandha tassigura ir-rappreżentanza barranija ta' l-Unjoni. Għandha tieħu l-inizjattiva tal-programmazzjoni annwali u pluriennali ta' l-Unjoni biex jintlaħqu ftehim interistituzzjonali.

2. Ħlief fejn il-Kostituzzjoni tiddisponi mod ieħor, l-atti leġislattivi ta' l-Unjoni ma jistgħux jiġu adottati ħlief fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni. Atti oħra jistgħu jiġu adottati fuq proposta tal-Kummissjoni meta l-Kostituzzjoni tiddisponi b'dan il-mod.

3. Il-Kummissjoni għandha tkun komposta minn kulleġġ li jkun fih il-President tagħha, il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni/Viċi President, u tlettax-il Kumissarju Ewropew magħżul skond sistema ta’ rotazzjoni ugwali bejn l-Istati Membri. Din is-sistema għandha tiġi stabbilita b’ deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew fuq il-bażi tal-prinċipji li ġejjin:

(a) l-Istati Membri għandhom jiġu trattati b’ ugwaljanza stretta fir-rigward tad-determinazzjoni ta' l-ordni tas-sekwenza u żmien ta’ preżenza miċ-ċittadini tagħhom bħala membri tal-Kulleġġ; konsegwentement, id-differenza bejn in-numru totali ta' perjodi ta' mandati ta' ċittadini ta’ xi żewġ Stati Membri partikolari qatt ma tista' tkun ta' aktar minn wieħed;

(b) bla ħsara għall-punt (a), kull Kulleġġ suċċessiv għandu jkun kompost b'tali mod li jirrifletti b'mod sodisfaċenti il-kwadru demografiku u ġeografiku ta’ l-insjem ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni.

Il-President tal-Kummissjoni għandu jaħtar Kummissarji bla dritt ta’ vot, li jkunu magħżula skond l-istess kriterji li japplikaw għall-Membri tal-Kulleġġu li jiġu mill-Istati Membri l-oħra kollha.

Dawn l-arranġamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Novembru 2009.

4. Fit-twettiq tar-responsabbiltajiet tagħha, il-Kummissjoni għandha tkun kompletament indipendenti. Fl-eżeguzzjoni tad-dmirijiet tagħhom, il-Kummissarji Ewropej u l-Kummissarji la għandhom ifittxu u lanqas għandhom jieħdu istruzzjonijiet minn xi gvern jew minn xi korp ieħor.

5. Il-Kummissjoni, bħala Kulleġġ għandha tkun responsabbli lejn il-Parlament Ewropew. Il-President tal-Kummissjoni ghandu jkun responsabbli lejn il-Parlament Ewropew fir-rigward ta' attivitajiet tal-Kummissarji. Il-Parlament Ewropew jista' Jgħaddi mozzjoni ta’ ċensura fuq il-Kummissjoni skond il-proċeduri li jidhru fl-Artikolu III-243 tal-Kostituzzjoni. Jekk tgħaddi din il-mozzjoni, il-Kummissarji Ewropej u l-Kummissarji għandhom jitilqu kollettivament il-funzjonijiet tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tkompli tieħu ħsieb l-affarijiet kurrenti sakemm jinħatar Kulleġġ ġdid.

**Artikolu 26: Il-President tal-Kummissjoni Ewropea**

1. Wara li jqis l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, u wara konsultazzjonijiet approprjati, il-Kunsill Ewropew, b'maġgoranza kwalifikata jipproponi lill-Parlament Ewropew kandidat għall-Presidenza tal-Kummissjoni. Dan il-kandidat għandu jkun elett mill-Parlament Ewropew b'maġgoranza tal-membri tiegħu. Jekk dan il-kandidat ma jirċeviex il-maġgoranza ta' l-appoġġ meħtieġ, il-Kunsill Ewropew għandu fi żmien xahar jipproponi kandidat ġdid għall-Parlament Ewropew skond l-istess proċedura.

2. Kull Stat Membru għandu jissottometti lista ta' tliet persuni li fiha jkunu rappreżentati ż-żewġ sessi li jikkonsidra li huma kkwalifikati sabiex ikunu Kummissarju Ewropew. Mit-tliet persuni proposti, il-President elett ghandu jagħżel tlettax-il Kummissarju Ewropew, magħżula għall-kompetenza tagħhom u għall-impenn Ewropew tagħhom u li joffru garanzija sħiħa ta' indipendenza. Il-President, u l-persuni nominati biex ikunu membri tal-Kulleġġ, inkluż il-Ministru futur ta' l-Affarijiet Barranin, kif ukoll il-persuni nominati bħala Kumissarji bla dritt tal-vot għandhom ikunu sottomessi kolleġjalment għall-vot ta' approvazzjoni mill-Parlament Ewropew. Il-mandat tal-Kummissjoni jkun ta' ħames snin.

3. Il-President tal-Kummissjoni għandu:
   - jistabbilixxi l-linji ta' gwida li fuqhom għandha taħdem il-Kummissjoni;
   - jiddeċiedi dwar l-organizzazzjoni interna, biex jassigura l-koerenza, l-effettività u l-kolleġjalità tagħha;
   - jaħtar viċi presidenti mill-membri tal-Kulleġġ;

   Kull Kummissarju Ewropew u kull Kummissarju għandu jirriżenja jekk mitlub mill-President.

**Artikolu 27: Il-Ministru ta' l-Unjoni ta’ l-Affarijiet Barranin**

1. Il-Kunsill Ewropew, b'deċiżjoni ta’ maġġoranza kwalifikata, bi ftehim mal-President tal-Kummissjoni, għandu jaħtar il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni. Hu jew hi għandhom imexxu l-politika barranija u ta' sigurtà komuni ta' l-Unjoni. Il-Kunsill Ewropew jista' jittermina l-mandat tiegħu jew tagħha bl-istess proċedura.

2. Il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jikkontribwixxi jew għandha tikkontribwixxi permezz tal-proposti tiegħu jew tagħha għall-elaborazzjoni tal-politika barranija komuni, u jwettaqha jew twettaqha bħala mandatarju tal-Kunsill tal-Ministri. L-istess għandu japplika għall-politika tas-sigurtà u tad-difiża komuni.

3. Il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ikun wieħed mill-Viċi-Presidenti tal-Kummissjoni Ewropea. Huwa jew hija jkunu inkarigati mir-relazzjonijiet barranin u mill-koordinazzjoni ta' l-aspetti l-oħra ta’ l-azzjoni barranija ta' l-Unjoni. Fl-eżerċizzju ta’dawn ir-responsabbiltajiet fi ħdan il-Kummissjoni, u għal dawn ir-responsabiltajiet biss, il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin hu marbut jew hija marbuta bil-proċeduri tal-Kummissjoni.

**Artikolu 28: Il-Qorti tal-Ġustizzja**

1. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tinkludi l-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, il-Qorti Għolja u l-qrati speċjalizzati. Għandha tassigura r-rispett għad-dritt flinterpretazzjoni u fl-applikazzjoni tal-Kostituzzjoni.

   L-Istati Membri għandhom jipprovdu drittijiet ta' appell li huma suffiċjenti sabiex jassiguraw protezzjoni legali effettiva fil-qasam tad-dritt ta' l-Unjoni.

2. Il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea għandha tkun iffurmata minn imħallef wieħed minn kull Stat Membru u tkun assistita minn Avukati Ġenerali.

   Il-Qorti Għolja għandha tinkludi għall-inqas imħallef wieħed minn kull Stat Membru: in-numru ta' mħallfin għandu jkun stabbilit mill-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja.

   L-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, u l-imħallfin tal-Qorti Għolja li jkunu magħżula minn persuni li joffru garanzija sħiħa ta' indipendenza u li jkollhom il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa fl-Artikoli III-260 sa III-261, għandhom jinħatru bi ftehim komuni tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri għal mandate ta' sitt snin, li jista' jiġi mġedded.

3. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha:

   - tagħti deċiżjonijiet fuq azzjonijiet miġjuba minn Stat Membru, Istituzzjoni jew persuna fiżika jew ġuridika skond id-disposizzjonijiet tal-Parti III;

   - tagħti deċiżjonijiet preliminari, fuq talba ta' qrati nazzjonali, fuq l-interpretazzjoni tad-dritt ta' l-Unjoni jew fuq il-validità ta' atti adottati mill-Istituzzjonijiet;

   - tagħti deċiżjonijiet fuq każijiet oħra kif provdut fil-Kostituzzjoni.

**Kapitolu II - Organi u Istituzzjonijiet Oħra**

**Artikolu 29: Il-Bank Ċentrali Ewropew**

1. Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-banek ċentrali nazzjonali jikkostitwixxu s-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ). Il-Bank Ċentrali Ewropew flimkien mal-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Istati Membri li adotttaw il-munita ta' l-Unjoni imsejħa l-ewro għandhom imexxu l-politika monetarja ta' l-Unjoni.

2. Is-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali għandha tkun iggvernata mill-organi ta' deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew. Il-mira prinċipali tagħhom tkun li tinżamm l-istabbilità tal-prezzijiet. Mingħajr preġudizzju għall-mira ta' l-istabbilità tal-prezzijiet, huma jagħtu s-sostenn tagħhom lill-politika ekonomika ġenerali ta' l-Unjoni biex jikkontribwixxu għat-twettiq tal-miri ta' l-Unjoni. Għandhom imexxu x-xogħol ieħor ta' Bank Ċentrali skond id-disposizzjonijiet tal-Parti III u skond l-Istatuti tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew.

3. Il-Bank Ċentrali Ewropew huwa istituzzjoni li għandha personalità ġuridika. Huwa biss jista' jawtorizza l-ħruġ ta' l-ewro. Għandu jkunindipendenti fl-eżerċizzju tas-setgħat u fil-finanzi tiegħu. L-istituzzjonijiet u l-organi ta' l-Unjoni, u l-gvernijiet ta' l-Istati Membri għandhom jirrispettaw dan il-prinċipju.

4. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jadotta miżuri li huma neċessarji sabiex jeżegwixxi ix-xogħolijiet tiegħu skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli III-77 sa III-83 u l-Artikolu III-90, u skond il-kondizzjonijiet stabbiliti mill-Istatuti tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew. Skond dawn l-istess disposizzjonijiet, l-Istati Membri li ma jkunux adottaw l-ewro, u l-banek ċentrali tagħhom, għandhom iżommu l-kompetenza fil-kamp monetarjiu.

5. Fl-oqsma tal-kompetenza tiegħu il-Bank Ċentrali Ewropew jiġi konsultat fuq kull proġettazzjoni ta' l-Unjoni, kif ukoll fuq kull proġett ta' regolamentazzjoni fuq livell nazzjonali, u jista' jagħti l-opinjoni tiegħu.

6. L-organi tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-komposizzjoni tagħhom u l-modalità ta' funzjoni tagħhom huma stabbiliti mill-Artikoli III-84 sa III-87, kif ukoll mill-Istatuti tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew.

**Artikolu 30: Il-Qorti ta' l-Awdituri**

1. Il-Qorti ta' l-Awdituri hija l-istituzzjoni li għandha teżegwixxi l-verifika.

2. Għandha teżamina l-kontijiet tad-dħul u ta' l-infiq ta' l-Unjoni, u għandha ukoll tassigura l-amministrazzjoni finanzjarja tajba.

3. Għandha tkun komposta minn ċittadini ta' kull Stat Membru. Fil-qadi ta' dmirijiethom, il-membri ghandhom ikunu kompletament indipendenti.

**Artikolu 31: Il-korpi konsultattivi ta' l-Unjoni**

1. Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Ministri u l-Kummissjoni għandhom ikunu assistiti minn Kumitat tar-Reġjuni u minn Kumitat Ekonomiku u Soċjali, li jeżerċitaw funzjonijiet konsultattivi.

2. Il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jikkonsisti minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli lejn assemblea eletta.

3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali għandu jkun compost minn rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, ta' impjegati, u ta' rappreżentanti oħra tas-soċjetà ċivili, speċjalment fil-kampijiet soċjo-ekonomiku, ċiviku, professjonali u kulturali.

4. Il-membri tal-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali m' għandhomx ikunu marbuta minn istruzzjonijiet mandatarji. Għandhom ikunu kompletament indipendenti fit-twettiq ta' xogħolhom, fl-interess ġenerali ta' l-Unjoni.

5. Regoli li jiggvernaw il-komposizzjoni ta' dawn il-Kumitati, l-għażla tal-membri tagħhom, is-setgħat u l-funzjonijiet tagħhom huma stabbiliti fl-Artikoli III-292 sa III-298. Ir-regoli li għandhom x' jaqsmu mal-komposizzjoni tagħhom għandhom jiġu riveduti f' intervalli regolari mill-Kunsill tal-Ministri, fuq proposta tal-Kummissjoni, biex jimxu ma' l-evoluzzjoni ekonomika, soċjali u demokratika ta' l-Unjoni.

## TITOLU V: L-EŻERĊIZZJU TAL-KOMPETENZI TA' L-UNJONI

### Kapitolu I: Disposizzjonijiet Komuni

### Artikolu 32: L-atti ġuridiċi ta' l-Unjoni

1. Waqt li teżerċita l-kompetenzi konferiti lilha mill-Kostituzzjoni, l-Unjoni għandha tuża bħala strumenti ġuridiċi, skond id-disposizzjonijiet tal-Parti III, il-liġi Ewropea, il-liġi kwadru Ewropea, ir-regolament Ewropew, id-deċiżjoni Ewropea, ir-rakomandazzjonijiet u l-opinjonijiet.

   Il-liġi Ewropea hija att leġislattiv ta' applikazzjoni ġenerali. Għandha turbot b' mod sħiħ fl-elementi kollha tagħha u għandha tapplika direttament f'kull Stat Membru.

   Il-liġi kwadru Ewropea hija att leġislattiv li jorbot Stat Membru destinatarju kwantu għar-riżultat mistenni iżda li jħalli lill-awtoritajiet nazzjonali kompletament liberi dwar il-forma u l-metodu ta' kif jintlaħaq dak ir-riżultat.

   Ir-regolament Ewropew huwa att mhux leġislattiv ta' applikazzjoni ġenerali għall-implimentazzjoni ta' atti leġislattivi u ta' ċerti disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni. Jista' jkun jew jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha, jew jorbot Stat Membru destinatarju kwantu għar-riżultat mistenni iżda jħalli lill-awtoritajiet nazzjonali kompletament liberi dwar il-forma u l-metodu ta' kif jintlaħaq dak ir-riżultat.

Id-deċiżjoni Ewropea hija att mhux leġislattiv, li torbot b' mod sħiħ l-elementi kollha tagħha. Meta tindika destinatarji ma tkunx torbot ħlief lil dawk.

Ir-rakkomandazzjonijiet u l-opinjonijiet adottati mill-istituzzjonijiet m'għandux ikollhom l-effett li jorbtu.

2. Meta qed jikkunsidraw proposti għal atti leġislattivi il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Ministri għandhom jastjenu milli jadottaw atti li mhumiex previsti minn dan l-Artikolu fil-qasam in kwistjoni.

**<u>Artikolu 33: L-Atti leġislattivi</u>**

1. Il-liġijiet Ewropej u l-liġijiet kwadru Ewropej għandhom ikunu adottati, fuq proposta tal-Kummissjoni, konġuntement mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill tal-Ministri skond il-proċedura legislattiva ordinarja stabbilita fl-Artikolu III-302 . Jekk iż-żewġ istituzzjonijiet ma jaslux għal ftehim l-att in kwistjoni ma jiġix adottat.

F' każijiet speċifikament previsti fl-Artikolu III-165 , il-liġijiet Ewropej u l-liġijiet kwadru Ewropej jistgħu jiġu adottati fuq l-inizjattiva ta' grupp ta' Stati Membri skond l-Artikolu III-302.

2. Fil-każijiet speċifiċi previsti mill-Kostituzzjoni, il-liġijiet Ewropej u l-liġijiet kwadru Ewropej għandhom ikunu adottati mill-Parlament Ewropew bil-parteċipazzjoni tal-Kunsill tal-Ministri, jew mill-Kunsill tal-MInistri bil-parteċipazzjoni tal-Parlament Ewropew, skond il-proċeduri leġislattivi speċjali.

**Artikolu 34: Atti mhux leġislattivi**

1. Il-Kunsill tal-Ministri u l-Kummissjoni għandhom jadottaw ir-regolamenti jew id-deċiżjonijiet Ewropej fil-każijiet imsemmija fl-Artikoli 35 u 36 u fil-każijiet speċifikament previsti fil-Kostituzzjoni. Il-Kunsill Ewropew għandu jadotta deċiżjonijiet Ewropej fil-każijiet speċifikament previsti fil-Kostituzzjoni. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jadotta r-regolamenti u d-deċiżjonijiet Ewropej meta l-Kostituzzjoni hekk tawtorizzah.

2. Il-Kunsill tal-Ministri u l-Kummissjoni, kif ukoll il-Bank Ċentrali Ewropew meta hekk awtorizzat mill-Kostituzzjoni, jadottaw rakkomandazzjonijiet.

**Artikolu 35: Regolamenti delegati**

1. Il-liġijiet u l-liġijiet kwadru Ewropej jistgħu jiddelegaw lill-Kummissjoni is-setgħa li toħroġ regolamenti delegati sabiex jissupplixxu jew jimmodifikaw ċerti elementi mhux essenzjali ta' liġi jew ta’ liġi kwadru.

   Il-ligijiet u l-liġijiet kwadru għandhom jillimitaw espressament il-miri, il-kontenut, l-iskop u kemm iddum id-delega. L-elementi essenzjali ta' qasam partikolari ma jistgħux ikunu l-oġġett tad-delega. Dawn ghandhom ikunu riżervati għal-liġi jew għal-liġi kwadru.

2. Il-kondizzjonijiet ta' applikazzjoni li għalihom hija sottomessa d-delega jiġu determinati espliċitament mil-liġijiet u mil-liġijiet kwadru Ewropej. Dawn il-kondizzjonijiet jistgħu jikkonsistu mill-possibilitajiet li ġejjin:

   - il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill tal-Ministri jistgħu jiddeċiedu li jirrevokaw id-delega;

- ir-regolamenti delegati ma jistgħux jidħlu fis-seħħ ħlief jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fiż-żmien stabbilit mil-liġi jew mil-liġi kwadru.

Għall-finijiet tal-paragrafu preċedenti il-Parlament Ewropew għandu jaġixxi b' maġġoranza tal-membri tiegħu u l-Kunsill permezz ta' maġġoranza kwalifikata.

**Artikolu 36: L-Atti ta' implimentazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri tal-liġi nazzjonali neċessarji kollha sabiex jimplimentaw atti ta' l-Unjoni li jorbtu legalment.

2. Meta jkun hemm bżonn ta' kondizzjonijiet uniformi biex jiġu mplimentati atti ta' l-Unjoni li jorbtu, dawk l-atti jistgħu jikkonferixxu lill-Kummmissjoni jew fil-każijiet speċifiċi ġustifikati kif suppost u fil-każijiet previsti fl-Artikolu 39, lill-Kunsill tal-Ministri, il-kompetenzi ta' implimentazzjoni.

3. Il-liġi tistabilixxi minn qabel regoli u prinċipji ġenerali għal mekkaniżmi ta' kontroll mill-Isati Membri fuq atti ta' implimentazzjoni ta' l-Unjoni.

4. L-atti ta' implimentazzjoni ta' l-Unjoni għandhom jieħdu l-forma ta' regolamenti ta' implimentazzjoni jew deċiżjonijiet ta' eżeguzzjoni Ewropej.

**Artikolu 37: Prinċipji komuni għal atti ġuridiċi ta' l-Unjoni.**

1. Sakemm il-Kostituzzjoni ma jkollhiex disposizzjonijiet speċifiċi, l-Istituzzjonijiet għandhom jiddeċidu, skond il-proċeduri applikabbli, it-tip ta' att li għandu jiġi adottat f'kull każ, skond il-prinċipju tal-proporzjonalità stabbilit fl-Artikolu 9.

2. Il-liġijiet Ewropej, il-liġijiet kwadru Ewropej, ir-regolamenti Ewropej u d-deċiżjonijiet Ewropej għandhom jagħtu r-raġunijiet li fuqhom ikunu bbażati u għandhom jagħmlu referenza għal kull proposta jew opinjoni previsti mill-Kostituzzjoni.

**Artikolu 38: Pubblikazzjoni u bidu fis-seħħ**

1. Il-liġijiet Ewropej u l-liġijiet kwadru Ewropej adottati skond il-proċedura leġislattiva ordinarja għandhom ikunu ffirmati mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill tal-Ministri. F'każijiet oħra għandhom ikunu ffirmati mill-President tal-Parlament Ewropew jew mill-President tal-kunsill tal-Ministri. Il-liġijiet u l-liġijiet kwadru Ewropej għandhom jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea u għandhom jibdew iseħħu fid-data speċifikata fihom jew, fin-nuqqas ta' data speċifikata, fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħhom.

2. Ir-regolamenti u d-deċiżjonijiet Ewropej li ma jispeċifikawx destinatarju jew meta huma indirizzati lill-Istati Membri kollha għandhom ikunu ffirmati mill-President ta' l-Istituzzjoni li tkun adottathom, u għandhom ikunu pubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea u għandhom jibdew iseħħu fid-data speċifikata fihom jew, fin-nuqqas ta' data speċifikata, fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħhom.

3. Deċiżjonijiet oħra għandhom ikunu notifikati lid-destinatarji u għandhom jieħdu effett minn meta jiġu hekk notifikati.

**Kapitolu II: Disposizzjonijiet Speċifiċi**

**Artikolu 39: Disposizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-politika barranija u ta' sigurtà komuni**

1. L-Unjoni Ewropea għandha twettaq politika barranija u ta' sigurtà komuni, bbażata fuq l-iżvilupp ta' solidarjetà politika reċiproka bejn l-Istati Membri, fuq l-identifikazzjoni ta' kwistjonijiet ta' interess ġenerali u t-twettieq dejjem iktar fond ta' konverġenza ta' azzjoni ta' l-Istati Membri.

2. Il-Kunsill Ewropew għandu jidentifika l-interessi stateġiċi ta' l-Unjoni u għandu jiddeċiedi dwar il-miri tal-politika barranija u ta' sigurtà komuni tagħha. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jelabora din il-politika fil-kwadru ta' linji gwida strateġiċi stabbiliti mill-Kunsill Ewropew u skond l-arranġamenti fil-Parti III.

3. Il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill tal-Ministri għandhom jadottaw id-deċiżjonijiet Ewropej neċessarji.

4. Il-politika barranija u ta' sigurtà komuni għandha titwettaq mill-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni u mill-Istati Membri permezz ta' riżorsi nazzjonali u ta' l-Unjoni.

5. L-Istati Membri għandhom jikkonsultaw lil xulxin fi ħdan il-Kunsill Ewropea u l-Kunsill tal-Ministri dwar kull kwistjoni ta' politika barranija u ta' sigurtà li tkun ta' interess ġenerali sabiex jiġi stabbilit approċċ komuni. Qabel ma tittieħed azzjoni fix-xena internazzjonali jew qabel ma jintrabat b'xi obbligu li jista' jaffettwa l-interessi ta' l-Unjoni, kull Stat Membru għandu jikkonsulta ma' l-oħrajn fi ħdan il-Kunsill Ewropew jew il-Kunsill tal-Ministri. L-Istati Membri għandhom jassiguraw, permezz tal-konverġenza ta' l-azzjonijiet tagħhom, li l-Unjoni hija kapaċi li tasserixxi l-interessi u l-valuri tagħha fix-xena internazzjonali. L-Istati Membri għandhom juru solidarjetà bejniethom.

6. Il-Parlament Ewropew għandu jkun konsultat regolarment dwar aspetti prinċipali u dwar għażliet bażiċi tal-politika barranija u ta' sigurtà komuni u għandu jibqa' jiġi infurmat dwar kif din tevolvi.

7. Id-deċiżjonijet Ewropej li għandhom x'jaqsmu mal-politika barranija u ta' sigurtà komuni għandhom jiġu adottati mill-Kunsill Ewropew u mill-Kunsill tal-Ministri b'mod unanimu, minbarra fil-każijiet imsemmija fil-Parti III. Il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill tal-Ministri għandhom jaġixxu fuq proposta minn Stat Membru, mill-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni jew mill-Ministru bl-appoġġ tal-Kummissjoni. Il-liġijiet u l-liġijiet kwadru Ewropej huma esklużi.

8. Il-Kunsill Ewropew jista' unanimament jiddeċiedi li l-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata f'każijiet minbarra dawk imsemmija fil-Parti III.

**Artikolu 40: Disposizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni**

1. Il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni għandha tkun parti integrali tal-politika barranija u ta' sigurtà komuni. Għandha tipprovdi lill-Unjoni kapaċità operattiva billi tagħmel użu minn riżorsi ċivili u militari. L-Unjoni tista' tużahom f'missjonijiet barra l-Unjoni għaż-żamma tal-paċi, għall-prevenzjoni ta' konflitti u biex tissaħħaħ is-sigurtà internazzjonali skond il-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. It-twettiq ta' dawn il-kompiti għandu jsir billi jintużaw il-kapaċitajiet provduti mill-Istati Membri.

2. Il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni għandha tinkludi t-tfassil progressiv ta' politika ta' difiża komuni ta' l-Unjoni. Dan għandu jwassal għal difiża komuni, meta l-Kunsill Ewropew, b'mod unanimu, jiddeċiedi hekk. F'dan il-każ għandu jirrakkomanda li l-Istati Membri jadottaw din id-deċiżjoni skond il-ħtiġiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom.

   Il-politika ta' l-Unjoni skond dan l-Artikolu ma' tippreġudikax il-karattru speċifiku ta' politika ta' sigurtà u ta' difiża ta' ċerti Stati Membri, u għandha tirrispetta l-obbligi ta' ċerti Stati Membri, li jaraw id-difiża komuni tagħhom realizzata fl-Organizzazzjoni tat-Trattat tan-Nord Atlantiku (NATO), taħt it-Trattat tan-Nord Atlantiku, u għandha tkun kompatibbli mal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni deċiża f'dak l-ambitu.

3. L-Istati Membri għandhom jippprovdu lill-Unjoni l-kapaċitajiet ċivili u militari għall-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni, sabiex jikkontribwixxu għall-miri stabbiliti mill-Kunsill tal-Ministri. Dawk l-Istati Membri li flimkien jistabilixxu forzi multinazzjonali jistgħu wkoll jagħmluhom disponibbli għall-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni.

L-Istati Membri għandhom jintrabtu li progressivament itejbu l-kapaċitajiet militari tagħhom. Għandha tiġi stabbilita l-Aġenzija Ewropea dwar l-Armamenti, ir-Riċerka u l-Kapaċitajiet Militari sabiex tidentifika l-ħtiġiet operattivi, tippromwovi l-miżuri li jissodisfaw dawn il-ħtiġiet, tikkontribwixxi sabiex tidentifika u, fejn hu meħtieġ, timplimenta miżuri meħtieġa sabiex issaħħaħ il-bażi industrijali u teknoloġika tas-settur tad-difiża, tipparteċipa sabiex tidentifika politika ta' kapaċitajiet u armamenti Ewropej, u sabiex tassisti lill-Kunsill tal-Ministri fil-valutazzjoni tat-titjib tal-kapaċitajiet militari.

4. Deċiżjonijiet Ewropej dwar l-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni, inklużi dawk li jibdew missjoni kif imsemmija f'dan l-Artikolu, għandhom jiġu adottati b'mod unanimu mill-Kunsill tal-Ministri fuq proposta mill-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni jew minn Stat Membru. Il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin jista' jipproponi li juża kemm riżorsi naturali kif ukoll strumenti ta' l-Unjoni, flimkien mal-Kummissjoni fejn approprjat.

5. Il-Kunsill tal-Ministri jista' jafda l-eżekuzzjoni tal-missjoni, fil-kwadru ta' l-Unjoni, lil grupp ta' Stati Membri sabiex jiġu protetti l-valuri ta' l-Unjoni u jiġu servuti l-interessi tagħha. L-eżekuzzjoni ta' dan il-kompitu għandu jkun regolat bl-Artikolu III-211.

6. Dawk l-Istati Membri li l-kapaċitajiet militari tagħhom jilħqu kriterji għola u li kkomettew ruħhom għall-irbit akbar bejniethom f'dan il-qasam bi perspettiva ta' missjonijiet aktar diffiċli għandhom jistabbilixxu kooperazzjoni strutturata fi ħdan il-kwadru ta' l-Unjoni. Din il-kooperazzjoni għandha tkun regolata mid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu III-213.

7. Sa meta l-Kunsill Ewropew ikun aġixxa skond il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, għandha tiġi stabbbilita kooperazzjoni aktar fil-qrib, fil-kwadru ta' l-Unjoni, rigward difiża reċiproka. Skond din il-kooperazzjoni, jekk wieħed mill-Istati Membri li jipparteċipa f'din il-kooperazzjoni jkun il-vittma ta' aggressjoni armata fuq it-territorju tiegħu, l-Istati Membri parteċipanti l-oħra għandhom jagħtuh l-għajnuna u l-assistenza permezz tal-mezzi kollha li jista' jkollhom, kemm militari kif ukoll oħrajn, skond l-Artikolu 51 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. Fl-eżekuzzjoni ta' kooperazzjoni aktar fil-qrib dwar difiża reċiproka, l-Istati Membri li jipparteċipaw għandhom jaħdmu f'kooperazzjoni stretta mal-Karta ta' l-Organizzazzjoni tat-Trattat tan-Nord Atlantiku (NATO). L-arranġamenti fid-dettall għall-parteċipazzjoni f'din il-kooperazzjoni u tat-twettiq tagħha, u l-proċeduri rilevanti dwar kif tittieħed deċiżjoni, huma stabbiliti fl-Artikolu III-214 tal-Kostituzzjoni.

8. Il-Parlament Ewropew għandu jiġi konsultat regolarment dwar l-aspetti prinċipali u fuq għażliet fundamentali tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni, u għandu jibqa' jiġi infurmat dwar kif tevolvi.

**<u>Artikolu 41: Disposizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni ta' l-oqsma ta' libertà, ta' sigurtà, u ta' ġustizzja</u>**

1. L-Unjoni għandha tkun spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja:

- billi tadotta liġijiet u l-liġijiet kwadru Ewropej maħsuba, fejn ikun neċessarju, biex japprossimaw liġijiet nazzjonali fl-oqsma elenkati fil-Parti III;
- billi tippromwovi fiduċja reċiproka bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, b'mod partikolari fuq il-bażi ta' rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji;
- bil-kooperazzjoni operattiva bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, inklużi l-pulizija, id-dwana, u servizzi oħra li jispeċjalizzaw fil-prevenzjoni u l-kxif ta' reati.

2. Fl-oqsma ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, il-Parlamenti nazzjonali jistgħu jipparteċipaw fil-mekkaniżmi ta' valutazzjoni previsti fl-Artikolu III-161, u għandhom ikunu involuti fil-monitoraġġ politiku ta' l-Europol u fil-valutazzjoni ta' l-attivitajiet ta' l-Eurojust skond l-Artikoli III-177 u III-174.

3. Fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija f'materji kriminali, l-Istati Membri jkollhom id-dritt ta' inizjattiva skond l-Artikolu III-165.

**Artikolu 42: Klawżola ta' solidarjetà**

1. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom jaġixxu flimkien fi spirtu ta' solidarjetà jekk Stat Membru jkun il-vittma ta' attakk terroristiku jew ta' diżastru naturali jew magħmul mill-bniedem. L-Unjoni għandha tibgħat l-istrumenti kollha li għandha għad-disposizzjoni tagħha, inklużi r-riżorsi militari magħmula disponibbli mill-Istati Membri sabiex:

(a) - tipprevjeni t-theddida ta' l-att terroristiku fit-territorju ta' l-Istati Membri;

- tipproteġi l-istituzzjonijiet demokratiċi u l-popolazzjoni ċivili minn attakk terroristiku;

- tassisti Stat Membru fit-territorju tiegħu fuq talba ta' l-awtoritajiet politiċi tiegħu f'każ ta' attakk terroristiku;

(b) - tassisti Stat Membru fit-territorju tiegħu fuq talba ta' l-awtoritajiet politiċi tiegħu f'każ ta' diżastru.

2. L-arranġamenti fid-dettall għall-implimentazzjoni ta' din id-disposizzjoni jinsabu fl-Artikolu III-231.

**Kapitolu III: Kooperazzjoni msaħħa**

**Artikolu 43: Kooperazzjoni msaħħa**

1. L-Istati Membri li jixtiequ jistabbilixxu kooperazzjoni msaħħa bejniethom fil-kwadru tal-kompetenzi non esklużivi ta' l-Unjoni jistgħu jagħmlu użu mill-istituzzjonijiet tagħha u jistgħu jeżerċitaw dawk il-kompetenzi billi japplikaw id-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kostituzzjoni, fil-limiti u skond il-proċeduri stabbiliti f'dan l-Artikolu u fl-Artikoli III-322 sa III-329.

   Il-kooperazzjonijiet imsaħħa għandhom jimmiraw biex iwettqu l-miri ta' l-Unjoni, biex jippreżervaw l-interessi tagħha u jsaħħu il-proċess ta' l-integrazzjoni tagħha. Dawn il-kooperazzjonijiet għandhom ikunu miftuħin għall-Istati Membri kollha minn meta jiġu stabbiliti u f'kull żmien, skond l-Artikolu III-324 tal-Kostituzzjoni.

2. L-awtorizzazzjoni biex wieħed jipproċedi b'kooperazzjoni msaħħa għandha tingħata mill-Kunsill bħala l-aħħar għażla, meta jkun ġie stabbilit fi ħdan il-Kunsill tal-Ministri li l-miri ta' dik il-kooperazzjoni ma jistgħux jintlaħqu fi żmien raġonevoli mill-Unjoni sħiħa, u sakemm din iġġib flimkien għall-inqas terz mill-Istati Membri. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu III-325.

3. Dawk il-Membri tal-Kunsill tal-Ministri li jirrappreżentaw l-Istati li jipparteċipaw f'kooperazzjoni msaħħa biss għandhom jieħdu parti fl-adozzjoni ta' l-atti. L-Istati Membri kollha, madankollu, jistgħu jipparteċipaw fid-diskussjonijiet tal-Kunsill tal-Ministri.

   L-unanimità tkun kostitwita bil-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati li jipparteċipaw biss. Maġġoranza kwalifikata għandha tiġi stabbilita bħala maġġoranza tal-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati li jipparteċipaw, li jirrappreżentaw għall-inqas tlieta minn ħamsa tal-popolazzjoni ta' dawk l-Istati. Meta il-Kostituzzjoni ma teħtieġx li l-Kunsill tal-Ministri jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni, jew meta il-Kunsill tal-Ministri ma jaġixxix fuq l-inizjattiva tal-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin, il-maġġoranza kwalifikata meħtieġa għandha tkun stabbilita bħala maġġoranza tal-voti ta' żewġ terzi ta' l-Istati li jipparteċipaw, li jirrappreżentaw għall-inqas tlieta minn ħamsa tal-popolazzjoni ta' dawk l-Istati.

4. L-atti adottati fil-kwadru ta' kooperazzjoni msaħħa għandhom jorbtu l-Istati li jipparteċipaw biss. M'għandhomx jiġu meqjusa bħala *acquis* li għandu jiġi aċċettat mill-kandidati għall-adeżjoni ma' l-Unjoni.

## TITOLU VI: IL-ĦAJJA DEMOKRATIKA TA' L-UNJONI

### Artikolu 44: Il-prinċipju ta' l-ugwaljanza demokratika

Fl-attivitajiet kollha tagħha, l-Unjoni għandha tosserva l-prinċipju ta' l-ugwaljanza taċ-ċittadini. Kollha għandhom jirċievu attenzjoni ugwali mill-Istituzzjonijiet ta' l-Unjoni.

### Artikolu 45: Il-prinċipju ta' demokrazija rappreżentattiva

1. Il-ħidma ta' l-Unjoni għandha tkun bbażata fuq il-prinċipju ta' demokrazija rappreżentattiva.

2. Fil-livell Ewropew, iċ-ċittadini huma rappreżentati direttament fil-Parlament Ewropew. L-Istati Membri huma rappreżentati fil-Kunsill Ewropew u fil-Kunsill tal-Ministri permezz tal-gvernijiet tagħhom, li huma stess huma responsabbli lejn il-Parlamenti nazzjonali, eletti miċ-ċittadini tagħhom.

3. Kull ċittadin għandu d-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika ta' l-Unjoni. Id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu b'mod kemm jista' jkun mifuħ u b'mod kemm jista' jkun qrib iċ-ċittadin.

4. Il-partiti politiċi fil-livell Ewropew jikkontribwixxu biex tiġi formata kuxjenza politika Ewropea u biex tiġi espressa r-rieda taċ-ċittadini ta' l-Unjoni.

**Artikolu 46: Il-prinċipju ta' demokrazija parteċipattiva.**

1. L-Istituzzjonijiet ta' l-Unjoni għandhom, permezz tal-mezzi approprjati, jagħtu liċ-ċittadini u lill-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi l-opportunità li jagħmlu magħrufa u li jiskambjaw pubblikament l-opinjonijiet tagħhom fl-oqsma kollha ta' l-azzjoni ta' l-Unjoni.

2. L-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni għandhom iżommu djalogu miftuħ, trasparenti u regolari ma' assoċjazzjonijiet rappreżentattivi u mas-soċjetà ċivili.

3. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta minn qabel b'mod ġenerali ma' partijiet konċernati sabiex tassigura li l-azzjonijiet ta' l-Unjoni jkunu koerenti u trasparenti.

4. Mhux inqas minn miljun ċittadin, li jkunu ġejjin minn numru sinifikanti ta' Stati Membri, jista' jitlob lill-Kummissjoni biex tissottometti proposta approprjata fuq kwistjonijiet fejn iċ-ċittadini jikkunsidraw li att ġuridiku ta' l-Unjoni ikun meħtieġ biex tiġi implimentata l-Kostituzzjoni. Liġi Ewropea għandha tistabbilixxi d-disposizzjonijiet għall-proċeduri u kondizzjonijiet speċifiċi meħtieġa għal talba bħal din b'inizjattiva taċ-ċittadini.

**Artikolu 47: Is-sħab soċjali u d-djalogu soċjali awtonomu**

L-Unjoni Ewropea tirrikonoxxi u timpromwovi r-rwol ta' sħab soċjali fil-livell ta' l-Unjoni, billi tqis id-diversità tas-sistemi nazzjonali; għandha tiffaċilita d-djalogu bejn is-sħab soċjali, u tirrispetta l-awtonomija tagħhom.

**Artikolu 48: L-Ombudsman Ewropew**

L-Ombudsman Ewropew maħtur mill-Parlament Ewropew għandu jirċievi, jinvestiga u jirrapporta jew għandha tirċievi, tinvestiga jew tirrapporta fuq ilmenti dwar l-amministrazzjoni ħażina ta' l-istituzzjonijiet, korpi jew aġenziji ta' l-Unjoni. L-Ombudsman Ewropew għandu jkun jew għandha tkun kompletament indipendenti fl-eżerċizzju tad-dmirijiet tiegħu jew tagħha.

**Artikolu 49: Trasparenza fil-xogħol ta' l-Istituzzjonijiet ta' l-Unjoni**

1. Sabiex tiġi promossa amministrazzjoni tajba u sabiex tiġi assigurata l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji ta' l-Unjoni għandhom iwettqu ix-xogħol tagħhom b'mod kemm jista' jkun miftuħ.

2. Il-laqgħat tal-Parlament Ewropew huma pubbliċi, kif ukoll dawk tal-Kunsill tal-Ministri meta dan ikun qiegħed jiddiskuti u jadotta proposta leġislattiva.

3. Kull ċittadin ta' l-Unjoni, u kull persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi jew li għandha uffiċċju reġistrat fi Stat Membru, ikollhom id-dritt ta' aċċess għad-dokumenti ta' l-istituzzjonijiet, tal-korpi, u ta' l-aġenziji ta' l-Unjoni tkun xi tkun il-forma li fiha jkunu saru, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Parti III.

4. Liġi Ewropea għandha tidentifika l-prinċipji ġenerali u l-limiti li, għal raġunijiet ta' interess pubbliku jew privat, jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt ta' aċċess għal dawn id-dokumenti.

5. Kull istituzzjoni, korp jew aġenzija msemmija fil-paragrafu 3 għandhom jistabbilixxu fir-regoli tagħhom ta' proċedura disposizzjonijiet speċifiċi li għandhom x'jaqsmu ma' l-aċċess għal dawn id-dokumenti, skond il-liġi Ewropea msemmija fil-paragrafu 4 ta' hawn fuq.

**Artikolu 50: Il-Protezzjoni ta' *data* personali**

1. Kulħadd għandu d-dritt għall-protezzjoni ta' *data* personali li tirrigwarda lilu.

2. Liġi Ewropea għandha tistabbilixxi r-regoli li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni ta' l-individwi fir-rigward ta' proċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi u aġenziji ta' l-Unjoni, u mill-Istati Membri meta jwettqu attivitajiet li jaqgħu taħt il-kwadru tad-dritt ta' l-Unjoni, u r-regoli li għandhom x'jaqsmu mal-moviment liberu ta' informazzjoni bħal din. L-osservanza ta' dawn ir-regoli titqiegħed taħt il-kontroll ta' awtorità indipendenti.

**Artikolu 51: L-i*status* ta' knejjes u ta' organizzazzjonijiet mhux konfessjonali**

1. L-Unjoni tirrispetta u ma tippreġudikax l-i*status* li jgawdu, taħt id-dritt nazzjonali, il-knejjes u l-assoċjazzjonijiet jew il-komunitajiet reliġjużi fl-Istati Membri.

2. L-Unjoni bl-istess mod tirrispetta l-istat ta' organizazzjonijiet filosofiċi u mhux konfessjonali.

3. Waqt li tirrikonoxxi l-identità u l-kontribuzzjoni speċifika tagħhom, l-Unjoni għandha żżomm djalogu miftuħ, trasparenti u regolari ma' dawn il-knejjes u organizzazzjonijiet.

**TITOLU VII: IL-FINANZI TA' L-UNJONI**

**Artikolu 52: Prinċipji finanzjari u ta' *budget***

1. Il-partiti kollha ta' dħul u ta' nfiq ta' l-Unjoni għandhom ikunu inklużi fl-estimi mħejjija għal kull sena finanzjarja u għandhom jiġu murija fil-*budget*, skond id-disposizzjonijiet tal-Parti III.

2. Għandu jkun hemm bilanċ fil-*budget* bejn id-dħul u l-infiq.

3. L-infiq muri fil-*budget* għandu jkun awtorizzat għall-perjodu annwali ta' *budget* skond il-liġi Ewropea msemmija fl-Artikolu III-318.

4. L-implimentazzjoni ta' l-infiq muri fil-*budget* jeħtieġ minn qabel l-adozzjoni ta' att legali li jorbot li jipprovdi bażi legali għall-azzjoni ta' l-Unjoni u għall-implimentazzjoni ta' l-infiq skond il-liġi Ewropea msemmija fl-Artikolu III-318. Dan l-att għandu jieħu l-forma ta' liġi Ewropea, ta' liġi kwadru Ewropea, ta' regolament Ewropew jew ta' deċiżjoni Ewropea.

5. Biex tinżamm dixxiplina fuq il-*budget,* l-Unjoni m'għandhiex tadotta xi att li x'aktarx jista' jkollu implikazzjonijiet ta' importanza fuq il-*budget* mingħajr ma tagħti assigurazzjoni li l-proposta jew il-miżura in kwistjoni tista' tiġi ffinanzjata fil-limitu tar-riżorsi proprji ta' l-Unjoni u fil-kwadru finanzjarju pluriennali msemmi fl-Artikolu 54.

6. Il-*budget* ta' l-Unjoni għandu jkun implimentat skond il-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw ma' l-Unjoni sabiex jiżguraw li l-allokazzjonijiet imdaħħla fil-*budget* jiġu wżati skond il-prinċipji ta' amministrazzjoni finanzjara tajba.

7. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jikkumbattu l-frodi u attivitajiet oħra illegali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni skond d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu III-321.

**<u>Artikolu 53: Ir-riżorsi ta' l-Unjoni.</u>**

1. L-Unjoni għandha tara li jkollha l-mezzi neċessarji biex tilħaq il-miri tagħha u timplimenta l-politika tagħha.

2. Mingħajr preġudizzju għal dħul ieħor, il-*budget* ta' l-Unjoni għandu jkun iffinanzjat kollu kemm hu mir-riżorsi proprji.

3. Liġi Ewropea tal-Kunsill tal-Ministri għandha tistabbilixxi l-limiti tar-riżorsi ta' l-Unjoni u tista' tistabbilixxi kategoriji ġodda ta' riżorsi, jew tħassar kategorija eżistenti. Dik il-liġi m'għandhiex tibda' sseħħ sakemm ma tkunx approvata mill-Istati Membri skond il-ħtiġiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta mal-Parlament Ewropew.

4. Liġi Ewropea tal-Kunsill għandha tistabbilixxi l-arranġamenti fid-dettall li għandhom x'jaqsmu mar-riżorsi ta' l-Unjoni. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi wara li jkun kiseb l-approvazzjoni tal-Parlament.

**Artikolu 54: Il-kwadru finanzjarju pluriennali**

1. Il-kwadru finanzjarju pluriennali għandu jassigura l-iżvilupp ordinat ta' l-infiq ta' l-Unjoni fil-limiti tar-riżorsi proprji. Għandu jiddetermina l-ammonti tal-limiti annwali ta' allokazzjonijiet għal impenji bil-kategoriji ta' infiq skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu III-308.

2. Liġi Ewropea tal-Kunsill tal-Ministri għandha tistabbilixxi l-kwadru finanzjarju pluriennali. Il-Kunsill tal-Ministri jaġixxi wara li jkollu l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, li għandha tingħata b'maġġoranza tal-membri li jifformawh.

3. Il-*budget* annwali ta' l-Unjoni għandu jaqbel mal-kwadru pluriennali.

4. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi b'mod unanimu meta jadotta l-ewwel kwadru finanzjarju pluriennali wara l-bidu fis-seħħ tal-Kostituzzjoni.

**Artikolu 55: Il-*budget* ta' l-Unjoni**

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Ministri għandhom, fuq proposta tal-Kummissjoni u skond l-arranġamenti stabbiliti fl-Artikolu III-310, jadottaw il-liġi Ewropea li tistabbilixxi l-*budget* annwali ta' l-Unjoni.

**TITOLU VIII: L-UNJONI U L-AMBJENT QRIB TAGĦHA**

**Artikolu 56: L-Unjoni u l-ambjent qrib tagħha**

1. L-Unjoni għandha tiżviluppa relazzjoni privileġġjata ma' l-Istati ġirien tagħha, bil-ħsieb li tistabbilixxi żona ta' prosperità u rapport ta' ħbiberija bejn ġirien, ibbażata fuq il-valuri ta' l-Unjoni u karatterizzata minn relazzjonijiet mill-qrib u paċifiċi bbażati fuq il-kooperazzjoni.

2. Għal dan il-fini, l-Unjoni tista' tikkonkludi u timplimenta arranġamenti speċifiċi mal-pajjiżi konċernati skond l-Artikolu III-227. Dawn il-ftehim jistgħu jkollhom drittijiet u obbligi reċiproċi kif ukoll il-possibbiltà li jittieħdu azzjonijiet flimkien. L-implimentazzjoni tagħhom għandha tkun soġġetta għal konsultazzjonijiet perjodiċi.

## TITOLU IX: ADEŻJONI MA' L-UNJONI

### Artikolu 57: Kriterji ta' eliġibilità u proċedura għall-adeżjoni ma' l-Unjoni

1. L-Unjoni għandha tkun miftuħa għall-Istati Ewropej kollha li jirrispettaw il-valuri msemmija fl-Artikolu 2, u li jimpenjaw ruħhom li jipromwovuhom flimkien.

2. Kull Stat Ewropew li jixtieq isir membru ta' l-Unjoni għandu jindirizza l-applikazzjoni tiegħu lill-Kunsill tal-Ministri. Il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali ta' Istati Membri għandhom ikunu notifikati dwar din l-applikazzjoni. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi unanimament wara li jkun ikkonsulta mal-Kummissjoni u wara li jkun kiseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew. Il-kondizzjonijiet u l-arranġamenti għall-ammissjoni għandhom ikunu materja ta' ftehim bejn l-Istati Membri u l-Istat kandidat. Dak il-ftehim għandu jiġi sottomess għar-ratifika mill-Istati kontraenti kollha, skond il-ħtiġiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom.

### Artikolu 58: Sospensjoni tad-drittijiet ta' sħubija fl-Unjoni

1. Fuq proposta motivata ta' terz ta' l-Istati Membri, mill-Parlament Ewropew jew mill-Kummissjoni, il-Kunsill tal-Ministri, b'deċiżjoni ta' erba' minn ħamsa tal-membri tiegħu wara li jkun kiseb il-kunsens mill-Parlament Ewropew, jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tiddetermina li hemm riskju ċar ta' ksur serju tal-valuri msemmija fl-Artikolu 2 minn Stat Membru. Qabel ma jiddikjara dan, il-Kunsill tal-Ministri għandu jisma' lill-Istat Membru in kwistjoni, u waqt li jaġixxi bl-istess proċedura, jista' jindirizza rakkomandazzjonijiet lil dak l-Istat.

Il-Kunsill tal-Ministri għandu regolarment jivverifika jekk il-motivi li wasslu għal din id-dikjarazzjoni jkunux għadhom jiswew.

2. Il-Kunsill Ewropew, li jkun qed jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta minn terz ta' l-Istati Membri jew mill-Kummissjoni u wara li jkun kiseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tiddikjara l-eżistenza ta' ksur gravi u persistenti, minn Stat Membru, tal-valuri msemmija fl-Artikolu 2 wara li jkun stieden lill-Istat Membru biex jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fuq il-materja.

3. Meta tkun saret id-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-Kunsill, li jkun qed jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tissospendi ċerti drittijiet li joħorġu mill-applikazzjoni ta' din il-Kostituzzjoni lill-Istat Membru in kwistjoni, inkluż id-dritt tal-vot ta' dak l-Istat Membru fi ħdan il-Kunsill tal-Ministri. Meta jagħmel dan, il-Kunsill tal-Ministri għandu jqis il-konsegwenzi eventwali li din is-sospensjoni jista' jkollha fuq id-drittijiet u l-obbligi tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi.

Dak l-Istat Membru jibqa' marbut bl-obbligi fi kwalunkwe każ skond il-Kostituzzjoni.

4. Il-Kunsill tal-Ministri, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' sussegwentement jadotta deċiżjoni Ewropea, li tvarja jew tħassar miżuri meħuda skond il-paragrafu 3 bħala riżultat ta' tibdiliet fis-sitwazzjoni li kienet wasslet biex ikunu imposti.

5. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi mingħajr ma jieħu kont tal-vot ta' l-Istat Membru in kwistjoni. L-astensjonijiet tal-membri, preżenti jew rappreżentati, ma tkunx ta' ostakolu għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2.

Dan il-paragrafu għandu japplika ukoll fil-każ tas-sospensjoni tad-dritt tal-vot skond il-paragrafu 3.

6. Għall-finijiet tal-paragrafi 1 u 2, il-Parlament Ewropew għandu jaġixxi b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti espressi, li jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-Membri tiegħu.

**Artikolu 59: Ħruġ volontarju mill-Unjoni**

1. Kull Stat Membru jista' jiddeċiedi, skond ir-regoli kostituzzjonali proprji, li jirtira mill-Unjoni Ewropea.

2. Stat Membru li jiddeċiedi li jirtira għandu jinnotifika lill-Kunsill Ewropew bl-intenzjoni tiegħu; il-Kunsill Ewropew għandu jikkonsidra din in-notifika. Fid-dawl tal-linji ta' gwida provduti mill-Kunsill Ewropew, l-Unjoni għandha tinnegozja u tikkonkludi ma' dak l-Istat ftehim li jirregola l-modalitajiet ta' l-irtirar tiegħu, billi tieħu kont tal-kwadru tar-relazzjonijiet futuri tiegħu ma' l-Unjoni. Dak il-ftehim għandu jiġi konkluż għan-nom ta' l-Unjoni mill-Kunsill tal-Ministri, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata u wara li jkun kiseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.

   Ir-rappreżentant ta' l-Istat Membru li jirtira m'għandux jipparteċipa fid-diskussjonijiet jew fid-deċiżjonijiet tal-Kunsill tal-Ministri jew tal-Kunsill Ewropew li jikkonċernawh.

3. Il-Kostituzzjoni għandha tieqaf milli tapplika għal dak l-Istat mid-data tal-bidu fis-seħħ tal-ftehim dwar l-irtirar jew, fin-nuqqas, sentejn wara n-notifika msemmija fil-paragrafu 2, sakemm il-Kunsill Ewropew, bi qbil ma' l-Istat Membru in kwistjoni, ma jiddeċidix li jestendi dan it-terminu.

4. Jekk Stat li jkun irtira mill-Unjoni jitlob sabiex jerġa' jaderixxi mill-ġdid, it-talba tiegħu għandha tiġi sottomessa għall-proċedura msemmija fl-Artikolu 57.

# PARTI II

## IL-KARTA TAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI TA' L-UNJONI

### PREAMBOLU

Il-popli ta' l-Ewropa waqt li jistabbilixxu bejniethom unjoni dejjem iktar magħquda ddeċidew li jipparteċipaw f'futur ta' paċi mibni fuq il-valuri komuni.

Konxja mill-wirt spiritwali u morali tagħha, l-Unjoni tinbena fuq il-valuri indiviżibbli u universali tad-dinjità umana, tal-libertà, ta' ugwaljanza u ta' solidarjetà; hija tistrieħ fuq il-prinċipji tad-demokrazija u l-prinċipju ta' l-istat tad-dritt. Tqiegħed il-persuna fil-qalba ta' l-azzjoni tagħha, billi tistabbilixxi ċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni u billi tikkrea spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja.

L-Unjoni tikkontribwixxi għall-preservazzjoni u għall-iżvilupp ta' dawn il-valuri komuni filwaqt li tirrispetta d-diversità tal-kulturi u tat-tradizzjonijiet tal-popli ta' l-Ewropa kif ukoll ta' l-identità nazzjonali ta' l-Istati Membri u l-organizzazzjoni ta' l-awtoritajiet pubbliċi fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali; hija tfittex li tippromwovi żvilupp bilanċjat u sostenibbli u tassigura moviment liberu ta' persuni, ta' beni, ta' servizzi u ta' kapital, kif ukoll il-libertà ta' l-istabbiliment.

Għal dan l-iskop, huwa neċessarju billi tagħmel dawk id-drittijiet iktar viżibbli f'Karta, li tiġi msaħħa l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fid-dawl tat-tibdil fis-soċjetà, progress soċjali u żviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi.

Din il-Karta tafferma mill-ġdid, bir-rigward għall-kompetenzi u l-kompiti ta' l-Unjoni kif ukoll għall-prinċipju tas-sussidjarjetà, id-drittijiet kif jirriżultaw, partikolarment, mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali u mill-obbligi internazzjonali komuni għall-Istati Membri, il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, il-Karti Soċjali adottati mill-Unjoni u mill-Kunsill ta' l-Ewropa kif ukoll mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. F'dan il-kuntest il-Karta għandha tkun interpretata mill-qrati ta' l-Unjoni u mill-Istati Membri billi jieħdu in konsiderazzjoni xierqa l-ispjegazzjonijiet stabbiliti taħt l-awtorità tal-Praesidium tal-Konvenzjoni li abbozza l-Karta.

It-tgawdija ta' dawn id-drittijiet iġġib magħha responsabbiltajiet u dmirijiet kemm għar-rigward ta' ħaddieħor, kif ukoll fir-rigward tal-Komunità tal-bnedmin u tal-ġenerazzjonijiet futuri.

L-Unjoni għaldaqstant tirrikonoxxi d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji dikjarati kif ġej:

## TITOLU I: DINJITÀ

### Artikolu II-1: Dinjità umana

Id-dinjità umana hija invjolabbli. Għandha tkun rispettata u protetta.

### Artikolu II-2: Dritt għall-ħajja

1. Kulħadd għandu d-dritt għall-ħajja.

2. Ħadd ma għandu jiġi kkundannat għall-piena tal-mewt, jew imneħħi.

### Artikolu II-3: Dritt għall-integrità tal-persuna

1. Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett ta' l-integrità fiżika u mentali proprja.

2. Fl-oqsma tal-mediċina u tal-bijoloġija, dawn li ġejjin għandhom jiġu rispettati b'mod partikolari:

   (a) il-kunsens liberu u ċar tal-persuna interessata, skond il-proċeduri stabbiliti mil-liġi,

   (b) il-projbizzjoni ta' prattiċi ewġeniċi, partikolarment dawk li jimmiraw għas-selezzjoni ta' persuni,

   (ċ) il-projbizzjoni li tuża l-ġisem uman u l-partijiet tiegħu bħala tali bħala mezz ta' gwadann,

   (d) il-projbizzjoni ta' klonnaġġ riproduttiv tal-bnedmin.

### Artikolu II-4: Projbizzjoni ta' tortura jew trattament inuman jew degradanti

Ħadd ma għandu jkun sottomess għat-tortura jew għal pieni jew trattamenti inumani jew degradanti.

### Artikolu II-5: Projbizzjoni ta' jasar u ta' xogħol sfurzat

1. Ħadd ma għandu jinżamm f'jasar jew f'servitù.
2. Ħadd ma għandu jiġi mġiegħel jagħmel xogħol sfurzat jew obbligatorju.
3. It-traffikar tal-bnedmin huwa projbit.

## TITOLU II: LIBERTAJIET

### Artikolu II-6: Dritt għal-libertà u għas-sigurtà

Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà.

### Artikolu II-7: Rispett għall-ħajja privata u familjari

Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata jew familjari proprja, tad-dar proprja u ta' komunikazzjoni.

### Artikolu II-8: Protezzjoni ta' *data* personali

1. Kulħadd għandu d-dritt għall-protezzjoni ta' *data* li tikkonċerna l-karattru personali proprju.

2. Din id-*data* għandha tiġi trattata b'mod ġust għal skopijiet determinati u fuq il-bażi tal-kunsens tal-persuna interessata jew fuq bażi oħra leġittima prevista mil-liġi. Kulħadd għandu d-dritt ta' aċċess għal *data* miġbura li għandha x'taqsam miegħu jew magħha u d-dritt li jirrettifikaha.

3. L-osservanza ta' dawn ir-regoli għandha titqiegħed taħt il-kontroll ta' awtorità indipendenti.

### Artikolu II-9: Id-dritt għaż-żwieġ u d-dritt għat-twaqqif ta' familja

Id-dritt għaż-żwieġ u d-dritt għat-twaqqif ta' familja huma garantiti skond il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet.

### Artikolu II-10: Libertà tal-ħsieb, kuxjenza u reliġjon

1. Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà tal-ħsieb, kuxjenza u reliġjon. Dan id-dritt jimplika l-libertà li wieħed ibiddel ir-reliġjon jew it-twemmin, kif ukoll il-libertà li wieħed jimmanifesta r-reliġjon jew it-twemmin, individwalment jew kollettivament, fil-pubbliku kif ukoll fil-privat, fil-qima, fit-tagħlim, fil-prattika jew inkella bil-parteċipazzjoni f'ċerimonji.

2. Id-dritt għall-oġġezzjoni ta' kuxjenza hu rikonoxxut, skond il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw l-eżerċizzju ta' dan id-dritt.

**Artikolu II-11: Libertà ta' l-espressjoni u ta' informazzjoni**

1. Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà ta' l-espressjoni. Dan id-dritt għandu jinkludi l-libertà ta' opinjoni u l-libertà li tirċievi jew tikkomunika l-informazzjonijiet jew l-ideat mingħajr indħil mill-awtorità pubblika u indipendentement mill-fruntieri.

2. Il-libertà u l-pluraliżmu tal-mezzi tal-komunikazzjoni għandhom ikunu rispettati.

**Artikolu II-12: Libertà ta' assemblea u ta' assoċjazzjoni**

1. Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà li jitlaqqa' paċifikament u għal-libertà ta' assoċjazzjoni f'kull livell, b'mod partikolari fil-qasam politiku, trejdunjonistiku, u ċiviku, li jimplika d-dritt ta' kull persuna li tifforma jew tappartjeni lil *trade unions* għall-protezzjoni ta' l-interessi tagħha.

2. Il-partiti politiċi f'livell ta' l-Unjoni jikkontribwixxu għall-espressjoni tal-volontà politika taċ-ċittadini ta' l-Unjoni.

**Artikolu II-13: Libertà ta' l-arti u x-xjenzi**

L-arti u r-riċerka xjentifika huma liberi. Il-libertà akkademika hija rispettata.

**Artikolu II-14: Id-dritt għall-edukazzjoni**

1. Kulħadd għandu d-dritt għall-edukazzjoni u li jkollu aċċess għall-formazzjoni professjonali u kontinwa.

2. Dan id-dritt jinkludi l-possibilità li wieħed jirċievi edukazzjoni obbligatorja bla ħlas.

3. Il-libertà li jiġu mwaqqfa stabbilimenti ta' tagħlim b'rispett għall-prinċipji demokratiċi u d-dritt tal-ġenituri li jassiguraw l-edukazzjoni u t-tagħlim tat-tfal tagħhom, skond it-twemmin tagħhom reliġjuż, filosofiku u pedagoġiku għandu jiġi rispettat, skond il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw l-eżerċizzju ta' din il-libertà u ta' dan id-dritt.

**Artikolu II-15: Libertà li wieħed jista' jagħżel mestjier u d-dritt għax-xogħol**

1. Kulħadd għandu id-dritt li jaħdem u li jeżerċita xogħol magħżul jew aċċettat liberament.

2. Kull ċittadin ta' l-Unjoni għandu d-dritt li jfittex impieg, li jaħdem, li jeżerċita d-dritt ta' stabbiliment u li jagħti servizzi f'kull Stat Membru.

3. Ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma awtorizzati li jaħdmu fit-territorji ta' l-Istati Membri huma intitolati għall-kondizzjonijiet ta' xogħol ekwivalenti għal dawk li jgawdu ċ-ċittadini ta' l-Unjoni.

**Artikolu II-16: Libertà ta' intrapriża**

Il-libertà ta' intrapriża skond id-dritt ta' l-Unjoni u l-liġijiet u prattiċi nazzjonali hija rikonoxxuta.

**Artikolu II-17: Dritt għall-proprjetà**

1. Kulħadd għandu d-dritt li jgawdi l-proprjetà tal-ġid li jkun akkwista legalment, li jużah, u li jiddisponi minnu f'ħajtu jew għal wara mewtu. Ħadd m'għandu jiġi mċaħħad mill-proprjetà tiegħu, ħlief fl-interess pubbliku u fil-każijiet u skond il-kondizzjonijiet previsti minn liġi, bi ħlas ta' kumpens xieraq għat-telf tiegħu fi żmien utli. L-użu tal-proprjetà jista' jiġi regolat bil-liġi safejn ikun meħtieġ mill-interess pubbliku.

2. Il-proprjetà intelletwali hi protetta.

**Artikolu II-18: Id-dritt għall-asil**

Id-dritt għall-asil għandu jkun garantit b'rispett għar-regoli tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951 u l-Protokoll tal-31 ta' Jannar 1967 dwar l-i*status* ta' refuġjati u skond il-Kostituzzjoni.

**Artikolu II-19: Protezzjoni f'każ ta' turufnament, espulsjoni jew estradizzjoni**

1. L-espulsjonijiet kollettivi huma projbiti.

2. Ħadd ma jista' jiġi turufnat, espuls jew estradit lejn Stat fejn hemm riskju serju li hu jew hi jkunu soġġetti għall-piena tal-mewt, tortura jew għal pieni jew trattamenti oħra inumani jew degradanti.

**TITOLU III: L-UGWALJANZA**

**Artikolu II-20: Ugwaljanza f'għajnejn il-liġi**

Kulħadd huwa ugwali f'għajnejn il-liġi.

**Artikolu II-21: Non diskriminazzjoni**

1. Kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew twemmin, l-opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-disabilità, l-età, jew l-orjentazzjoni sesswali hi projbita.

2. Fil-kwadru ta' l-applikazzjoni tal-Kostituzzjoni u mingħajr preġudizzju għal kull disposizzjoni partikolari tagħha, kull diskriminazzjoni bbażata fuq nazzjonalità hi projbita.

**Artikolu II-22: Diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika**

L-Unjoni tirrispetta d-diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika.

**Artikolu II-23: Ugwaljanza bejn irġiel u nisa**

L-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa għandha tiġi assigurata fl-oqsma kollha, inkluż l-impieg, ix-xogħol u l-paga.

Il-prinċipju ta' l-ugwaljanza ma jimpedix li jinżammu jew jiġu adottati miżuri maħsuba biex jagħtu vantaġġi speċifiċi lis-sess l-anqas rappreżentat.

**Artikolu II-24: Id-drittijiet tat-tfal**

1. It-tfal għandhom id-dritt għall-protezzjoni u għall-kura li hija neċessarja għall-ġid tagħhom. Jistgħu jesprimu l-opinjonijiet tagħhom liberament. Dawn l-opinjonijiet għandhom jitqiesu f'materji li jirrigwardawhom skond l-età u l-maturità tagħhom.

2. Fl-azzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mat-tfal, kemm jekk jittieħdu minn awtoritajiet pubbliċi kif ukoll minn istituzzjonijiet privati, il-konsiderazzjoni primarja għandha tkun l-aħjar interess tat-tfal.

3. It-tfal kollha għandhom d-dritt li jkollhom, fuq bażi regolari, relazzjoni personali u kuntatt dirett maż-żewġ ġenituri, sakemm dan m'huwiex kontra l-interessi tat-tfal.

**Artikolu II-25: Id-drittijiet ta' l-anzjani**

L-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta d-drittijiet ta' l-anzjani li jgħixu ħajja ta' dinjità u ta' indipendenza u li jipparteċipaw fil-ħajja soċjali u kulturali.

**Artikolu II-26: Integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità**

L-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta d-drittijiet ta' persuni b'diżabilità li jibbenefikaw minn miżuri intiżi sabiex jassiguraw l-indipendenza, l-integrazzjoni soċjali u professjonali tagħhom, u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja tal-komunità.

## TITOLU IV: SOLIDARJETÀ

### Artikolu II-27: Id-dritt tal-ħaddiema għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni fi ħdan l-intrapriża

Il-ħaddiema jew ir-rappreżentati tagħhom għandhom, fil-livelli approprjati, ikunu garantiti li jingħataw informazzjoni u li jiġu kkonsultati fi żmien utli fil-każijiet u skond il-kondizzjonijiet previsti mil-liġijiet ta' l-Unjoni u mil-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali.

### Artikolu II-28: Id-dritt ta' negozjar u azzjoni kollettiva

Il-ħaddiema u min iħaddem, jew l-organizzazzjonijiet rispettivi tagħhom, għandhom skond id-dritt ta' l-Unjoni u l-liġijiet u prattiċi nazzjonali, id-dritt li jinnegozjaw u li jikkonkludu ftehim kollettivi fil-livelli approprjati u, fil-każ ta' konflitt ta' interess, li jieħdu azzjoni kollettiva inkluża l-azzjoni li jistrajkjaw sabiex jiddefendu l-interessi tagħhom.

### Artikolu II-29: Dritt ta' aċċess għal servizzi ta' impieg

Kulħadd għandu d-dritt ta' aċċess għal servizz ta' impieg bla ma jħallas.

### Artikolu II-30: Protezzjoni fil-każ ta' tkeċċija inġusta

Kull ħaddiem għandu d-dritt għall-protezzjoni kontra tkeċċija inġusta, skond id-dritt ta' l-Unjoni u l-liġijiet u prattiċi nazzjonali.

### Artikolu II-31: Kondizzjonijiet tax-xogħol ġusti u xierqa

1. Kull ħaddiem għandu d-dritt għall-kondizzjonijiet tax-xogħol li jirrispettaw is-saħħa, is-sigurtà u d-dinjità tiegħu.

2. Kull ħaddiem għandu d-dritt għal limitu massimu ta' sigħat tax-xogħol, għal perjodi ta' mistrieħ kuljum u fil-ġimgħa u għal perjodu annwali ta' *leave* imħallas.

**Artikolu II-32: Projbizzjoni ta' tħaddim ta' tfal u protezzjoni ta' żgħażagħ fuq ix-xogħol**

Ix-xogħol tat-tfal huwa projbit. L-età minima għall-ammissjoni għal impieg ma tistax tkun anqas mill-età li fiha jispiċċa l-obbligu ta' l-iskola, bla preġudizzju għal regoli iktar favorevoli għaż-żgħażagħ u salvi derogi limitati. Iż-żgħażagħ li jingħataw xogħol għandu jkollhom kondizzjonijiet ta' xogħol skond l-età tagħhom u għandhom ikunu protetti kontra l-isfruttament ekonomiku jew kontra kull xogħol li jista' jipperikola s-sigurtà, s-saħħa, l-iżvilupp fiżiku, mentali, morali jew soċjali tagħhom, jew li jikkomprometti l-edukazzjoni tagħhom.

**Artikolu II-33: Ħajja familjari u professjonali**

1. Il-familja għandha tgawdi minn protezzjoni legali, ekonomika u soċjali.

2. Sabiex wieħed jirrikonċilja l-ħajja familjari u l-ħajja professjonali, kulħadd għandu d-dritt għall-protezzjoni mit-tkeċċija għal xi raġuni konnessa mal-maternità, u d-dritt għal-*leave* tal-maternità mħallas u għal-*leave* parentali wara t-twelid jew l-adozzjoni ta' tifel jew tifla.

**Artikolu II-34: Sigurtà soċjali u assistenza soċjali**

1. L-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta d-dritt għal benefiċċji u servizzi soċjali li jipprovdu protezzjoni f'każijiet bħal ma huma l-maternità, il-mard, l-inċidenti industrijali, id-dipendenza jew l-anzjanità, u fil-kaz ta' telf ta' xogħol, skond ir-regoli stipulati mid-dritt ta' l-Unjoni u mil-liġijiet u prattiċi nazzjonali.

2. Kull min jirrisjedi jew imur minn post għal ieħor legalment fl-Unjoni Ewropea hu intitolat għall-benefiċċji ta' sigurtà soċjali u l-vantaġġi soċjali skond id-dritt ta' l-Unjoni u l-liġijiet u prattiċi nazzjonali.

3. Sabiex jiġu kkumbattuti l-esklużjoni soċjali u l-faqar, l-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta d-dritt għall-għajnuna soċjali u tad-djar sabiex tassigura l-eżistenza deċenti għal dawk kollha li huma neqsin minn riżorsi suffiċjenti, skond ir-regoli stabbiliti mid-dritt ta' l-Unjoni u mil-liġijiet u prattiċi nazzjonali.

**Artikolu II-35: Ħarsien tas-saħħa**

Kulħadd għandu d-dritt ta' aċċess għal ħarsien preventiv tas-saħħa u d-dritt li jgawdi minn kura medika skond il-kondizzjonijiet stabbiliti mil-liġijiet u prattiċi nazzjonali. Għandu jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politika u l-attivitajiet kollha ta' l-Unjoni.

**Artikolu II-36: Aċċess għal servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali**

L-Unjoni tirrikonoxxi u tirispetta l-aċċess għal servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali kif previst fil-liġijiet u prattiċi nazzjonali, skond il-Kostituzzjoni, sabiex tippromwovi l-koeżjoni soċjali u territorjali ta' l-Unjoni.

**Artikolu II-37: Protezzjoni ta' l-ambjent**

Livell għoli ta' protezzjoni ta' l-ambjent u t-titjib fil-kwalità ta' l-ambjent għandu jiġi integrat fil-politika ta' l-Unjoni u għandu jiġi żgurat skond il-prinċipju ta' l-iżvilupp sostenibbli.

**Artikolu II-38: Protezzjoni tal-konsumatur**

Il-politika ta' l-Unjoni tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur.

## TITOLU V: ĊITTADINANZA

### Artikolu II-39: Dritt ta' vot u ta' kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew

1. Kull ċittadin ta' l-Unjoni għandu d-dritt li jivvota u li joħroġ bħala kandidat fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew fl-Istat Membru fejn jirrisjedi, taħt l-istess kondizzjonijiet applikabbli għaċ-ċittadini ta' dak l-Istat.

2. Il-membri tal-Parlament Ewropew jiġu eletti b'suffraġju universali dirett liberu u sigriet.

### Artikolu II-40: Dritt ta' vot u ta' kandidatura fl-elezzjonijiet muniċipali

Kull ċittadin ta' l-Unjoni għandu d-dritt li jivvota u li joħroġ bħala kandidat fl-elezzjonijiet muniċipali fl-Istat Membru fejn jirrisjedi skond l-istess kondizzjonijiet applikabbli għaċ-ċittadini ta' dak l-Istat.

### Artikolu II-41: Dritt għall-amministrazzjoni tajba

1. Kull persuna għandha d-dritt li jkollha l-affarijiet tagħha trattati b'mod imparzjali, b'mod ġust u fi żmien raġonevoli mill-istituzzjonijiet, korpi u aġenziji ta' l-Unjoni.

2. Dan id-dritt jinkludi:

   (a) id-dritt ta' kull persuna li tagħti l-opinjoni tagħha, qabel ma tittieħed miżura individwali li taffettwaha ħażin;

   (b) id-dritt ta' kull persuna li jkollha aċċess għall-*file* tagħha, filwaqt li jiġu rispettati l-interessi leġittimi ta' kunfidenzjalità u tas-segretezza professjonali u tan-negozju;

   (ċ) l-obbligu ta' l-amministrazzjoni li tagħti raġunijiet għad-deċiżjonijiet tagħha.

3. Kull persuna għandha d-dritt li l-Unjoni tagħmel tajjeb għal danni kkaġunati mill-istituzzjonijiet jew l-impjegati tagħha fil-qadi ta' dmirijiethom, skond il-prinċipji ġenerali komuni għad-dritt fl-Istati Membri.

4. Kull persuna tista' tikteb lill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni f'waħda mil-lingwi tal-Kostituzzjoni u għandha tirċievi tweġiba bl-istess lingwa.

**Artikolu II-42: Dritt ta' aċċess għal dokumenti**

Kull ċittadin ta' l-Unjoni, u kull persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi jew li jkollha l-uffiċċju tagħha reġistrat fi Stat Membru, għandhom id-dritt ta' aċċess għad-dokumenti ta' l-istituzzjonijiet, tal-korpi u ta' l-aġenziji ta' l-Unjoni, tkun xi tkun il-forma li fiha jkunu saru.

**Artikolu II-43: L-Ombudsman Ewropew**

Kull ċittadin ta' l-Unjoni, u kull persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi jew li jkollha l-uffiċċju tagħha reġistrat fi Stat Membru għandhom d-dritt li jirrikorru għand l-Ombudsman Ewropew f'każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet ta' l-Istituzzjonijiet, tal-korpi jew ta' l-aġenziji ta' l-Unjoni, bl-eċċezzjoni tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja u tal-Qorti Għolja meta jkunu qed jaġixxu fir-rwol ġudizzjarju tagħhom.

**Artikolu II-44: Id-dritt ta' petizzjoni**

Kull ċittadin ta' l-Unjoni, u kull persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi jew li jkollha l-uffiċċju tagħha reġistrat fi Stat Membru għandhom id-dritt ta' petizzjoni quddiem il-Parlament Ewropew.

**Artikolu II-45: Libertà ta' moviment u ta' residenza**

1. Kull ċittadin ta' l-Unjoni għandu d-dritt ta' libertà u li jirrisjedi liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri.

2. Il-libertà tal-moviment u tar-residenza jistgħu jingħataw, skond il-Kostituzzjoni, lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti legalment fit-territorju ta' Stat Membru.

**Artikolu II-46: Protezzjoni diplomatika u konsulari**

Kull cittadin ta' l-Unjoni jkun intitolat, fit-territorju ta' pajjiż terz li fih l-Istat Membru li tiegħu jkun ċittadin ma jkunx rappreżentat, li jgawdi mill-protezzjoni mill-awtoritajiet diplomatiċi jew konsulari ta' kull Stat Membru, bl-istess kondizzjonijiet taċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru.

## TITOLU VI: ĠUSTIZZJA

### Artikolu II-47: Dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali

Kull min ikollu d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu, garantiti mid-dritt ta' l-Unjoni, vjolati għandu d-dritt għal rimedju effettiv quddiem tribunal skond il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

Kulħadd għandu d-dritt għal smigħ ġust u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali stabbilit minn qabel bil-liġi. Kulħadd għandu jkollu l-possibilità li jieħu parir, jkollu difiża u jkun rappreżentat.

Għajnuna legali għandha tingħata lil dawk li ma jkollhomx riżorsi biżżejjed, fil-każijiet fejn din l-għajnuna hija neċessarja sabiex jiġi żgurat aċċess effettiv għall-ġustizzja.

### Artikolu II-48: Preżunzjoni ta' innoċenza u dritt għal difiża

1. Kull imputat għandu jkun preżunt innoċenti sakemm jinstab ħati skond il-liġi.

2. Jiġi garantit ir-rispett għad-drittijiet tad-difiża għal kull min ikun imputat.

### Artikolu II-49: Prinċipji ta' legalità u proporzjonalità ta' reati u ta' pieni

1. Ħadd ma għandu jinstab ħati ta' reat, għal xi att jew ommissjoni, li fiż-żmien meta kien kommess jew ommess, ma kienux reat skond il-liġi nazzjonali jew id-dritt internazzjonali. Lanqas ma għandha tingħata piena għola minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta twettaq ir-reat. Jekk wara li jsir r-reat, il-liġi tipprovdi għal piena inqas, dik il-piena tkun applikabbli.

2. Dan l-Artikolu ma għandux jippreġudika li persuna tgħaddi minn proċess u tingħata piena għal kull att jew ommissjoni li, fiż-żmien meta kien kommess jew ommess, kien jitqies kriminali, skond il-prinċipji ġenerali rikonoxxuti mill-komunità tan-nazzjonijiet.

3. Is-severità tal-piena għandha tkun proporzjonata mar-reat.

### Artikolu II-50: Dritt li wieħed ma jiġix ġudikat jew jingħata piena darbtejn fi proċeduri kriminali għall-istess reat

Ħadd ma jista' ikun prosegwit jew punit penalment minħabba fi ksur ta' liġi li fuqu jkun diġà instab mhux ħati jew ikkundannat fl-Unjoni b'sentenza li daħlet in ġudikat skond il-liġi.

## TITOLU VII: DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI LI JIRREGOLAW L-INTERPRETAZZJONI U L-APPLIKAZZJONI TAL-KARTA

### Artikolu II-51: Kamp ta' Applikazzjoni

1. Id-disposizzjonijiet ta' din il-Karta huma intiżi għall-istituzzjonijiet, għall-korpi u għall-aġenziji ta' l-Unjoni fir-rispett tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u għall-Istati Membri biss meta jkunu qed jimplimentaw d-dritt ta' l-Unjoni. Għandhom għaldaqstant jirrispettaw id-drittijiet, josservaw il-prinċipji u jippromwovu l-applikazzjoni tagħhom skond il-kompetenzi rispettivi tagħhom, u għandhom ukoll jirrispettaw il-limiti tal-kompetenzi ta' l-Unjoni kif konferiti lilha fil-partijiet l-oħra tal-Kostituzzjoni.

2. Din il-Karta ma testendix l-iskop ta' l-applikazzjoni tad-dritt ta' l-Unjoni lil 'hinn mill-kompetenzi ta' l-Unjoni u ma toħloq l-ebda kompetenza u l-ebda kompitu ġodda għall-Unjoni u ma timmodifikax il-kompetenzi u l-kompiti definiti f'partijiet oħra tal-Kostituzzjoni.

### Artikolu II-52: Firxa u interpretazzjoni ta' drittijiet u ta' prinċipji

1. Kull limitazzjoni fl-eżerċizzju tad-drittijiet u l-libertajiet rikonoxxuti minn din il-Karta għandhom ikunu previsti mil-liġi u għandhom jirrispettaw l-essenza ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, jistgħu jsiru limitazzjonijiet f'dawk il-każijiet biss fejn huma neċessarji u fejn jilħqu effettivament il-miri ta' interess ġenerali rikonoxxut mill-Unjoni jew il-bżonn li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn.

2. Id-drittijiet rikonoxxuti minn din il-Karta li dwarhom hemm previsti disposizzjonijiet f'partijiet oħra tal-Kostituzzjoni għandhom jiġu eżerċiżati skond il-kondizzjonijiet u fil-limiti previsti minn dawn il-partijiet rilevanti.

3. Safejn din il-Karta tikkomprendi drittijiet li jikkorrispondu għal drittijiet garantiti mill-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, it-tifsira u l-iskop ta' dawk id-drittijiet ikunu l-istess bħal dawk stabbiliti mill-Konvenzjoni msemmija. Din id-disposizzjoni ma twaqqafx lid-dritt ta' l-Unjoni milli jipprovdi protezzjoni aktar estensiva.

4. Safejn din il-Karta tirrikonoxxi d-drittijiet fundamentali kif jemanaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, dawk id-drittijiet għandhom ikunu interpretati f'armonija ma' dawk it-tradizzjonijiet.

5. Id-disposizzjonijiet ta' din il-Karta li jikkontjenu prinċipji jistgħu jiġu implimentati b'atti leġislattivi u eżekuttivi meħuda minn istituzzjonijiet u korpi ta' l-Unjoni, u permezz ta' atti ta' Stati Membri meta jkunu qegħdin jimplimentaw id-dritt ta' l-Unjoni fl-eżerċizzju tas-setgħat rispettivi tagħhom. Ma jistgħux jiġu invokati fil-qorti ħlief għall-iskop ta' interpretazzjoni u biex tiġi verifikata l-legalità ta' dawn l-atti.

6. Għandu jingħata kont sħiħ tal-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali kif speċifikati f'din il-Karta.

**Artikolu II-53: Livell ta' protezzjoni**

Xejn f'din il-Karta ma għandu jiġi interpretat bħala li jnaqqas jew jaffettwa ħażin id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kif rikonoxxuti, fl-oqsma rispettivi tagħhom ta' applikazzjoni mid-dritt ta' l-Unjoni u mid-dritt internazzjonali u minn konvenzjonijiet internazzjonali li l-Unjoni, il-Komunità jew l-Istati Membri kollha jkunu parti fiha, u b'mod partikolari l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, u mill-kostituzzjonijiet ta' l-Istati Membri.

**Artikolu II-54: Projbizzjoni ta' abbuż tad-dritt**

L-ebda disposizzjoni ta' din il-Karta ma għandha tiġi interpretata b'mod li timplika dritt li ssir attività jew jiġi eżegwit xi att li hu intiż biex jiddistruġġi xi dritt jew xi libertà rikonoxxuti f'din il-Karta jew il-limitazzjoni iktar miftuħa tad-drittijiet u l-libertajiet kif previsti f'din il-Karta.

# PARTI III

# IL-POLITIKI U L-FUNZJONAMENT TA' L-UNJONI

## TITOLU I

## KLAWŻOLI TA’ APPLIKAZZJONI ĠENERALI

### Artikolu III-1

L-Unjoni għandha tassigura koerenza bejn il-politiki u l-attivitajiet differenti msemmija f’ din il-Parti, billi tieħu kont tal-miri kollha ta’ l-Unjoni u skond il-prinċipju ta’ attribuzzjoni ta’ kompetenzi.

### Artikolu III-2

Fl-attivitajiet kollha msemmija f’ din il-Parti, l-Unjoni għandha timmira li telimina l-inegwaljanzi, u li tippromwovi l-ugwaljanza, bejn l-irġiel u n-nisa.

### Artikolu III-3

Fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet imsemmija f’ din il-Parti, l-Unjoni għandha timmira li tikkumbatti d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, l-oriġini razjali jew etnika, ir-reliġjoni jew it-twemmin, id-disabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali.

### Artikolu III-4

Il-ħtiġiet tal-protezzjoni ambjentali għandhom jiġu integrati fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet ta’ l-Unjoni msemmija f’ din il-Parti, b’ mod partikolari bl-iskop ta’ promozzjoni ta’ l-iżvilupp sostenibbli.

### Artikolu III-5

Il-ħtiġiet tal-protezzjoni tal-konsumatur għandhom jitqiesu fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta’ politiki u attivitajiet oħra ta' l-Unjoni.

### Artikolu III-6

Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli III-55, III-56 u III-136, u meta jitqies il-post okkupat minn servizzi ta’ interess ekonomiku ġenerali bħala servizzi li kulħadd fl-Unjoni jattribwilhom valur kif ukoll ir-rwol tagħhom fil-promozzjoni ta’ koeżjoni soċjali u territorjali, l-Unjoni u l-Istati Membri, kull wieħed fil-poteri rispettivi tiegħu u fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-Kostituzzjoni għandhom jieħdu ħsieb li dawn is-servizzi joperaw fuq il-bażi tal-prinċipji u l-kondizzjonijiet, b’ mod partikolari ekonomiċi u finanzjarji, li jippermettulhom jissodisfaw il-missjonijiet tagħhom. Liġijiet Ewropej għandhom jiddefinixxu dawn il-prinċipji u l-kondizzjonijiet.

## TITOLU II

## IN-NONDISKRIMINAZZJONI U Ċ-ĊITTADINANZA

### Artikolu III-7

Il-liġijiet jew il-liġijiet kwadru Ewropej jistgħu jistabilixxu regoli għall-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni fuq bażi ta’ nazzjonalità kif imsemmi fl-Artikolu I-4.

### Artikolu III-8

1. Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra tal-Kostituzzjoni u fil-limiti tal-poteri mogħtija minnha lill-Unjoni, liġi jew liġi kwadru Ewropea tal-Kunsill tal-Ministri jistgħu jistabilixxu l-miżuri meħtieġa biex tiġi kkumbattuta d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-disabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi unanimament wara li jottjeni l-kunsens tal-Parlament Ewropew.

2. Il-liġijiet jew il-liġijiet kwadru Ewropej jistgħu jistabilixxu prinċipji bażiċi għal miżuri ta' inkoraġġiment ta’ l-Unjoni u jiddefinixxu dawn il-miżuri ta’ inkoraġġiment, sabiex jappoġġaw l-azzjonijiet meħuda minn Stati Membri bl-esklużjoni ta’ kull armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti tagħhom.

### Artikolu III-9

1. Jekk jiġi ppruvat li tkun neċessarja azzjoni mill-Unjoni biex tiffaċilita l-eżerċizzju tad-dritt, imsemmi fl-Artikolu I-8, ta’ kull ċittadin li jiċċirkola u jirrisjedi b’ libertà u l-Kostituzzjoni ma tkunx ipprovdiet il-poteri neċessarji, il-liġijiet jew il-liġijiet kwadru Ewropej jistgħu jistabilixxu miżuri għal dak l-iskop.

2. Għall-istess skop u sakemm il-Kostituzzjoni ma tkunx ipprovdiet għal poteri ta’ azzjoni f’ dan il-qasam, miżuri li jikkonċernaw il-passaporti, l-karti ta’ l-identità, il-permessi ta’ residenza jew kull dokument ieħor ta' dan it-tip u miżuri li jikkonċernaw is-sigurtà soċjali jew il-protezzjoni soċjali jistgħu jiġu stabbiliti b’liġi jew liġi kwadru Ewropea tal-Kunsill tal-Ministri. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi unanimament wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

### Artikolu III-10

Liġi jew liġi kwadru Ewropea tal-Kunsill tal-Ministri għandhom jiddeterminaw l-arranġamenti ddettaljati għall-eżerċizzju tad-dritt imsemmi fl-Artikolu I-8, ta' kull ċittadin ta’ l-Unjoni li jivvota u joħroġ bħala kandidat fl-elezzjonijiet muniċipali u fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew fl-Istat Membru fejn jirrisjedi mingħajr ma jkun ċittadin ta’ dak l-Istat. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi unanimament wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew. Dawn l-arranġamenti jistgħu jipprovdu għal derogi meta ġustifikati minn problemi speċifiċi għal Stat Membru.

Id-dritt tal-vot u li wieħed joħroġ bħala kandidat fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew għandhom jiġu eżerċitati mingħajr preġudizzju għall-Artikolu III-232 (2) u l-miżuri adottati għall-applikazzjoni tiegħu.

Artikolu III-11

L-Istati Membri għandhom jadottaw id-disposizzjonijiet neċessarji biex  jassiguraw il-protezzjoni diplomatika u konsulari liċ-ċittadini ta' l-Unjoni f' pajjiżi terzi, kif imsemmi fl-Artikolu I-8.

Liġi Ewropea tal-Kunsill tal-Ministri tista' tistabilixxi l-miżuri neċessarji għall-faċilitazzjoni ta' din il-protezzjoni. Il-Kunsill tal-Minsitri għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

Artikolu III-12

Il-lingwi li bihom kull ċittadin ta' l-Unjoni għandu d-dritt li jindirizza lill-istituzzjonijiet jew lill-korpi konsultattivi taħt l-Artikolu I-8, u li jkollu tweġiba, huma dawk elenkati fl-Artikolu IV. L-istituzzjonijiet u l-korpi konsultattivi msemmija f' dan l-Artikolu huma dawk elenkati fl-Artikoli I-18(2), I-30 u I-31 u wkoll l-Ombudsman Ewropew.

Artikolu III-13

Il-Kumissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill tal-Ministri u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali kull tlett snin dwar l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu I-8 u ta' dan it-Titolu. Dan ir-rapport għandu jieħu kont ta' l-iżvilupp ta' l-Unjoni.

Fuq din il-bażi, u mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra tal-Kostituzzjoni, liġi jew liġi kwadru Ewropea tal-Kunsill tal-Ministri jistgħu iżidu mad-drittijiet stabbiliti fl-Artikolu I-8. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi unanimament wara li jottjeni l-kunsens tal-Parlament Ewropew. Il-liġi jew il-liġi kwadru kkonċernati m' għandhomx jidħlu fis-seħħ qabel ma jiġu approvati mill-Istati Membri skond il-ħtiġiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom.

## TITOLU III

## IL-POLITIKI U L-AZZJONIJIET INTERNI

## KAPITOLU I

## IS-SUQ INTERN

### SEZZJONI 1

### L-ISTABBILIMENT TAS-SUQ INTERN

#### Artikolu III-14

1. L-Unjoni għandha tadotta miżuri bl-iskop li tistabilixxi s-suq intern, skond dan l-Artikolu, l-Artikolu III-15, l-Artikolu III-26(1) u l-Artikoli III-29, III-39, III-62, III-65 u III-143 u mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra tal-Kostituzzjoni.

2. Is-suq intern għandu jinkludi żona mingħajr fruntieri interni li fiha il-moviment liberu ta' merkanzija, persuni, servizzi u kapital huwa assigurat skond il-Kostituzzjoni.

3. Il-Kunsill tal-Ministri, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej li jiddeterminaw il-linji gwida u l-kondizzjonijiet neċessarji biex ikun assigurat progress bilanċjat fis-setturi kollha kkonċernati.

#### Artikolu III-15

Meta tfassal il-proposti tagħha bl-iskop li tissodisfa l-miri stabbiliti fl-Artikolu III-14, il-Kummissjoni għandha tieħu kont tal-limitu ta' l-isforz li ċerti ekonomiji li juru differenzi fl-iżvilupp ikollhom isostnu għall-istabbiliment tas-suq intern u tista' tipproponi miżuri approprjati.

Jekk dawn il-miżuri jieħdu l-forma ta' derogi, għandhom ikunu ta' natura temporanja u għandhom jikkawżaw l-inqas disturb possibbli lill-funzjonament tas-suq intern.

Artikolu III-16

L-Istati Membri għandhom jikkonsultaw ma' xulxin bl-iskop li flimkien jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jipprevjenu li l-funzjonament tas-suq intern jiġi effettwat minn passi li Stat Membru jista' jiġi msejjaħ li jieħu fil-każ ta' disturbi interni serji li jeffettwaw l-ordni pubbliku, fil-każ ta' gwerra, tensjoni internazzjonali serja li tikkostitwixxi theddida ta' gwerra, jew sabiex jitwettqu l-obbligi li jkun aċċetta għall-iskop li jinżammu l-paċi u s-sigurtà internazzjonali.

Artikolu III-17

Jekk passi meħuda fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikoli III-6 u III-34 ikollhom l-effett li jiddistorċu l-kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni fis-suq intern, il-Kummissjoni għandha, flimkien ma' l-Istat ikkonċernat, teżamina kif dawn il-passi jistgħu jiġu addattati għar-regoli stabbiliti fil-Kostituzzjoni.

B' deroga mill-proċedura stabbilita fl-Artikoli III-265 u III-266, il-Kummissjoni jew kwalunkwe Stat Membru jistgħu iressqu l-kwistjoni direttament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jekk iqisu li Stat Membru ieħor qed jagħmel użu ħażin mill-poteri previsti fl-Artikoli III-6 u III-34. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħti s-sentenza tagħha *in camera.*

SEZZJONI 2

IĊ-ĊIRKOLAZZJONI LIBERA TA' PERSUNI U TA' SERVIZZI

Subsezzjoni 1

Il-Ħaddiema

Artikolu III-18

1. Il-Ħaddiema għandu jkollhom id-dritt li jiċċirkolaw liberament fl-Unjoni.

2. Kull diskriminazzjoni bbażata fuq ċittadinanza bejn ħaddiema ta' l-Istati Membri fir-rigward ta' impieg, remunerazzjoni u kondizzjonijiet oħra ta' xogħol u impieg għandha tiġi pprojbita.

3. Il-Ħaddiema għandu jkollhom id-dritt, soġġett għal limitazzjonijiet ġustifikati fuq bażi ta' ordni pubbliku, sigurtà pubblika jew saħħa pubblika:

(a) li jaċċettaw offerti ta' mpjieg li jsirulhom;

(b) li jiċċirkolaw liberament fit-territorju ta' Stati Membru għal dan l-iskop;

(ċ) li joqogħdu fi Stat Membru bl-iskop ta' impieg skond id-disposizzjonijiet li jirregolaw l-impieg ta' ċittadini ta' dak l-Istat stabbiliti bil-liġi, b' regolament jew b'azzjoni amministrattiva;

(d) li jibqgħu fit-territorju ta' Stat Membru wara li jkunu impjegati f' dak l-Istat, soġġetti għall-kondizzjonijiet li għandhom jiġu nkorporati f' regolamenti Ewropej adottati mill-Kummissjoni.

4. Dan l-Artikolu m' għandux japplika għal impieg fis-servizz pubbliku.

## Artikolu III-19

Liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej għandhom jistabilixxu l-miżuri meħtieġa biex iwettqu l-libertà ta' ċirkolazzjoni għal ħaddiema, kif definit fl-Artikolu III-18. Għandhom jiġi adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

Dawn il-liġijiet jew il-liġijiet kwadru Ewropej għandhom jimmiraw, b' mod partikolari, li:

(a) jassiguraw kooperazzjoni mill-qrib bejn servizzi nazzjonali ta' mpjieg;

(b) jeliminaw dawk il-proċeduri u l-prattiċi amministrattivi u dawk il-perjodi li jikkwalifikaw fir-rigward ta' eliġibbiltà għal impieg disponibbli, kemm jekk jirriżultaw minn leġislazzjoni nazzjonali kemm jekk minn ftehim konkluż preċedentement bejn Stati Membri, illi kieku jinżammu kienu jiffurmaw ostakolu għal-liberalizzazzjoni tal-moviment tal-ħaddiema;

(ċ) jeliminaw dawk it-termini u restrizzjonijiet oħra previsti kemm taħt leġislazzjoni nazzjonali u kemm taħt ftehim konkluż preċedentement bejn Stati Membri li jimponu fuq ħaddiema ta' Stati Membri oħra kondizzjonijiet li jirrigwardaw l-għażla libera ta' impieg differenti minn dawk imposti fuq ħaddiema ta' l-Istat ikkonċernat;

(d) jistabilixxu makkinarji xierqa li jġibu flimkien l-offerti ta' mpjieg ma' l-applikazzjonijiet għall-impieg u li jiffaċilitaw li jintlaħaq bilanċ bejn il-provvista u d-domanda fis-suq ta' l-impieg b' tali mod li jkun evitat theddid serju għal-livell ta' għixien u għal-livell ta' impieg fid-diversi reġjuni u industriji.

## Artikolu III-20

L-Istati Membri għandhom, fil-qafas ta' programm konġunt, jinkoraġġixxu l-iskambju ta' ħaddiema żgħażagħ.

Artikolu III-21

Fil-qasam tas-sigurtà soċjali, liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej għandhom jistabilixxu dawk il-miżuri li huma neċessarji biex ikun hemm libertà ta' ċirkolazzjoni għal ħaddiema billi tkun introdotta sistema biex tassigura għal ħaddiema migranti impjegati u li jaħdmu għal rashom u d-dipendenti tagħhom:

(a) aggregazzjoni tal-perjodi kollha meqjusa taħt il-liġijiet tad-diversi pajjiżi, għall-iskop li jinkisbu u jinżammu d-drittijiet għal benefiċċju u l-kalkolu ta' l-ammont ta' benefiċċju;

(b) il-ħlas ta' benefiċċji lil persuni residenti fit-territorji ta' l-Istati Membri.

Subsezzjoni 2

Il-Libertà ta' stabbiliment

Artikolu III-22

Fil-qafas ta' din is-Subsezzjoni, restrizzjonijiet dwar il-libertà ta' l-istabbiliment ta' ċittadini ta' Stat Membru fit-territorju ta' Stat Membru ieħor ghandhom jiġu pprojbiti. Din il-projbizzjoni għandha wkoll tapplika għal restrizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' aġenziji, fergħat jew sussidjarji minn ċittadini ta' kwalunkwe Stat Membru stabbiliti fit-territorju ta' kwalunkwe Stat Membru.

Ċittadini ta' Stat Membru għandu jkollhom id-dritt, fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, li jibdew u jwettqu attivitajiet bħala persuni li jaħdmu għal rashom u li jistabilixxu u jamministraw intrapriżi, b' mod partikolari kumpanniji jew ditti fis-sens tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu III-27, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti għaċ-ċittadini proprji bil-liġi ta' l-Istat Membru fejn dan l-istabbiliment huwa effettwat, soġgett għad-disposizzjonijiet tas-Sezzjoni li tirrelata għal kapital.

Artikolu III-23

1. Liġijiet kwadru Ewropej għandhom jistabilixxi miżuri sabiex tinkiseb il-libertà ta' stabbiliment fir-rigward ta' attività partikolari. Għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-kumitat Ekonomiku u Soċjali.

2. Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Ministri u l-Kummissjoni għandhom jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom taħt il-paragrafu 1, b' mod partikolari:

(a) billi jagħtu, bħala regola ġenerali, trattament ta' prijorità lil attivitajiet fejn il-libertà ta' stabbiliment tagħmel kontribuzzjoni b'valur partikolari għall-iżvilupp tal-produzzjoni u n-negozju;

(b) billi jassiguraw kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri sabiex tiġi aċċertata s-sitwazzjoni partikolari fl-Unjoni ta' l-attivitajiet varji kkonċernati;

(ċ) billi jeliminaw dawk il-proċeduri u l-prattiċi aministrattivi, kemm jekk jirriżultaw minn leġislazzjoni nazzjonali kemm jekk minn ftehim preċedentement konkluż bejn l-Istati Membri, li jekk jinżammu kienu jostakolaw il-libertà ta' stabbiliment;

(d) billi jassiguraw li ħaddiema minn Stat Membru impjegati fit-territorju ta' Stat Membru ieħor jistgħu jibqgħu f' dak it-territorju għall-iskop li jibdew attivitajiet hemmhekk bħala persuni li jaħdmu għal rashom, meta jissodisfaw il-kondizzjonijiet li huma kienu jkunu meħtieġa jissodisfaw jekk huma kienu qeghdin jidħlu f'dak l-Istat fil-ħin meta kellhom l-intenzjoni jibdew dawn l-attivitajiet;

(e) billi jippermettu lil ċittadin ta' Stat Membru li jottjeni u juża art u bini li jinstabu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, sa fejn dan ma jkunx f' konflitt mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu III-123(2);

(f) billi iwettqu l-abolizzjoni progressiva ta' restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' stabbiliment f' kull fergħa ta' attività taħt konsiderazzjoni, kemm fir-rigward tal-kondizzjonijiet biex jiġu stabbiliti aġenziji, fergħat jew sussidjarji fit-territorju ta' Stat Membru u kemm fir-rigward tal-kondizzjonijiet li jirregolaw id-dħul ta' personal li jappartjeni għall-istabbiliment prinċipali f' organizzazzjonijiet amministrattivi u ta' sorveljanza f' dawn l-aġenziji, l-fergħat jew is-sussidjarji;

(g) billi jikkoordinaw sa fejn neċessarju u bl-iskop li jirrendu ekwivalenti il-garanziji meħtieġa, fl-Istati Membri, mingħand is-soċjetajiet kummerċjali fis-sens tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu III-27 biex jiġu protetti l-interessi sew tas-soċji kif ukoll ta' terzi persuni;

(h) billi jissodisfaw lilhom infushom li l-kondizzjonijiet ta' stabbiliment mhumiex distorti b' għajnuniet mogħtija mill-Istati Membri.

Artikolu III-24

Din is-Subsezzjoni m' għandhiex tapplika, sa fejn kwalunkwe Stat Membru partikolari huwa kkonċernat, għall-attivitajiet li f' dak l-Istat huma konnessi, anke okkażjonalment, ma'l-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali.

Liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej jistgħu jeżentaw ċerti attivitajiet mill-applikazzjoni ta' din is-Subsezzjoni.

Artikolu III-25

1. Din is-Subsezzjoni u l-miżuri adottati skond l-istess m'għandhomx jippreġudikaw l-applikabilità ta' disposizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b' regolament jew b' azzjoni amministrattiva fi Stati Membri li jipprovdu għal trattament speċjali għal ċittadini barranin fuq bażi ta' ordni pubbliku, sigurtà pubblika jew saħħa pubblika.

2. Liġijiet kwadru Ewropej għandhom jikkoordinaw id-disposizzjonijiet nazzjonali msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu III-26

1. Liġijiet kwadru Ewropej għandhom jiffaċilitaw l-aċċess u l-eżerċizzju għal persuni biex jaħdmu għal rashom. Għandhom ikopru:

(a) ir-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi, ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali;

(b) il-kooridnazzjoni tad-disposizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b' regolament jew b' azzjoni amministrattiva fi Stati Membri li jikkonċernaw l-aċċess u l-eżerċizzju ta' attivitajiet bħala persuni li jahmu għal rashom.

2. Fil-każ tal-professjonijiet mediċi, paramediċi u farmaċewtiċi, l-abolizzjoni progressiva ta' restrizzjonijiet għandha tkun dipendenti fuq il-koordinazzjoni tal-kondizzjonijiet għall-eżerċizzju tagħhom fid-diversi Stati Membri.

Artikolu III-27

Soċjetajiet kummerċjali kostitwiti skond il-liġi ta' Stat Membru u li jkollhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali ta' negozju fl-Unjoni għandhom, għall-iskopijiet ta' din is-Subsezzjoni, jiġu trattati bl-istess mod bħal persuni fiżiċi li huma ċittadini ta' Stati Membri.

"Soċjetajiet kummerċjali" tfisser kumpanniji jew ditti kkostitwiti taħt il-liġi ċivili jew kummerċjali, inklużi soċjetajiet kooperattivi, u persuni ġuridiċi oħra rregolati mill-liġi pubblika jew privata, ħlief għal dawk li m' għandhomx l-iskop ta' profitt.

Artikolu III-28

L-Istati Membri għandhom jagħtu lil ċittadini ta' l-Istati Membri l-oħra l-istess trattament bħaċ-ċittadini proprji tagħhom fir-rigward ta' parteċipazzjoni fil-kapital ta' soċjetajiet kummerċjali fis-sens ta' l-Artikolu III-27, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet l-oħra tal-Kostituzzjoni.

Subsezzjoni 3

Il-Libertà tal-provvista ta' servizzi

Artikolu III-29

Fil-qafas ta' din is-Subsezzjoni, ir-restrizzjonijiet għal-libertà li jiġu provvduti servizzi fl-Unjoni għandhom jiġu pprojbiti fir-rigward ta' ċittadini ta' Stati Membri li huma stabbiliti fi Stat Membru differenti minn dak tal-persuna li għaliha huma destinati is-servizzi.

Liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej jistgħu jestendu din is-Subsezzjoni għal ċittadini ta' pajjiż terz li jipprovdu servizzi u li huma stabbiliti fl-Unjoni.

Artikolu III-30

Jitqiesu "servizzi" fis-sens tal-Kostituzzjoni, is-servizzi pprovduti, normalment bi ħlas met amhux regolati mid-disposizzjonijiet li jirrigwardaw il-libertà ta' ċirkolazzjoni ta' merkanzija, kapital u persuni.

"Servizzi" għandhom jinkludu b' mod partikolari:

(a) attivitajiet ta' karattru industrijali;

(b) attivitajiet ta' karattru kummerċjali;

(ċ) attivitajiet ta' artiġjanat;

(d) attivitajiet tal-professjonijiet liberali.

Mingħajr preġudizzju għas-Subsezzjoni li tirrelata għad-dritt ta' stabbiliment, il-persuna li tipprovdi servizz tista', sabiex tagħmel dan, twettaq temporanjament l-attività tagħha fl-Istat Membru fejn huwa pprovdut is-servizz, taħt l-istess kondizzjonijiet li huma imposti minn dak l-Istat fuq iċ-ċittadini proprji.

Artikolu III-31

1. Il-Libertà li jiġu pprovvduti servizzi fil-qasam tat-trasport għandha tiġi rregolata mis-Sezzjoni li tirrelata għat-trasport.

2. Il-liberalizzazzjoni tas-servizzi bankarji u assigurattivi konnessi mal-movimenti ta' kapital għandha tiġi mwettqa mal-liberalizzazzjoni tal-moviment tal-kapital.

Artikolu III-32

1. Liġi kwadru Ewropea għandha tistabilixxi l-miżuri sabiex tintlaħaq il-liberalizzazzjoni ta' servizz partikolari. Għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

2. Fir-rigward tal-liġi kwadru Ewropea imsemmija fil-paragrafu 1, għandha tingħata prijorità bħala regola ġenerali lil dawk is-servizzi li jeffettwaw direttament l-ispejjeż tal-produzzjoni jew li l-liberalizzazzjoni tagħhom tgħin biex tippromwovi l-iskambju ta' merkanzija.

Artikolu III-33

L-Istati Membri jiddikjaraw li huma lesti li jipproċedu għal-liberalizzazzjoni ta' servizzi lil hinn mill-limitu meħtieġ mil-liġi kwadru Ewropea adottata skond l-Artikolu III-32(1), jekk is-sitwazzjoni ekonomika ġenerali tagħhom u s-sitwazzjoni tas-settur ekonomiku interessat jippermettu dan.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri kkonċernati f' dan is-sens.

Artikolu III-34

Sakemm ir-restrizzjonijiet fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi ma jkunux ġew aboliti, kull Stat Membru għandu japplika dawn ir-restrizzjonijiet mingħajr distinzjoni fuq bażi ta' ċittadinanza jew ta' residenza għall-persuni kollha li jipprovdu servizzi fis-sens ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu III-29.

Artikolu III-35

L-Artikoli III-24 sa III-27 għandhom japplikaw għall-kwistjonijiet koperti b'din is-Subsezzjoni.

SEZZJONI 3

IĊ-ĊIRKOLAZZJONI LIBERA TA' MERKANZIJA

Sebsezzjoni 1

L-Unjoni Doganali

Artikolu III-36

1. L-Unjoni għandha tikkomprendi unjoni doganali li għandha tkopri l-iskambju kollu fil-merkanzija u li għandha tinvolvi l-projbizzjoni bejn Stati Membri ta' dazji doganali fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet u tal-piżijiet kollha li jkollhom effett ekwivalenti, u l-adozzjoni ta' tariffa doganali komuni fir-relazzjonijiet tagħhom ma' pajjiżi terzi.

2. L-Artikolu III-38 u s-Subsezzjoni 3 ta' din is-Sezzjoni għandhom japplikaw għal prodotti li joriġinaw fi Stati Membri u għal prodotti li jiġu minn pajjiżi terzi li huma f'ċirkolazzjoni libera fi Stati Membri.

Artikolu III-37

Huma kkunsidrati f' ċirkolazzjoni libera fi Stat Membru l-prodotti ġejjin minn pajjiż terz li għalihom ikunu saru il-formalitajiet ta' importazzjoni u tħallsu id-dazju u l-piżijiet ekwivalenti, f' dak l-Istat Membru u li ma bbenefikawx minn rimbors totali jew parzjali ta' dawn id-dazji u piżijiet.

Artikolu III-38

Dazji doganali fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet u piżijiet li jkollhom effett ekwivalenti għandhom jiġu pprojbiti bejn Stati Membri. Din il-projbizzjoni għandha wkoll tapplika għal dazji doganali ta' natura fiskali.

Artikolu III-39

Il-Kunsill tal-Ministri, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta r-regolamenti u d-deċiżjonijiet Ewropej li jiffissaw id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni.

Artikolu III-40

Fit-twettieq tad-dmirijiet mogħtija lilha taħt din is-Subsezzjoni, il-Kummissjoni għandha tiġi ggwidata:

(a) mill-bżonn li jiġi promoss l-iskambju kummerċjali bejn Stati Membri u pajjiżi terzi;

(b) minn żviluppi fil-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni fl-Unjoni sa fejn dawn iwasslu għal titjib fil-kapaċità kompetittiva ta' l-intrapriżi;

(ċ) mill-ħtiġiet ta' l-Unjoni fir-rigward tal-fornitura ta' materja prima u prodotti nofshom maħduma; f'din il-konnessjoni il-Kummissjoni ghandha tieħu hsieb li tevita li tiddistorċi l-kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn l-Istati Membri fir-rigward ta' prodotti maħduma kompletament;

(d) mill-bżonn li jiġu evitati disturbi serji fl-ekonomiji ta' l-Istati Membri u li jiġi assigurat żvilupp razjonali ta' produzzjoni u l-espansjoni tal-konsum fl-Unjoni.

Subsezzjoni 2

Il-Kooperazzjoni Doganali

Artikolu III-41

Fil-qasam ta' applikazzjoni tal-Kostituzzjoni, liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej għandhom jistabilixxu miżuri sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni doganali bejn l-Istati Membri u bejn dawn ta' l-aħħar u l-Kummissjoni.

Subsezzjoni 3

Il-Projbizzjoni ta' restrizzjonijiet kwantitattivi

Artikolu III-42

Ir-Restrizzjonijiet kwantitattivi fuq importazzjonijiet u esportazzjonijiet u l-miżuri kollha li jkollhom effett ekwivalenti għandhom jiġu pprojbiti bejn l-Istati Membri.

Artikolu III-43

L-Artikolu III-42 m'għandux jipprekludi projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet fuq importazzjonijiet, esportazzjonijiet jew merkanzija in transitu iġġustifikati a bażi ta' moralità pubblika, ordni pubbliku jew sigurtà pubblika; il-protezzjoni tas-saħħa u l-ħajja tal-bnedmin, ta' l-annimali, jew tal-pjanti; il-protezzjoni ta' teżori nazzjonali ta' valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku; jew il-protezzjoni ta' proprjetà industrijali u kummerċjali. Dawn il-projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet m' għandhomx, madanakollu, jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni mmaskrata fuq kummerċ bejn Stati Membri.

Artikolu III-44

1. L-Istati Membri għandhom jaġġustaw kull monopolju ta' l-Istat ta' karattru kummerċjali sabiex jassiguraw li ebda diskriminazzjoni li tirrigwarda l-kondizzjonijiet li taħthom tiġi prokurata u mqiegħda fis-suq il-merkanzija ma tkun teżisti bejn ċittadini ta' Stati Membri.

Dan l-Artikolu għandu japplika għal kull korp li fuqu Stat Membru, bil-liġi jew bil-fatt, direttament jew indirettament jissorvelja, jiddetermina jew jinfluwenza b'mod apprezzabbli importazzjonijiet jew esportazzjonijiet bejn Stati Membri. Għandu bl-istess mod japplika għal monopolji delegati mill-Istat lil oħrajn.

2. L-Istati Membri għandhom joqogħdu lura minn kwalunkwe pass ġdid li hu kuntrarju għall-prinċipji stabbiliti fil-paragrafu 1 jew li jirrestrinġi l-qasam ta' applikazzjoni ta' l-Artikoli li jittrattaw il-projbizzjoni ta' dazji doganali u restrizzjonijiet kwantitattivi bejn Stati Membri.

3. Jekk monopolju ta' l-Istat ta' karattru kummerċjali jkollu regoli li huma maħsuba biex jagħmluha iktar faċli li jiddisponi minn prodotti agrikoli jew jottjeni għalihom l-aħjar dħul, għandhom jittieħdu passi fl-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu sabiex jassiguraw salvagwardji ekwivalenti għall-impieg u l-livell ta' għixien tal-produtturi nteressati.

## SEZZJONI 4

## IL-KAPITAL U L-PAGAMENTI

### Artikolu III-45

Fil-qafas ta' din is-Sezzjoni, ir-restrizzjonijiet kemm fuq iċ-ċirkolazzjoni ta' kapital u kemm fuq pagamenti bejn Stati Membri u bejn Stati Membri u pajjiżi terzi ikunu pprojbiti.

### Artikolu III-46

1. L-Artikolu III-45 ma jippreġudikax l-applikazzjoni għal pajjiżi terzi ta' kull restrizzjoni li kienet teżisti fil-31 ta' Diċembru 1993 taħt liġi nazzjonali jew ta' l-Unjoni adottata fir-rigward tal-moviment ta' kapital lejn jew minn pajjiżi terzi li jinvolvu investiment dirett – inkluż fil-proprjetà immobiljari- l-istabbiliment u l-għoti ta' servizzi finanzjarji jew l-ammissjoni ta' titoli għas-swieq kapitali.

2. Liġijiet jew ligijiet kwadru Ewropej għandhom idaħħlu fis-seħħ miżuri fuq il-moviment tal-kapital lejn jew minn pajjiżi terzi li jinvolvu investiment dirett- inkluż investiment fil-proprjetà immobiljari- l-istabbiliment, l-għoti ta' servizzi finanzjarji jew l-ammissjoni ta' titoli għas-swieq kapitali.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Ministri għandhom jippruvaw jiksbu l-mira ta' libertà ta' moviment ta' kapital bejn Stati Membri u pajjiżi terzi fil-miżura l-iktar wiesa' possibbli u mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni.

3. Minkejja l-paragrafu 2, biss liġi jew liġi kwadru Ewropea tal-Kunsill tal-Ministri jistgħu jistabilixxu miżuri li jikkostitwixxu pass lura fil-liġi ta' l-Unjoni fir-rigward tal-liberalizzazzjoni tal-moviment tal-kapital lejn jew minn pajjiżi terzi. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi unanimament wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew.

### Artikolu III-47

1. L-Artikolu III-45 m' għandux jippregudika id-dritt ta' Stati Membri:

(a) biex japplikaw id-disposizzjonijiet rilevanti tal-liġi tat-taxxa tagħhom li tagħmel distinzjoni bejn il-kontribwenti li ma jkunux fl-istess pożizzjoni għar-rigward tal-post fejn ikunu joqogħdu u il-post fejn ikollhom il-kapital investit.

(b) biex jieħdu l-passi kollha neċessarji sabiex jipprevjenu ksur ta' disposizzjonijiet nazzjonali stabbiliti bil-liġi jew b' regolament, b' mod partikolari fil-qasam tat-tassazzjoni u kontroll prudenzjali ta' istituzzjonijiet finanzjarji, jew biex jistabilixxu proċeduri għad-dikjarazzjoni ta' movimenti tal-kapital għal skopijiet ta' informazzjoni amministrattiva jew statistika, jew biex jieħdu passi li huma ġustifikati fuq bażi ta' ordni pubbliku jew sigurtà pubblika.

2. Din is-Sezzjoni ma tippreġudikax l-applikabilità ta' restrizzjonijiet fuq id-dritt ta' stabbiliment li huma kompatibbli mal-Kostituzzjoni.

3. Il-passi u l-proċeduri msemmija fil-paragrafi 1 u 2 m' għandhomx jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni mmaskrata fuq il-libertà ta' moviment ta' kapital u pagamenti kif definit fl-Artikolu III-45.

## Artikolu III-48

Meta, f' ċirkostanzi eċċezzjonali, movimenti ta' kapital lejn jew minn pajjiżi terzi jikkawżaw, jew jheddu li jikkawżaw, diffikultajiet serji għall-operazzjoni ta' unjoni ekonomika u monetarja, il-Kunsill tal-Ministri, fuq proposta mill-Kummissjoni , jista' jaddotta regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej li jintroduċu miżuri ta' salvagwardja fir-rigward ta' pajjiżi terzi għal perjodu li ma jeċċedix sitt xhur jekk dawn il-miżuri huma strettament neċessarji. Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew.

## Artikolu III-49

Meta neċessarju biex jintlaħqu l-miri stabbiliti fl-Artikolu III-158, b' mod partikolari fir-rigward tal-prevenzjoni ta' u l-ġlieda kontra il-kriminalità organizzata, it-terroriżmu u t-traffikar fi bnedmin, il-liġijiet Ewropej jistgħu jiddefinixxu qafas għal miżuri fir-rigward ta' moviment u pagamenti tal-kapital, bħall-iffriżar ta' fondi, assi finanzjarji jew gwadanni ekonomiċi li jappartjenu għal, jew fil-proprjetà ta' jew miżmuma minn, persuni fiżiċi jew ġuridiċi, gruppi jew entitajiet mhux statali.

Il-Kunsill tal-Ministri, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta regolamenti Ewropej jew deċiżjonijiet Ewropej sabiex jimplimenta l-liġijiet imsemmija fl-ewwel paragrafu.

## SEZZJONI 5

## REGOLI DWAR IL-KOMPETIZZJONI

### Subsezzjoni 1

### Regoli li japplikaw għal intrapriżi

#### Artikolu III-50

1 Dan li ġej għandu jiġi pprojbit bħal inkompatibbli mas-suq intern: il-ftehim kollu bejn intrapriżi, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta' intrapriżi u prattiċi konċertati li jistgħu jeffettwaw il-kummerċ bejn Stati Membri u li għandhom bħala l-mira tagħhom jew jeffettwaw il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorzjoni ta' kompetizzjoni fis-suq intern, u b' mod partikolari dawk li:

(a) direttament jew indirettament jiffissaw prezzijiet ta' xiri jew bejgħ jew xi kondizzjonijiet oħra ta' kummerċ;

(b) jillimitaw jew jikkontrollaw il-produzzjoni, is-swieq, l-iżvilupp tekniku, jew l-investiment;

(ċ) jaqsmu swieq jew fonti ta' provvista;

(d) japplikaw kondizzjonijiet mhux simili għal operazzjonijiet ekwivalenti ma' partijiet oħra ta' kummerċ, u b' hekk iqiegħduhom fi żvantaġġ kompetittiv;

(e) jagħmlu l-konklużjoni ta' kuntratti soġġetta għal aċċettazzjoni mill-partijiet l-oħra ta' obbligi supplimentari li, bin-natura tagħhom jew skond l-użanza kummerċjali, ma għandhom ebda konnessjoni mas-suġġett ta' dawn il-kuntratti.

2. Kull ftehim jew deċiżjoni pprojbita skond dan l-Artikolu għandha tkun awtomatikament nulla.

3 Il-Paragrafu 1 jista' madanakollu, jiġi ddikjarat inapplikabbli fil-każ ta':

- kull ftehim jew kategorija ta' ftehim bejn l-intrapriżi;
- kull deċiżjoni jew kategorija ta' deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta' intrapriżi;
- kull prattika konċertata jew kategorija ta' prattiki konċertati,

li jikkontribwixxu għat-titjib tal-produzzjoni jew id-distribuzzjoni ta' merkanzija jew għall-promozzjoni ta' progress tekniku jew ekonomiku, waqt li jirriżervaw lill-konsumatur sehem ġust tal-benefiċċju li jirriżulta, u li:

(a) ma jimponux fuq intrapriżi restrizzjonijiet konċertati li mhumiex indispensabbli biex jintlaħqu dawn il-miri;

(b) jippermettu lil dawn l-intrapriżi l-possibiltà ta' eliminazzjoni ta' kompetizzjoni fir-rigward ta' parti sostanzjali tal-prodotti in kwistjoni.

Artikolu III-51

Kull abbuż minn intrapriża waħda jew iktar ta' pożizzjoni dominanti fis-suq intern jew f' parti sostanzjali tiegħu għandu jiġi pprojbit bħala inkompatibbli mas-suq intern sa fejn jista' jaffettwa kummerċ bejn Stati Membri.

Dan l-abbuż jista', b' mod partikolari, jikkonsisti f' li:

(a) direttament jew indirettament jiġu imposti prezzijiet inġusti ta' xiri jew bejgħ jew kondizzjonijiet oħrajn ta' kummerċ inġust;

(b) jiġu llimitati l-produzzjoni, s-swieq jew l-iżvilupp tekniku għall-preġudizzju ta' konsumaturi;

(ċ) jiġu applikati kondizzjonijiet mhux simili għal operazzjonijiet ekwivalenti ma' partijiet oħra tal-kummerċ, u hekk iqiegħduhom fi żvantaġġ kompetittiv;

(d) jagħmlu l-konklużjoni ta' kuntratti soġġetta għal aċċettazzjoni mill-partijiet l-oħra ta' obbligi supplimentari li, min-natura tagħhom jew skond l-użanza kummerċjali, ma għandhom ebda konnessjoni mas-suġġett ta' dawn il-kuntratti.

Artikolu III-52

1. Il-Kunsill tal-Ministri, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta r-regolamenti Ewropej biex iġib fis-seħħ il-prinċipji stabbiliti fl-Artikoli III-50 u III-51. Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

2. Ir-regolamenti Ewropej imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu maħsuba b' mod partikolari:

(a) sabiex jassiguraw konformità mal-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu III-50(1) u fl-Artikolu III-51 billi jipprovdu għal multi u pagamenti perjodiċi ta' penalitajiet;

(b) biex jistabilixxu regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu III-50(3), b' kont mehud tal-bżonn li tiġi assigurata sorveljanza effettiva minn naħa waħda, u biex tiġi ssimplifikata sa l-aktar possibbli l-amministrazzjoni, minn naħa l-oħra;

(ċ) biex jiddefinixu, jekk meħtieġ, fil-fergħat varji ta' l-ekonomija, il-qasam ta' l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli III-50 u III-51;

(d) biex jiddefinixxu r-rwoli rispettivi tal-Kummissjoni u tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet stabbiliti f'dan il-paragrafu;

(e) biex jiddeterminaw ir-relazzjoni bejn il-liġijiet nazzjonali u din is-Sezzjoni jew ir-regolamenti Ewropej adottati skond dan l-Artikolu;

Artikolu III-53

Sad-dħul fis-seħħ tar-regolamenti Ewropej adottati skond l-Artikolu III-52, l-awtoritajiet fl-Istati Membri għandhom jirregolaw fuq l-ammissibiltà ta' ftehim, deċiżjonijiet u prattiki konċertati u fuq l-abbuż ta' pożizzjoni dominanti fis-suq intern skond il-liġi interna tagħhom u l-Artikoli III-50, b' mod partikolari il-paragrafu 3, u l-Artikolu III-51.

Artikolu III-54

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu III-53, il-Kummssijoni għandha tassigura l-applikazzjoni tal-prinċipji stabbiliti fl-Artikoli III-50 u III-51. Ma' l-applikazzjoni minn Stat Membru jew fuq l-inizjattiva proprja tiegħu, u f' kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, li għandhom jagħtu l-assistenza tagħhom, il-Kummissjoni għandha tinvestiga każijiet ta' ksur suspett ta' dawn il-prinċipji. Jekk issib li kien hemm ksur, għandha tipproponi miżuri approprjati sabiex ittemmu;

2. Jekk il-ksur ma jintemmx, il-Kummissjoni għandha taddotta deċiżjoni Ewropea raġjonata li tirreġistra l-ksur tal-prinċipji. Il-Kummissjoni tista' tippubblika id-deċiżjoni tagħha u tawtorizza l-Istati Membri biex jieħdu passi li tagħhom għandha tiddetermina l-kondizzjonijiet u d-dettalji meħtiega biex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni.

3. Il-Kummissjoni tista' tadotta regolamenti Ewropej li jirrelataw għall-kategoriji ta' ftehim li fir-rigward tagħhom il-Kunsill tal-Ministri ikun aġixxa skond l-Artikolu III-52(2)(b).

Artikolu III-55

1. Fil-każ ta' intrapriżi pubbliċi u intrapriżi li lilhom l-Istati Membri jagħtu drittijiet speċjali jew esklużivi, l-Istati Membri la għandhom iġibu fis-seħħ u lanqas iżommu fis-seħħ kull disposizzjoni kuntrarja għad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni, b' mod partikolari għall-Artikolu I-4(2) u l-Artikoli III-55 sa III-58.

2. Intrapriżi fdati bl-operazzjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali jew li jkollhom il-karattru ta' monopolju fiskali għandhom ikunu soġġetti għad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni, b' mod partikolari għar-regoli dwar il-kompetizzjoni, sa fejn l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli ma tostakolax it-twettieq, fil-liġi jew fil-fatt, tad-dmirijiet partikolari mogħtija lilhom. L-iżvilupp tan-negozju m'għandux jiġi effettwat sa dak il-limitu li jkun kuntrarju għall-interessi ta' l-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tassigura l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu u għandha, meta neċessarju, tadotta regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej approprjati.

Subsezzjoni 2

Għajnuniet mogħtija minn Stati Membri

Artikolu III-56

1. Ħlief kif provdut xort' oħra fil-Kostituzzjoni, kull għajnuna mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi ta' l-Istat fi kwalunkwe forma li tiddistorċi jew thedded li tiddistorċi l-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti intrapriżi jew il-produzzjoni ta' ċerta merkanzija għandha, sa fejn teffettwa l-kummerċ bejn Stati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern.

2. Dawn li ġejjin għandhom ikunu kompatibbli mas-suq intern:

(a) għajnuna li jkollha karattru soċjali, għajnuna mogħtija lil konsumaturi individwali, sakemm dik l-għajnuna partikolari tingħata mingħajr diskriminazzjoni relatata ma' l-oriġini tal-prodotti kkonċernati;

(b) għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali jew ġrajjiet eċċezzjonali;

(ċ) għajnuna mogħtija lill-ekonomija ta' ċerti żoni tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja effettwati mill-qasma tal-Ġermanja, sa fejn din l-għajnuna hija meħtieġa sabiex tikkumpensa għall-iżvantaġġi ekonomiċi kkawżati minn dik id-diviżjoni.

3. Dawn li ġejjin jistgħu jiġu kkunsidrati kompatibbli mas-suq intern:

(a) għajnuna biex tippromwovi l-iżvilupp ekonomiku ta' żoni fejn il-livell ta' għixien huwa baxx b' mod anormali jew fejn hemm nuqqas serju ta' mpjieg;

(b) għajununa biex tippromwovi l-eżekuzzjoni ta' proġett importanti ta' interess ekonomiku Ewropew jew biex tirrimedja disturb serju fl-ekonomija ta' Stat Membru;

(ċ) għajnuna biex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi, meta din l-għajnuna ma teffettwax il-kondizzjonijiet tal-kummerċ f' miżura kuntrarja għall-interess komuni;

(d) għajnuna biex tippromwovi l-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju meta din l-għajnuna ma teffettwax kondizzjonijiet ta' kummerċ u kompetizzjoni fl-Unjoni sa limitu li huwa kuntrarju għall-interess komuni;

(e) kategoriji oħra bħal dawn ta' għajnuna li jistgħu jiġu speċifikati minn regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej adottati mill-Kunsill tal-Ministri jew fuq proposta mill-Kummissjoni.

Artikolu III-57

1. Il-Kummissjoni, f' kooperazzjoni ma' Stati Membri, għandha żżomm taħt reviżjoni kostanti is-sistemi kollha ta' għajnuna li jeżistu f'dawk l-Istati. Għandha tipproponi lil dawn ta' l-aħħar kull miżura xierqa meħtieġa mill-iżvilupp progressiv jew mill-funzjonament tas-suq intern.

2. Jekk, wara li tagħti notifika lill-partijiet konċernati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom, il-Kumissjoni ssib li għajnuna mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi ta' l-Istat mhijiex kompatibbli mas-suq intern b' qies għall-Artikolu III-56, jew li din l-għajnuna qed tiġi użata ħażin, għandha taddotta deċiżjoni Ewropea li teħtieġ lill-Istat ikkonċernat jabolixxi jew jaltera din l-għajnuna f' terminu li għandu jiġi determinat mill-Kummissjoni.

Jekk l-Istat ikkonċernat ma jikkonformax ma' din id-deċiżjoni Ewropea fiż-żmien preskritt, il-Kummissjoni jew kull Stat Membru ieħor interessat jistgħu, b' deroga mill-Artikoli III-265 u III-266, jirreferu l-kwistjoni direttament lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Ma' l-applikazzjoni minn Stat Membru, il-Kunsill tal-Ministri jista' jadotta unanimament deċiżjoni Ewropea li dik l-għajnuna li dak l-Istat qed jagħti jew għandu l-intenzjoni li jagħti għandha tiġi kkunsidrata bħala kompatibbli mas-suq intern, b' deroga mill-Artikolu III-56 jew mir-regolamenti Ewropej previsti fl-Artikolu III-58, jekk din id-deċiżjoni tkun ġustifikata minn ċirkostanzi eċċezzjonali. Jekk, fir-rigward ta' l-għajnuna in kwistjoni, il-Kummissjoni tkun diġà bdiet il-proċedura prevista fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-fatt li l-Istat ikkonċernat ikun għamel l-applikazzjoni tiegħu lill-Kunsill tal-Ministri għandu jkollu l-effett li jissospendi dik il-proċedura sakemm il-Kunsill tal-Ministri jkun għarraf il-pożizzjoni tiegħu.

Jekk, madanakollu, il-Kunsill tal-Ministri ma jkunx għarraf il-pożizzjoni tiegħu fi żmien tlett xhur minn meta tkun saret l-applikazzjoni msemmija, il-Kummissjoni għandha taġixxi.

3. Il-Kummissjoni għandha tiġi nfurmata mill-Istati Membri, fi żmien biżżejjed biex jippermettilha tissottometti l-kummenti tagħha, b' kull pjan għall-għoti jew l-alterazzjoni ta' l-għajnuna. Jekk tikkunsidra li dan il-pjan mhuwiqabel kompatibbli mas-suq intern meqjus l-Artikolu III-56, għandha mingħajr dewmien tibda l-proċedura prevista fil-paragrafu 2. L-Istat Membru kkonċernat m' għandux iġib il-miżuri proposti tiegħu fis-seħħ sakemm din il-proċedura tkun irriżultat f' deċiżjoni finali.

4. Il-Kummissjoni tista' tadotta regolamenti Ewropej li jirrelataw għall-kategoriji ta' għajnuna ta' l-Istat li l-Kunsill tal-Ministri, skond l-Artikolu III-58, ikun iddetermina jistgħu jiġu eżentati mill-proċedura prevista fil-paragrafu 3.

Artikolu III-58

Il-Kunsill tal-Ministri, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta regolamenti Ewropej għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli III-56 u III-57 u għad-determinazzjoni b' mod partikolari tal-kondizzjonijiet li taħthom l-Artikolu III-57(3) għandu japplika u l-kategoriji ta' għajnuna eżentati minn din il-proċedura. Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

## SEZZJONI 6

## DISPOSIZZJONIJIET FISKALI

### Artikolu III-59

Ebda Stat Membru ma għandu jimponi, direttament jew indirettament, fuq il-prodotti ta' Stati Membri oħra xi tassazzjoni interna ta' kwalunkwe tip in eċċess għal dik imposta direttament jew indirettament fuq prodotti domestiċi simili.

Barra minn hekk, ebda Stat Membru ma għandu jimponi fuq il-prodotti ta' Stati Membri oħra xi tassazzjoni interna ta' dan it-tip li tagħti protezzjoni indiretta lil prodotti oħra.

### Artikolu III-60

Meta huma esportati prodotti minn Stat Membru lejn it-territorju ta' Stat Membru ieħor, kull ħlas lura ta' tassazzjoni indiretta m' għandux jeċċedi t-tassazzjoni interna imposta fuqhom kemm direttament u kemm indirettament.

### Artikolu III-61

Fil-każ ta' piżijiet ta' xort' oħra minn taxxi fuq it-*turnover*, dazji tas-sisa u forom oħra ta' tassazzjoni indiretta, remissjonijiet u rimborsi fir-rigward ta' esportazzjonijiet lejn Stati Membri oħra ma jistgħux jingħataw u piżijiet kompensatorji fir-rigward ta' importazzjonijiet minn Stati Membri ma jistgħux jiġu mposti sakemm id-disposizzjonijiet kontemplati ma jkunux ġew preċedentement approvati għal perjodu limitat minn deċiżjoni Ewropea adottata mill-Kunsill tal-Ministri fuq proposta mill-Kummissjoni.

### Artikolu III-62

1. Liġi jew liġi kwadru Ewropea tal-Kunsill tal-Ministri għandhom jistabilixxu miżuri għall-armonizzazzjoni ta' leġislazzjoni li tikkonċerna t-taxxi fuq it-*turnover*, dazji tas-sisa u forom oħra ta' tassazzjoni indiretta sakemm din l-armonizzazzjoni hija neċessarja għall-funzjonament tas-suq intern u sabiex tiġi evitata distorzjoni ta' kompetizzjoni. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi unanimament wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

2. Meta l-Kunsill tal-Ministri, waqt li jaġixxi unanimament fuq proposta mill-Kummissjoni, isib li l-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 jirrelataw għal kooperazzjoni amministrattiva jew biex tiġi kombattuta l-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa, għandu jaġixxi minkejja l-paragrafu 1, b'maġġoranza kkwalifikata meta jadotta l-liġi jew liġi kwadru Ewropea li taddotta dawn il-miżuri.

Artikolu III-63

Meta l-Kunsill tal-Ministri, waqt li jaġixxi unanimament fuq proposta mill-Kummissjoni, isib li miżuri dwar tassazzjoni tal-kumpanniji jirrelataw għal kooperazzjoni amministrattiva jew biex tiġi kumbattuta l-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa, għandu jadotta, b' maġġoranza kkwalifikata, liġi jew liġi kwadru Ewropea li jistabilixxu dawn il-miżuri, sakemm huma neċessarji għall-funzjonament tas-suq intern u sabiex tiġi evitata distorzjoni ta' kompetizzjoni.

Dik il-liġi jew il-liġi kwadru għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

SEZZJONI 7

L-APPROSSIMAZZJONI TAL-LEĠISLAZZJONI

Artikolu III-64

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu III-65, liġi kwadru Ewropea tal-Kunsill tal-Ministri għandha tistabilixxi miżuri għall-approssimazzjoni ta' dawn il-liġijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li jeffettwaw direttament l-istabbiliment jew il-funzjonament tas-suq intern. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi unanimament wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

Artikolu III-65

1. Ħlief meta provdut xort' oħra fil-Kostituzzjoni, dan l-Artikolu għandu japplika biex jintlaħqu l-miri stabbiliti fl-Artikolu III-14. Liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej għandhom jistabilixxu miżuri għall-approssimazzjoni tad-disposizzjonjiet stabbiliti bil-liġi, b' regolament jew b' azzjoni amministrattiva fl-Istati Membri li jkollhom bħala l-objettiv tagħhom l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern. Dawn il-liġijiet għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

2. Il-Paragrafu 1 m' għandux japplika għal disposizzjonijiet fiskali, għal dawk li jirrelataw għall-moviment liberu ta' persuni jew għal dawk li jirrelataw għad-drittijiet u l-interessi ta' persuni impjegati.

3. Il-Kummissjoni, fil-proposti tagħha sottomessi taħt il-paragrafu 1 li jikkonċernaw is-saħħa, s-sigurtà, il-protezzjoni ambjentali u l-protezzjoni tal-konsumatur, tieħu bħala bażi tagħha livell għoli ta' protezzjoni, b' kont meħud b' mod partikolari ta' kull żvilupp ġdid ibbażat fuq fatti xjentifiċi. Fil-kompetenzi rispettivi tagħhom, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Ministri ifittxu wkoll li jottjenu din il-mira.

4. Jekk, wara l-adozzjoni ta' miżura ta' armonizzazzjoni permezz ta' liġi Ewropea, liġi kwadru jew regolament tal-Kummissjoni, Stat Membru jqisu neċessarju li jżomm disposizzjonijiet nazzjonali fuq bażi ta' bżonnijiet maġġuri msemmija fl-Artikolu III-43, jew li jirrelataw għall-protezzjoni ta' l-

ambjent jew l-ambjent tax-xogħol, għandu jinnotifika lill-Kummissjoni b' dawn id-disposizzjonijiet kif ukoll bir-raġunijiet biex  jinżammu.

5. Barra minn hekk, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, jekk, wara l-adozzjoni ta' miżura ta' armonizzazzjoni permezz ta' liġi Ewropea, liġi kwadru jew regolament tal-Kummissjoni, Stat Membru jqisu neċessarju li jintroduċi disposizzjonijiet nazzjonali bbażati fuq prova xjentifika ġdida li tirrelata għall-protezzjoni ta' l-ambjent jew l-ambjent tax-xogħol a bażi ta' problema speċifika għal dak l-Istat Membru li toriġina wara l-adozzjoni tal-miżura ta' armonizzazzjoni, għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bid-disposizzjonijiet previsti u r-raġunijiet għalihom.

6. Il-Kummissjoni għandha, fi żmien sitt xhur minn notifiki msemmija fil-paragrafi 4 u 5, tadotta deċiżjoni Ewropea li tapprova jew tirrifjuta d-disposizzjonijiet nazzjonali involuti wara li tkun ivverifikat jekk humiqabel jew le mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni mmaskrata dwar kummerċ bejn Stati Membri u jekk jikkostitwixxux jew le ostakolu għall-funzjonament tas-suq intern.

Fin-nuqqas ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni f'dan it-terminu id-disposizzjonijiet nazzjonali msemmija fil-paragrafi 4 u 5 għandhom jitqiesu li ġew approvati.

Meta ġustifikat mill-komplessità tal-kwistjoni u fl-assenza ta' perikolu għas-saħħa tal-bniedem il-Kummissjoni tista' tavża l-Istat Membru kkonċernat li t-terminu msemmi f' dan il-paragrafu jista' jiġi estiż għal perjodu itwal sa sitt xhur.

7. Meta, skond il-paragrafu 6, Stat Membru huwa awtorizzat iżomm jew jintroduċi disposizzjonijiet nazzjonali li jidderogaw minn miżura ta' armonizzazzjoni, il-Kummissjoni għandha immedjatament teżamina jekk tipproponix adattament għal dik il-miżura.

8. Meta Stat Membru jqajjem problema speċifika dwar is-saħħa pubblika f' qasam li kien is-suġġett ta' miżuri preċedenti ta' armonizzazzjoni, għandu jressaqha għall-attenzjoni tal-Kummissjoni li għandha immedjatament teżamina jekk tipproponix miżuri approprjati.

9. B' deroga mill-proċedura stabbilita fl-Artikoli III-265 u III-266, il-Kummissjoni u kull Stat Membru jistgħu iressqu l-kwistjoni direttament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jekk jikkunsidraw li Stat Membru ieħor qed jagħmel użu ħażin tal-poteri previsti f' dan l-Artikolu.

10. Il-miżuri ta' armonizzazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu għandhom f' każijiet xierqa, jinkludu klawżola li tawtorizza lill-Istati Membri li jieħdu, għal raġuni waħda jew iktar mhux ekonomiċi msemmija fl-Artikolu III-43, passi provviżorji soġġetti għal proċedura ta' kontroll ta' l-Unjoni.

Artikolu III-66

Meta l-Kummissjoni issib li differenza bejn id-disposizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b' regolament jew b' azzjoni amministrazzjoni fi Stati Membri qed tiddistorċi l-kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni fis-suq intern u li d-distorzjoni li tirriżulta jeħtieġ li tiġi eliminata, għandha tikkonsulta lill-Istati Membri kkonċernati.

Jekk  din il-konsultazzjoni ma tirriżultax fi ftehim, liġijiet kwadru Ewropej għandhom jeliminaw id-distorzjoni in kwistjoni. Tista' tiġi adottata kull miżura oħra approprjata prevista fil-Kostituzzjoni.

Artikolu III-67

1. Meta ma jkun hemm ebda raġuni għal biża' li l-adozzjoni jew l-emenda ta' disposizzjoni nazzjonali stabbilita bil-liġi, b' regolament jew b' azzjoni amministrativa tista' tikkawża distorzjoni fis-sens ta' l-Artikolu III-66, Stat Membru li jixtieq jipproċedi biha għandu jikkonsulta lill-Kummissjoni. Wara konsultazzjoni ma' l-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tindirizza lill-Istati Membri kkonċernati rakkomandazzjoni dwar dawn il-miżuri kif jista' jkun approprjat sabiex tiġi evitata d-distorzjoni in kwistjoni.

2. Jekk Stat Membru li jixtieq jintroduċi jew jemenda d-disposizzjonijiet proprji tiegħu ma jikkonformax mar-rakkomandazzjoni indirizzata lilu mill-Kummissjoni, Stati Membri oħra m' għandhomx ikunu meħtieġa, skond l-Artikolu III-66, jemendaw id-disposizzjonijiet proprji tagħhom sabiex jeliminaw dik id-distorzjoni. Jekk l-Istat Membru li jkun injora r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni jikkawża distorzjoni detrimentali biss għalih innifsu, l-Artikolu III-66 m' għandux japplika.

Artikolu III-68

Fl-istabbiliment ta' suq intern, miżuri għall-introduzzjoni ta' strumenti Ewropej biex jipprovdu protezzjoni uniformi għad-drittijiet intelletwali ta' proprjetà fl-Unjoni u għall-istabbiliment ta' arranġamenti ċentralizzati fl-Unjoni kollha ta' awtorizzazzjoni, koordinazzjoni u sorveljanza għandhom jiġu stabbiliti f' liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej.

Liġi Ewropea tal-Kunsill tal-Ministri għandha tistabilixxi l-modalitajiet tal-lingwa fl-istrumenti Ewropej. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi unanimament wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

## KAPITOLU II

## IL-POLITIKA EKONOMIKA U MONETARJA

### Artikolu III-69

1. Għall-iskopijiet stabbiliti fl-Artikolu I-3, l-attivitajiet ta' l-Istati Membri u l-Unjoni għandhom jinkludu, kif previst fil-Kostituzzjoni, l-adozzjoni ta' politika ekonomika li hija bbażata fuq il-koordinazzjoni mill-qrib tal-politiki ekonomiċi ta' l-Istati Membri, dwar is-suq intern u dwar id-definizzjoni ta' miri komuni, u kondotti skond il-prinċipju ta' ekonomija ta' suq miftuħ b' kompetizzjoni libera.

2. Konkorrentement ma' dan ta' qabel, u kif previst fil-Kostituzzjoni u skond il-proċeduri stabbiliti hemmhekk, dawn l-attivitajiet għandhom jinkludu munita waħda, l-euro, u d-definizzjoni u l-kondotta ta' politika singola monetarja u politika tal-kambju waħda, u l-mira primarja tat-tnejn li huma għandha tkun li tinżamm l-istabbilità tal-prezz u, mingħajr preġudizzju għal din il-mira, li jiġu sostnuti l-politiki ekonomiċi ġenerali fl-Unjoni, skond il-prinċipju ta' ekonomija ta' suq miftuħ b' kompetizzjoni libera.

3. Dawn l-attivitajiet ta' l-Istati Membri u l-Unjoni għandhom jinvolvu konformità mal-prinċipji ta' gwida li ġejjin: prezzijiet stabbli, finanzi pubbliċi u kondizzjonijiet monetarji tajbin u bilanċ stabbli ta' pagamenti.

## SEZZJONI I

## IL-POLITIKA EKONOMIKA

### Artikolu III-70

L-Istati Membri għandhom jikkonduċu l-politiki ekonomiċi tagħhom sabiex jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri ta' l-Unjoni, kif definit fl-Artikolu I-3, u fil-kuntest tal-linji gwida wiesa' msemmija fl-Artikolu III-71(2). L-Istati Membri u l-Unjoni għandhom jaġixxu skond il-prinċipju ta' ekonomija ta' suq miftuħ b' kompetizzjoni libera, li tiffavorixxi allokazzjoni effiċjenti ta' riżorsi, u in konformità mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu III-69.

### Artikolu III-71

1. L-Istati Membri għandhom iqisu l-politiki ekonomiċi tagħhom bħala kwistjoni ta' interess komuni u għandhom jikkoordinawhom fil-Kunsill tal-Ministri, skond l-Artikolu III-70.

2. Il-Kunsill tal-Ministri, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, għandu jifformula abbozz għal-linji gwida wiesa' tal-politiki ekonomiċi ta' l-Istati Membri u ta' l-Unjoni, u għandu jirrapporta ir-riżultati tiegħu lill-Kunsill Ewropew.

Il-Kunsill Ewropew, abbażi tar-rapport mill-Kunsill tal-Ministri, għandu jiddiskuti konklużjoni dwar il-linji gwida wiesa' tal-politiki ekonomiċi ta' l-Istati Membri u ta' l-Unjoni. Abbażi ta' din il-konklużjoni, il-Kunsill tal-Ministri għandu jadotta rakkomandazzjoni li tistabilixxi dawn il-linji gwida wiesa'. Għandu jinforma lill-Parlament Ewropew bir-rakkomandazzjoni tiegħu.

3. Sabiex tiġi assigurata koordinazzjoni iktar mill-qrib ta' politiki ekonomiċi u konverġenza sostnuta ta' eżerċizzju ekonomiku ta' l-Istati Membri, il-Kunsill tal-Ministri, abbażi ta' rapporti sottomessi mill-Kummissjoni, għandu jagħmel monitoraġġ ta' l-iżviluppi ekonomiċi f' kull wiehed mill-Istati Membri u fl-Unjoni, kif ukoll tal-konsistenza ta' politiki ekonomiċi mal-linji gwida wiesa' msemmija fil-paragrafu 2, u għandu jwettaq regolarment stima globali.

Għall-iskop ta' din is-sorveljanza multilaterali, l-Istati Membri għandhom jgħaddu informazzjoni lill-Kummissjoni dwar passi importanti meħuda minnhom fil-qasam tal-politika ekonomika tagħhom u dik l-informazzjoni l-oħra li jqisu neċessarja.

4. Meta jigi stabbilit, taħt il-proċedura msemmija fil-paragrafu 3, li l-politiki ekonomiċi ta' Stat Membru mhumiex konsistenti mal-linji gwida wiesa' msemmija fil-paragrafu 2 jew li hemm ir-riskju li jipperikolaw il-funzjonament sewwa ta' l-unjoni ekonomika u monetarja, il-Kummissjoni tista' tindirizza avvertiment lill-Istat Membru kkonċernat. Il-Kunsill tal-Ministri, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, jista' jindirizza r-rakkomandazzjonijiet neċessarji lill-Istat Membru kkonċernat. Il-Kunsill tal-Ministri, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jiddeċiedi li jagħmel pubbliċi r-rakkomandazzjonijiet tiegħu.

Fil-qasam ta' l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi mingħajr ma jieħu kont tal-vot tar-rappreżentant ta' l-Istat Membru kkonċernat, u maġġoranza kkwalifikata għandha tiġi definita bħala l-maġġoranza tal-voti ta' Stati Membri oħra, u tirrapreżenta mill-inqas tlieta minn ħamsa tal-popolazzjoni tagħhom.

5. Il-President tal-Kunsill tal-Ministri u l-Kummissjoni għandhom jirrapportaw lill-Parlament Ewropew dwar ir-riżultati ta' sorveljanza multilaterali. Il-President tal-Kunsill tal-Ministri jista' jkun mistieden jidher quddiem il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jekk il-Kunsill tal-Ministri ikun għamel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu pubbliċi.

6. Liġijiet Ewropej jistgħu jistabilixxu regoli dettaljati għall-proċedura ta' sorveljanza multilaterali msemmija fil-paragrafi 3 u 4.

Artikolu III-72

1. Mingħajr preġudizzju għal xi proċeduri oħra previsti mill-Kostituzzjoni, il-Kunsill tal-Ministri, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tistabilixxi l-miżuri approprjati għas-sitwazzjoni ekonomika, b' mod partikolari jekk jinħolqu diffikultajiet serji fil-provvista ta' ċerti prodotti.

2. Meta Stat Membru jkun f' diffikultajiet jew ikun mhedded serjament b' diffikultajiet serji kkawżati minn diżastri naturali jew ġrajjiet eċċezzjonali lil hinn mill-kontroll tiegħu,il-Kunsill tal-Ministri, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tagħti, taħt ċerti kondizzjonijiet, assistenza finanzjarja ta' l-Unjoni lill-Istat Membru kkonċernat. Il-President tal-Kunsill tal-Ministri għandu jinforma lill-Parlament Ewropew bid-deċiżjoni adottata.

## Artikolu III-73

1. Faċilitajiet ta' *overdraft* jew kull tip ieħor ta' faċilità ta' kreditu mal-Bank Ċentrali Ewropew jew mal-banek ċentrali ta' l-Istati Membri, hawnhekk iżjed 'il quddiem magħrufa bħala "banek ċentrali nazzjonali") a favur ta' istituzzjonijiet, korpi, jew aġenziji ta' l-Unjoni, gvernijiet ċentrali, awtoritajiet reġjonali, lokali jew oħrajn pubbliċi, korpi oħra rregolati mil-liġi pubblika, jew intrapriżi pubbliċi ta' Stati Membri għandhom jiġu pprojbiti, bħalma jkun ix-xiri direttament minnhom mill-Bank Ċentrali Ewropew jew banek ċentrali nazzjonali, ta' titoli ta' debitu.

2. Il-Paragrafu 1 m' għandux japplika għal istituzzjonijiet ta' kreditu ta' prorjetà pubblika, li, fil-kuntest tal-provvista ta' riżervi min banek ċentrali, għandhom jingħataw l-istess trattament minn banek ċentrali nazzjonali u mill-Bank Ċentrali Ewropew bħala istituzzjonijiet privati ta' kreditu.

## Artikolu III-74

1. Kull miżura jew disposizzjoni, mhux ibbażata fuq konsiderazzjonijiet prudenti, li tistabilixxi aċċess privileġġjat minn istituzzjonijiet, korpi jew aġenziji ta' l-Unjoni, gvernijiet ċentrali, reġjonali, lokali jew awtoritajiet pubbliċi oħrajn, korpi oħrajn irregolati mill-liġi pubblika, jew intrapriżi pubbliċi ta' Stati Membri lill-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jiġu pprojbiti

2. Il-Kunsill tal-Ministri, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej li jispeċifikaw definizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-projbizzjoni msemmija fil-paragrafu 1. Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

## Artikolu III-75

1. L-Unjoni m'għandhiex tidħol responsabbli għal jew tassumi l-impenni ta' gvernijiet ċentrali, awtoritajiet reġjonali, lokali jew oħrajn pubbliċi, korpi oħra rregolati mil-liġi pubblika, jew intrapriżi pubbliċi ta' kull Stat Membru, mingħajr preġudizzju għal garanziji reċiproċi finanzjarji għall-eżekuzzjoni konġunta ta' proġett speċifiku. Stat Membru m' għandux jidħol responsabbli għal jew jassumi l-impenni ta' gvernijiet ċentrali, awtoritajiet reġjonali, lokali jew oħrajn pubbliċi, korpi oħrajn irregolati mill-liġi pubblika, jew intrapriżi pubbliċi ta' Stat Membru ieħor, mingħajr preġudizzju għal garanziji reċiproċi finanzjarji għall-eżekuzzjoni konġunta ta' proġett speċifiku.

2. Il-Kunsill tal-Ministri, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej li jispeċifikaw deċiżjonijiet għall-applikazzjoni tal-projbizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu III-73 u f' dan l-Artikolu. Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

Artikolu III-76

1. L-Istati Membri għandhom jevitaw *deficits* eċċessivi tal-gvern.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel monitoraġġ ta' l-iżvilupp tas-sitwazzjoni tal-budget u tal-ħażna ta' debitu tal-gvern fl-Istati Membri sabiex tidentifika żbalji kbar. B' mod partikolari għandha teżamina konformità mad-dixxiplina tal-budget a bażi taż-żewġ kriterji li ġejjin:

(a) jekk il-proporzjon tad-*deficit* ippjanat jew attwali tal-gvern għall-prodott gross domestiku jeċċedi valur ta' referenza, sakemm:

  (i) jew il-proporzjon ikun naqas sostanzjalment u kontinwament u jkun laħaq livell li jiġi qrib il-valur ta' referenza;

  (ii) jew, alternattivament, l-eċċess fuq il-valur ta' referenza jkun biss eċċezzjonali u temporanju u l-proporzjon jibqa' qrib il-valur ta' referenza;

(b) jekk il-proporzjon tad-debitu tal-gvern għall-prodott gross domestiku jeċċedi valur ta' referenza sakemm il-proporzjon ikun qed jonqos suffiċjentement u joqrob lejn il-valur ta' referenza b' pass soddisfaċenti.

Il-valuri ta' referenza huma speċifikati fil-Protokoll dwar il-proċedura tad-*deficit* eċċessiv.

3. Jekk Stat Membru ma jissodisfax il-ħtiġiet taħt kriterju wieħed jew it-tnejn li huma, il-Kummissjoni għandha tipprepara rapport. Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu wkoll jieħu kont ta' jekk id-*deficit* pubbliku jeċċedix l-infiq fuq l-investiment pubbliku u jieħu kont tal-fatturi kollha l-oħra rilevanti, inkluża l-pożizzjoni għal żmien medju ekonomika u tal-budget ta' l-Istat Membru.

Il-Kummissjoni tista' wkoll tipprepara rapport jekk, minkejja is-sodisfazzjon tal-ħtiġiet li joħorġu mill-kriterji, tqis li hemm riskju ta' *deficit* eċċessiv fi Stat Membru.

4. Il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju għandu jifformula opinjoni dwar ir-rapport tal-Kummissjoni.

5. Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li *deficit* eċċessiv fi Stat Membru jeżisti jew jista' jseħħ, għandha tindirizza opinjoni lill-Istat Membru kkonċernat.

6. Il-Kunsill tal-Ministri għandu, fuq proposta mill-Kummissjoni, wara li jkun ikkunsidra kull osservazzjoni li l-Istat Membru kkonċernat jista' jixtieq li jagħmel u wara stima globali, jiddeċiedi jekk jeżistix *deficit* eċċessiv. F' dak il-każ għandu jadotta, skond l-istess proċeduri, rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Istat Membru kkonċernat bl-iskop li dik is-sitwazzjoni tiġi fit-tmiem f' perjodu partikolari. Salv il-paragrafu 8, dawk ir-rakkomandazzjonijiet m'għandhomx ikunu magħmula pubbliċi.

Fil-kwadru ta' dan il-paragrafu, il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi mingħajr ma jieħu kont tal-vot tar-rappreżentant ta' l-Istat Membru kkonċernat, u maġġoranza kkwalifikata għandha tkun definita bħala l-maġġoranza tal-voti ta' l-Istati Membri l-oħra u tirrappreżenta mill-inqas tlieta minn ħamsa tal-popolazzjoni tagħhom.

7. Il-Kunsill tal-Ministri, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, għandu jadotta d-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet Ewropej imsemmija fil-paragrafi 8 sa 11. Għandu jaġixxi mingħajr ma jieħu kont tal-vot tar-rappreżentant ta' l-Istat Membru kkonċernat, u maġġoranza kkwalifikata għandha tiġi definita bħala l-maġġoranza ta' l-Istati Membri l-oħra, u tirrapreżenta mill-inqas tlieta minn ħamsa tal-popolazzjoni tagħhom.

8. Meta jistabilixxi li ma kien hemm ebda azzjoni effettiva bħala tweġiba għar-rakkomandazzjonijiet tiegħu fil-perjodu stabbilit, il-Kunsill tal-Ministri jista' jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu pubbliċi.

9. Jekk Stat Membru jippersisti f' nuqqas li jqiegħed fil-prattika r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ministri, il-Kunsill tal-Ministri jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tagħti notifika lill-Istat Membru biex jieħu, f' limitu ta' żmien speċifikat, passi għat-tnaqqis tad-*deficit* li huwa ġġudikat neċessarju mill-Kunsill tal-Ministri sabiex tiġi rrimedjata s-sitwazzjoni.

F' dan il-każ, il-Kunsill tal-Ministri jista' jitlob lill-Istat Membru kkonċernat biex jissottometti rapporti skond skeda taż-żmien speċifika sabiex jiġu eżaminati l-isforzi ta' aġġustament ta' dak l-Istat Membru.

10. Sakemm Stat Membru jonqos li jikkonforma ma' deċiżjoni Ewropea adottata skond il-paragrafu 9, il-Kunsill tal-Ministri jista' jiddeċiedi li japplika jew, skond il-każ, jintensifika miżura waħda jew iktar minn dawn li ġejjin:

(a) jeħtieġ lill-Istat Membru kkonċernat biex jippubblika informazzjoni addizzjonali, li għandha tiġi speċifikata mill-Kunsill tal-Ministri, qabel ma joħorġu l-*bonds* u t-titoli;

(b) jistieden lill-Bank Ewropew ta' l-Investiment biex jerġa' jikkunsidra l-politika ta' self tiegħu lill-Istat Membru kkonċernat;

(ċ) jeħtieġ lill-Istat Membru kkonċernat biex jagħmel depożitu li ma jrendix imgħax ta' ammont xieraq ma' l-Unjoni sakemm il-Kunsill tal-Ministri jikkunsidra li d-*deficit* eċċessiv ġie korrett;

(d) jimponi multi ta' ammont xieraq.

Il-President tal-Kunsill tal-Ministri għandu jinforma lill-Parlament Ewropew bil-miżuri adottati.

11. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jabroga ftit mill-miżuri jew il-miżuri kollha msemmija fil-paragrafu 6 u fil-paragrafi 8 sa 10 jekk jikkunsidra li d-*deficit* eċċessiv fl-Istat Membru kkonċernat ikun ġie korrett. Jekk il-Kunsill tal-Ministri ikun qabel għamel rakkomadazzjonijiet pubbliċi, għandu jiddikjara pubblikament malli d-deċiżjoni taħt il-paragrafu 8 tkun ġiet abrogata, li ma jeżistix iktar *deficit* eċċessiv fl-Istat Membru kkonċernat.

12. Id-drittijiet biex jinġjiebu azzjonijiet previsti fl-Artikoli III-265 u III-266 ma jistgħux jiġu eżerċitati fil-kwadru tal-paragrafi 1 sa 6 jew il-paragrafi 8 u 9.

13. Disposizzjonijiet oħra li jirrelataw għall-implimentazzjoni tal-proċedura deskritta f' dan l-Artikolu huma stabbiliti fil-Protokoll dwar il-proċedura tad-*deficit* eċċessiv.

Liġi Ewropea tal-Kunsill tal-Ministri għandha tistabilixxi l-miżuri xierqa biex jissostitwixxu l-Protokoll imsemmi. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi unanimament wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u l-Bank Ċentrali Ewropew.

Salv għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan il-paragrafu, il-Kunsill tal-Ministri, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej li jistabilixxu regoli u definizzjonijiet dettaljati għall-applikazzjoni tal-Protokoll imsemmi. Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

## SEZZJONI 2

## IL-POLITIKA MONETARJA

### Artikolu III-77

1. Il-mira primarja tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali għandha tkun li tinżamm l-istabbilità tal-prezzijiet. Mingħajr preġudizzju għal din il-mira, is-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali għandha tappoġġa l-politiki ekonomiċi ġenerali fl-Unjoni sabiex tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-miri tagħha kif stabbilit fl-Artikolu I-3. Is-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali għandha taġixxi skond il-prinċipju ta'ekonomija ta' suq miftuħ b' kompetizzjoni libera, li tiffavorixxi allokazzjoni effiċjenti ta' riżorsi, u in konformità mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu III-69.

2. Il-kompiti fondamentali li għandhom jitwettqu fis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali għandhom ikunu:

(a) li tiġi definita u implimentata l-politika monetarja ta' l-Unjoni;

(b) li jiġu mwettqa operazzjonijiet ta' kambju konsisteni ma' l-Artikolu III-228;

(ċ) li jinżammu u jiġu amministrati r-riżervi uffiċjali barranin ta' l-Istati Membri;

(d) li tiġi promossa l-operazzjoni bla xkiel ta' sistemi ta' pagament.

3. Il-Paragrafu 2(ċ) għandu jkun mingħajr preġudizzju għal li jinżammu u jiġu amministrati mill-gvernijiet ta' Stati Membri bilanċi operattivi ta' kambju.

4. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jiġi kkonsultat:

(a) dwar kull att propost ta' l-Unjoni fl-oqsma ta' kompetenza tiegħu;

(b) minn awtoritajiet nazzjonali fir-rigward ta' kull abbozz ta' disposizzjoni leġislattiva fl-oqsma ta' kompetenza tiegħu, imma fil-limiti u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti mill-Kunsill tal-Ministri skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu III-79(6).

Il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jissottometti opinjonijiet lill-istituzzjonijiet, korpi jew aġenziji ta' l-Unjoni jew lil awtoritajiet nazzjonali dwar kwistjonijiet fl-oqsma ta' kompetenza tiegħu.

5. Is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali għandha tikkontribwixxi għall-kondotta bla xkiel ta' politiki mwettqa minn awtoritajiet kompetenti li jirrelataw għall-kontroll prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istabilità tas-sistema finanzjarja.

6. Liġijiet Ewropej jistgħu jagħtu lill-Bank Ċentrali Ewropew dmirijiet speċifiċi li jikkonċernaw politiki li jirrelataw għall-kontroll prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji oħra bl-eċċezzjoni ta' intrapriżi ta' l-assigurazzjoni. Dawn il-liġijiet għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew.

Artikolu III-78

1. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jkollu d-dritt esklużiv li jawtorizza l-ħruġ ta' karti tal-flus Ewro fl-Unjoni. Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu joħorġu dawn il-karti. Biss il-karti tal-flus maħruġa mill-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali għandu jkollhom l-*istatus* ta' kors legali fl-Unjoni.

2. L-Istati Membri jistgħu joħorġu muniti ewro soġġetti għal approvazzjoni mill-Bank Ċentrali Ewropew tal-volum tal-ħruġ. Il-Kunsill tal-Ministri, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta regolamenti Ewropej li jistabilixxu miżuri għall-armonizzazzjoni tad-denominazzjonijiet u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti kollha maħsuba għal ċirkolazzjoni sal-limitu neċessarju biex tkun permessa ċ-ċirkolazzjoni bla xkiel fl-Unjoni. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u l-Bank Ċentrali Ewropew.

Artikolu III-79

1. Is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali għandha tkun komposta mill-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali.

2. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jkollu personalità ġuridika.

3. Is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali għandha tiġi rregolata mill-korpi li jieħdu d-deċiżjonijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew, li għandhom ikunu l-Kunsill Governattiv u l-Bord eżekuttiv.

4. L-istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali huwa stabbilit fil-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u l-Bank Ċentrali Ewropew.

5. L-Artikoli 5.1, 5.2, 5.3, 17, 18, 19.1, 22, 23, 24, 26, 32.2, 32.3, 32.4, 32.6, 33.1(a) u 36 ta' l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u l-Bank Ċentrali Ewropew jistgħu jiġu emendati b' liġijiet Ewropej;

(a) jew fuq proposta mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew;

(b) jew fuq rakkomandazzjoni mill-Bank Ċentrali Ewropew wara konsultazzjoni tal-Kummissjoni.

6. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jadotta r-regolamenti u d-deċiżjonijiet Ewropej li jistabilixxu l-miżuri msemmija fl-Artikoli 4, 5.4, 19.2, 20, 28.1, 29.2, 30.4 u 34.3 ta' l-Istatut tas-Sistema ta' Banek Ċentrali Ewropej u tal-Bank Ċentrali Ewropew. Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

(a) jew fuq proposta mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew;

(b) jew fuq rakkomandazzjoni mill-Bank Ċentrali Ewropew wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni.

Artikolu III-80

Meta jeżerċitaw il-poteri u t-twettieq tad-dmirijiet mogħtija lilhom mill-Kostituzzjoni u mill-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, la l-Bank Ewropew ta' l-Investiment, la bank ċentrali nazzjonali, la kwalunkwe membru tal-korpi tagħhom li jieħdu d-deċiżjonijiet ma għandhom ifittxu jew jieħdu istruzzjonijiet minn istituzzjonijiet, korpi jew aġenziji ta' l-Unjoni, minn kwalunkwe gvern ta' Stat Membru jew minn xi korp ieħor. L-istituzzjonijiet, il-korpi jew l-aġenziji ta' l-Unjoni u l-gvernijiet ta' l-Istati Membri jimpenjaw rwieħhom li jirrispettaw dan il-prinċipju u li ma jfittxux li jinfluwenzaw membri tal-korpi li jieħdu deċiżjonijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew jew tal-banek ċentrali nazzjonali fit-twettieq tad-dmirijiet tagħhom.

Artikolu III-81

Kull Stat Membru għandu jassigura li l-leġislazzjoni nazzjonali tiegħu, inklużi l-istatuti tal-bank ċentrali nazzjonali tiegħu, huma kompatibbli mal-Kostituzzjoni u l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew.

Artikolu III-82

1. Sabiex iwettaq il-kompiti mogħtija lis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu, skond il-Kostituzzjoni u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, jadotta:

(a) regolamenti Ewropej sa fejn neċessarji biex jiġu implimentati l-kompiti definiti fl-Artikolu 3.1, l-ewwel inċiż, l-Artikoli 19.1, 22 u 52 ta' l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew u f' każijiet li għandhom jiġu stabbiliti fir-regolamenti u d-deċiżjonijiet Ewropej kif imsemmija fl-Artikolu III-79(6);

(b) deċiżjonijiet Ewropej neċessarji għat-twettieq tal-kompiti mogħtija lis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali taħt il-Kostituzzjoni u l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew;

(ċ) rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet.

2. Il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jiddeċiedi li jippubblika d-deċiżjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet u l-opinjonijiet Ewropej tiegħu.

3. Il-Kunsill tal-Ministri għandu, taħt il-proċedura stabbilita fl-Artikolu III-79(6), jadotta r-regolamenti Ewropej li jistabilixxu l-limiti u l-kondizzjonijiet li taħthom il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jkun intitolat li jimponi multi jew pagamenti perjodiċi ta' penali fuq intrapriżi għal nuqqas li jikkonformaw ma' obbligi taħt ir-regolamenti u d-deċiżjonijiet Ewropej tiegħu.

Artikolu III-83

Mingħajr preġudizzju għall-poteri tal-Bank Ċentrali Ewropew, liġi Ewropea jew liġi kwadru għandhom jistabilixxu l-miżuri neċessarji għall-użu ta' l-ewro bħala l-munita singola ta' l-Istati Membri. Din il-liġi jew liġi kwadru għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew.

## SEZZJONI 3

## DISPOSIZZJONIJIET ISTITUZZJONALI

### Artikolu III-84

1. Il-Kunsill tal-gvernaturi tal-Bank Ċentrali Ewropew huwa kompost mill-membri tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew u mill-Gvernaturi tal-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Istat Membri bla deroga kif imsemmi fl-Artikolu III-91.

2. (a) Il-Bord Eżekuttiv għandu jkun kompost mill-President, mill-Viċi-President u minn erba' membri oħra.

(b) Il-President, il-Viċi-President u l-membri l-oħra tal-Bord Eżekuttiv għandhom jinħatru minn fost persuni ta' fama rikonoxxuta u esperjenza professjonali f' materji monetarji jew bankarji b'kunsens komuni tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri fuq livell tal-Kapijiet ta' l-Istat jew Gvern, fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill tal-Ministri, wara li jkun ikkonsulta l-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Gvernaturi tal-Bank Ċentrali Ewropew.

Il-mandat tagħhom għandu jkun għal tmien snin u m' għandux jiġġedded.

Ċittadini ta' Stati Membri biss jistgħu ikunu membri tal-Bord Eżekuttiv.

### Artikolu III-85

1. Il-President tal-Kunsill tal-Ministri u membru tal-Kummissjoni jistgħu jipparteċipaw, mingħajr ma jkollhom id-dritt għall-vot, f' laqgħat tal-Kunsill tal-Gvernaturital-Bank Ċentrali Ewropew.

Il-President tal-Kunsill tal-Ministri jista' jissottometti mozzjoni għad-deliberazzjoni lill-Kunsill tal-Gvernaturi tal-Bank Ċentrali Ewropew.

2. Il-President tal-Bank Ċentrali Ewropew għandu jkun mistieden jipparteċipa fil-laqgħat tal-Kunsill tal-Ministri meta jkun qed jiddiskuti kwistjonijiet li jirrelataw għall-miri u d-dmirijirt tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali.

3. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jibgħat rapport annwali dwar l-attivitajiet tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u dwar il-politika monetarja tas-sena kemm preċedenti kif ukoll dik kurrenti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill tal-Ministri u lill-Kummissjoni, u wkoll lill-Kunsill Ewropew. Il-President tal-Bank Ċentrali Ewropew għandu jippreżenta dan ir-rapport lill-Kunsill tal-Ministri u lill-Parlament Ewropew, li jista' jkollhom dibattitu ġenerali fuq dik il-bażi.

Il-President tal-Bank Ċentrali Ewropew u l-membri l-oħra tal-Bord Eżekuttiv jistgħu, fuq it-talba tal-Parlament Ewropew jew fuq l-inizjattiva proprja tagħhom, jinstemgħu mill-kumitati kompetenti tal-Parlament Ewropew.

## Artikolu III-86

1. Sabiex tiġi promossa koordinazzjoni tal-politiki ta' Stati Membri sa fejn neċessarju għall-funzjonament tas-suq intern, huwa stabbilit Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju.

2. Il-Kumitat għandu jkollu d-dmirijiet li ġejjin:

(a) li jagħti opinjonijiet fuq talba tal-Kunsill tal-Ministri jew tal-Kummissjoni, jew fuq l-inizjattiva proprja, għal sottomissjoni għal dawk l-istituzzjonijiet;

(b) li jżomm taħt reviżjoni s-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja ta' l-Istati Membri u ta' l-Unjoni u li jirrapporta dwarha regolarment lill-Kunsill tal-Ministri u lill-Kummissjoni, b' mod partikolari fir-rigward ta' relazzjonijiet finanzjarji ma' pajjiżi terzi u istituzzjonijiet internazzjonali;

(ċ) mingħajr preġudizzju għall-Artikolu III-247, li jikkontribiwxxi għall-preparazzjoni tax-xogħol tal-Kunsill tal-Ministri imsemmi fl-Artikolu III-48, Artikolu III-71(2), (3), (4) u (6), Artikoli III-72, III-74, III-75 u III-76, Artikolu III-77(6), Artikolu III-78(2), Artikolu III-79(5) u (6), Artikoli III-83 u III-90, Artikolu III-92(2) u (3), Artikolu III-95, Artikolu III-96(2) u (3) u Artikoli III-224 u III-228, u li jwettaq kompiti oħra konsultattivi u preparatorji mogħtija lilu mill-Kunsill tal-Ministri;

(d) li jeżamina, mill-inqas darba f' sena, is-sitwazzjoni li tirrigwarda l-moviment ta' kapital u l-libertà ta' pagamenti, kif jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' l-atti tal-Kostituzzjoni u ta' l-Unjoni; l-eżami għandu jkopri l-miżuri kollha li jirrelataw maċ-ċirkolazzjoni tal-kapital u l-libertà tal-pagamenti; il-Kumitat għandu jirrapporta lill-Kummissjoni u lill-Kunsill tal-Ministri dwar ir-riżultat ta' dan l-eżami.

Kull wieħed mill-Istati Membri , mill-Kummissjoni u mill-Bank Ċentrali Ewropew għandu jaħtar mhux iktar minn żewġ membri tal-Kumitat.

3. Il-Kunsill tal-Ministri, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tistabilixxi disposizzjonijiet dettaljati li jikkonċernaw il-kompożizzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju. Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew u l-Kumitat. Il-President tal-Kunsill tal-Ministri għandu jinforma lill-Parlament Ewropew b' dik id-deċiżjoni.

4. B' żieda mad-dmirijiet stabbiliti fil-paragrafu 2, jekk u sakemm hemm Stati Membri b' deroga kif imsemmi fl-Artikolu III-91, il-Kumitat għandu jżomm taħt reviżjoni s-sitwazzjoni monetarja u finanzjarja u s-sistema ta' pagamenti ġenerali ta' dawk l-Istati Membri u jirrapporta regolarment lill-Kunsill tal-Ministri u lill-Kummissjoni dwar il-kwistjoni.

## Artikolu III-87

Għall-kwistjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu III-71(4), l-Artikolu III-76 bl-eċċezzjoni tal-paragrafu 13, l-Artikoli III-83, III-90 u III-91, l-Artikolu III-92(3) u l-Artikolu III-228, il-Kunsill tal-Ministri jew Stat Membru jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni biex tagħmel rakkomandazzjoni jew proposta, kif xieraq. Il-Kummissjoni għandha teżamina din it-talba u tissottometti l-konklużjonijiet tagħha lill-Kunsill tal-Ministri mingħajr dewmien.

SEZZJONI 3a

DISPOSIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-ISTATI MEMBRI LI HUMA PARTI MIŻ-ŻONA TA' L-EWRO

Artikolu III-88

1. Sabiex jiġi assigurat li l-unjoni ekonomika u monetarja topera sewwa, u skond id-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kostituzzjoni, għandhom jiġu adottati miżuri speċifiċi għal dawk l-Istati Membri li huma membri taż-żona ta' l-ewro, sabiex:

(a) jissaħħu l-koordinazzjoni tad-dixxiplina tal-*budget* tagħhom u s-sorveljanza tagħha;

(b) jiġu stabbiliti linji gwida ta' politika ekonomika għalihom, waqt li jkun assigurat li huma kompatibbli ma' dawk adottati għall-Unjoni kollha u jinżammu taħt sorveljanza.

2. Għal dawk il-miżuri stabbiliti fil-paragrafu 1, biss Membri tal-Kunsill tal-Ministri li jirrappreżentaw Stati Membri li huma parti miż-żona ta' l-ewro għandhom jivvutaw. Maġġoranza kkwalifikata għandha tiġi definita bħala l-maġġoranza tal-voti tar-rappreżentanti ta' l-Itati Membri li huma parti miż-żona ta' l-ewro, li jirrappreżentaw mill-inqas tlieta minn ħamsa tal-popolazzjoni tagħħom. L-Unanimità ta' dawk il-membri tal-Kunsill tal-Ministri għandha tkun meħtieġa għal att li jeħtieġ l-unanimità.

Artikolu III-89

Arranġamenti għal laqgħat bejn ministri ta' dawk l-Istati Membri li huma parti miż-żona ta' l-ewro għandhom jiġu stabbiliti fil-Protokoll dwar il-Grupp ta' l-Ewro.

Artikolu III-90

1. Sabiex jiġi assigurat il-post ta' l-ewro fis-sistema monetarja internazzjonali, il-Kunsill tal-Ministri, fuq proposta mill-Kummissjoni u wara li jikkonsulta lill-Bank Ċentrali Ewropew, għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tistabilixxi pożizzjonijiet komuni dwar materji ta' interess partikolari għall-unjoni ekonomika u monterja fl-istituzzjonijiet u l-konferenzi kompetenti finanzjarji internazzjonali.

2. Għall-miżuri msemmija fil-paragrafu 1, biss Membri tal-Kunsill tal-Ministri li jirrappreżentaw Stati Membri li huma parti miż-żona ta' l-ewro għandhom jivvutaw. Il-Maġġoranza kkwalifikata għandha tiġi definita bħala l-maġgoranza tal-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri li huma parti miż-żona ta' l-ewro, u li jirrappreżentaw mill-inqas tlieta minn ħamsa tal-popolazzjoni tagħhom. L-Unanimità ta' dawk il-membri tal-Kunsill tal-Ministri għandha tkun meħtieġa għal att li jeħtieġ l-unanimità.

3. Il-Kunsill tal-Ministri fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta miżuri approprjati sabiex jassigura rappreżentazzjoni unifikata fl-istituzzjonijiet u l-konferenzi internazzjonali finanzjarji. Id-disposizzjonijiet ta' proċedura tal-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw.

SEZZJONI 4

DISPOSIZZJONIJIET TRANSITORJI

Artikolu III-91

1. L-Istati Membri li l-Kunsill tal-Ministri ikun iddeċieda li ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet neċessarji għall-adozzjoni ta' l-ewro għandhom hawnhekk iżjed 'il quddiem jiġu magħrufa bħala "Stati Membri b' deroga".

2. Id-disposizzjonijiet li ġejjin tal-Kostituzzjoni m' għandhomx japplikaw għal Stati Membri b' deroga:

(a) l-adozzjoni tal-partijiet tal-linji gwida wiesa' ta' politika ekonomika li jikkonċernaw iż-żona ta' l-ewro in ġenerali (Artikolu III-71(2));
(b) mezzi koerċivi ta' rimedju ta' *deficits* eċċessivi (Artikolu III-76(9) u (10));
(ċ) il-miri u d-dmirijiet tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (Artikolu III-77(1), (2), (3) u (5));
(d) l-emissjoni ta' l-ewro (Artikolu III-78);
(e) l-atti tal-Bank Ċentrali Ewropew (Artikolu III-82);
(f) il-miżuri li jirregolaw l-użu ta' l-ewro (Artikolu III-83);
(g) il-ftehim monetarju u miżuri oħra li jirrelataw għall-politika tar-rata tal-kambju (Artikolu III-228);
(h) il-ħatra ta' membri tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew (Artikolu III-84(2)(b)).

Fl-Artikoli msemmija fuq, "Stati Membri" għandha għalhekk tfisser Stati Membri mingħajr deroga.

3. Taħt il-Kapitolu IX ta' l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, Stati Membri b' deroga u l-banek ċentrali nazzjonali tagħhom huma esklużi minn drittijiet u obbligi fis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali.

4. Id-drittijiet tal-vot ta' membri tal-Kunsill tal-Ministri li jirrappreżentaw Stati Membri b' deroga għandhom jiġu sospiżi għall-adozzjoni mill-Kunsill tal-Ministri tal-miżuri imsemmija fl-Artikoli elenkati fil-paragrafu 2. Il-Maġġoranza kkwalifikata għandha tiġi definita bħala maġġoranza tal-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri bla deroga, li tirrappreżenta mill-inqas tlieta minn ħamsa tal-popolazzjoni tagħhom. L-Unanimità ta' dawk l-Istati Membri għandha tkun meħtieġa għal kull att li jeħtieġ l-unanimità.

Artikolu III-92

1. Mill-inqas darba kull sentejn, jew fuq it-talba ta' Stat Membru b' deroga, il-Kummissjoni u l-Bank Ċentrali Ewropew għandhom jirrapportaw lill-Kunsill tal-Ministri dwar il-progress magħmul mill-Istati Membri b' deroga fit-twettiq ta' l-obbligi tagħhom li jirrigwardaw li tintlaħaq l-unjoni ekonomika u monetarja. Dawn ir-rapporti għandhom jinkludu eżami tal-kompatibilità bejn il-leġislazzjoni nazzjonali ta' kull wieħed minn dawn l-Istati Membri, inklużi l-istatuti tal-bank ċentrali nazzjonali tiegħu, u l-Artikoli III-80 u III-81 u l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew. Ir-rapporti għandhom ukoll jeżaminaw jekk ikunx intlaħaq grad għoli ta' konverġenza sostenibbli, billi janalizzaw sa fejn kull wieħed minn dawn l-Istati Membri jkun issodisfa l-kriterji li ġejjin:

(a) li jintlaħaq grad għoli ta' stabilità tal-prezz; dan ikun jidher minn rata ta' inflazzjoni li tkun qrib dik ta', fl-iktar, l-aħjar tlett Stati Membri fit-twettieq skond termini ta' stabilità tal-prezz;

(b) is-sostenibbiltà tal-pożizzjoni finanzjarja tal-gvern; dan ikun jidher f' li tkun intlaħhqet pożizzjoni governattiva tal-budget mingħajr *deficit* li jkun eċċessiv kif determinat skond l-Artikolu III-76(6);

(ċ) l-osservanza tal-marġini normali ta' varjazzjoni previsti mill-mekkaniżmu tar-rata tal-kambju għal mill-inqas sentejn, mingħajr żvalutazzjoni kontra l-ewro;

(d) id-durabilità tal-konverġenza milħuqa mill-Istat Membru b' deroga u tal-parteċipazzjoni tiegħu fil-mekkaniżmu tar-rata tal-kambju, li tkun riflessa fil-livelli ta' rata ta' imgħax għal terminu twil.

L-erba' kriterji msemmija f' dan il-paragrafu u l-perjodi rilevanti li tulhom għandhom jiġu rispettati huma żviluppati aktar fil-Protokoll dwar il-kriterji ta' konverġenza. Ir-rapporti tal-Kummissjoni u tal-Bank Ċentrali Ewropew għandhom ukoll jieħdu kont tar-riżultati ta' l-integrazzjoni tas-swieq, tas-sitwazzjoni u l-iżvilupp tal-bilanċi tal-pagamenti fuq il-kont kurrenti u ta' eżami ta' l-iżvilupp ta' spejjeż ta' l-unità tax-xogħol u ta' indiċi oħrajn tal-prezz.

2. Wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u wara diskussjoni fil-Kunsill Ewropew, il-Kunsill tal-Ministri, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tistabilixxi liema Stati Membri b' deroga jissodisfaw il-kondizzjonijiet neċessarji a bażi tal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1, u għandu jabroga d-derogi ta' l-Istati Membri kkonċernati.

3. Jekk jiġi deċiż, skond il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 2, li tiġi abrogata deroga, il-Kunsill tal-Ministri għandu, fuq proposta mill-Kummissjoni, bl-unanimità tal-membri li jirrappreżentaw Stati Membri mingħajr deroga u l-Istat Membru kkonċernat, jadottaw ir-regolamenti jew id-deċiżjonijiet Ewropej li irrevokabbilment jiffissaw ir-rata li biha l-ewro għandu jiġi sostitwit għall-munita ta' l-Istat Membru kkonċernat, u li jistabilixxu miżuri oħrajn neċessarji għall-introduzzjoni ta' l-ewro bħala l-munita singola f' dak l-Istat Membru. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew.

Artikolu III-93

1. Jekk u sakemm ikun hemm Stati Membri b' deroga, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu III-79(3), il-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew imsemmi fl-Artikolu 45 ta' l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew għandu jiġi kkostitwit bħala t-tielet korp tad-deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew.

2. Jekk u sakemm ikun hemm Stati Membri b' deroga, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu, fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri:

(a) isaħħaħ kooperazzjoni bejn il-banek ċentrali nazzjonali;

(b) isaħħaħ il-koordinazzjoni tal-politiki monetarji ta' l-Istati Membri, bl-iskop li tiġi assigurata stabbilità fil-prezz;

(ċ) jagħmel monitoraġġ tal-funzjonament tal-mekkaniżmu tar-rata tal-kambju;

(d) ikollu konsultazzjonijiet li jikkonċernaw kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-banek ċentrali nazzjonali u li jeffettwaw l-istabbilità ta' istituzzjonijiet u swieq finanzjarji;

(e) iwettaq il-funzjonijiet li kellu qabel il-Fond ta' Kooperazzjoni Monetarja Ewropea, illi qabel kienu vestiti fl-Istitut Monetarju Ewropew.

Artikolu III-94

Kull Stat Membru b' deroga għandu jittratta l-politika tar-rata tal-kambju tiegħu bħala kwistjoni ta' interess komuni. B' hekk, għandu jieħu kont ta' l-esperjenza fil-kooperazzjoni miksuba fil-qafas tal-mekkaniżmu tar-rata tal-kambju.

Artikolu III-95

1. Meta Stat Membru b' deroga ikollu diffikultajiet jew ikun mhedded b'mod serju b' diffikultajiet fir-rigward tal-bilanċ tal-pagamenti tiegħu jew bħala riżultat ta' skwilibriju ġenerali fil-bilanċ tal-pagamenti tiegħu, jew bħala riżultat tat-tipi ta' muniti għad-disposizzjoni tiegħu, u meta dawn id-diffikultajiet x' aktarx b' mod partikolari jipperikolaw il-funzjonament tas-suq intern jew l-implimentazzjoni tal-politika kummerċjali komuni, il-Kummissjoni għandha immedjatament tinvestiga l-pożizzjoni ta' l-Istat in kwistjoni u l-azzjoni li, bl-użu tal-mezzi kollha għad-disposizzjoni, dak l-Istat ikun ħa jew jista' jieħu skond il-Kostituzzjoni. Il-Kummissjoni għandha tiddikjara liema miżuri tirrakkomanda li l-Istat Membru kkonċernat għandu jadotta.

Jekk l-azzjoni meħuda minn Stat Membru b' deroga u l-miżuri suġġeriti mill-Kummissjoni ma jkunux suffiċjenti biex jegħlbu d-diffikultajiet li jkunu nħolqu jew li jheddu, il-Kummissjoni għandha, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, tirrakkomanda lill-Kunsill tal-Ministri l-għoti ta' assistenza reċiproka u l-metodi xierqa.

Il-Kumissjoni għandha żżomm lill-Kunsill tal-Ministri regolarment infurmat bis-sitwazzjoni u b' kif tevolvi.

2. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jagħti dik l-assistenza reċiproka; għandu jadotta regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropejli jistabilixxu l-kondizzjonijiet u d-dettalji ta' din l-assistenza, li tista' tieħu l-forma ta':

(a) azzjoni konċertata fl-organizzazzjonijiet l-oħra internazzjonali li għalihom l-Istati Membri b' deroga ikollhom id-dritt li jirrikorru;

(b) miżuri meħtieġa sabiex tiġi evitata deflezzjoni ta' kummerċ meta l-Istat Membru b' deroga li jkun f' diffikultajiet iżomm jew jerġa' jintroduċi restrizzjonijiet kwantitattivi kontra pajjiżi terzi;

(ċ) l-għoti ta' krediti limitati minn Stati Membri oħra, soġġett għall-kunsens tagħhom.

3. Jekk l-assistenza reċiproka rakkomandata mill-Kummissjoni ma tingħatax mill-Kunsill tal-Ministri jew jekk l-assistenza reċiproka mogħtija u l-miżuri meħuda huma insuffiċjenti, il-Kummissjoni għandha tawtorizza l-Istat Membru b' deroga li hu f' diffikultajit biex jieħu miżuri protettivi, li l-kondizzjonijiet u d-dettalji tagħhom għandha tiddeterminhom il-Kummissjoni

Din l-awtorizzazzjoni tista' tiġi revokata u dawn il-kondizzjonijiet u dettalji jistgħu jinbidlu mill-Kunsill tal-Ministri .

## Artikolu III-96

1. Meta titfaċċa kriżi f' daqqa fil-bilanċ tal-pagamenti u ma jiġix immedjatament adottat att fis-sens ta' l-Artikolu III-95(2), Stat Membru b' deroga jista', bhala prekawzjoni, jieħu l-miżuri protettivi neċessarji. Dawn il-miżuri għandhom jikkawżaw disturb mill-inqas possibbli fil-funzjonament tas-suq intern u m' għandhomx ikunu iktar wiesgħa fl-oqsma ta' l-applikazzjoni tagħhom milli hu strettament neċessarju sabiex jiġu rimedjati diffikultajiet li jkunu inħolqu f' daqqa.

2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra għandhom jiġu nformati b' dawn il-miżuri protettivi sa mhux iktar tard minn meta jidħlu fis-seħħ. Il-Kummissjoni tista' tirrakkomanda lill-Kunsill tal-Ministri l-għoti ta' assistenza reċiproka taħt l-Artikolu III-95.

3. Wara li l-Kummissjoni tkun tat opinjoni u l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju jkun ġie kkonsultat, il-Kunsill tal-Ministri jista' jadotta deċiżjoni li tistipula li l-Istat Membru kkonċernat għandu jemenda, jissospendi jew jabolixxi l-miżuri protettivi msemmija fuq.

## KAPITOLU III

## POLITIKI F’ OQSMA SPEĊIFIĊI OĦRA

SEZZJONI I

L-IMPIEG

Artikolu III-97

L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom, skond din is-Sezzjoni, jaħdmu lejn l-iżvilupp ta’ strateġija koordinata għal impieg u partikolarment għall-promozzjoni ta’ forza tax-xogħol li tkun kapaċi, mħarrġa u adattata biex tirrispondi għal bidla ekonomika bl-iskop li jintlaħqu l-miri definiti fl-Artikolu I-3.

Artikolu III-98

1. L-Istati Membri, permezz tal-politiki ta‘ l-impieg tagħhom, għandhom jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri msemmija fl-Artikolu III-97 b’ mod konsistenti tal-linji gwida wiesa’ tal-politiki ekonomiċi ta’ l-Istati Membri u ta’ l-Unjoni adottati skond l-Artikolu III-71(2).

2. L-Istati Membri, meta jqisu il-prattiki nazzjonali relatati mar-responsabbiltajiet ta’ sħab soċjali, għandhom iqisu l-promozzjoni ta’ l-impieg bħala kwistjoni ta’ interess komuni u għandhom jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom f’dan ir-rigward fil-Kunsill tal-Ministri , skond l-Artikolu III-100.

Artikolu III-99

1. L-Unjoni għandha tikkontribwixxi għal livell għoli ta’ impieg billi tinkoraġġixxi kooperazzjoni bejn Stati Membri u billi tappoġġa u, jekk neċessarju, tikkumplimenta l-azzjoni tagħhom. B’ hekk il-kompetenzi ta’l-Istati Membri għandhom jiġu rispettati.

2. Il-mira ta’ livell għoli ta’ mpjieg għandha tiġi kkunsidrata fil-formolazzjoni u l-implimentazzjoni ta’ politiki u attivitajiet ta’ l-Unjoni.

Artikolu III-100

1. Il-Kunsill Ewropew għandu kull sena jikkunsidra s-sitwazzjoni ta’ l-impieg fl-Unjoni u jadotta konklużjonijiet dwarha, fuq bażi ta’ rapport annwali konġunt mill-Kunsill tal-Ministri u mill-Kummissjoni.

2. Abbażi tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, il-Kunsill tal-Ministri, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu kull sena jadotta linji gwida li l-Istati Membri għandhom jieħdu kont tagħhom fil-politiki ta' l-impieg tagħhom. Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, mal-Kumitat tar-Reġjuni, mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u mal-Kumitat ta' l-Impieg.

Dawn il-linji gwida għandhom ikunu koerenti mal-linji gwida wiesgħa adottati skond l-Artikolu III-71(2).

3. Kull Stat Membru għandu jipprovdi lill-Kunsill tal-Ministri u lill-Kummissjoni b' rapport annwali dwar il-passi prinċipali meħuda ghall-implimentazzjoni tal-politika ta' l-impieg tiegħu fid-dawl tal-linji gwida għall-impieg kif imsemmija fil-paragrafu 2.

4. Il-Kunsill tal-Ministri, abbażi tar-rapporti msemmija fil-paragrafu 3 u wara li jkun irċieva l-opinjonijiet tal-Kumitat ta' l-Impieg, għandu kull sena jwettaq eżami ta' l-implimentazzjoni tal-politiki ta' l-impieg ta' l-Istati Membri fid-dawl tal-linji gwida għall-impieg. Il-Kunsill tal-Ministri, fuq rakkomandazzjoni minn dik il-Kummissjoni, jista' jadotta rakkomandazzjonijiet li għandu jindirizza lill-Istati Membri.

5. Abbażi tar-riżultati ta' dak l-eżami, il-Kunsill tal-Ministri u l-Kumissjoni għandhom jagħmlu rapport annwali konġunt lill-Kunsill Ewropew dwar is-sitwazzjoni ta' l-impieg u dwar l-implimentazzjoni tal-linji gwida għall-impieg.

## Artikolu III-101

Liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej jistgħu jistabilixxu miżuri inċentivi maħsuba biex jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni bejn Stati Membri u biex jappoġġaw l-azzjoni tagħhom fil-qasam ta' l-impieg permezz ta' inizjattivi mmirati biex jiżviluppaw skambji ta' informazzjoni u l-aħjar prattika, biex jipprovdu analiżi ta' paragun u konsultazzjoni kif ukoll biex jippromwovu approċċi innovattivi u biex jevalwaw esperjenzi, b' mod partikolari b' rikors lejn proġetti piloti. Għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

Dawn il-liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej m' għandhomx jinkludu l-armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri.

## Artikolu III-102

Il-Kunsill tal-Ministri għandu, b' maġġoranza sempliċi, jadotta deċiżjoni Ewropea li tistabilixxi Kumitat dwar l-Impieg bi *status* konsultattiv sabiex jippromwovi koordinazzjoni bejn Stati Memrbi dwar politiki ta' l-impieg u tas-suq tax-xogħol. Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

Id-dmirjiet tal-Kumitat għandhom ikunu:

(a) li jagħmel monitoraġġ tas-sitwazzjoni ta' l-impieg u tal-politiki ta' l-impieg fl-Istati Membri u fl-Unjoni;

(b) mingħajr preġudizzju għall-Artikolu III-247, li jifformula opinjonijiet fuq it-talba ta' jew il-Kunsill tal-Ministri jew il-Kummissjoni jew fuq l-inizjattiva prioprja tiegħu, u li jikkontribwixxi għall-preparazzjoni tal-proċeduri tal-Kunsill tal-Ministri msemmija fl-Artikolu III-100.

Fit-twettieq tal-mandat tiegħu, il-Kumitat għandu jikkonsulta s-sħab soċjali.

Kull Stat Membru u l-Kummissjoni għandhom jaħtru żewġ membri tal-Kumitat.

## SEZZJONI 2

## IL-POLITIKA SOĊJALI

### Artikolu III-103

L-Unjoni u l-Istati Membri konxji mid-drittijiet soċjali fondamentali kif stabbiliti fil-Karta Soċjali Ewropea ffirmata f' Torin fit-18 ta' Ottubru 1961 u fil-Karta Komunitarja ta' l-1989 dwar id-Drittijiet Soċjali Fondamentali tal-Ħaddiema, għandu jkollhom bħala l-miri tagħhom il-promozzjoni ta' l-impieg, it-titjib ta' kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol, sabiex jiġu ugwali fil-progress tagħhom waqt li jinżammu it-titjib, il-protezzjoni soċjali tajba, id-djalogu soċjali bejn is-sħab soċjali, l-iżvilupp ta' riżorsi umani li jġib miegħu livell għoli ta' mpjieg li jdum u l-ġlieda kontra l-esklużjoni.

Għal dan l-iskop l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jaġixxu waqt li jieħdu kont tal-forom varji ta' prattiki nazzjonali, b' mod partikolari fil-qasam ta' relazzjonijiet kontrattwali, u tal-bżonn li tinżamm il-kompetittività ta' l-ekonomija ta' l-Unjoni.

Huma jemmnu li dan l-iżvilupp ma jirriżultax biss mill-funzjonament tas-suq intern, li jiffavorixxi l-armonizzazzjoni ta' sistemi soċjali, imma wkoll mill-proċeduri previsti fil-kostituzzjoni u mill-approssimazzjoni tad-disposizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b' regolament jew b' azzjoni amministrattiva.

### Artikolu III-104

1. Bl-iskop li jintlaħqu l-miri ta' l-Artikolu III-103, l-Unjoni għandha tappoġġa u tikkumplimenta attivitajiet ta' l-Istati Membri fl-oqsma li ġejjin:

(a) it-titjib b' mod partikolari ta' l-ambjent tax-xogħol biex jipproteġi s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema;

(b) il-kondizzjonijiet tax-xogħol;

(ċ) is-sigurtà soċjali u l-protezzjoni soċjali tal-ħaddiema;

(d) il-protezzjoni ta' ħaddiema meta l-kuntratt ta' impieg tagħhom jiġi terminat;

(e) l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema;

(f) ir-rappreżentanza u d-difiża kollettiva ta' l-interessi ta' ħaddiema u impjegati, inkluża l-kodeterminazzjoni, salv il-paragrafu 6;

(g) il-kondizzjonijiet ta' l-impieg għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqgħodu b' mod legali f' territorju ta' l-Unjoni;

(h) l-integrazzjoni ta' persuni esklużi mis-suq tax-xogħol, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu III-183;

(i) l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fir-rigward ta' opportunitajiet fis-suq tax-xogħol u t-trattament fuq ix-xogħol;

(j) il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali;

(k) il-modernizzazzjoni ta' sistemi ta' protezzjoni soċjali mingħajr preġudizzju għall-punt (ċ).

2. Għal dan l-iskop:

(a) liġijiet jew ligijiet kwadru Ewropej jistgħu jistabilixxu miżuri maħsuba biex jinkoraġgixxu kooperazzjoni bejn Stati Membri permezz ta' inizjattivi mmirati lejn it-titjib tat-tagħrif, l-iżvilupp ta' skambji ta' informazzjoni u l-aħjar prattika, il-promozzjoni ta' approċċi innovattivi u il-valutazzjoni ta' esperjenzi, bl-esklużjoni ta' kull armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri.

(b) fl-oqsma msemmija fil-paragrafu 1(a) sa (i), liġijiet kwadru Ewropej jistgħu jistabilixxu ħtigiet minimi għall-implimentazzjoni gradwali, billi jitqiesu l-kondizzjonijiet u r-regoli tekniċi preżenti f' kull wieħed mill-Istati Membri. Dawn il-liġijiet kwadru Ewropej għandhom jevitaw li jimponu rbit amministrattiv, finanzjarju u legali b' tali mod li kien iżomm lura l-ħolqien u l-iżvilupp ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju.

Fil-każijiet kollha, dawn il-liġijiet jew il-liġijiet kwadru Ewropej għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

3. B' deroga mill-paragrafu 2, fl-oqsma msemmija fil-paragrfau 1(ċ), (d), (f) u (g), il-liġijiet jew il-liġijiet kwadru Ewropej għandhom jiġu adottati mill-Kunsill tal-Ministri waqt li jaġixxi unanimament wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

Il-Kunsill tal-Ministri jista', fuq proposta mill-Kummissjoni, jadotta deċiżjoni Ewropea li tagħmel il-proċedura ordinarja leġislattiva applikabbli għall-paragrafu 1(d), (f) u (g). Għandu jaġixxi unanimament wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

4. Stat Membru jista' jafda f' idejn is-sħab soċjali, fuq it-talba konġunta tagħhom, l-implimentazzjoni ta' liġijiet kwadru Ewropea adottati skond il-paragrafu 2.

F' dan il-każ, għandu jassigura li, sa mhux iktar tard mid-data li fiha liġi kwadru Ewropea għandha tiġi trasposta, is-sħab soċjali jkunu introduċew il-miżuri neċessarji permezz ta' ftehim, u l-Istat Membru kkonċernat ikun meħtieġ jieħu kull pass neċessarju li jippermettilu jkun f' pożizzjoni li jiggarantixxi r-riżultati imposti b' dik il-liġi kwadru.

5. Il-liġijiet Ewropej u l-liġijiet kwadru adottati skond dan l-Artikolu:

(a) m' għandhomx jeffettwaw id-dritt ta' Stati Membri li jiddefinixxu l-prinċipji fondamentali tas-sistemi tagħhom ta' sigurtà soċjali u m' għandhomx jeffettwaw b' mod sinifikattiv l-ekwilibriju finanzjarju tagħhom;

(b) m' għandhomx jipprevjenu lil kwalunkwe Stat Membru milli jżomm jew jintroduċi miżuri protettivi iktar stretti u kompatibbli mal-Kostituzzjoni.

6. Dan l-Artikolu m' għandux japplika għal remunerazzjoni, għad-dritt ta' assoċjazzjoni, għad-dritt għal *strike* jew għad-dritt għal *lock-out*.

Artikolu III-105.

1. Il-Kummissjoni għandu jkollha d-dmir li tippromwovi l-konsultazzjoni mas-sħab soċjali fil-livell ta' l-Unjoni u għandha tadotta kull miżura rilevanti biex tiffaċilita d-djalogu tagħhom billi tassigura sostenn ekwilibrat lill-partijiet.

2. Għal dan l-iskop, qabel ma tissottometti proposti fil-qasam tal-politika soċjali, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta s-sħab soċjali dwar id-direzzjoni possibbli ta' l-azzjoni ta' l-Unjoni.

3. Jekk, wara din il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni tikkunsidra li hija mixtieqa azzjoni mill-Unjoni, għandha tikkonsulta lis-sħab soċjali dwar il-kontenut tal-proposta maħsuba. Is-sħab soċjali għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni opinjoni dwar rakkomandazzjoni met jkun il-każ.

4. Fl-okkażjoni ta' din il-konsultazzjoni, is-sħab soċjali jistgħu jinfurmaw lill-Kummissjoni bix-xewqa tagħhom li jibdew il-proċess previst fl-Artikolu III-106. Id-dewmien tal-proċedura m' għandux jeċċedi disa' xhur, sakemm is-sħab soċjali ikkonċernati u l-Kummissjoni ma jiddeċiedux konġuntement li jestenduh.

Artikolu III-106

1. Jekk is-sħab soċjali ikunu jixtiequ dan, id-djalogu bejniethom fuq livell ta' l-Unjoni jista' jwassal għal relazzjonijiet kontrattwali, inklużi ftehim.

2. Ftehim konkluż fuq livell ta' l-Unjoni għandu jiġi implimentat jew skond il-proċeduri u l-prattiki speċifiċi għas-sħab soċjali u l-Istati Membri jew, fi kwistjonijiet koperti bl-Artikolu III-104, fuq it-talba konġunta tal-partijiet firmatarji, b' regolamenti jew deċiżjonijiet adottati mill-Kunsill tal-Ministri fuq proposta mill-Kummissjoni. Il-Parlament Ewropew għandu jiġi infurmat.

Meta l-ftehim in kwistjoni jikkontjeni disposizzjoni waħda jew iktar li jirrelataw għal waħda mill-oqsma li għalihom hi meħtieġa unanimità permezz ta' l-Artikolu III-104(3), il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi unanimament.

Artikolu III-107

Bl-iskop li jintlaħqu l-miri ta' l-Artikolu III-103 u mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra tal-Kostituzzjoni, il-Kummissjoni għandha tinkoraġġixxi kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u tiffaċilita l-koordinazzjoni ta' l-azzjoni tagħhom fl-oqsma kollha ta' politika soċjali taħt din is-Sezzjoni, partikolarment fi kwistjonijiet li jirrelataw għal:

(a) l-impieg;

(b) il-liġi tax-xogħol u l-kondizzjonijiet tax-xogħol;

(ċ) t-taħriġ professjonali bażiku u avvanzat;

(d) s-sigurtà soċjali;

(e) l-prevenzjoni ta' inċidenti u mard assoċjat max-xogħol;

(f) l-iġjene fuq ix-xogħol;

(g) d-dritt ta' assoċjazzjoni u negozjar kollettiv bejn min jimpjiega u l-ħaddiema.

Għal dan l-iskop, il-Kummissjoni għandha taġixxi f' kuntatt mill-qrib bejn Stati Membri billi tagħmel studji, tagħti opinjonijiet, u torganizza konsultazzjonijiet kemm dwar problemi li jinħolqu fuq livell nazzjonali u kemm dawk li jikkonċernaw organizzazzjonijiet internazzjonali, b' mod partikolari inizjattivi li jimmiraw lejn l-istabbiliment ta' linji gwida u indikaturi, l-organizzazzjoni ta' skambju ta' l-aħjar prattika, u l-preparazzjoni ta' l-elementi neċessarji għal monitoraġġ u valutazzjoni perjodiċi. Il-Parlament Ewropew għandu jinżamm kompletament infurmat.

Qabel ma tagħti opinjonijiet previsti f' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

Artikolu III-108

1. Kull Stat Membru għandu jassigura li l-prinċipju ta' paga ugwali għal ħaddiema irġiel u nisa għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali jiġi applikat.

2. Għall-iskop ta' dan l-Artikolu, "paga" tfisser il-paga jew is-salarju ordinarju bażiku jew minimu u kull remunerazzjoni oħra, kemm jekk fi flus jew in natura, li l-ħaddiem jirċievi direttament jew indirettament, fir-rigward ta' l-impieg tiegħu, mingħand min jimpjegah.

Paga ugwali mingħajr diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess tfisser:

(a) li dik il-paga għall-istess xogħol bl-imqieta għandha tiġi kkalkolata abbażi ta' l-istess unità ta' kejl;

(b) li l-paga għal xogħol b' rati ta' ħin għandha tkun l-istess għall-istess impieg.

3. Liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej għandhom jistabilixxu miżuri sabiex jassiguraw l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali u trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impieg u xogħol, inkluż il-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali. Għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

4. Bl-iskop li tiġi assigurata ugwaljanza sħiħa fil-prattika bejn irġiel u nisa-fil-ħajja tax-xogħol, il-prinċipju ta' trattament ugwali m'għandux jipprevjeni lil xi Stat Membru milli jżomm jew jadotta miżuri li jipprovdu għal vantaġġi speċifiċi sabiex tkun iktar faċli għas-sess l-inqas irrappreżentat li jwettaq attività professjonali jew jipprevjeni jew jikkumpensa għal żvantaġġi, f' karrieri professjonali.

Artikolu III-109

Stati Membri għandhom jippruvaw iżommu l-ekwivalenza eżistenti bejn skemi mħallsa ta' vaganzi.

Artikolu III-110

Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport kull sena dwar progress f' li jintlaħqu l-miri ta' l-Artikolu III-103, inkluża s-sitwazzjoni demografika fl-Unjoni. Għandha tgħaddi r-rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill tal-Ministri u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

Artikolu III-111

Il-Kunsill tal-Ministri għandu, b' maġġoranza sempliċi, jadotta deċiżjoni Ewropea li tistabilixxi Kumitat ta' Protezzjoni soċjali bi *status* konsultattiv biex jippromwovi kooperazzjoni dwar politiki ta' protezzjoni soċjali bejn Stati Membri u mal-Kummissjoni. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

Il-kompiti tal-Kumitat għandhom ikunu:

(a) li jagħmel monitoraġġ tas-sitwazzjoni u l-iżvilupp ta' politiki ta' protezzjoni soċjali fl-Istati Membri u fl-Unjoni;

(b) li jippromwovi skambji ta' informazzjoni, esperjenza u prattika tajba bejn l-Istati Membri u mal-Kummissjoni;

(ċ) mingħajr preġudizzju għall-Artikolu III-247, li jipprepara rapporti, jifformula opinjonijiet jew jagħmel xogħol ieħor fl-oqsma ta' kompetenza tiegħu, fuq it-talba ta' kemm tal-Kunsill tal-Ministri kemm tal-Kummissjoni kemm fuq l-inizjattiva proprja tiegħu.

Fit-twettieq tal-mandat tiegħu, il-Kumitat għandu jistabilixxi kuntatti xierqa mas-sħab soċjali.

Kull Stat Membru u l-Kummissjoni għandhom jaħtru żewġ membri tal-Kumitat.

Artikolu III-112

Il-Kummissjoni għandha tinkludi kapitolu separat dwar żviluppi soċjali fl-Unjoni fir-rapport annwali tagħha lill-Parlament Ewropew.

Il-Parlament Ewropew jista' jistieden lill-Kummissjoni biex tfassal rapporti dwar xi problemi partikolari li jikkonċernaw il-kondizzjonijiet soċjali.

Subsezzjoni 1

Il-Fond Soċjali Ewropew

Artikolu III-113

Sabiex jitjiebu l-opportunitajiet ta' impieg għal ħaddiema fis-suq intern u sabiex hekk ikun hemm kontribuzzjoni biex jogħla l-livell tal-ħajja, jiġi stabbilit Fond Soċjali Ewropew; għandu jimmira biex jiffaċilita u jżid l-mobilità ġeografika u tax-xogħol tal-ħaddiema fl-Unjoni, u biex jiffaċilita l-adattament tagħhom għal bidliet industrijali u għal bidliet fis-sistemi ta' produzzjoni, b' mod partikolari permezz ta' taħriġ u taħriġ mill-ġdid professjonali.

Artikolu III-114

Il-Kummissjoni għandha tamministra l-Fond.

Għandha tkun assistita f' dan il-kmompitu minn Kumitat presedut minn Membru tal-Kummissjoni u kompost minn rappreżentanti ta' Stati Membri, *trade unions* u organizzazzjonijiet ta' min jimpiega.

Artikolu III-115

Miżuri ta' implimentazzjoni li jirrelataw għall-Fond Soċjali Ewropew għandhom jidħlu fis-seħħ f' liġijiet Ewropej. Dawn il-liġijiet għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

## SEZZJONI 3

## IL-KOEŻJONI EKONOMIKA, SOĊJALI U TERRITORJALI

### Artikolu III-116

Sabiex jiġi żviluppat l-iżvilupp globali armonjuż tagħha, l-Unjoni għandha tiżviluppa u twettaq l-azzjoni tagħha li twassal għat-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.

B' mod partikolari, l-Unjoni għandha timmira biex tnaqqas disparitajiet bejn livelli ta' żvilupp tar-reġjuni varji u r-ritard tar-reġjuni jew il-gżejjer l-inqas iffavoriti, inklużi żoni rurali.

### Artikolu III-117

L-Istati Membri għandhom jikkonduċu l-politiki ekonomiċi tagħhom u għandhom jikkoordinawhom b' tali mod li, barra minn hekk, jintlaħqu l-miri stabbiliti fl-Artikolu III-116. Il-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-azzjoni ta' l-Unjoni u l-implimentazzjoni tas-suq intern għandhom jieħdu kont ta' dawk il-miri u għandhom jikkontribwixxu biex jintlaħqu. L-Unjoni għandha wkoll tappoġġa li jintlaħqu dawn il-miri permezz ta' l-azzjoni li tieħu permezz tal-Fondi Strutturali (il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija; is-Sezzjoni ta' Gwida; il-Fond Soċjali Ewropew; il-Fond Ewropew ta' Żvilupp Reġjonali), il-Bank Ewropew ta' l-Investiment u l-istrumenti finanzjarji eżistenti l-oħra.

Il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill tal-Ministri, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali kull tlett snin dwar il-progress magħmul biex tintlaħaq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u dwar il-mod li bih il-mezzi varji previsti f' dan l-Artikolu ikkontribwew għaliha. Dan ir-rapport għandu, jekk neċessarju, ikollu miegħu proposti xierqa.

Liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej jistgħu jistabilixxu kull miżura speċifika barra mill-Fondi, mingħajr preġudizzju għal miżuri adottati fil-qafas tal-politiki l-oħra ta' l-Unjoni. Għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

### Artikolu III-118

Il-Fond Ewropew ta' Żvilupp Reġjonali huwa maħsub biex jgħin biex jitranġaw l-iżbilanċi ewlenija reġjonali fl-Unjoni permezz tal-parteċipazzjoni fl-iżvilupp u l-aġġustament strutturali ta' reġjuni li l-iżvilupp tagħhom għadu lura u fil-konverżjoni ta' reġjuni industrijali li qegħdin imajnaw.

Artikolu III-119

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu III-120, liġijiet Ewropej għandhom jiddefinixxu l-kompiti, il-miri ta' prijorità u l-organizzazzjoni tal-Fondi Strutturali- li jistgħu jinvolvu d-diviżjoni tal-Fondi-, ir-regoli ġenerali applikabbli għalihom u d-disposizzjonjiet neċessarji sabiex tiġi assigurata l-effettività u l-koordinazzjoni tal-Fondi bejn xulxin u ma' l-istrumenti finanzjarji oħra eżistenti.

Fond ta' Koeżjoni stabbilit b' liġi Ewropea għandu jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja lil proġetti fl-oqsma ta' rettikolati ta' l-ambjent u trans-Ewropej fiż-żona ta' l-infrastruttura tat-trasport.

Fil-każijiet kollha, dawn il-liġijiet kwadru Ewropej għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi unanimament sa l-1 ta' Jannar 2007.

Artikolu III-120

Miżuri ta' implimentazzjoni li jirrelataw għall-Fond Ewropew ta'Żvilupp Reġjonali għandhom jidħlu fis-seħħ f' liġijiet Ewropej. Dawn il-liġijiet għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

B'qies għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija, għas-Sezzjoni ta' Gwida, u għall-Fond Soċjali Ewropew, l-Artikoli III-127 u III-115 rispettivament għandhom japplikaw.

SEZZJONI 4

## L-AGRIKOLTURA U S-SAJD

Artikolu III-121

L-Unjoni għandha tiddefinixxi u timplimenta politika agrikola u tas-sajd komuni.

"Prodotti agrikoli" tfisser il-prodotti tal-ħamrija, tat-trobbija ta' l-annimali u tas-sajd u prodotti ta' pproċessar ta' l-ewwel stadju direttament relatati ma' dawn il-prodotti. Referenzi għall-politika agrikola komuni jew għall-agrikoltura, u l-użu ta' l-espressjoni "agrikola", għandhom jinftehmu bħala li jirreferu wkoll għas-sajd, b' qies għall-karatteristiċi speċifiċi ta' dan is-settur.

Artikolu III-122

1. Is-suq intern għandu jestendi għall-agrikoltura u għall-kummerċ fi prodotti agrikoli.

2. Ħlief kif provdut xort' oħra fl-Artikoli III-123 sa III-128, ir-regoli stabbiliti għall-istabbiliment tas-suq intern għandhom japplikaw għal prodotti agrikoli.

3. Il-prodotti elenkati fl-Anness I * għandhom ikunu soġġetti għall-Artikoli III-123 sa III-128.

4. L-operazzjoni u l-iżvilupp tas-suq intern għal prodotti agrikoli għandhom ikunu akkompanjati bl-istabbiliment ta' politika agrikola komuni.

Artikolu III-123

1. Il-miri tal-politika agrikola komuni għandhom ikunu:

(a) li tiżdied il-produttività agrikola billi jkun promoss il-progress tekniku u billi jiġi assigurat l-iżvilupp razjonali ta' produzzjoni agrikola u l-utilizzazzjoni ottimali tal-fatturi tal-produzzjoni, b' mod partikolari x-xogħol;

(b) li hekk ikun assigurat livell ġust ta' ħajja għall-komunità agrikola, b' mod partikolari billi jiżdied il-qligħ individwali ta' persuni li jaħdmu fl-agrikoltura;

(ċ) li jiġu stabilizzati s-swieq;

(d) li tiġi assigurata disponibilità ta' provvisti;

(e) li jiġi assigurat li l-provvisti jaslu għand il-konsumaturi bi prezzijiet raġjonevoli.

2. Meta jinħadmu l-politika agrikola komuni u l-metodi speċjali għall-applikazzjoni tagħha għandu jittieħed kont ta':

* Dan l-Anness, li jikkorrispondi għall-Anness I mat-TEC, għandu jiġi mħejji.

(a) n-natura partikolari ta' attività agrikola, li tirriżulta mill-istruttura soċjali ta' l-agrikoltura u mid-disparitajiet strutturali u naturali bejn ir-reġjuni agrikoli differenti;

(b) l-bżonn li jiġu effettwati l-aġġustamenti xierqa fi gradi;

(ċ) l-fatt li fl-Istati Membri l-agrikoltura tikkostitwixxi settur marbut mill-qrib ma' l-ekonomija in ġenerali.

Artikolu III-124

1. Sabiex jintlaħqu l-miri stabbiliti fl-Artikolu III-123, għandha tiġi stabbilita organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli.

Din l-organizzazzjoni għandha tieħu waħda mill-forom li ġejjin, skond il-prodott ikkonċernat:

(a) regoli komuni dwar il-kompetizzjoni;

(b) koordinazzjoni obbligatorja ta' l-organizzazzjonijiet varji nazzjonali tas-suq;

(ċ) organizzazzjoni ta' suq Ewropew.

2. L-organizzazzjoni komuni stabbilita skond il-paragrafu 1 tista' tinkludi l-miżuri kollha meħtieġa biex jintlaħqu l-miri stabbiliti fl-Artikolu III-123, b' mod partikolari ir-regolament tal-prezzijiet, l-għajnuniet għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-prodotti varji, l-ħażna u l-arranġamenti ta' ritorn u l-makkinarju komuni għall-istabbilizzazzjoni ta' l-importazzjonijiet jew l-esportazzjonijiet.

L-organizzazzjoni komuni għandha tkun limitata għat-twettieq tal-miri stabbiliti fl-Artikolu III-123 u għandha teskludi kull diskriminazzjoni bejn il-produtturi u l-konsumaturi fl-Unjoni.

Kull politika tal-prezz komuni għandha tkun ibbażata fuq kriterji komuni u metodi uniformi ta' kalkolu.

3. Sabiex l-organizzazzjoni komuni msemmija fil-paragrafu 1 tkun tista' tilħaq il-miri tagħha, fond agrikolu ta' gwida u garanzija wieħed jew iktar jistgħu jiġu stabbiliti.

Artikolu III-125

Sabiex ikun possibbli li l-miri stabbiliti fl-Artikolu III-123 jintlaħqu, tista' ssir disposizzjoni fil-kwadru tal-politika agrikola komuni għal miżuri bħal:

(a) koordinazzjoni effettiva ta' sforzi fi sferi ta' taħriġ professjonali, ta' riċerka u tad-disseminazzjoni ta' tagħrif agrikolu; dan jista' jinkludi finanzjament konġunt ta' proġetti jew istituzzjonijiet;

(b) miżuri konġunti biex jippromwovu l-konsum ta' ċerti prodotti.

Artikolu III-126

1. Is-Sezzjoni li tirrelata għal regoli dwar il-kompetizzjoni għandha tapplika għall-produzzjoni ta' u l-kummerċ fi prodotti agrikoli biss sa fejn determinat mil-liġijiet jew mil-liġijiet kwadru Ewropej skond l-Artikolu III-127(2), b'qies għall-miri stabbiliti fl-Artikolu III-123.

2. Il-Kunsill tal-Ministri, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej li jawtorizzaw l-għoti ta' l-għajnuna:

(a) għall-protezzjoni ta' intrapriżi sfavoriti minħabba kondizzjonijiet strutturali jew naturali;

(b) fi kwadru ta' programmi ta' żvilupp ekonomiku.

Artikolu III-127

1. Il-Kummissjoni għandha tissottometti proposti biex tinħadem u tiġi mplimentata l-politika agrikola komuni, inkluża is-sostituzzjoni ta' organizzazzjonijiet nazzjonali b' waħda mill-forom ta' organizzazzjoni komuni prevista fl-Artikolu III-124(1), u għall-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija f'din is-Sezzjoni.

Dawn il-proposti għandhom jieħdu kont ta' l-interdipendenza tal-kwistjonijiet agrikoli msemmija f' din is-Sezzjoni.

2. Liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej għandhom jistabilixxu l-organizzazzjoni komuni tas-suq prevista fl-Artikolu III-124(1) u d-disposizzjonijiet l-oħra neċessarji biex jintlaħqu l-miri tal-politika agrikola komuni u l-politika tas-sajd komuni. Għandhom jiġu adotatti wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

3. Il-Kunsill tal-Ministri, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta r-regolamenti u d-deċiżjonijiet Ewropej dwar l-iffissar ta' prezzijiet, imposti, limitazzjonijiet ta' għajnuna u kwantitattivi u dwar l-iffissar u l-allokazzjoni ta' l-opportunitajiet tas-sajd.

4. Skond il-paragrafu 2, l-organizzazzjonijiet nazzjonali tas-suq jistgħu jiġu sostitwiti mill-organizzazzjoni komuni prevista fl-Artikolu III-124(1) jekk:

(a) l-organizzazzjoni komuni toffri lil Stati Membri li jopponu għal din il-miżura u li għandhom organizzazzjoni tagħhom proprja għall-produzzjoni in kwistjoni garanziji ekwivalenti għall-impjieg u l-livell tal-ħajja tal-produtturi kkonċernati, b' kont meħud ta' l-aġġustamenti li jkunu possibbli u l-ispeċjalizzazzjoni li tkun meħtieġa matul taż-żmien;

(b) din l-organizzazzjoni tassigura kondizzjonijiet għall-kummerċ fl-Unjoni simili għal dawk li jeżistu f' suq nazzjonali.

5. Jekk organizzazzjoni komuni għal ċerti materjali mhux ipproċessati hija stabbilita qabel organizzazzjoni komuni għall-prodotti pproċessati li jikkorrispondu, dawn il-materjali mhux ipproċessati li huma wżati għal prodotti pproċessati maħsuba għal esportazzjoni lejn pajjiżi terzi, jistgħu jiġu mpurtati minn barra l-Unjoni.

Artikolu III-128

Meta fi Stat Membru prodott huwa soġġett għal organizzazzjoni nazzjonali tas-suq jew għal regoli interni li jkollhom effett ekwivalenti, li jeffettwaw il-pożizzjoni kompetittiva ta' produzzjoni simili fi Stat Membru ieħor, piż kompensatorju għandu jiġi applikat mill-Istati Membri għal importazzjonijiet ta' dan il-prodott li jiġu mill-Istat Membru fejn din l-organizzazzjoni jew dawn ir-regoli jeżistu, sakemm dak l-Istat ma japplikax piż kompensatorju għall-esportazzjoni.

Il-Kummissjoni għandha tadotta regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej li jiffissaw l-ammont ta' dawn il-piżijiet fil-livell meħtieġ sabiex ristabbilit il-bilanċ; tista' wkoll tawtorizza miżuri oħra, li tagħhom għandha tiddetermina l-kondizzjonijiet u l-modalitajiet.

SEZZJONI 5

L-AMBJENT

Artikolu III-129

1. Politika ta' l-Unjoni dwar l-ambjent għandha tikkontribwixxi għat-twettieq tal-miri li ġejjin:

(a) il-preservazzjoni, il-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità ta' l-ambjent;

(b) il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem;

(ċ) l-utilizzazzjoni prudenti u razjonali ta' riżorsi naturali;

(d) il-promozzjoni ta' miżuri f' livell internazzjonali sabiex jiġu trattati problemi ambjentali reġjonali jew mad-dinja kollha.

2. Il-Politika ta' l-Unjoni dwar l-ambjent għandha timmira lejn livell għoli ta' protezzjoni b' kont meħud tad-diversità tas-sitwazzjonijiet fir-reġjuni varji ta' l-Unjoni. Għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni u fuq il-prinċipji li għandha tittieħed azzjoni preventiva, li l-ħsara ambjentali għandha bħala prijorità tiġi rettifikata fil-fonti tagħha u li min iniġġeż għandu jħallas.

F' dan il-kuntest, miżuri ta' armonizzazzjoni bi tweġiba għall-ħtiġiet ta' protezzjoni ambjentali għandhom jinkludu, meta xieraq, klawżola ta' salvagwardja li tippermetti lill-Istati Membri li jieħdu passi provviżorji, għal raġunijiet ambjentali mhux ekonomiċi, salv il proċedura ta' ispezzjoni mill-Unjoni.

3. Fil-preparazzjoni tal-politika tagħha dwar l-ambjent, l-Unjoni għandha tieħu kont ta':

(a) *data* disponibbli xjentifiċi u tekniċi;

(b) kondizzjonijiet ambjentali fir-reġjuni varji ta' l-Unjoni;

(ċ) l-benefiċċji potenzjali u l-ispiża ta' azzjoni jew tan-nuqqas ta' azzjoni;

(d) l-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' l-Unjoni in ġenerali u l-iżvilupp bilanċjat tar-reġjuni tagħha.

4. Fl-isferi rispettivi tagħhom ta' kompetenza, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jikkooperaw ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet kompetenti internazzjonali. L-arranġamenti għall-kooperazzjoni ta' l-Unjoni jistgħu ikunu s-suġġett ta' ftehim bejn l-Unjoni u l-partijiet terzi konċernati, li għandu jiġi negozjat u konkluż skond l-Artikolu III-272.

Is-subparagrafu preċedenti għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza ta' l-Istati Membri li jinnegozjaw f' korpi internazzjonali u li jikkonkludu ftehim internazzjonali.

Artikolu II-130

1. Liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej għandhom jistabilixxu liema azzjoni għandha tittieħed sabiex jintlaħqu l-miri msemmija fl-Artikolu III-129. Għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

2. B' deroga mill-paragrafu 1 u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu III-65, il-Kunsill tal-Ministri għandu unanimament jadotta liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej li jistabilixxu:

(a) miżuri primarjament ta' natura fiskali;

(b) miżuri li jeffettwa:

(i) l-ippjanar ta' l-ibliet u tal-kampanja;
(ii) l-amministrazzjoni kwantitattiva ta' riżorsi ta' l-ilma jew li jeffettwaw, direttament jew indirettament, id-disponibbiltà ta' dawk ir-riżorsi;
(iii) l-użu ta' l-art, bl-eċċezzjoni ta' l-amministrazzjoni ta' l-iskart;

(ċ) miżuri li jeffettwaw b' mod sensibbli l-għażla ta' Stat Membru bejn fonti differenti ta' enerġija u l-istruttura ġenerali tal-fornitura tiegħu ta' enerġija.

Il-Kunsill tal-Ministri jista' unanimament jadotta deċiżjoni Ewropea li tagħmel il-proċedura ordinarja leġislattiva applikabbli għall-kwistjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Fil-każijiet kollha, il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

3. Programmi ta' azzjoni ġenerali li jistabilixxu miri ta' prijorità li għandhom jintlaħqu għandhom jidħlu fis-seħħ permezz ta' liġijiet Ewropej. Dawn il-liġijiet għandhom jiġi adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

Il-Miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dawn il-programmi għandhom jiġu adottati taħt il-kondizzjonijiet tal-paragrafu 1 jew tal-paragrafu 2, skond il-każ.

4. Mingħajr preġudizzju għal ċerti miżuri adottati mill-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jiffinanzjaw u jimplimentaw il-politika ambjentali.

5. Mingħajr preġudizzju għall-prinċipju li min iniġġeż għandu jħallas, jekk miżura bbażata fuq il-paragrafu 1 tinvolvi spejjeż meqjusa sproporzjonati għall-awtoritajiet pubbliċi ta' Stat Membru, din il-miżura għandha tipprovdi f' forma xierqa għal:

(a) derogi temporanji, u/jew

(b) sostenn finanzjarju mill-Fond ta' Koeżjoni.

Artikolu III-131

Id-disposizzjonijiet protettivi adottati skond l-Artikolu III-130 m'għandhomx jipprevjenu lil kwalunkwe Stat Membru milli jżomm jew jintroduċi disposizzjonijiet protettivi iktar stretti. Dawn id-disposizzjonijiet għandhom ikunu kompatibbli mal-Kostituzzjoni. Għandhom jiġu notifikati lill-Kummissjoni.

## SEZZJONI 6

## IL-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

### Artikolu III-132

1. Sabiex jiġu promossi l-interessi tal-konsumaturi u sabiex jiġi assigurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, l-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-protezzjoni ta' l-interessi tas-saħħa, tas-sigurtà u ekonomiċi tal-konsumaturi, kif ukoll għall-promozzjoni tad-dritt tagħhom għal informazzjoni, edukazzjoni u li jorganizzaw lilhom infushom sabiex jiġu salvagwardati l-interessi tagħhom.

2. L-Unjoni ghandha tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-miri msemmija fil-paragrafu 1 permezz ta':

(a) miżuri adottati skond l-Artikolu III-65 fil-kuntest tar-realizzazzjoni tas-suq intern;

(b) miżuri li jappoġġaw, jissupplimentaw u jagħmlu monitoraġġ tal-politika mwettqa mill-Istati Membri.

3. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 2(b) għandhom jidħlu fis-seħħ permezz ta' liġijiet Ewropej jew liġijiet kwadru. Dawn il-liġijiet għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

4. Atti adottati skond il-paragrafu 3 m' għandhomx jipprevjenu lil kwalunkwe Stat Membru milli jżomm jew jintroduċi disposizzjonijiet protettivi iktar stretti. Dawn id-disposizzjonijiet għandhom ikunu kompatibbli mal-Kostituzzjoni. Għandhom jiġu notifikati lill-Kummissjoni.

## SEZZJONI 7

## IT-TRASPORT

### Artikolu III-133

Il-miri tal-Kostituzzjoni għandhom, fi kwistjonijiet irregolati minn dan it-Titolu, jitwettqu fil-kwadru ta’ politika komuni ta’ transport.

### Artikolu III-134

Liġijiet Ewropej jew liġijiet kwadru għandhom jimplimentaw l-Artikolu III-133, b’ kont meħud tal-fatturi distinti ta’ transport. Għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

Dawn il-liġijiet jew il-liġiijiet kwadru Ewropea għandhom jikkontjenu:

(a) regoli komuni applikabbli għat-trasport internazzjonali lejn jew mit-territorju ta’ Stat Membru jew li jgħaddi mit-territorju ta’ Stat Membru wieħed jew iktar;

(b) il-kondizzjonijiet li taħthom trasportaturi mhux residenti jistgħu joperaw servizzi tat-trasport fi Stat Membru;

(ċ) miżuri biex titjieb is-sigurtà tat-trasport

(d) kull miżura oħra xierqa.

### Artikolu III-135

Sakemm il-liġijiet jew il-liġijiet kwadru Ewropej imsemmija fl-ewwel paragrafu ta’ l-Artikolu III-134 ikunu ġew adottati u salva l-adozzjoni bl-unanimità ta' deċiżjoni Ewropea tal-Kunsill tal-Ministri li tagħti deroga, l-ebda Stat Membru ma jista' jagħmel kondizzjonijiet inqas favorevoli, fl-effett dirett jew indirett tagħhom għar-rigward ta' trasportaturi minn Stati Membri oħra b' paragun mat-trasportaturi nazzjonali mid-disposizzjonijiet li kienu jirregolaw il-materja fl-1 ta' Jannar 1958, jew għall-Istati li jaderixxu fid-data ta' l-Adeżjoni tagħhom.

### Artikolu III-136

L-Għajnuniet ikunu kompatibbli mal-Kostituzzjoni jekk jissodisfaw il-bżonnijiet ta’ koordinazzjoni ta’ transport jew jekk jirrappreżentaw rimbors għar-rilaxx ta’ ċerti obbligi inerenti fil-kunċett ta’ servizz pubbliku.

Artikolu III-137

Kull miżura adottata fil-kwadru tal-Kostituzzjoni fir-rigward ta' rati u kondizzjonijiet tat-trasport għandha tieħu kont taċ-ċirkostanzi ekonomiċi ta' trasportaturi.

Artikolu III-138

1. Fil-każ ta' transport fl-Unjoni, dikriminazzjoni li tkun tikkonsisti f' illi t-trasportaturi jitolbu rati differenti u li jimponu kondizzjonijiet differenti għat-trasport ta' l-istess merkanzija fuq l-istess relazzjonijiet ta' transport a bażi ta'l-Istat Membru ta' l-oriġini jew tad-destinazzjoni tal-merkanzija in kwistjoni, għandha tkun ipprojbita.

2. Il-Paragrafu 1 m' għandux jipprevjeni l-adozzjoni ta' liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej oħra skond l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu III-134.

3. Il-Kunsill tal-Ministri, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 1. Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

Il-Kunsill tal-Ministri jista' b' mod partikolari jadotta r-regolamenti u d-deċiżjonijiet Ewropej meħtieġa sabiex l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jassiguraw konformità mar-regola stabbilita fil-paragrafu 1 u sabiex jiġi assigurat li utenti jibbenefikaw minnha kompletament.

4. Il-Kummissjoni, waqt li taġixxi fuq l-inizjattiva proprja jew fuq applikazzjoni minn Stat Membru, għandha tinvestiga kull każ ta' diskriminazzjoni li jaqa' taħt il-paragrafu 1 u, wara konsultazzjoni ma' kwalunkwe Stat Membru kkonċernat, tadotta d-deċiżjonijiet Ewropej neċessarji fil-kwadru tar-regolamenti u d-deċiżjonijiet Ewropej imsemmija fil-paragrafu 3.

Artikolu III-139

1. L-impożizzjoni minn Stat Membru, fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' transport imwettqa fl-Unjoni, ta' rati u kondizzjonijiet li jinvolvu kwalunwke element ta' sostenn jew protezzjoni fl-interess ta' impriża jew industrija waħda jew iktar għandha tiġi pprojbita, sakemm mhux awtorizzata minn deċiżjoni Ewropea tal-Kummissjoni.

2. Il-Kummissjoni, waqt li taġixxi fuq l-inizjattiva proprja jew fuq applikazzjoni minn Stat Membru, għandha teżamina r-rati u l-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, b' kont meħud in partikolari tal-ħtiġiet ta' politika ekonomika reġjonali xierqa, tal-bżonnijiet ta' żoni sottożviluppati u tal-problemi ta' żoni effettwati serjament minn ċirkostanzi politiċi minn naħa waħda, u ta' l-effetti ta' dawn ir-rati u l-kondizzjonijiet fuq il-kompetizzjoni bejn il-modi differenti ta' trasport minn naħa l-oħra.

Wara li tikkonsulta lil kull Stat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni għandha tadotta d-deċiżjonijiet Ewropej neċessarji.

3. Il-projbizzjoni prevista fil-paragrafu 1 m' għandhiex tapplika għal tariffi ffissati minħabba l-kompetizzjoni.

Artikolu III-140

Piżijiet jew ħlasijiet dovuti fir-rigward tal-qsim ta' fruntieri li huma mitluba minn trasportatur b' żieda għar-rati tat-trasport m' għandhomx jeċċedu livell raġjonevoli wara li jittieħed kont ta' l-ispejjeż attwalment involuti.

L-Istati Membri għandhom jippruvaw inaqqsu dawn l-ispejjeż.

Il-Kummissjoni tista' tagħmel rakkomandazzjonijiet lil Stati Membri għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.

Artikolu III-141

Id-disposizzjonijiet ta' din is-Sezzjoni m' għandhomx jiffurmaw ostakolu għall-applikazzjoni tal-miżuri meħuda fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja sal-limitu li dawn il-miżuri huma meħtieġa sabiex jikkumpensaw għall-iżvantaġġi ekonomiċi ikkawżati mid-diviżjoni tal-Ġermanja lill-ekonomija ta' ċerti żoni tar-Repubblika Federali effettwati minn dik id-diviżjoni.

Artikolu III-142

Kumitat Konsultattiv li jikkonsisti minn esperti maħtura mill-gvernijiet ta' Stati Membri għandu jkun anness mal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni, kull meta tikkunsidrah mixtieq, għandha tikkonsulta lill-Kumitat dwar kwistjonijiet ta' transport.

Artikolu III-143

1. Din is-Sezzjoni għandha tapplika għal transport bil-binarji, bit-triq u b' passaġġi fuq l-ilma interni.

2. Liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej jistgħu jistabilixxu miżuri xierqa għal transport bil-baħar u bl-ajru. Għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

## SEZZJONI 8

## RETTIKOLATI TRANS-EWROPEJ

### Artikolu III-144

1. Sabiex tgħin biex jintlaħqu l-miri msemmija fl-Artikoli III-14 u III-116 u sabiex ċittadini ta' l-Unjoni, operaturi ekonomiċi u komunitajiet reġjonali u lokali jkunu jistgħu jieħdu benefiċċju komplet mill-istabbiliment ta' żona mingħajr fruntieri interni, l-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-istabbiliment u l-iżvilupp ta' rettikolati trans-Ewropej fiż-żoni ta' transport, telekomunikazzjonijiet u infrastrutturi ta' l-enerġija.

2. Fil-kwadru ta' sistema ta' swieq miftuħa u kompetittivi, azzjoni mill-Unjoni għandha timmira biex tippromwovi l-interkonnessjoni u l-interoperabilità ta' rettikolati nazzjonali kif ukoll aċċess għal dawn ir-rettikolati. Għandha tieħu kont b' mod partikolari tal-bżonn li jiġu konnessi gżejjer, reġjuni interkjużi u periferali mar-reġjuni ċentrali ta' l-Unjoni.

### Artikolu III-145

1. Sabiex jintlaħqu l-miri msemmija fl-Artikolu III-144, l-Unjoni:

(a) għandha tistabilixxi serje ta' linji gwida li jkopru miri, pirjoritajiet u linji wiesgħa ta' miżuri maħsuba fl-isfera ta' rettikolati trans-Ewropej; dawn il-linji gwida għandhom jidentifikaw proġetti ta' interess komuni;

(b) għandha timplimenta kull miżura li tista' tkun neċessarja sabiex tiġi asigurata l-interoperabilità tar-rettikolati, b' mod partikolari fil-qasam ta' l-istandardizzazzjoni teknika;

(ċ) tista' tappoġġa proġetti ta' interess komuni appoġġjati minn Stati Membri, li huma identifikati fil-kwadru tal-linji gwida msemmija fil-punt (a), partikolarment permezz ta' studji ta' possibiltà, garanziji fuq self jew sussidji ta' rata ta' imgħax; l-Unjoni tista' wkoll tikkontribwixxi, permezz tal-Fond ta' Koeżjoni, għall-finanzjament ta' proġetti speċifiċi fi Stati Membri fiż-żona ta' infrastruttura tat-trasport.

L-attivitajiet ta' l-Unjoni għandhom jieħdu kont tal-vijabilità potenzjali ekonomika tal-proġetti.

2. Il-linji gwida u miżuri oħra msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jidħlu fis-seħħ permezz ta' liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej. Dawn il-liġijiet għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

Linji gwida u proġetti ta' interess komuni li jirrelataw għat-territorju ta' Stat Membru għandhom jeħtieġu l-kunsens ta' l-Istat Membru kkonċernat.

3. Stati Membri għandhom, flimkien mal-Kummissjoni, jikkoordinaw fosthom il-politiki mwettqa fuq livell nazzjonali li jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq li jintlaħqu l-miri msemmija fl-Artikolu III-144. Il-Kummissjoni tista', f' kooperazzjoni mill-qrib ma' l-Istat Membru, tieħu kull inizjattiva utli għall-promozzjoni ta' din il-koordinazzjoni.

4. L-Unjoni tista' tikkoopera ma' pajjiżi terzi sabiex tippromwovi proġetti ta' interess reċiproku u sabiex tassigura l-interoperabilità tar-rettikolati.

SEZZJONI 9

IR-RIĊERKA U L-IŻVILUPP TEKNOLOĠIKU U L-ISPAZJU

Artikolu III-146

1. L-Unjoni għandha timmira biex issaħħaħ il-bażijiet xjentifiċi u teknoloġiċi ta' l-industrija ta' l-Unjoni u tinkoraġġixxiha ssir iktar kompetittiva f' livell internazzjonali, waqt li tippromwovi l-attivitajiet kollha ta' riċerka meqjusa neċessarji mill-Kapitoli l-oħra tal-Kostituzzjoni.

2. Għal dan l-iskop, l-Unjoni għandha tinkoraġgixxi intrapriżi fl-Unjoni, inklużi intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, ċentri ta' riċerka u universitajiet fl-attivitajiet tagħhom ta' riċerka u żvilupp teknoloġiku ta' kwalità għolja; għandha tappoġġa l-isforzi tagħhom biex jikkooperaw ma' xulxin, u jimmiraw, notevolment, f' li jippermettu riċerkaturi jikkooperaw liberament b'mod trans fruntier u intrapriżi jesplojtaw il-potenzjal tas-suq intern, b' mod partikolari permezz tal-ftuħ ta' kuntratti pubbliċi nazzjonali, id-definizzjoni ta' *standards* komuni u t-tneħħija ta' ostakoli legali u fiskali għal dik il-kooperazzjoni.

3. L-attivitajiet kollha ta' l-Unjoni taħt il-Kostituzzjoni fil-kamp ta' riċerka u żvilupp teknoloġiku, inklużi proġetti ta' dimostrazzjoni, għandhom jiġu deċiżi u implimentati skond din is-Sezzjoni.

Artikolu III-147

Fit-twettieq tal-miri, l-Unjoni għandha twettaq l-attivitajiet li ġejjin, li jikkumplimentaw l-attivitajiet imwettqa fl-Istati Membri:

(a) l-implimentazzjoni ta' riċerka, programmi ta' żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni, billi tippromwovi l-kooperazzjoni ma' u bejn intrapriżi, ċentri ta' riċerka u universitajiet;

(b) il-promozzjoni ta' kooperazzjoni fil-qasam tar-riċerka ta' l-Unjoni, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali;

(ċ) id-disseminazzjoni u l-ottimizzazzjoni tar-riżultati ta' attivitajiet fir-riċerka ta' l-Unjoni, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni;

(d) l-istimolu tat-taħriġ u l-mobilità ta' riċerkaturi fl-Unjoni.

Artikolu III-148

1. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom ta' riċerka u żvilupp teknoloġiku sabiex jassiguraw li l-politiki nazzjonali u l-politika ta' l-Unjoni huma konsistenti reċiprokament.

2. F' kooperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri, il-Kummissjoni tista' tieħu kwalunkwe inizjattiva utli biex tippromwovi l-koordinazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, b' mod partikolari inizjattivi li jimmiraw lejn l-istabbiliment ta' linji gwida u indikaturi, l-organizzazzjoni ta' l-iskambju ta' l-aħjar prattika, u l-preparazzjoni ta' l-elementi neċessarji għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni perjodiċi. Il-Parlament Ewropew għandu jinżamm kompletament infurmat.

Artikolu III-149

1. Programm kwadru pluriennali, li jistabilixxi l-attivitajiet kollha ta' l-Unjoni għandu jidħol fis-seħħ permezz ta' liġijiet Ewropej. Dawn il-liġijiet għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

Il-programm kwadru għandu:

(a) jistabilixxi il-miri xjentifiċi u teknoloġiċi li għandhom jintlaħqu mill-attivitajiet previsti fl-Artikolu III-147 u jiffissa l-prijoritajiet rilevanti;

(b) jindika l-linji wiesgħa ta' dawn l-attivitajiet;

(ċ) jiffissa l-ammont massimu globali u r-regoli dettaljati għall-parteċipazzjoni finanzjarja ta' l-Unjoni fil-programm kwadru u l-ishma rispettivi f' kull waħda mill-attivitajiet previsti.

2. Il-programm kwadru għandu jiġi adattat jew supplimentat kif tinbidel is-sitwazzjoni.

3. Il-programm kwadru għandu jiġi implimentat permezz ta' programmi speċifiċi żviluppati f' kull attività. Kull programm speċifiku għandu jiddefinixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tiegħu, jiffissa t-tul tiegħu u jipprovdi għall-mezzi meqjusa neċessarji. Is-somma ta' l-ammonti meqjusa neċessarji, ffissata fil-programmi speċifiċi, ma tistax teċċedi l-ammont massimu globali ffissat għall-programm kwadru u kull attività.

4. Il-Kunsill tal-Ministri, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta r-regolamenti jew id-deċiżjonijiet Ewropej li jistabilixxu l-programmi speċifiċi. Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

Artikolu III-150

Għall-implimentazzjoni tal-programm kwadru pluriennali, liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej għandhom jistabilixxu:

(a) ir-regoli għall-parteċipazzjoni ta' intrapriżi, ċentri ta' riċerka u universitajiet;

(b) ir-regoli li jirregolaw id-disseminazzjoni ta' riżultati ta' riċerka.

Dawn il-liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

## Artikolu III-151

Fl-implimentazzjoni tal-programm kwadru pluriennali, liġijiet Ewropej jistgħu jistabilixxu programmi supplimentari li jinvolvu l-parteċipazzjoni ta' ċerti Stati Membri biss, li għandhom jiffinanzjawhom soġġett għal parteċipazzjoni possibbli mill-Unjoni.

Dawn il-liġijiet għandhom jiddeterminaw ir-regoli applikabbli għal programmi supplimentari, partikolarment fir-rigward tad-disseminazzjoni ta' tagħrif u aċċess minn Stati Membri oħrajn. Għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u bil-kunsens ta'l-Istati Membri kkonċernati.

## Artikolu III-152

Fl-implimentazzjoni tal-programm kwadru pluriennali, il-liġijiet Ewropej jistgħu jagħmlu disposizzjoni, bi ftehim ma' l-Istati Membri kkonċernati, għal parteċipazzjoni fi programmi ta' riċerka u żvilupp li jidħlu għalihom diversi Stati Membri, inkluża parteċipazzjoni fl-istrutturi maħluqa għall-eżekuzzjoni ta' dawk il-programmi.

Dawn il-liġijiet għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

## Artikolu III-153

Fl-implimentazzjoni tal-programm kwadru pluriennali l-Unjoni tista' tagħmel disposizzjoni għal kooperazzjoni fir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dismostrazzjoni ta' l-Unjoni ma' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali.

L-arranġamenti dettaljati għal din il-kooperazzjoni jistgħu ikunu s-suġġett ta' ftehim bejn l-Unjoni u l-partijiet terzi kkonċernati, li għandu jiġi negozjat u konkluż skond l-Artikolu III-227.

## Artikolu III-154

Il-Kunsill tal-Ministri, fuq proposta mill-Kummissjoni jista' jadotta regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej sabiex jiġu stabbiliti intrapriżi konġunti jew kull struttura oħra neċessarja għall-eżekuzzjoni effiċjenti tar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-programmi ta' dimostrazzjoni ta' l-Unjoni. Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

## Artikolu III-155

1. Sabiex jiġu promossi l-progress xjentifiku u tekniku, il-kompetittività industrijali u l-implimentazzjoni tal-politiki tagħha, l-Unjoni għandha tfassal politika Ewropea ta' l-ispazju. Għal dan l-iskop, tista' tippromwovi inizjattivi konġunti, riċerka ta' sostenn u żvilupp teknoloġiku u tikkoordina l-isforzi meħtieġa għall-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni ta' l-ispazju.

2. Sabiex tikkontribiwxxi biex jintlaħqu l-miri msemmija fil-paragrafu 1, liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej għandhom jistabilixxu l-miżuri neċessarji, li jistgħu jieħdu l-forma ta' programm Ewropew ta' l-ispazju.

Artikolu III-156

Fil-bidu ta' kull sena l-Kumissjoni għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-Ministri. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar attivitajiet ta' riċerka u żvilupp teknoloġiku u d-disseminazzjoni ta' riżultati tul is-sena preċedenti, u l-programm tax-xogħol għas-sena kurrenti.

SEZZJONI 10

L-ENERĠIJA

Artikolu III-157

1. Meta jiġi stabbilit suq intern u meta jittiehed kont tal-bżonn li jiġi ppreservat u mtejjeb l-ambjent, il-politika ta' l-Unjoni dwar l-enerġija għandha timmira biex:

(a) tassigura l-funzjonament tas-suq ta' l-enerġija,
(b) tassigura sigurtà ta' provvista ta' l-energija fl-Unjoni, u
(ċ) tippromwovi l-effiċjenza u n-nuqqas ta' ħela ta' l-enerġija u l-iżvilupp ta' forom ġodda u li jistgħu jiġġeddu ta' enerġija.

2. Il-miżuri neċessarji sabiex jintlaħqu l-miri fil-paragrafu 1 għandhom jidħlu fis-seħħ f' liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej. Dawn il-liġijiet għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

Dawn il-liġijiet jew liġijiet kwadru m'għandhomx jeffettwaw l-għażla ta' Stat Membru bejn fonti differenti ta' enerġija u l-istruttura ġenerali tal-provvista tagħha ta' enerġija mingħajr preġudizzju għall-Artikolu III-130(2)(ċ).

## KAPITOLU IV

## ŻONA TA' LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA

### SEZZJONI 1

### DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

#### Artikolu III-158

1. L-Unjoni għandha tikkostitwixxi żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja fir-rigward tad-drittijiet fondamentali, waqt li tieħu kont tat-tradizzjonijiet u s-sistemi legali differenti ta' l-Istati Membri.

2. Għandha tassigura l-assenza ta' kontrolli ta' fruntieri interni għal persuni u għandha tinkwadra politika komuni dwar l-ażil, l-immigrazzjoni u kontroll fuq il-fruntieri esterni, bbażati fuq solidarjetà bejn Stati Membri, li tkun ġusta lejn ċittadini ta' pajjiżi terzi. Għall-iskop ta' dan il-Kapitolu, persuni mingħajr stat għandhom jiġu trattati bħala ċittadini ta' pajjiżi terzi.

3. L-Unjoni għandha tipprova tassigura livell għoli ta' sigurtà permezz ta' miżuri sabiex ikunu pprevenuti u jiġu kumbattuti l-kriminalità, r-razziżmu u l-kżenofobija, u miżuri għal koordinazzjoni u kooperazzjoni bejn awtoritajiet tal-pulizija u ġudizzjarji u awtoritajiet kompetenti oħrajn, kif ukoll permezz tar-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f' materji kriminali u, jekk neċessarju, l-approssimazzjoni ta' liġijiet kriminali.

4. L-Unjoni għandha tiffaċilita l-aċċess għal ġustizzja, b' mod partikolari permezz tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji u extraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili.

#### Artikolu III-159

Il-Kunsill Ewropew għandu jiddefinixxi linji gwida strateġiċi għal ippjanar leġislattiv u operazzjonali fiż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

#### Artikolu III-160

1. Il-Parlamenti nazzjonali ta' Stati Membri għandhom jassiguraw li l-proposti u l-inizjattivi leġislattivi sottomessi taħt is-Sezzjonijiet 4 u 5 ta' dan il-Kapitolu jikkonformaw mal-prinċipju ta' sussidjarjetà, skond il-modalitajiet fil-Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità.

Il-Parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri jistgħu jipparteċipaw fil-valutazzjoni ta' mekkaniżmi kontenuti fl-Artikolu III-161 u fil-monitoraġġ politiku ta' l-*Europol* u l-valutazzjoni ta' l-attivitajiet ta' l-*Eurojust* skond l-Artikoli III-177 u III-174.

## Artikolu III-161

Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli III-265 sa III-267, il-Kunsill tal-Ministri jista', fuq proposta mill-Kummissjoni, jadotta regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej li jistabilixxu l-arranġamenti li permezz tagħhom l-Istati Membri, f' kollaborazzjoni mal-Kummissjoni, jikkonduċu valutazzjoni oġġettiva u imparzjali ta' l-implimentazzjoni tal-politiki ta' l-Unjoni msemmija f' dan il-Kapitolu mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri, b' mod partikolari sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni sħiħa tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku. Il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri għandhom ikunu informati bil-kontenut u bir-riżultati tal-valutazzjoni.

## Artikolu III-162

Għandu jiġi stabbilit kumitat permanenti fil-Kunsill tal-Ministri sabiex jassigura li kooperazzjoni operattiva dwar is-sigurtà interna tiġi promossa u msaħħa fl-Unjoni. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu III-247, għandu jiffaċilita l-koordinazzjoni ta' l-azzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri. Ir-Rappreżentanti ta' korpi u l-aġenziji ta' l-Unjoni interessati jistgħu ikunu nvoluti fil-proċeduri ta' dan il-Kumitat. Il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri għandhom ikunu nfurmati bil-proċeduri.

## Artikolu III-163

Dan il-Kapitolu m' għandux jeffettwa l-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet li jaqgħu fuq l-Istati Membri fir-rigward ta' l-ordni pubbliku, u tas-salvagwardja tas-sigurtà interna.

## Artikolu III-164

Il-Kunsill tal-Ministri għandu jadotta regolamenti Ewropej sabiex jassigura kooperazzjoni amministrattiva bejn id-dipartimenti rilevanti ta' l-Istati Membri fiż-żoni koperti b'dan il-Kapitolu, kif ukoll bejn dawk id-dapartimenti u l-Kummissjoni. Għandu jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, mingħajr pregudizzju għall-Artikolu III-165, u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

## Artikolu III-165

L-atti msemmija fis-Sezzjonijiet 4 u 5 ta' dan il-Kapitolu għandhom jiġu adottati:

(a) fuq proposta mill-Kumissjoni, jew

(b) fuq l-inizjattiva ta' kwart mill-Istati Membri.

## SEZZJONI 2

## POLITIKI DWAR KONTROLLI FUQ IL-FRUNTIERI, L-AŻIL U L-IMMIGRAZZJONI

### Artikolu III-166

1. L-Unjoni għandha tiżviluppa politika bl-iskop li:

(a) tassigura l-assenza ta' kontrolli fuq persuni, tkun xi tkun iċ-ċittadinanza tagħhom, meta jaqsmu fruntieri interni;

(b) twettaq kontrolli fuq persuni u monitoraġġ effiċjenti tal-qsim ta' fruntieri esterni;

(ċ) tintroduċi b' mod gradwali sistema integrata ta' amministrazzjoni għal fruntieri esterni.

2. Għal dan l-iskop, liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej għandhom jistabilixxu miżuri li jikkonċernaw:

(a) il-politika komuni dwar viżi u permessi oħrajn ta' residenza għal żjara qasira;

(b) il-kontrolli li huma soġġetti għalihom persuni li jaqsmu fruntieri esterni;

(ċ) il-kondizzjonijiet li taħthom ċittadini ta' pajjiżi terzi għandu jkollhom il-libertà li jivvjaġġaw fl-Unjoni għal żmien qasir;

(d) kull miżura neċessarja għall-istabbiliment gradwali ta' sistema integrata ta' amministrazzjoni għal fruntieri esterni.

(e) l-assenza ta' kull kontroll fuq persuni, tkun xi tkun iċ-ċittadinanza tagħhom, meta jaqsmu fruntieri interni.

3. Dan l-Artikolu m' għandux jeffettwa l-kompetenza ta' l-Istati Membri li tikkonċerna d-demarkazzjoni ġeografika tal-fruntieri tagħhm, skond il-liġi internazzjonali.

### Artikolu III-167

1. L-Unjoni għandha tiżviluppa politika komuni dwar l-ażil u l-protezzjoni temporanja bl-iskop li jiġi offert *status* xieraq lil kull ċittadin ta' pajjiż terz li jeħtieġ protezzjoni internazzjonali u tassigura konformità mal-prinċipju ta' *non-refoulement*. Din il-politika għandha tkun konformi mal-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951 u l-Protokoll tal-31 ta' Jannar 1967 li jirrelata għall-*istatus* ta' refuġjati u trattati rilevanti oħra.

2. Għal dan l-iskop, liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej għandhom jistabilixxu miżuri għal sistema Ewropea komuni dwar l-ażil li tinkludi:

(a) *status* uniformi ta' ażil għal ċittadini ta' pajjiżi terzi, validu fl-Unjoni kollha.

(b) *status* uniformi ta' protezzjoni sussidjarja għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li, mingħajr ma jottjenu ażil Ewropew, jeħtieġu protezzjoni internazzjonali;

(ċ) sistema komuni ta' protezzjoni temporanja għal persuni maqlugħa minn pajjiżhom fil-każ ta' dħul massiv;

(d) proċeduri komuni biex jingħataw u jiġu rtirati l-*istatus* uniformi ta' ażil jew *status* sussidjarju ta' protezzjoni;

(e) kriterji u mekkaniżmi biex jigi determinat liema Stat Membru huwa responsabbli biex tiġi kkunsidrata applikazzjoni għall-ażil jew il-protezzjoni sussidjarja;

(f) *standards* li jikkonċernaw il-kondizzjonijiet biex jiġu riċevuti applikanti għall-ażil jew protezzjoni sussidjarja;

(g) sħubija u kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi bl-iskop li jiġi amministrat dħul ta' nies li japplikaw għal ażil jew protezzjoni sussidjarja jew temporanja.

3. Fil-każ ta' Stat Membru wieħed jew iktar li jkun ikkonfrontat b' sitwazzjoni ta' emerġenza karatterizzata bi dħul f' daqqa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, il-Kunsill tal-Ministri, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej li jinkludu miżuri provviżorji għall-benefiċċju ta' l-Istat(i) Membru(i) kkonċernat(i). Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

Artikolu III-168

1. L-Unjoni għandha tiżviluppa politika komuni ta' l-immigrazzjoni mmirata biex tassigura, fl-istadji kollha, l-amministrazzjoni effiċjenti ta' kurrenti ta' migrazzjoni, it-trattament ġust ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqgħodu legalment fi Stati Membri, u l-prevenzjoni ta', u miżuri msaħħa biex jikkumbattu, immigrazzjoni illegali u t-traffikar fi bnedmin.

2. Għal dan l-iskop, liġijiet Ewropej jew liġijiet kwadru għandhom jistabilixxu miżuri fiż-żoni li ġejjin:

(a) il-kondizzjonijiet ta' dħul u residenza, u *standards* dwar il-ħruġ minn Stati Membri ta' viżi għal żmien twil u permessi ta' residenza, inklużi dawk għall-iskop ta' rijunjoni tal-familja;

(b) id-definizzjoni tad-drittijiet ta' ċittadin ta' pajjiż terz li joqgħod legalment fi Stat Membru inklużi l-kondizzjonijiet li jirregolaw libertà ta' moviment u ta' residenza fi Stati Membri oħra;

(ċ) l-immigrazzjoni illegali u residenza mhux awtorizzata, inkluża t-tneħħija u ripatrijazzjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni;

(d) il-ġlieda kontra ttraffikar f' persuni, b' mod partikolari nisa u tfal.

3. L-Unjoni tista' tikkonkludi ftehim ta' riammissjoni ma' pajjiżi terzi għar-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni għall-pajjiżi ta' l-oriġini jew provenjenza tagħhom skond l-Artikolu III-227.

4. Liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej jistgħu jistabilixxu miżuri biex jipprovdu inċentivi u sostenn għall-azzjoni ta' Stati Membri bl-iskop li tiġi promossa l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fit-territorji tagħhom, eskluża kull armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri.

5. Dan l-Artikolu m' għandux jeffettwa d-dritt ta' Stati Membri li jiddeterminaw volum ta' ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiż terz li jiġu minn pajjiżi terzi fit-territorju tagħhom sabiex ifittxu impjieg, kemm jekk impjegati u kemm jekk jaħdmu għal rashom.

## Artikolu III-169

Il-politiki ta' l-Unjoni stabbiliti f' din is-Sezzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom għandhom jiġu rregolati mill-prinċipju ta' solidarjetà u qsim ġust ta' responsabbiltà, inklużi l-implikazzjonijiet finanzjarji tagħha bejn l-Istati Membri. Kull meta neċessarju, l-atti ta' l-Unjoni adottati skond din is-Sezzjoni għandu jkollhom miżuri xierqa biex jagħtu effett lil dan il-prinċipju.

SEZZJONI 3

IL-KOOPERAZZJONI ĠUDIZZJARJA FI KWISTJONIJIET ĊIVILI

Artikolu III-170

1. L-Unjoni għandha tiżviluppa kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili li jkollhom implikazzjonijiet trans-fruntieri, ibbażata fuq il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet f' każijiet extraġudizzjarji. Din il-kooperazzjoni tista' tinkludi l-adozzjoni ta' miżuri għall-approssimazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri.

2. Għal dan l-iskop, liġijiet jew liġijiet kwadru għandhom jistabilixxu miżuri immirati *inter alia* biex jassiguraw:

(a) ir-rikonoxximent reċiproku u l-applikazzjoni bejn Stati Membri ta' sentenzi u deċiżjonijiet f' każijiet extraġudizzjarji;

(b) in-notofika trans-fruntieri ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji;

(ċ) il-kompatibilità tar-regoli applikabbli fl-Istati Membri li jikkonċernaw il-kunflitt ta' liġijiet u ġurisdizzjoni;

(d) il-kooperazzjoni biex jinkisbu l-provi;

(e) livell għoli ta' aċċess għall-ġustizzja;

(f) il-funzjonament xieraq ta' proċeduri ċivili, jekk neċessarju billi tkun promossa l-kompatibilità tar-regoli dwar il-proċedura ċivili applikabbli fl-Istati Membri;

(g) l-iżvilupp ta' metodi alternattivi biex jiġu riżolti il-kwistjonijiet;

(h) appoġġ għat-taħriġ tal-personal ġudizzjarju u ġudizzjali.

3. Minkejja l-paragrafu 2, miżuri li jikkonċernaw il-liġi tal-familja b' implikazzjonijiet trans-fruntieri għandhom jiġu stabbiliti f' liġi jew liġi kwadru Ewropea tal-Kunsill tal-Ministri. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi unanimament wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

Il-Kunsill tal-Ministri, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tiddetermina dawk l-aspetti ta' liġi tal-familja b' implikazzjonijiet trans-fruntieri li jistgħu ikunu s-suġġett ta' atti adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi unanimament wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

## SEZZJONI 4

## KOOPERAZZJONI ĠUDIZZJARJA FI KWSITJONIJIET KRIMINALI

### Artikolu III-171

1. Il-Kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali fl-Unjoni, għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet ġudizzjarji u għandha tinkludi l-approssimazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri fl-oqsma msemmija fil-paragrafu 2 u fl-Artikolu III-172.

Liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej għandhom jistabilixxu l-miżuri sabiex:

(a) jistabilixxu regoli u proċeduri biex jassiguraw ir-rikonoxximent fl-Unjoni kollha tal-forom kollha ta' sentenzi u deċiżjonijiet ġudizzjarji;

(b) jiġu pprevenuti u riżolti il-konflitti bejn l-Istati Membri;

(ċ) jiġi nkoraġġit it-taħriġ tal-personal ġudizzjarju u ġudizzjali;

(d) tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni bejn awtoritajiet ġudizzjarji jew ekwivalenti ta' l-Istati Membri fir-rigward ta' proċeduri fi kwistjonijiet kriminali u l-eżeguzzjoni tad-deċiżjonijiet.

2. Sabiex jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet ġudizzjarji u kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali li jkollhom dimensjoni trans-fruntiera, liġijiet kwadru Ewropej jistgħu jistabilixxi regoli minimi li jikkonċernaw:

(a) l-ammessibiltà reċiproka ta' prova bejn l-Istati Membri;

(b) id-drittijiet ta' individwi fi proċedura kriminali;

(ċ) id-drittijiet ta' vittmi tal-kriminalità;

(d) kull aspett speċifiku ieħor ta' proċedura kriminali li l-Kunsill tal-Ministri ikun identifika bil-quddiem b' deċiżjoni Ewropea. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi unanimament wara li jkun ottjena l-kunsens tal-Parlament Ewropew.

L-Adozzjoni ta' dawn ir-regoli minimi m' għandhiex tipprevjeni lil Stati Membri milli jżommu jew jintroduċu livell ogħla ta' protezzjoni għad-drittijiet ta' individwi fi proċedura kriminali.

### Artikolu III-172

1. Liġijiet kwadru Ewropej jistgħu jistabilixxu regoli minimi li jikkonċernaw id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet fiż-żoni ta' kriminalità partikolarment serji b' dimensjonijiet trans-fruntieri li jirriżultaw minn natura jew mill-impatt ta' dawn ir-reati jew minn bżonn speċjali li jiġu kumbattuti fuq bażi komuni.

Dawn l-oqsma ta' kriminalità huma li ġejjin: it-terroriżmu, it-traffikar fi bnedmin u l-esplojtazzjoni sesswali ta' nisa u tfal, it-traffikar illeċitu ta' droga, it-traffiku illeċitu ta'l-armi, ir-riċiklaġġ tal-flus, il-korruzzjoni, il-falsifikazzjoni ta' mezzi ta' ħlas, il-kriminalità fl-informatika u kriminalità organizzata.

Abbażi ta' l-iżviluppi fil-kriminalità, il-Kunsill tal-Ministri jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tidentifika oqsma oħra ta' kriminalità li jissodisfaw il-kriterji speċifikati f' dan il-paragrafu. Għandu jaġixxi unanimament wara li jkun ottjena l-kunsens tal-Parlament Ewropew.

2. Jekk l-approssimazzjoni tal-leġislazzjoni kriminali tkun indispensabbli sabiex tiġi assigurata l-implimentazzjoni effettiva ta' politika ta' l-Unjoni f' qasam li kien soġġett għall-miżuri ta' armonizzazzjoni, liġijiet kwadru Ewropej jistgħu jistabilixxu regoli minimi fir-rigward tad-definizzjoni ta' reatikriminali u sanzjonijiet fil-qasam ikkonċernat.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu III-165, dawk il-liġijiet kwadru għandhhom jiġu adottati mill-istess proċedura li kienet segwita għall-adozzjoni tal-miżuri ta' armonizzazzjoni msemmija fis-subparagrafu preċedenti.

## Artikolu III-173

Liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej jistgħu jistabilixxu miżuri għall-promozzjoni u s-sostenn ta' l-azzjoni ta' l-Istati Membri fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kriminalità. Dawn il-miżuri m' għandhomx jinkludu l-approssimazzjoni tad-disposizzjonijiet leġislattivi u regolatorji ta' l-Istati Membri.

## Artikolu III-174

1. Il-missjoni ta' l-*Eurojust* għandha tkun li tkun appoġġjata u msaħħa l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn awtoritajiet nazzjonali ta' prosekuzzjoni fir-rigward ta' kriminalità serja li teffettwa żewġ Stati Membri jew iktar jew li teħtieġ prosekuzzjoni fuq bażi komuni, abbażi ta' operazzjonijiet immexxija u informazzjoni fornita mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri u mill-*Europol*.

2. Liġijiet Ewropej għandhom jiddeterminaw l-istruttura, il-funzjonament, il-qasam ta' azzjoni u l-kompiti ta l-*Eurojust.* Dawk il-kompiti jistgħu jinkludu:

(a) il-bidu u l-koordinazzjoni ta' prosekuzzjonijiet kriminali mmexxija minn awtoritajiet nazzjonali kompetenti, partikolarment dawk li jirrelataw għal reati kontra l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni;

(b) it-tisħiħ ta' kooperazzjoni ġudizzjarja, inkluża bir-reżoluzzjoni tal-kunflitti ta' ġurisdizzjoni u b' kooperazzjoni mill-qrib mar-Rettikolat Ġudizzjarju Ewropew.

Liġijiet Ewropej għandhom ukoll jiddeterminaw arranġamenti biex il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri jkunu involuti fil-valutazzjoni ta' l-attivitajiet ta' l-*Eurojust*.

3. Fil-prosekuzzjonijiet imsemmija f' dan l-Artikolu, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu III-175, atti formali ta' proċedura ġudizzjarja għandhom jitwettqu mill-uffiċjali nazzjonali kompetenti.

Artikolu III-175

1. Sabiex tiġi kumbattuta kriminalità serja li jkollha dimensjoni trans-fruntiera, kif ukoll kriminalità li thedded l-interessi ta' l-Unjoni, liġi Ewropea tal-Kunsill tal-Ministri tista' tistabilixxi Uffiċju Pubbliku Ewropew tal-Prosekutur mill-*Eurojust*. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi unanimament wara li jottjeni l-kunsens tal-Parlament Ewropew.

2. L-Uffiċċju Pubbliku Ewropew tal-Prosekutur għandu jkun responsabbli għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u biex jiġu rinvijati għad-deċiżjoni, meta jagħti l-każ flimkien ma' l-*Europol*, l-awturi u l-kompliċi f' delitti serji li jeffettwaw iktar minn Stat Membru wieħed u ta' reati kontra l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni, kif determinat mil-liġi Ewropea prevista fil-paragrafu 1. Għandu jeżerċita l-funzjonijiet tal-prosekutur fil-qrati kompetenti ta' l-Istati Membri fir-rigward ta' dawn ir-reati.

3. Il-liġi Ewropea msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiddetermina r-regoli ġenerali applikabbli għall-Uffiċċju Pubbliku Ewropew tal-Prosekutur, il-kondizzjonijiet li jirregolaw it-twettieq tal-funzjonijiet tiegħu, ir-regoli ta' proċedura applikabbli għall-attivitajiet tiegħu, kif ukoll dawk li jirregolaw l-ammessibilità tal-prova, u r-regoli applikabbli għar-reviżjoni ġudizzjarja tal-miżuri proċedurali meħuda minnu fit-twettieq tal-funzjonijiet tiegħu.

SEZZJONI 5

IL-KOOPERAZZJONI TAL-PULIZIJA

Artikolu III-176

1. L-Unjoni għandha tistabilixxi kooperazzjoni tal-pulizija li tinvolvi l-awtoritajiet kompetenti kollha ta' l-Istati Membri, inkluża l-pulizija, d-dwana u servizzi oħrajn speċjalizzati ta' applikazzjoni tal-liġi fir-rigward tal-prevenzjoni, l-kxif u l-investigazzjoni ta' reati kriminali.

2. Għal dan l-iskop, liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej jistgħu jistabilixxu miżuri li jikkonċernaw:

(a) il-ġabra, l-ħażna, l-ipproċessar, l-analiżi u l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti;

(b) appoġġ għat-taħriġ ta' l-impjegati u kooperazzjoni dwar l-iskambju ta' ipjegati, dwar tagħmir u dwar riċerka fit-tkixxif ta' kriminalità;

(ċ) tekniċi investigattivi komuni biex jinkixfu forom serji ta' kriminalità organizzata.

3. Liġi jew liġi kwadru Ewropea tal-Kunsill jistgħu jistabilixxu miżuri li jikkonċernaw il-kooperazzjoni operazzjonali bejn l-awtoritajiet imsemmija f' dan l-Artikolu. Il-Kunsill għandu jaġixxi unanimament wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

Artikolu III-177

1. Il-missjoni ta' l-*Europol* hija li tappoġġa u ssaħħaħ azzjoni mill-awtoritajiet tal-pulizija u servizzi oħrajn ta' l-applikazzjoni tal-liġi ta' l-Istati Membri u l-kooperazzjoni reċiproka tagħhom fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra kriminalità serja li teffettwa żewġ Stati Membri jew iktar, terroriżmu u forom ta' kriminalità li jeffettwaw interess komuni kopert minn politika ta' l-Unjoni.

2. Liġijiet Ewropej għandhom jiddeterminaw l-istruttura, l-funzjonament, il-kamp ta' azzjoni u l-kompiti ta' l-*Europol.* Dawn il-kompiti jistgħu jinkludu:

(a) il-ġabra, l-ħażna, l-ipproċessar, l-analiżi u l-iskambju ta' informazzjoni mgħoddija partikolarment mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri jew pajjiżi terzi jew korpi;

(b) il-koordinazzjoni, l-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta' azzjoni investigattiva u operazzjonali mwettqa konġuntement ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jew fil-kuntest ta' gruppi investigattivi konġunti, meta xieraq flimkien ma' l-*Eurojust.*

Liġijiet Ewropej għandhom ukoll jistabilixxi l-proċeduri għal skrutinju ta' l-attivitajiet ta' l-*Europol* mill-Parlament Ewropew, flimkien mal-parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri.

3. Kull azzjoni operazzjonali mill-*Europol* għandha titwettaq flimkien u bi ftehim ma' l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri li t-territorju tagħhom huwa kkonċernat. L-applikazzjoni ta' miżuri koerċitivi għandha tkun ir-responsabbiltà esklużiva ta' l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

Artikolu III-178

Liġi jew liġi kwadru Ewropea tal-Kunsill tal-Ministri għandhom jistabilixxu l-kondizzjonijiet u l-limitazzjonijiet li taħthom l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri msemmija fl-Artikoli III-171 u III-176 jistgħu joperaw fit-territorju ta' Stat Membru ieħor flimkien ma' u bi ftehim ma' l-awtoritajiet ta' dak l-Istat. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi unanimament wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

## KAPITOLU V

## OQSMA FEJN L-UNJONI TISTA' TIDDEĊIEDI LI TIEĦU AZZJONI TA' KOORDINAZZJONI, KUMPLIMENTARI JEW TA' APPOĠĠ

### SEZZJONI I

### IS-SAĦĦA PUBBLIKA

#### Artikolu III-179

1. Livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem għandu jiġi assigurat fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet kollha ta' l-Unjoni.

Azzjoni mill-Unjoni, li għandha tikkumplimenta politiki nazzjonali, għandha tkun diretta lejn it-titjib tas-saħħa pubblika, il-prevenzjoni tal-mard tal-bniedem, u t-twarrib ta' fonti ta' perikolu għas-saħħa fiżika u mentali. Din l-azzjoni għandha tkopri l-ġlieda kontra l-flaġelli maġġuri għas-saħħa, billi tiġi promossa riċerka dwar il-kawżi tagħhom, it-trasmissjoni tagħhom u l-prevenzjoni tagħhom, kif ukoll informazzjoni u edukazzjoni dwar is-saħħa.

L-Unjoni għandha tikkumplimenta l-azzjoni ta' l-Istati Membri fit-tnaqqis ta' l-effetti ta' ħsara li għandha d-droga fuq is-saħħa, inkluża informazzjoni u prevenzjoni.

2. L-Unjoni għandha tinkoraġġixxi kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fl-oqsma msemmija f' dan l-Artikolu u, jekk neċessarju, tagħti sostenn għall-azzjoni tagħhom.

Stati Membri għandhom, flimkien mal-Kummissjoni, jikkoordinaw fosthom il-politiki u l-programmi tagħhom fl-oqsma msemmija fil-paragrafu 1. Il-Kummissjoni tista', f' kuntatt mill-qrib ma' l-Istati Membri, tieħu kull inizjattiva utli sabiex tippromwovi din il-koordinazzjoni, b' mod partikolari inizjattivi li jimmiraw għall-istabbiliment ta' linji gwida u indikaturi, l-organizzazzjoni ta' l-iskambju ta' l-aħjar prattika, u l-preparazzjoni ta' l-elementi neċessarji għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni perjodiċi. Il-Parlament Ewropew għandu jinżamm kompletament infurmat.

3. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom iżommu kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fl-isfera tas-saħħa pubblika.

4. Liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej għandhom jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri msemmija f' dan l-Artikolu billi jiġu stabbiliti miżuri li ġejjin sabiex jiġu sodisfatti interessi komuni dwar is-sigurtà:

(a) miżuri li jistabilixxu *standards* għoljin ta' kwalità u sigurtà ta' organi u sustanzi ta' oriġini umana, demm u derivatti tad-demm; dawn il-miżuri m' għandhomx jipprevjenu lil kull Stat Membru milli jżomm jew jintroduċi miżuri protettivi iktar stretti;

(b) miżuri fl-oqsma veterinarji u fisjosanitarji li għandhom bħala l-mira diretta tagħhom il-protezzjoni tas-saħħa pubblika;

Liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

5. Liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej jistgħu ukoll jistabilixxu miżuri inċentivi maħsuba biex jipproteġu u jtejjbu s-saħħa tal-bniedem u għall-ġlieda kontra l-flaġelli trans-fruntieri maġġuri għas-saħħa, eskluża kull armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri. Għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

6. Għall-iskopijiet stabbiliti f' dan l-Artikolu, il-Kunsill tal-Ministri, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' wkoll jadotta rakkomandazzjonijiet.

7. Azzjoni ta' l-Unjoni fil-qasam tas-saħħa pubblika għandha tirrispetta kompletament ir-responsabbiltajiet ta' l-Istati Membri għall-organizzazzjoni u l-kunsinna ta' servizzi tas-saħħa u kura medika. B'mod partikolari, miżuri msemmija fil-paragrafu 4(a) m' għandhomx jeffettwaw disposizzjonijiet nazzjonali dwar id-donazzjoni jew l-użu għal skop mediku ta' organi u demm.

SEZZJONI 2

L-INDUSTRIJA

Artikolu III-180

1. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jassiguraw li jeżistu l-kondizzjonijiet neċessarji għall-kompetittività ta’ l-industrija ta’ l-Unjoni.

Għal dak l-iskop, skond sistema ta’ swieq miftuħa u kompetittivi, l-azzjoni tagħhom għandha tkun immirata lejn:

(a) li jitħaffef l-aadattament ta’ l-industrija għal bidliet strutturali;

(b) l-inkoraġġiment ta’ ambjent favorevoli għall-inizjattiva u għall-iżvilupp ta’ intrapriżi fl-Unjoni, partikolarment intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju;

(ċ) l-inkoraġġiment ta’ ambjent favorevoli għal kooperazzjoni bejn intrapriżi;

(d) li tinżamm esplojtazzjoni tajba tal-potenzjal industrijali, ta’ politiki ta’ innovazzjoni, riċerka u żvilupp teknoloġiku.

2. L-Istati Membri għandhom jikkonsultaw lil xulxin flimkien mal-Kummissjoni u, meta neċessarju, għandhom jikkoordinaw l-azzjoni taghhom. Il-Kummissjoni tista’ tieħu kull inizjattiva utli sabiex tippromwovi din il-koordinazzjoni., b’ mod partikolari inizjattivi li jimmiraw għall-istabbiliment ta’ linji gwida u indikaturi, l-organizzazzjoni ta’ skambju ta’ l-aħjar prattika, u l-preparazzjoni ta’ l-elementi neċessarji għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni perjodiċi. Il-Parlament Ewropew għandu jinżamm kompletament infurmat.

3. L-Unjoni għandha tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-miri stabbiliti fil-paragrafu 1 permezz tal-politiki u l-attivitajiet li twettaq taħt disposizzjonijiet oħra tal-Kostituzzjoni. Liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej jistgħu jistabilixxu miżuri speċifiċi bħala sostenn għall-azzjoni meħuda fl-Istati Membri sabiex jintlaħqu l-miri stabbiliti fil-paragrafu 1, bl-esklużjoni ta' kull armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri. Għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

Din is-Sezzjoni m’ għandhiex tipprovdi bażi għall-introduzzjoni mill-Unjoni ta’ xi miżura li tista’ twassal għal distorzjoni tal-kompetizzjoni jew li tikkontjeni disposizzjonijiet tat-taxxa jew disposizzjonijiet li jirrelataw għad-drittijiet u l-interessi ta’ ħaddiema impjegati.

SEZZJONI 3

IL-KULTURA

Artikolu III-181

1. L-Unjoni għandha tikkontribwixxi biex jiffjorixxu l-kulturi ta' l-Istati Membri, waqt li tirrispetta d-diversità nazzjonali u reġjonali tagħhom u fl-istess ħin iġġib 'il quddiem il-wirt kulturali komuni.

2. Azzjoni mill-Unjoni għandha tkun immirata lejn l-inkoraġġiment ta' kooperazzjoni bejn Stati Membri u, jekk neċessarju, li tappoġġa u tikkumplimenta l-azzjoni tagħhom fl-oqsma li ġejjin:

(a) it-titjib tat-tagħrif u d-disseminazzjoni tal-kultura u l-istorja tal-popli Ewropej;

(b) il-konservazzjoni u s-salvagwardja tal-wirt kulturali ta' sinifikanza Ewropea;

(ċ) l-iskambji kulturali non-kummerċjali;

(d) il-ħolqien artisitiku u litterarju, inkluż is-settur awdjoviżwali.

3. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom iżommu kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fl-isfera tal-kultura, b' mod partikolari l-Kunsill Ewropew.

4. L-Unjoni għandha tieħu kont ta' aspetti kulturali fl-azzjoni tagħha taħt disposizzjonijiet oħra tal-Kostituzzjoni, b' mod partikolari sabiex tirrispetta u tippromwovi d-diversità tal-kulturi tagħha.

5. Sabiex tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-miri msemmija f' dan l-Artikolu:

(a) liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej għandhom jistabilixxu azzjonijiet ta' inċentiv, bl-esklużjoni ta' kull armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri. Għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni.

(b) il-Kunsill tal-Ministri, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta rakkomandazzjonijiet.

SEZZJONI 4

L-EDUKAZZJONI, IT-TAĦRIĠ PROFESSJONALI, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ U L-ISPORT

Artikolu III-182

1. L-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' edukazzjoni ta' kwalità billi tinkoraġġixxi kooperazzjoni bejn Stati Membri u, jekk neċessarju, billi tappoġġa u tikkumplimenta l-azzjoni tagħhom. Għandha tirrispetta kompletament ir-responsabbiltà ta' l-Istati Membri għall-kontenut tat-tagħlim u l-organizzazzjoni ta' sistemi edukattivi u d-diversità kulturali u lingwistika tagħhom.

L-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-promozzjoni ta' kwistjonijiet Ewropej ta' sport, minħabba l-funzjoni soċjali u edukattiva ta' l-isport.

2. L-azzjoni ta' l-Unjoni għandha tkun immirata lejn:

(a) l-iżvilupp tad-dimensjoni Ewropea fl-edukazzjoni, partikolament permezz tat-tagħlim u d-disseminazzjoni tal-lingwi ta' l-Istati Membri;

(b) l-inkoraġġiment tal-mobilità ta' studenti u għalliema, *inter alia* billi jiġi nkoraġġit ir-rikonoxximent akkademiku ta' diplomi u perjodi ta' studju;

(ċ) il-promozzjoni ta' kooperazzjoni bejn stabbilimenti edukattivi;

(d) l-iżvilupp ta' skambji ta' informazzjoni u esperjenza dwar kwistjonijiet komuni għas-sistemi edukattivi ta' l-Istati Membri;

(e) l-inkoraġġiment ta' l-iżvilupp ta' skambji ta' żgħażagħ u ta' skambji ta' animaturi soċjo-edukattivi u l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni ta' żgħażagħ f' ħajja demokratika fl-Ewropa;

(f) l-inkoraġġiment ta' l-iżvilupp ta' edukazzjoni mid-distanza;

(g) biex tiġi żviluppata id-dimensjoni Ewropeafl-isport biex il-kompetizzjonijiet isiru bil-fier u biex ikun hemm kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet sportiva kif ukoll biex tiġi protetta l-inegrità fiżika u morali ta' l-iportivi partikolarment l-isportivi żgħażagħ.

3. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom iżommu kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fil-qasam ta' l-edukazzjoni, b' mod partikolari l-Kunsill ta' l-Ewropa.

4. Sabiex jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri msemmija f' dan l-Artikolu,

(a) liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej għandhom jistabilixxu azzjonijiet ta' inċentiv, bl-eskulżjoni ta' kull armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri. Għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

(b) il-Kunsill tal-Ministri, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta rakkomandazzjonijiet.

Artikolu III-183

1. L-Unjoni għandha timplimenta politika ta' taħriġ professjonali li għandha tappoġġa u tikkumplimenta l-azzjoni ta' l-Istati Membri, waqt li tirrispetta kompletament ir-responsabbiltà ta' l-Istati Membri għall-kontenut u l-organizzazzjoni ta' taħriġ professjonali.

2. L-Azzjoni ta' l-Unjoni għandha timmira biex:

(a) tiffaċilita l-adattament għall-bidla industrijali, b' mod partikolari permezz ta' taħriġ professjonali u taħriġ mill-ġdid;

(b) ittejjeb taħriġ professjonali inizjali u li jkompli sabiex tiffaċilita l-integrazzjoni professjonali u l-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol;

(ċ) tiffaċilita l-aċċess għal taħriġ professjonali u tinkoraġġixxi l-mobilità ta' istrutturi u dawk li qed jitħarrġu u partikolarment żgħażagħ;

(d) tistimola kooperazzjoni f' taħriġ bejn stabbilimenti ta’ tagħlim u ta' taħriġ professjonali u l-intrapriżi;

(e) tiżviluppa skambji ta' informazzjoni u esperjenza dwar kwistjonijiet komuni għas-sistemi ta' taħriġ ta' l-Istati Membri.

3. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom iżommu kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet kompetenti internazzjonali fl-isfera ta' taħriġ professjonali.

4. Liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej għandhom jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri msemmija f' dan l-Artikolu, bl-esklużjoni ta' kull armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri. Għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

SEZZJONI 5

IL-PROTEZZJONI ĊIVILI

Artikolu III-184

1. L-Unjoni għandha tinkoraġġixxi kooperazzjoni bejn Stati Membri sabiex ittejjeb l-effettività ta' sistemi għall-prevenzjoni u l-protezzjoni kontra diżastri naturali jew li joriġinaw mill-bniedem fl-Unjoni.

L-azzjoni ta' l-Unjoni għandha timmira biex:

(a) tappoġġa u tikkumplimenta l-azzjoni ta' l-Istati Membri fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali fil-prevenzjoni tar-riskju, fil-preparazzjoni tal-personal tagħhom tal-protezzjoni ċivili u meta jirrispondu għal diżastri naturali jew li joriġinaw mill-bniedem ;

(b) tippromwovi kooperazzjoni ta’ malajr, effettiva bejn servizzi nazzjonali ta' protezzjoni ċivili;

(ċ) tippromwovi koerenza fix-xogħol internazzjonali ta' protezzjoni ċivili.

2. Il-miżuri neċessarji sabiex jintlaħqu l-miri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jidħlu fis-seħħ f' liġijiet Ewropej jew liġijiet kwadru, bl-esklużjoni ta' kull armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri.

## SEZZJONI 6

## IL-KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

### Artikolu III-185

1. Implimentazzjoni effettiva nazzjonali tal-liġi ta' l-Unjoni mill-Istati Membri, li hija essenzjali għall-funzjonament tajjeb ta' l-Unjoni, għandha titqies bħala kwistjoni ta' interess komuni.

2. L-Unjoni tista' tappoġġa l-isforzi ta' l-Istati Membri sabiex ittejjeb il-kapaċità amministrattiva tagħhom biex jimplimentaw il-liġi ta' l-Unjoni. Din l-azzjoni tista' tinkludi faċilitazzjoni ta' skambju ta' informazzjoni u funzjonarji kif ukoll skemi ta' sostenn ta' taħriġ. L-ebda Stat Membru ma hu marbut li jirrikorri għal dan l-appoġġ. Liġijiet Ewropej għandhom jistabilixxu l-miżuri meħtieġa għal dan l-iskop, bl-esklużjoni ta' kull armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri.

3. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' l-Istati Membri sabiex jiġu implimentati l-liġi ta' l-Unjoni jew għall-prerogattivi u d-dmirijiet tal-Kummissjoni. Għandu wkoll ikun mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet oħra tal-Kostituzzjoni li jipprovdu għal kooperazzjoni amministrattiva fost l-Istati Membri u bejniethom u l-Unjoni.

## TITOLU IV

## L-ASSOĊJAZZJONI TAL-PAJJIŻI U T-TERRITORJI EXTRA-EWROPEJ

Artikolu III-186

Il-pajjiżi u t-territorji mhux Ewropej li jkollhom relazzjonijiet speċjali mad-Danimarka, Franza, l-Olanda u r-Renju Unit għandhom ikunu assoċjati ma' l-Unjoni. Dawn il-pajjiżi u t-territorji (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "l-pajjiżi u t-territorji") huma elenkati fl-Anness II *.

L-iskop ta' assoċjazzjoni għandha tkun biex tippromwovi l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-pajjiżi u t-territorji u sabiex jiġu stabbiliti relazzjonijiet ekonomiċi mill-qrib bejniethom u l-Unjoni in ġenerali.

Assoċjazzjoni għandha sservi primarjament sabiex ittejjeb l-interessi u l-prosperità ta' l-abitanti ta' dawn il-pajjiżi u t-territorji sabiex twassalhom għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u kulturali li jaspiraw għalih.

Artikolu III-187

L-Assoċjazzjoni għandu jkollha l-miri li ġejjin:

(a) Stati Membri għandhom japplikaw lill-iskambji tagħhom ma' pajjiżi u territorji l-istess trattament li jagħtu lil xulxin skond il-Kostituzzjoni;

(b) Kull pajjiż jew territorju għandu japplika lill-kummerċ tiegħu ma' Stati Membri u ma' pajjiżi u territorji oħrajn l-istess trattament bħal dak li japplika lill-Istat Ewropew li miegħu għandu relazzjonijiet speċjali;

(ċ) Stati Membri għandhom jikkontribiwxxu għall-investimenti meħtieġa għall-iżvilupp progressiv ta' dawn il-pajjiżi u territorji;

(d) Għal investimenti ffinanzjati mill-Unjoni, parteċipazzjoni f' offerti u provvisti għandha tkun miftuħa fuq kondizzjonijiet ugwali għall-persuni kollha fiżiċi u ġuridiċi li huma ċittadini ta' Stat Membru jew ta' wieħed mill-pajjiżi u t-territorji;

(e) Fir-relazzjonijiet bejn Stati Membri u l-pajjiżi u t-territorji, id-dritt ta' stabbiliment ta' ċittadini u soċjetajiet kummerċjali għandu jkun irregolat skond id-disposizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fis-Subsezzjoni li jirrelataw għad-dritt ta' stabbiliment u fuq bażi non-diskriminatorja, salv xi miżura speċifika adottata skond l-Artikolu III-191.

* Dan l-Anness li jikkorrispondi għall-Anness II mat-TEC, għandu jiġi mħejji.

Artikolu III-188

1. Dazji doganali fuq importazzjonijiet fl-Istati Membri ta' merkanzija li toriġina fil-pajjiżi u t-territorji għandhom jiġu pprojbiti in konformità mal-projbizzjoni ta' dazji doganali bejn Stati Membri previsti mill-Kostituzzjoni.

2. Dazji doganali fuq importazzjonijiet f' kull pajjiż jew territorju minn Stati Membri jew minn pajjiżi jew territorji oħra għandhom jiġu pprojbiti skond l-Artikolu III-38.

3. Il-pajjiżi u t-territorji jistgħu, madanakollu, jagħmlu imposta ta' dazji doganali li jissodisfaw il-ħtiġiet ta' l-iżvilupp u l-industrijalizzazzjoni tagħhom jew jipproduċu dħul għall-budgets tagħhom.

Id-dazji msemmija fl-ewwel subparagrafu ma jistgħux jeċċedu l-livell ta' dawk imposti fuq importazzjonijiet ta' prodotti mill-Istat Membru li miegħu kull pajjiż jew territorju għandu relazzjonijiet speċjali.

4. Il-Paragrafu 2 m' għandux japplika għal pajjiżi u territorji li, għar-raġuni ta' l-obbligi partikolari internazzjonali li huma marbuta bihom, diġà japplikaw tariffa doganali non-diskriminatorja.

5. L-introduzzjoni ta' jew kull bidla fid-dazji doganali imposti fuq merkanzija importata fil-pajjiżi u t-territorji m' għandhiex, jew bil-liġi jew bil-fatt, toħloq xi diskriminazzjoni diretta jew indiretta bejn importazzjonijiet mid-diversi Stati Membri.

Artikolu III-189

Jekk il-livell tad-dazji applikabbli fuq merkanzija minn pajjiż terz mad-dħul f' pajjiż jew territorju u meħud kont ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu III-188(1) huwa ta' natura tali li jipprovoka żvijjar tal-kummerċ għad-detriment ta' Stat Membru, dan ta' l-aħħar jista' jitlob lill-Kummissjoni biex tipproponi lill-Istati Membri l-oħra li jieħdu l-passi neċessarji biex jirrimedjaw is-sitwazzjoni.

Artikolu III-190

Salv id-disposizzjonijiet li jirrelataw għas-saħħa pubblika, is-sigurtà pubblika jew l-ordni pubbliku, il-libertà ta' ċirkolazzjoni fl-Istati Membri għal ħaddiema mill-pajjiżi u t-territorji, u fil-pajjiżi u t-territorji għal ħaddiema minn Stati Membri, għandha tiġi regolata b' miżuri adotatti skond l-Artikolu III-191.

Artikolu III-191

Il-Kunsill tal-Ministri għandu jadotta unanimament, abbażi ta' l-esperjenza ottenuta taħt l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji ma' l-Unjoni, regolamenti u deċiżjonijiet Ewropej fir-rigward tar-regoli dettaljati u l-proċedura għall-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji ma' l-Unjoni.

Artikolu III-192

L-Artikoli III-186 sa III-191 għandhom japplikaw għall-Groenlandja, salv id-disposizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fil-Protokoll dwar arranġamenti speċjali għall-Groenlandja.

## TITOLU V

## L-AZZJONI ESTERNA TA' L-UNJONI

## KAPITOLU I

## DISPOSIZZJONIJIET TA’ APPLIKAZZJONI ĠENERALI

Artikolu III-193

1. L-azzjoni ta' l-Unjoni fuq ix-xena internazzjonali għandha tiġi ggwdiata minn u tkun maħsuba biex tavvanza fid-dinja in ġenerali, il-prinċipji li ispiraw il-ħolqien, l-iżvilupp u t-tkabbir proprju tagħha: id-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fondamentali, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, l-ugwaljanza u s-solidarjetà, u l-liġi internazzjonli skond il-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

L-Unjoni għandha tfittex li tiżviluppa relazzjonijiet u tibni sħubija ma' pajjiżi terzi, u organizzazzjonijiet reġjonali jew globali internazzjonali, li jaqsmu dawn il-valuri magħha. Għandha tippromwovi soluzzjonijiet multilaterali għal problemi komuni, b' mod partikolari fil-kwadru tan-Nazzjonijiet Uniti.

2. L-Unjoni għandha tiddefinixxi u twettaq politiki u azzjonijiet komuni, u għandha taħdem għal grad għoli ta' kooperazzjoni fl-oqsma kollha ta' relazzjonijiet internazzjonali, sabiex:

(a) tissalvagwardja l-valuri komuni, l-interessi fondamentali, s-sigurtà , l-indipendenza u l-integrità ta' l-Unjoni;

(b) tikkonsolida u tappoġġa d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji tal-liġi internazzjonali;

(ċ) tippreserva l-paċi, tipprevjeni kunflitti u ssaħħaħ is-sigurtà internazzjonali in konformità mal-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti;

(d) issostni l-iżvilupp sostenibbli ekonomiku, soċjali u ambjentali ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw, bl-iskop primarju tal-qerda tal-faqar;

(e) tinkoraġġixxi l-integrazzjoni tal-pajjiżi kollha fl-ekonomija dinjija, inkluża l-abolizzjoni progressiva ta' restrizzjonijiet fuq il-kummerċ internazzjonali;

(f) tgħin biex jiġu żviluppati miżuri internazzjonali sabiex tiġi ppreservata u titjieb il-kwalità ta' l-ambjent u l-amministrazzjoni sostenibbli ta' riżorsi globali naturali, sabiex jiġi assigurat żvilupp sostenibbli;

(g) tassisti popolazzjonijiet, pajjiżi u reġjuni ikkonfrontati b’diżastri naturali jew li joriġinaw mill-bniedem;

(h) tippromovi sistema internazzjonali bbażata fuq kooperazzjoni multilaterali msaħħa u gvernar globali tajjeb.

3. L-Unjoni għandha tirrispetta l-prinċipji u twettaq il-miri elenkati fil-paragrafi 1 u 2 fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' l-oqsma differenti ta' l-azzjoni esterna ta' l-Unjoni koperti b' dan it-Titolu u l-aspetti esterni ta' politiki oħra ta' l-Unjoni.

L-Unjoni għandha tassigura konsistenza bejn l-oqsma differenti ta' l-azzjoni esterna tagħha u bejn dawn u l-politiki interni tagħha. Il-Kunsill tal-Ministri u l-Kummissjoni, assistiti mill-Ministru ta' l-Unjoni ta' l-Affarijiet Barranin, għandhom jassiguraw dik il-koerenza u għandhom jikkooperaw għal dan l-iskop.

## Artikolu III-194

1. Abbażi tal-prinċipji u l-miri msemmija fl-Artikolu III-193, il-Kunsill Ewropew għandu jidentifika l-interessi u l-miri strateġiċi ta' l-Unjoni.

Deċiżjonijiet Ewropej tal-Kunsill Ewropew dwar l-interessi u l-miri strateġiċi ta' l-Unjoni għandhom jirrelataw għall-politika barranija u ta' sigurtà komuni u għal żoni oħra ta' azzjoni esterna ta' l-Unjoni. Dawn id-deċiżjonijiet jistgħu jikkonċernaw ir-relazzjonijiet ta' l-Unjoni ma' pajjiż jew reġjun speċifiku jew jistgħu ikunu tematiċi fl-approċċ. Għandhom jiddefinixxu d-dewmien tagħhom, u l-mezz li għandu jsir disponibbli mill-Unjoni u l-Istati Membri.

Il-Kunsill Ewropew għandu jaġixxi unanimament fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill tal-Ministri, adottata taħt l-arranġamenti stabbiliti għal kull qasam. Deċiżjonijiet Ewropej tal-Kunsill Ewropew għandhom jiġu implimentati skond il-proċeduri previsti mill-Kostituzzjoni.

2. Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, għall-qasam tal-politika barranija u ta' sigurtà komuni, u l-Kummissjoni, għal oqsma oħra ta' azzjoni esterna, jistgħu jissottomettu proposti konġunti lill-Kunsill tal-Ministri.

## KAPITOLU II

## IL-POLITIKA BARRANIJA U TA' SIGURTÀ KOMUNI

### Artikolu III-195

1. Fil-kuntest tal-prinċipji u l-miri ta' l-azzjoni esterna, l-Unjoni għandha tiddefinixxi u timplimenta politika barranija u ta' sigurtà komuni li tkopri l-oqsma kollha ta' politika barranija u ta' sigurtà.

2. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw il-politika barranija u ta' sigurtà komuni attivament u mingħajr riservi fi spirtu ta' lealtà u solidarjetà reċiproka.

L-Istati Membri għandhom jaħdmu flimkien biex itejjbu u jiżviluppaw is-solidarjetà politika reċiproka tagħhom. Għandhom iżommu lura minn kull azzjoni li hi kuntrarja għall-interessi ta' l-Unjoni jew li x' aktarx tostakola l-effettività tagħha bħala forza koeżiva f' relazzjonijiet internazzjonali.

Il-Kunsill tal-Ministri u l-Ministru ta' l-Affarijiet Brranin ta' l-Unjoni għandhom jassiguraw li hemm konformità ma' dawn il-prinċipji.

3. L-Unjoni għandha tmexxi l-politika barranija u ta' sigurtà komuni billi:

(a) tiddefinixxi l-linji gwida ġenerali;

(b) tadotta deċiżjonijiet Ewropej dwar:

i) azzjonijiet ta' l-Unjoni,
ii) pożizzjonijiet ta' l-Unjoni,
iii) l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u pożizzjonijiet;

(ċ) issaħħaħ kooperazzjoni sistematika bejn Stati Membri fil-tmexxija tal-politika.

### Artikolu III-196

1. Il-Kunsill Ewropew għandu jiddefinixxi l-linji gwida ġenerali għall-politika barranija u ta' sigurtà komuni, inklużi dawk għal kwistjonijiet b' implikazzjonijiet ta' difiża.

Jekk żviluppi internazzjonali jeħtieġu hekk, il-President tal-Kunsill Ewropew għandu jsejjaħ laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew sabiex jiddefinixxi l-linji strateġiċi tal-politika ta' l-Unjoni quddiem dawn l-iżviluppi.

2. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jadotta d-deċiżjonijiet Ewropej neċessarji għad-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika barranija u ta' sigurtà komuni abbażi tal-linji gwida ġenerali u l-linji strateġiċi definiti mill-Kunsill Ewropew.

Artikolu III-197

1. Il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, li għandu jippresjedi jew għandha tippresjedi l-Kunsill tal-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin, għandu jikkontribwixxi jew għandha tikkontribwixxi permezz tal-proposti tiegħu jew tagħha lejn l-elaborazzjoni tal-politika barranija u ta' sigurtà komuni u għandu jassigura jew għandha tassigura implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet Ewropej adotatti mill-Kunsill Ewropew u mill-Kunsill tal-Ministri.

2. Għal kwistjonijiet li jirrelataw għall-politika barranija u ta' sigurtà komuni, l-Unjoni għandha tkun rappreżentata mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni. Għandu jmexxi jew għandha tmexxi djalogu politiku għan-nom ta' l-Unjoni u għandu jesprimi jew għandha tesprimi l-pożizzjoni ta' l-Unjoni f' organizzazzjonijiet inernazzjonali u f' konferenzi internazzjonali.

3. Fit-twettieq tal-mandat tiegħu jew tagħha, il-Ministru ta' l-Unjoni għall-Affarijiet Barranin għandu jiġi assistit jew għandha tiġi assistita minn Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna. Dan is-servizz għandu jaħdem f' kooperazzjoni mas-servizzi diplomatiċi ta' l-Istati Membri[1].

Artikolu III-198

1. Meta s-sitwazzjoni internazzjonali teħtieġ azzjoni operattiva mill-Unjoni, il-Kunsill tal-Ministri għandu jadotta d-deċiżjonijiet Ewropej neċessarji. Dawn id-deċiżjonijiet għandhom jistabilixxu l-miri, l-qasam ta' l-applikazzjoni, il-mezzi li għandhom ikunu disponibbli għall-Unjoni, jekk neċessarju t-tul ta' żmien, u l-kondizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' l-azzjoni.

Jekk ikun hemm bidla fiċ-ċirkostanzi li jkollha effett sostanzjali fuq kwistjoni soġġetta għal deċiżjoni Ewropea, il-Kunsill tal-Ministri għandu jirrevedi l-prinċipju u l-miri ta' l-azzjoni u jadotta d-deċiżjonijiet Ewropej neċessarji. Sakemm il-Kunsill tal-Ministri ma jkunx aġixxa, id-deċiżjoni Ewropea dwar l-azzjoni mill-Unjoni għandha tibqa'.

2. Dawn id-deċiżjonijiet Ewropej għandhom jikkommettu lill-Istati Membri fil-pożizzjonijiet li jadottaw u fil-kondotta ta' l-azzjoni tagħhom.

3. Kull darba li tittieħed pożizzjoni jew tkun maħsuba azzjoni nazzjonali b' applikazzjoni ta' deċiżjoni Ewropea, kif imsemmi fil-paragrafu 1, għandha tingħata informazzjoni fi żmien biżżejjed li tippermetti f'każ ta' neċessità illi ssir konċertazzjoni minn qabel fil-Kunsill tal-Ministri. L-obbligu li tkun provduta informazzjoni minn qabel m'għandux japplika għal disposizzjonijiet li huma sempliċiment trasposizzjoni nazzjonali ta' deċiżjonijiet Ewropej.

4. F' każijiet ta' bżonn imperattiv ikkawżat minn bidliet fis-sitwazzjoni u fin-nuqqas ta' deċiżjoni Ewropea ġdida, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu l-arranġamenti neċessarji bħala kwistjoni ta' urġenza, b' qies għall-miri ġenerali tad-deċiżjoni Ewropea msemmija fil-paragrafu 1. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Kunsill tal-Ministri immedjatament b' kull arranġament ta' dan it-tip.

[1] Ara d-Dikjarazzjoni dwar il-ħolqien ta' Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna.

5. Jekk ikun hemm diffikultajiet maġġuri fl-implimentazzjoni ta' deċiżjoni Ewropea kif imsemmija f' dan l-Artikolu, Stat Membru għandhu jirreferihom lill-Kunsill tal-Ministri li għandu jiddiskutihom u jfittex soluzzjonijiet approprjati. Dawn is-soluzzjonijiet m' għandhomx ikunu kontra l-miri ta' l-azzjoni jew itellfu l-effettività tagħha.

Artikolu 199

Il-Kunsill tal-Ministri għandu jadotta deċiżjonijiet Ewropej li għandhom jiddefinixxu l-pożizzjoni ta' l-Unjoni fuq kwistjoni partikolari ta' natura ġeografika jew tematika. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-politiki nazzjonali tagħhom jikkonformaw mal-pożizzjonijiet ta' l-Unjoni.

Artikolu III-200

1. Kull Stat Membru, il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, jew dak il-Ministru bl-appoġġ tal-Kummissjoni, jistgħu jirreferu lill-Kunsill tal-Ministri kull kwistjoni li tirrelata għall-politika barranija u ta' sigurtà komuni u jistgħu jissottomettu proposti lilu.

2. F' każijiet li jeħtieġu deċiżjoni rapida, il-Ministru ta' l-Unjoni għall-Affarijiet Barranin, fuq mozjoni proprja tal-Ministru jew fuq talba ta' Stat Membru, għandu jsejjaħ laqgħa straordinarja tal-Kunsill tal-Ministri fi żmien tmienja u erbgħin siegħa jew, f' emerġenza, fi żmien perjodu iqsar.

Artikolu III-201

1. Deċiżjonijiet Ewropej imsemmija f' dan il-Kapitolu għandhom jiġu adottati mill-Kunsill tal-Ministri li jaġixxi unanimament. Astenzjonijiet minn membri preżenti *in persona* jew rappreżentati m' għandhomx jipprevjenu l-adozzjoni ta' dawn id-deċiżjonijiet.

Meta jastjeni f' vot, kull membru tal-Kunsill tal-Ministri jista' jikkwalifika l-astensjoni tiegħu billi jagħmel dikjarazzjoni formali. F' dak il-każ, m' għandux ikun obbligat li japplika d-deċiżjoni Ewropea, imma għandu jaċċetta li d-deċiżjoni timpenja lill-Unjoni. Fi spirtu ta' solidarjetà reċiproka, l-Istat Membru kkonċernat għandu jastjeni milli jieħu kull azzjoni li x' aktarx tikkonfliġġi ma' jew timpedixxi azzjoni ta' l-Unjoni bbażata fuq dik id-deċiżjoni u l-Istati Membri l-oħra għandhom jirrispettaw il-pożizzjoni tiegħu. Jekk il-membri tal-Kunsill tal-Ministri li jikkwalifikaw l-astensjoni tagħhom b' dan il-mod jirrappreżentaw mill-inqas terz ta' l-Istati Membri li jirrappreżentaw mill-inqas terz tal-popolazzjoni ta' l-Unjoni, id-deċiżjoni m'għandhiex tiġi adottata.

2. B' deroga mill-paragrafu 1, il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi b' maġġoranza kkwalifikata:

(a) meta jadotta deċiżjonijiet Ewropej dwar azzjonijiet u pożizzjonijiet ta' l-Unjoni abbażi ta' deċiżjoni Ewropea tal-Kunsill Ewropew li tirrelata għall-interessi u l-miri strateġiċi ta' l-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu III-194(1);

(b) meta jadotta deċiżjoni fuq azzjoni jew pożizzjoni ta' l-Unjoni, fuq proposta li l-Ministru jkun ressqilha jew tkun ressqitlu wara talba speċifika lilu jew lilha mill-Kunsill Ewropew li ssir fuq l-inizjattiva proprja jew fuq dik tal-Ministru;

(ċ) meta jadotta kull deċiżjoni Ewropea li timplimenta azzjoni jew pożizzjoni ta' l-Unjoni;

(d) meta jadotta deċiżjoni Ewropea li tikkonċerna l-ħatra ta' rappreżentant speċjali skond l-Artikolu III-203.

Jekk membru tal-Kunsill tal-Ministri jiddikjara li, għal raġunijiet vitali u mistqarra ta' politika nazzjonali, għandu l-intenzjoni li jopponi adozzjoni ta' deċiżjoni Ewropea li għandha tiġi adottata b' maġġoranza kkwalifikata, m' għandux jittieħed vot. Il-Ministru ta' l-Unjoni ta' l-Affarijiet Barranin, f' konsultazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri involuti, ifittex soluzzjoni aċċettabbli għalih. Jekk hu jew hi ma jirnexxielhomx, il-Kunsill tal-Ministri jista', waqt li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata, jitlob li l-kwistjoni tiġi riferita lill-Kunsill Ewropew għal deċiżjoni b' unanimità.

3. Il-Kunsill Ewropew jista' jiddeċiedi unanimament li l-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi b' maġġoranza kkwalifikata f' każijiet barra dawk imsemmija fil-paragrafu 2.

4. Il-Paragrafi 2 u 3 m' għandhomx japplikaw għal deċiżjonijiet li jkollhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża.

## Artikolu III-202

1. Meta l-Unjoni tkun iddefiniet approċċ komuni fis-sens ta' l-Artikolu I-39(5), il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni u l-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Istati Membri għandhom jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom fil-Kunsill tal-Ministri.

2. Il-missjonijiet diplomatiċi ta' l-Istati Membri u d-delegazzjonijiet ta' l-Unjoni għandhom jikkooperaw f' pajjiżi terzi u f' organizzazzjonijiet internazzjonali u għandhom jikkontribwixxu għall-formolazzjoni u l-implimentazzjoni ta' approċċ komuni.

## Artikolu III-203

Il-Kunsill tal-Ministri għandu, kull meta jqisu neċessarju, jaħtar, fuq l-inizjattiva tal-Ministru ta' l-Unjoni għall-Affarijiet Barranin, rappreżentant speċjali b' mandat fir-rigward ta' kwistjonijiet partikolari ta' politika. Ir-rappreżentant speċjali għandu jwettaq il-mandat tiegħu jew tagħha taħt l-awtorità tal-Ministru ta' l-Unjoni għall-Affarijiet Barranin.

## Artikolu III-204

L-Unjoni tista' tikkonkludi ftehim ma' Stat wieħed jew iktar jew organizzazzjonijiet internazzjonali skond dan il-Kapitolu, skond il-proċedura deskritta fl-Artikolu III-227.

Artikolu III-205

1. Il-Ministru ta' l-Unjoni ta' l-Affarijiet Barranin għandu jikkonsulta mal-Parlament Ewropew dwar l-aspetti prinċipali u l-għażliet bażiċi tal-politika barranija u ta' sigurtà komuni, inkluża l-politika ta' sigurtà u difiża komuni, u għandu jassigura li l-opinjonijiet tal-Parlament Ewropew jittieħdu f' konsiderazzjoni kif dovut. Il-Parlament Ewropew għandu jinżamm regolarment infurmat mill-Ministru ta' l-Unjoni ta' l-Affarijiet Barranin bl-iżvilupp tal-politika barranija u ta' sigurtà komuni, inkluża l-politika ta' sigurtà u difiża komuni. Rappreżentanti speċjali jistgħu ikunu involuti fl-informazzjoni lill-Parlament Ewropew.

2. Il-Parlament Ewropew jista' jsaqsi mistoqsijiet lill-Kunsill tal-Ministri u lill-Ministru ta' l-Unjoni ta' l-Affarijiet Barranin jew jagħmillhom rakkomandazzjonijiet. Darbtejn fis-sena għandu jkollu dibattitu dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-politika barranija u ta' sigurtà komuni, inkluża l-politika ta' sigurtà u difiża komuni.

Artikolu III-206

1. L-Istati Membri għandhom jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom f' organizzazzjonijiet internazzjonali u f' konferenzi internazzjonali. Għandhom iżommu l-pożizzjonijiet ta' l-Unjoni f' dawn il-*fora*. Il-Ministru ta' l-Unjoni ta' l-Affarijiet Barranin għandu jorganizza din il-koordinazzjoni.

F' organizzazzjonijiet internazzjonali u konferenzi internazzjonali meta mhux l-Istati Membri kollha jipparteċipaw, dawk li ma jieħdux sehem għandhom iħaddnu l-pożizzjonijiet ta' l-Unjoni.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1 u għall-Artikolu III-198(3), Stati Membri rappreżentati f' organizzazzjonijiet internazzjonali jew konferenzi internazzjonali meta mhux l-Istati Membri kollha jipparteċipaw għandhom iżommu lil ta' l-aħħar, kif ukoll lill-Ministru ta' l-Unjoni ta' l-Affarijiet Barranin, infurmati b' kull kwistjoni ta' interess komuni.

Stati Membri li huma wkoll membri tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti għandhom jikkonċertaw u jżommu lill-Istati Membri l-oħra u lill-Ministru ta' l-Unjoni ta' l-Affarijiet Barranin infurmati kompletament. Stati Membri li huma membri tal-Kunsill tas-sigurtà għandhom, fl-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet tagħhom jiddefendu l-pożizzjonijiet u l-interessi ta' l-Unjoni, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tagħhom taħt id-disposizzjonijiet tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

Meta l-Unjoni tkun iddefiniet pożizzjoni dwar tema li hi fuq l-aġenda tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, dawk l-Istati Membri li joqogħdu fil-Kunsill tas-Sigurtà għandhom jitolbu li l-Ministru ta' l-Unjoni ta' l-Affarijiet Barranin jiġi mistoqsi jippreżenta l-pożizzjoni ta' l-Unjoni.

Artikolu III-207

Il-missjonijiet diplomatiċi u konsulari ta' l-Istati Membri u d-delegazzjonijiet ta' l-Unjoni f' pajjiżi terzi u konferenzi internazzjonali, u r-rappreżentanti tagħhom lil organizzazzjonijiet internazzjonali, għandhom jikkooperaw biex jassiguraw li huma rispettati u implimentati d-deċiżjonijiet Ewropej li

jirrelataw għall-pożizzjonijiet u l-azzjonijiet ta' l-Unjoni adottati mill-Kunsill tal-Ministri. Għandhom isaħħu l-kooperazzjoni billi tiġi skambjata informazzjoni u jiġu mwettqa stimi konġunti.

Għandhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu I-8(2) dwar id-drittijiet ta' ċittadini Ewropej għal protezzjoni fit-territorju ta' pajjiż terz u l-miżuri adottati skond l-Artikolu III-11.

## Artikolu III-208

Mingħajr pregudizzju għall-Artikolu III-247, Kumitat ta' Politika u Sigurtà għandu jagħmel monitoraġġ tas-sitwazzjoni internazzjonali fiż-żoni koperti mill-politika barranija u ta' sigurtà komuni u jikkontribwixxi għad-definizzjoni ta' politiki billi jagħti opinjonijiet lill-Kunsill tal-Ministri fuq it-talba ta' dan ta' l-aħħar, jew tal-Ministru ta' l-Unjoni ta' l-Affarijiet Barranin, jew fuq l-inizjattiva proprja. Għandu wkoll jagħmel monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni ta' politiki miftiehma, mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Ministru ta' l-Unjoni għall-Affarijiet Barranin.

Fil-qasam ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu, dan il-Kumitat għandu jeżerċita, taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill tal-Ministri u tal-Ministru ta' l-Unjoni għall-Affarijiet Barranin, kontroll politiku u diskrezzjoni strateġika ta' operazzjonijiet ta' amministrazzjoni ta' kriżi, kif definit fl-Artikolu III-210.

Il-Kunsill tal-Ministri jista' jawtorizza l-Kumitat, għall-iskop u għat-tul ta' operazzjoni ta' amministrazzjoni ta' kriżi, kif determinat mill-Kunsill tal-Ministri, biex jieħu d-miżuri approprjati li jikkonċernaw il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika ta' l-operazzjoni.

## Artikolu III-209

L-implimentazzjoni tal-politika barranija u ta' sigurtà komuni m' għandhiex teffettwa l-kompetenzi elenkati fl-Artikolu I-12 sa I-14 u I-16. Bl-istess mod, l-implimentazzjoni tal-politiki elenkati f' dawk l-Artikoli m' għandhiex teffettwa l-kompetenza msemmija fl-Artikolu I-15.

Il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkollha ġurisidizzjoni sabiex tagħmel monitoraġġ ta' konformità ma' dan l-Artikolu.

SEZZJONI 1

IL-POLITIKA TA' SIGURTÀ U DIFIŻA KOMUNI

Artikolu III-210

1. Il-kompiti msemmija fl-Artikolu I-40(1), li tulhom l-Unjoni tista' tuża mezzi ċivili u militari, għandhom jinkludu operazzjonijiet konġunti f' materja ta' diżarm, kompiti umanitarji u ta' evakwazzjoni, kompiti ta' għoti ta' pariri u ta' assistenza f' materja militari, kompiti ta' prevenzjoni ta' kunflitti u taż-żamma tal-paċi, il-kompiti ta' forzi ta' kumbattiment f' amministrazzjoni ta' kriżi, inkluż l-istabbiliment tal-paċi u l-istabilizzazzjoni post-kunflitt. Dawn il-kompiti kollha jistgħu jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra t-terroriżmu, inkluż billi jiġu appoġġati pajjiżi terzi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu fit-territorji tagħhom.

2. Il-Kunsill tal-Ministri, waqt li jaġixxi unanimament, għandu jadotta deċiżjonijiet Ewropej li jirrelataw għall-kompiti msemmija fil-paragrafu 1, li jiddefinixxu l-miri u l-qasam ta' applikazzjoni u l-kondizzjonijiet ġenerali għall-implimentazzjoni tagħhom. Il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, waqt li jaġixxi taħt l-awtorità tal-Kunsill tal-Ministri u f' kuntatt mill-qrib u kostanti mal-Kumitat ta' Politika u Sigurtà, għandu jassigura koordinazzjoni ta' aspetti ċivili u militari ta' dawn il-kompiti.

Artikolu III-211

1. Fil-qafas tad-deċiżjonijiet Ewropej adottati skond l-Artikolu III-210, il-Kunsill tal-Ministri jista' jafda l-implimentazzjoni ta' kompitu lil grupp ta' Stati Membri li jkollhom il-kapaċità neċessarja u x-xewqa li jidħlu għall-impenn. Dawk l-Istati Membri f' assoċjazzjoni mal-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni għandhom jiftehmu bejniethom dwar l-amministrazzjoni tal-kompitu.

2. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jkun regolarment infurmat mill-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kompitu tal-progress tiegħu. Jekk ir-realizzazzjoni tal-kompitu twassal għal konsegwenzi maġġuri ġodda jew teħtieġ emenda tal-mira, tal-kamp ta' l-applikazzjoni u tal-kondizzjonijiet għall-implimentazzjoni adottati mill-Kunsill tal-Ministri taħt l-Artikolu III-210, l-Istati Membri li jipparteċipaw għandhom jirreferu l-kwistjoni lill-Kunsill tal-Ministri minnufih. F' dawn il-każijiet, il-Kunsill tal-Ministri għandu jadotta d-deċiżjonijiet Ewropej neċessarji.

Artikolu III-212

1. L-aġenzija Ewropea ta' Armamenti, Riċerka u Kapaċitajiet Militari, soġġetta għall-awtorità tal-Kunsill tal-Ministri, għandu jkollha bħala l-kompitu tagħha li:

(a) tikkontribwixxi għall-identifikazzjoni tal-miri ta' kapaċità militari ta' l-Istati Membri u l-valutazzjoni ta' l-osservanza ta' l-impenni ta' kapaċità mogħtija mill-Istati Membri;

(b) tippromwovi l-armonizzazzjoni ta' bżonnijiet operazzjonali u l-adozzjoni ta' metodi ta' akkwist effettivi u kompatibbli.

(ċ) tipproponi proġetti multilaterali sabiex jiġu sodisfatti l-miri f' termini ta' kapaċitajiet militari, tassigura koordinazzjoni tal-programmi implimentati mill-Istati Membri u l-amministrazzjoni ta' programmi speċifiċi ta' kooperazzjoni;

(d) tappoġġa riċerka dwar it-tekonolġija tad-difiża, u tikkoordina u tippjana attivitajiet ta' riċerka konġunta u l-istudju ta' soluzzjonijiet tekniċi li jissodisfaw bżonnijiet operazzjonali futuri;

(e) tikkontribwixxi għall-identifikazzjoni u, jekk neċessarju, l-implimentazzjoni ta' kull miżura utli għat-tisħiħ tal-bażi industrijali u teknoloġika tas-settur tad-difiża u għat-titjib ta' l-effettività ta' l-infiq militari.

2. L-Aġenzija għandha tkun miftuħa għall-Istati Membri kollha li jixtiequ jkunu parti minnha. Il-Kunsill tal-Ministri, waqt li jaġixxi b' maġġoranza kkwalifikata, għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tiddefinixxi l-istatut, is-sede u r-regoli operazzjonali ta' l-Aġenzija. Dik id-deċiżjoni għandha tieħu kont tal-livell ta' parteċipazzjoni effettiva fl-attivitajiet ta' l-Aġenzija. Għandhom jiġu stabbiliti fl-Aġenzija gruppi speċifiċi li jġibu flimkien Stati Membri involuti fi proġetti konġunti. L-Aġenzija għandha twettaq il-kompiti tagħha flimkien mal-Kummissjoni meta neċessarju.

Artikolu III-213

1. L-Istati Membri elenkati fil-Protokoll [titolu], li jissodisfaw kriterji ta' kapaċità militari ogħla u li jixtiequ jidħlu f' impenni li jorbtu iktar f' din il-kwistjoni bl-iskop tal-kompiti li l-iktar jiddomandaw, hawnhekk jistabilixxu kooperazzjoni strutturata bejniethom fis-sens ta' l-Artikolu I-40(6). Il-kriterji u l-impenni ta' kapaċità militari li dawk l-Istati Membri ddefinew huma stabbiliti f' dak il-Protokoll.

2. Jekk Stat Membru jixtieq jipparteċipa f' din il-kooperazzjoni fi stadju iktar tard, u għalhekk jissottoskrivi għall-obbligi li jimponi, għandu jinforma lill-Kunsill Ewropew bl-intenzjoni tiegħu. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jiddelibera fuq it-talba ta' l-Istat Membru. Biss il-membri tal-Kunsill tal-Ministri li jirrappreżentaw l-Istati Membri li jieħdu parti f' kooperazzjoni strutturata għandhom jipparteċipaw fil-vot.

3. Meta l-Kunsill tal-Ministri jadotta deċiżjonijiet Ewropej li jirrelataw għall-kwsitjonijiet koperti minn kooperazzjoni strutturata biss il-membri tal-Kunsill tal-Ministri li jirrappreżentaw l-Istati Membri li jieħdu sehem fil-kooperazzjoni strutturata għandhom jipparteċipaw fid-deliberazzjonijiet u l-adozzjoni ta' dawn id-deċiżjonijiet. Il-Ministru ta' l-Unjoni ta' l-Affarijiet Barranin għandu jattendi d-deliberazzjonijiet. Ir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri l-oħra għandhom ikunu infurmati kif dovut u regolarment mill-Ministru ta' l-Unjoni ta' l-Affarijiet Barranin bl-iżviluppi fil-kooperazzjoni strutturata.

4. Il-Kunsill tal-Ministri jista' jitlob lill-Istati Membri li jipparteċipaw f' din il-kooperazzjoni biex iwettqu fuq livell ta' l-Unjoni kompitu msemmi fl-Artikolu III-210.

5. Minkejja l-paragrafu preċedenti, id-disposizzjonijiet approprjati li jirrelataw għal kooperazzjoni msaħħa għandhom japplikaw għall-kooperazzjoni strutturata rregolata b'dan l-Artikolu.

Artikolu III-214

1. Il-kooperazzjoni iktar mill-qrib dwar id-difiża reċiproka prevista fl-Artikolu I-40(7) għandha tkun miftuħa għall-Istati Membri ta' l-Unjoni. Lista ta' Stati Membri li jipparteċipaw f' kooperazzjoni eqreb għandha tiġi stabbilita fid-dikjarazzjoni [titolu]. Jekk Stat Membru jixtieq jieħu sehem f' din il-kooperazzjoni fi stadju iktar tard, u għalhekk jaċċetta l-obbligi li jimponi, għandu jinforma lill-Kunsill Ewropew bl-intenzjoni tiegħu u għandu jissottoskrivi għal dik id-dikjarazzjoni.

2. Stat Membru li jipparteċipa f' din il-kooperazzjoni li huwa l-vittma ta' aggressjoni armata fit-territorju tiegħu għandu jinforma lill-Istati l-oħra parteċipanti bis-sitwazzjoni u jista' jitlob għajnuna u assistenza minn għandhom. Stati Membri parteċipanti għandhom jiltaqgħu fuq livell ministerjali, assistiti mir-rappreżentanti tagħhom fuq il-Kumitat ta' Politika u Sigurtà u l-Kumitat Militari.

3. Il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti għandu jkun infurmat immedjatament b' kull aggressjoni armata u bil-miżuri meħuda bhala riżultat.

4. Dan l-Artikolu m' għandux jeffettwa d-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw, għall-Istati Membri kkonċernati, mit-Trattat ta' l-Atlantiku tan-Nord.

## SEZZJONI 2

## DISPOSIZZJONIJIET FINANZJARJI

### Artikolu III-215

1. L-Ispiża amminstrattiva li jinvolvu d-disposizzjonijiet imsemmija f' dan il-Kapitolu għall-istituzzjonijiet għandha tintalab mill-budget ta' l-Unjoni.

2. L-ispiża operattiva li tinħoloq mill-implimentazzjoni ta' dawk id-disposizzjonijiet għandha wkoll tiġi miltuba mill-budget ta' l-Unjoni ħlief għal dik l-ispiża li tinħoloq minn operazzjonijiet li jkollhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża u każijiet fejn il-Kunsill tal-Ministri jiddeċiedi mod ieħor.

F' każijiet fejn l-ispiża mhijiex mitluba mill-budget ta' l-Unjoni għandha tkun ir-responsabbiltà ta' l-Istati Membri skond l-iskala tal-prodott gross nazzjonali, sakemm il-Kunsill tal-Ministri ma jiddeċidiex mod ieħor. Għall-ispiża li tinħoloq minn operazzjonijiet li jkollhom implikazzjonijiet militari jew fil-qasam tad-difiża, l-Istati Membri li r-rappreżentanti tagħhom fil-Kunsill tal-Ministri ikunu għamlu dikjarazzjoni formali taħt l-Artikolu III-201(1), it-tieni subparagrafu, m' għandhomx ikunu obbligati jikkontribwixxu għall-finanzjament tagħha.

3. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tistabilixxi l-proċeduri speċifiċi għall-garanzija ta' aċċess rapidu għal approprjazzjonijiet fil-budget ta' l-Unjoni għal finanzjament urġenti ta' inizjattivi fil-kwadru tal-politika barranija u ta' sigurtà komuni, u b' mod partikolari għal attivitajiet preparatorji għall-kompiti kif imsemmija fl-Artikolu I-40(1). Għandu jaġixxi wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew.

Attivitajiet preparatorji għal kompiti kif imsemmija fl-Artikolu I-40(1) li mhumiex addebitati għall-budget ta' l-Unjoni għandhom jiġu ffinanzjati minn fond ta' dotazzjoni magħmul mill-kontribuzzjonijiet ta' l-Istati Membri.

Il-Kunsill tal-Ministri għandu jadotta b' maġġoranza kkwalifikata fuq proposta mill-Ministru ta' l-Unjoni ta' l-Affarijiet Barranin deċiżjonijiet Ewropej li jistabilixxu:

(a) il-proċeduri għall-istabbiliment u l-finanzjament tal-fond *start-up*, b' mod partikolari l-ammonti allokati lill-fond u l-proċeduri għar-rimbors;

(b) il-modalitajiet għall-amministrazzjoni tal-fond *start-up*;

(ċ) il-modalitajiet tal-kontroll finanzjarju.

Meta l-Kunsill ikun qiegħed jippjana kompitu kif imsemmi fl-Artikolu I-40(1) li ma jistax jiġi addebitat lill-budget ta' l-Unjoni, il-Kunsill tal-Ministri għandu jawtorizza lill-Ministru ta' l-Unjoni ta' l-Affarijiet Barranin biex juża l-fond. Il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni għandu jirrapporta lill-Kunsill tal-Ministri bl-eżekuzzjoni ta' dan il-mandat.

## KAPITOLU III

## IL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

Artikolu III-216

Billi tiġi stabbilita unjoni doganali bejn l-Istati Membri, l-Unjoni timmira li tikkontribwixxi, fl-interess komuni, għall-iżvilupp armonjuż tal-kummerċ dinji, għall-abolizzjoni progressiva ta' restrizzjonijiet fuq il-kummerċ internazzjonali u fuq l-investiment barrani dirett, u għar-riduzzjoni ta' barrieri doganali u oħrajn.

Artikolu III-217

1. Il-politika kummerċjali komuni għandha tkun ibbażata fuq prinċipji uniformi, partikolarment fir-rigward ta' bidliet fir-rati tariffarji, il-konklużjoni ta' ftehim tariffarju kummerċjali li jirrelata għal kummerċ f' merkanzija u servizzi u l-aspetti kummerċjali ta' proprjetà intellettwali, investiment barrani dirett, l-akkwist ta' uniformità fil-miżuri tal-liberalizzazzjoni, il-politika ta' l-esportazzjoni u miżuri għall-protezzjoni ta' kummerċ bħal dawk li għandhom jittieħdu fil-każ ta' *dumping* jew sussidji. Il-politika kumerċjali komuni għandha titmexxa fil-kuntest tal-prinċipji u l-miri ta' l-azzjoni esterna ta' l-Unjoni.

2. Liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej għandhom jistabilixxu l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-politika kummerċjali komuni.

3. Meta ftehim ma' Stat jew organizzazzjoni internazzjonali wieħed jew iktar jeħtieġ li jiġu negozjati u konklużi, d-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-Artikolu III-227 għandhom japplikaw. Il-Kummissjoni għandha tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill tal-Ministri, li għandu jawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ in-negozjati neċessarji. Il-Kunsill tal-Ministri u l-Kummissjoni għandhom ikunu responsabbli biex jassiguraw li l-ftehim negozjat huwa kompatibbli mal-politiki u r-regoli interni ta' l-Unjoni.

Il-Kummissjoni għandha tmexxi dawn in-negozjati b' konsultazzjoni ma' kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill tal-Ministri biex jassisti lill-Kummssjoni f' dan il-kompitu u fil-kwadru ta' dawn id-direttivi li l-Kunsill tal-Ministri jista' joħorġilha. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta regolarment lill-kumitat speċjali u lill-Parlament Ewropew dwar il-progress tan-negozjati.

4. Għan-negozjati u l-konklużjoni ta' ftehim fl-oqsma tal-kummerċ f' servizzi li jinvolvu l-moviment ta' persuni u l-aspetti kummerċjali ta' proprjetà intellettwali, il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi unanimament meta dan il-ftehim jinkludi disposizzjonijiet li għalihom l-unanimità hi meħtieġa għall-adozzjoni ta' regoli interni.

Il-Kunsill għandu wkoll jaġixxi unanimament għan-negozjati u l-konklużjoni ta' ftehim fil-qasam tal-kummerċ f'servizzi kulturali u awdjoviżwali, meta dawn jheddu li jippreġudikaw id-diversità kulturali u lingwistika ta' l-Unjoni.

In-negozjati u l-konklużjoni ta’ ftehim internazzjonali fil-qasam tat-trasport għandhom ikunu soġġetti għad-disposizzjonijiet tas-Sezzjoni 7 tal-Kapitolu III tat-Titolu III u ta’ l-Artikolu III-227.

5. L-eżerċizzju tal-kompetenzi konferiti minn dan l-Artikolu fil-qasam tal-politika kummerċjali m’ għandux jeffettwa d-delimitazzjoni ta’ kompetenzi interni bejn l-Unjoni u l-Istati Membri u m’għandux iwassal għal armonizzazzjoni tad-disposizzjonijiet leġislattivi jew regolamentari ta’ Stati Membri sa fejn il-Kostituzzjoni teskludi din l-armonizzazzjoni.

## KAPITOLU IV

## IL-KOOPERAZZJONI MA’ PAJJIŻI TERZI U L-GĦAJNUNA UMANITARJA

### SEZZJONI I

### IL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP

#### Artikolu III-218

1. Politika ta' l-Unjoni fl-isfera ta' kooperazzjoni ta' żvilupp għandha tkun kondotta fil-qafas tal-prinċipji u l-miri ta' l-azzjoni esterna ta' l-Unjoni. Il-politika ta' kooperazzjoni ta' żvilupp ta' l-Unjoni u dik ta' l-Istati Membri jikkumplimentaw u jsaħħu lil xulxin.

Politika ta' kooperazzjoni ta' żvilupp ta' l-Unjoni għandu jkollha bħala l-mira primarja tagħha t-tnaqqis u, biż-żmien, il-qerda tal-faqar. L-Unjoni għandha tieħu kont tal-miri ta' kooperazzjoni ta' żvilupp fil-politiki li timplimenta li x' aktarx jeffettwaw pajjiżi li qed jiżviluppaw.

2. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jikkonformaw ma' l-impenni u jieħdu kont tal-miri li jkunu approvaw fil-kuntest tan-Nazzjonijiet Uniti u organizzazzjonijiet kompetenti internazzjonali oħrajn.

#### Artikolu III-219

1. Liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej għandhom jistabilixxui l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni tal-politika ta' kooperazzjoni ta' żvilupp, li tista' tirrelata għall-programmi ta' kooperazzjoni pluriennali ma' pajjiżi jew programmi li qed jiżviluppaw b' approċċ tematiku.

2. L-Unjoni tista' tikkonkludi ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti kull ftehim li jgħin biex jintlaħqu l-miri msemmija fl-Artikolu III-193. Dan il-ftehim għandu jiġi negozjat u konkluż skond l-Artikolu III-227.

L-ewwel subparagrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza ta' l-Istati Membri biex jinnegozjaw f' korpi internazzjonali u biex jikkonkludu ftehim internazzjonali.

3. Il-Bank Ewropew ta' l-Investiment għandu jikkontribwixxi, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Istat tiegħu, għall-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu III-220

1. Sabiex tiġi promossa l-kumplimentarità u l-effiċjenza ta' l-azzjoni tagħhom, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jikkoordinaw il-politiki tagħhom dwar kooperazzjoni ta' żvilupp u għandhom jikkonsultaw ma' xulxin dwar il-programmi ta' l-għajnuna tagħhom, inklużi waqt organizzazzjonijiet internazzjonali u waqt konferenzi internazzjonali. Jistgħu jidħlu għal azzjonijiet konġunti. Stati Membri għandhom jikkontribwixxu jekk neċessarju għall-implimentazzjoni tal-programmi ta' għajnuna ta' l-Unjoni.

2. Il-Kummissjoni tista' tieħu kull inizjattiva utli sabiex tippromwovi l-koordinazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

3. Fl-isferi ta' kompetenza rispettivi tagħhom, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jikkooperaw ma' pajjiżi terzi u ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti.

## SEZZJONI 2

## IL-KOOPERAZZJONI EKONOMIKA, FINANZJARJA U TEKNIKA MA' PAJJIŻI TERZI

### Artikolu III-221

1. Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra tal-Kostituzzjoni, u b' mod partikolari dawk ta' l-Artikoli III-218 sa III-220, l-Unjoni għandha, twettaq miżuri ta' kooperazzjoni ekonomiċi, finanzjarji u tekniċi, inkluża għajnuna finanzjarja b' mod partikolari, ma' pajjiżi terzi differenti minn pajjiżi li qed jiżviluppaw. Dawn il-miżuri għandhom ikunu koerenti mal-politika ta' l-iżvilupp ta' l-Unjoni u għandhom jitwettqu fil-kwadru tal-prinċipji u l-miri ta' l-azzjoni esterna tagħha. Il-miżuri ta' l-Unjoni u dawk ta' l-Istati Membri għandhom jikkumplimentaw u jsaħħu lil xulxin.

2. Liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej għandhom jistabilixxu l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 1.

3. Fl-isferi rispettivi tagħhom ta' kompetenza, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jikkooperaw ma' pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet kompetenti internazzjonali. L-arranġamenti għall-kooperazzjoni ta' l-Unjoni jistgħu ikunu s-suġġett ta' ftehim bejn l-Unjoni u partijiet terzi kkonċernati, li għandhom jiġu negozjati u konklużi skond l-Artikolu III-227. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi unanimament għall-ftehim ta' assoċjazzjoni msemmi fl-Artikolu III-226(2) u għall-ftehim ma' l-Istati li huma kandidati għall-adeżjoni ma' l-Unjoni. L-ewwel subparagrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza ta' l-Istati Membri li jinnegozjaw f' korpi internazzjonali u li jikkonkludu ftehim internazzjonali.

### Artikolu III-222

Meta s-sitwazzjoni f' pajjiż terz teħtieġ għajnuna finanzjarja urġenti mill-Unjoni, il-Kunsill tal-Ministri għandu jadotta d-deċiżjonijiet neċessarji Ewropej fuq proposta mill-Kummissjoni.

## SEZZJONI 3

## L-GĦAJNUNA UMANITARJA

### Artikolu III-223

1. L-operazzjonijiet ta' l-Unjoni fil-qasam ta' għajnuna umanitarja għandhom jitmexxew fil-kwadru tal-prinċipji u l-miri ta' l-azzjoni esterna ta' l-Unjoni. Dawn l-operazzjonijiet għandhom ikunu maħsuba biex jipprovdu assistenza, soljev u protezzjoni *ad hoc* għal nies f' pajjiżi terzi u vittmi ta' diżastri naturali u li joriġinaw mill-bniedem, sabiex jissodisfaw il-bżonnijiet umanitarji li jirriżultaw minn dawn is-sitwazzjonijiet differenti. L-operazzjonijiet ta' l-Unjoni u dawk ta' l-Istati Membri għandhom jikkumplimentaw u jsaħħu lil xulxin.

2. Operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja għandhom jitmexxew in konformità mal-prinċipji ta' liġi umanitarja internazzjonali, b' mod partikolari l-prinċipji ta' imparzjalità u ta' non-diskriminazzjoni.

3. Liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej għandhom jistabilixxi l-miżuri li jiddefinixxu l-kwadru li fih l-operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja ta' l-Unjoni għandha tiġi implimentata.

4. L-Unjoni tista' tikkonkludi ma' pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti kull ftehim li jgħin biex jintlaħqu l-miri msemmija fl-Artikolu III-193. Dan il-ftehim għandu jiġi nnegozjat u konkluż skond l-Artikolu III-227.

L-ewwel subparagrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza ta' Stati Membri sabiex jinnegozjaw f' korpi internazzjonali u sabiex jikkonkludu ftehim internazzjonali.

5. Sabiex jistabilixxi kwadru għal kontribuzzjonijiet konġunti minn Ewropej żgħażagħ għall-azzjonijiet umanitarji ta' l-Unjoni, Korp Ewropew Volontarju ta' Għajnuna Umanitarja għandu jiġi stabbilit. Liġi Ewropea għandha tiffissal-istatut u l-funzjonament tal-korp.

6. Il-Kummissjoni tista' tieħu kull inizjattiva utli sabiex tippromwovi koordinazzjoni bejn azzjonijiet ta' l-Unjoni u dawk ta' l-Istati Membri, sabiex ittejjeb l-effiċjenza u l-komplimentarità ta' l-Unjoni u miżuri nazzjonali ta' għajnuna umanitarja.

7. L-Unjoni għandha tassigura li l-operazzjonijiet umanitarji tagħha huma koordinati u koerenti ma' dawk ta' organizzazzjonijiet u korpi internazzjonali, b' mod partikolari dawk li jiffurmaw parti mis-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti.

## KAPITOLU V

## IL-MIŻURI RESTRITTIVI

Artikolu III-224

1. Meta deċiżjoni Ewropea dwar pożizzjoni jew azzjoni ta' l-Unjoni adottata skond id-disposizzjonijiet dwar il-politika barranija u ta' sigurtà komuni fil-Kapitolu II ta' dan it-Titolu tipprovdi għall-interruzzjoni jew it-tnaqqis, parzjali jew komplet ta' relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji ma' pajjiż terz wieħed jew iktar, il-Kunsill tal-Ministri, waqt li jaġixxi b' maġġoranza kkwalifikata fuq proposta konġunta mill-Ministru ta' l-Unjoni ta' l-Affarijiet Barranin u l-Kummissjoni, għandu jadotta ir-regolamenti jew id-deċiżjonijiet Ewropej neċessarji. Għandu jinforma lill-Parlament Ewropew bihom.

2. Fl-oqsma msemmija fil-paragrafu 1, il-Kunsill tal-Ministri jista' jadotta miżuri restrittivi taħt l-istess proċedura kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi u gruppi jew korpi non-Statali.

## KAPITOLU VI

## IL-FTEHIM INTERNAZZJONALI

### Artikolu III-225

1. L-Unjoni tista' tikkonkludi ftehim ma' pajjiż terz wieħed jew iktar jew organizzazzjonijiet internazzjonali meta l-Kostituzzjoni tipprovdi hekk jew meta l-konklużjoni ta' ftehim huwa neċessarju sabiex tiġi sodisfatta, fil-kwadru tal-politiki ta' l-Unjoni, waħda mill-miri ffissati mill-Kostituzzjoni, meta hemm disposizzjoni għaliha f' att leġislattiv li jorbot ta' l-Unjoni jew meta teffettwa waħda mill-azzjonijiet interni ta' l-Unjoni.

2. Ftehim konkluż mill-Unjoni jorbot fuq l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni u fuq l-Istati Membri tagħha.

### Artikolu III-226

L-Unjoni tista' tikkonkludi ftehim ta' assoċjazzjoni ma' pajjiż terz wieħed jew iktar jew organizzazzjonijiet internazzjonali. Dan il-ftehim għandu jistabilixxi assoċjazzjoni li tinvolvi drittijiet u obbligi reċiproċi, azzjonijiet komuni jew proċeduri speċjali.

### Artikolu III-227

1. Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu III-217, ftehim bejn l-Unjoni u Stati terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali għandu jiġi nnegozjat u konkluż skond il-proċedura li ġejja.

2. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jawtorizza l-ftuħ tan-negozjati, jadotta direttivi ta' negozjati u jikkonkludi il-ftehim.

3. Il-Kummissjoni, jew Il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni meta l-ftehim esklużivament jew prinċipalment jirrelata għall-politika barranija u ta' sigurtà komuni, għandhom jissottomettu rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill tal-Ministri, li għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati.

4. Fil-qafas tad-deċiżjoni Ewropea li tawtorizza negozjati, skond is-suġġett tal-ftehim futur, il-Kunsill tal-Ministri għandu jinnomina n-negozjatur jew il-mexxej tal-grupp ta' negozjati ta' l-Unjoni.

5. Il-Kunsill tal-Ministri jista' jindirizza direttivi ta' negozjati lin-negozjatur ta’ l-Unjoni u jista' jaħtar kumitat speċjali li f' konsultazzjoni magħhom għandhom isiru n-negozjati.

6. Fuq proposta min-negozjatur , il-Kunsill tal-Ministri għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tawtorizza l-iffirmar tal-ftehim, u jekk neċessarju, l-applikazzjoni provviżorja tagħha.

7. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tikkonkludi l-ftehim ikkonkludi il-ftehim dwar proposta li jagħmel in-negozjatur tal-ftehim.

Ħlief meta l-ftehim jirrelata esklużivament għall-politika barranija u ta' sigurtà komuni, il-Kunsill tal-Ministri għandu jadotta d-deċiżjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew. Il-Parlament Ewropew għandu jagħti l-opinjoni tiegħu f' terminu lil l-Kunsill tal-Ministri jista' jistabilixxi skond l-urġenza tal-kwistjoni. Fl-assenza ta' opinjoni f' dak it-terminu, il-Kunsill tal-Ministri jista' jaġixxi.

Il-kunsens tal-Parlament Ewropew għandu jkun meħtieġ għal:

(a) ftehim ta' assoċjazzjoni;

(b) għall-adeżjoni ta' l-Unjoni għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni ta' Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali;

(ċ) ftehim li jistabilixxi kwadru speċifiku istituzzjonali permezz ta’ l-organizzazzjoni ta' proċeduri ta' kooperazzjoni;

(d) ftehim b' implikazzjonijiet importanti tal-budget għall-Unjoni;

(e) ftehim li jkopri oqsma li tapplika għalihom il-proċedura leġislattiva.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Ministri jistgħu, f' sitwazzjoni urġenti, jiftehmu fuq limitu ta' żmien għal kunsens.

8. Meta jikkonkludi ftehim, il-Kunsill tal-Ministri jista', b' deroga mill-paragrafi 6, 7 u 10, jawtorizza lin-negozjatur biex japprova għan-nom ta' l-Unjoni modifiki lill-ftehim meta jipprovdi għalihom biex jiġu adottati skond proċedura simplifikata jew minn grupp stabbilit mill-ftehim; il-Kunsill tal-Ministri jista' jannetti kondizzjonijiet speċifiċi ma' din l-awtorizzazzjoni.

9. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi b' maġġoranza kkwalifikata tul il-proċedura. Għandu jaġixxi unanimament meta l-ftehim ikopri qasam li għalih hija meħtieġa l-unimità għall-adozzjoni ta' att ta' l-Unjoni kif ukoll għal ftehim ta' l-assoċjazzjoni u għall-adeżjoni ta' l-Unjoni għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali.

10. Il-Kunsill tal-Ministri, fuq proposta mill-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni jew mill-Kumissjoni għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tissospendi l-applikazzjoni ta' ftehim u li tistabilixxi l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati għan-nom ta' l-Unjoni minn grupp stabbilit bi ftehim, meta dak il-grupp jissejjaħ biex jadotta atti li jkollhom effetti legali, ħlief għal atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-kwadru istituzzjonali tal-ftehim.

11. Il-Parlament Ewropew għandu jkun immedjatament u kompletament infurmat fl-istadji kollha tal-proċedura.

12. Stat Membru, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Ministri jew il-Kummissjoni, jistgħu jottjenu l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk il-ftehim maħsub huwiex kompatibbli mad-

disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni. Meta l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja hija kuntrarja, il-ftehim maħsub ma jistax jidħol fis-seħħ sakemm ma jiġix emendat u jew il-Kostituzzjoni ma tiġix riveduta skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu IV- 6.

Artikolu III-228

1. B' deroga mill-Artikolu III-227, il-Kunsill tal-Ministri, waqt li jaġixxi unanimament fuq rakkomandazzjoni mill-Bank Ċentrali Ewropew jew mill-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew bl-iskop li jintlaħaq *consensus* kompatibbli mal-mira ta' stabbilità tal-prezzijiet u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, skond il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 3 għall-arranġamenti msemmija, jista' jikkonkludi ftehim formali dwar is-sistema ta' rati tal-kambju għall-ewro fir-rigward ta' muniti barra minn dawk li huma ta' valuta legali fl-Unjoni.

Il-Kunsill tal-Ministri, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata jew fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni u wara li jikkonsulta mal-Bank Ċentrali Ewropew, jew fuq rakkomandazzjoni mill-Bank Ċentrali Ewropew u bi sforz biex jintlaħaq *consensus* konsistenti mal-mira ta' stabbilità fil-prezzijiet, jista' jadotta, jimmodifika jew jabbanduna r-rati ċentrali ta' l-ewro fis-sistema tar-rata tal-kambju. Il-President tal-Kunsill tal-Ministri għandu jinforma lill-Parlament Ewropew bl-adozzjoni, l-modifika jew l-abbandun tar-rati ċentrali ta' l-ewro.

2. Fl-assenza ta' sistema ta' rata tal-kambju fir-rigward ta' munita waħda jew iktar barra minn dawk li huma ta' valuta legali fl-Unjoni kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-Kunsill tal-Ministri, waqt li jaġixxi jew fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni u wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew jew fuq rakkomandazzjoni mill-Bank Ċentrali Ewropew, jista' jifformula orjentazzjonijiet ġenerali għall-politika ta' rata tal-kambju fir-rigward ta' dawn il-muniti. Dawn l-orjentazzjonijiet ġenerali għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-mira primarja tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali, sabiex tinżamm l-istabbilità tal-prezzijiet.

3. B' deroga mill-Artikolu III-227, meta ftehim dwar kwistjonijiet li jirrelataw għas-sistema monetarja tal-kambju għandhom ikunu is-suġġett ta' negozjati bejn l-Unjoni u Stat wieħed jew aktar jew organizzazzjonijiet internazzjonali, il-Kunsill tal-Ministri, waqt li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni u wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew, għandu jiddeċiedi l-arranġamenti għan-negozjati u għall-konklużjoni tal-ftehim. Dawn l-arranġamenti għandhom jassiguraw li l-Unjoni tesprimi pożizzjoni singola. Il-Kummissjoni għandha tkun kompletament assoċjata man-negozjati.

4. Mingħajr preġudizzju għall-kompetenza u l-ftehim ta' l-Unjoni fir-rigward ta' l-unjoni ekonomika u monetarja, l-Istati Membri jistgħu jinnegozjaw f' gruppi internazzjonali u jikkonkludu ftehim internazzjonali.

## KAPITOLU VII

## IR-RELAZZJONIJIET TA’ L-UNJONI MA' ORGANIZZAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI U PAJJIŻI TERZI U DELEGAZZJONIJIET TA' L-UNJONI

### Artikolu III-229

1. L-Unjoni għandha tistabilixxi l-forom kollha approprjati ta' kooperazzjoni man-Nazzjonijiet Uniti, mal-Kunsill ta' l-Ewropa, ma' l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa u ma' l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-iżvilupp Ekonomiku.

2. Għandha wkoll iżżomm dawn ir-relazzjonijiet li huma approprjati ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra.

3. Il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni u l-Kummissjoni għandhom jiġu istruwiti biex jimplimtaw dan l-Artikolu.

### Artikolu III-230

1. Id-delegazzjonijiet ta' l-Unjoni f' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali għandhom jirrappreżentaw l-Unjoni.

2. Id-delegazzjonijiet ta' l-Unjoni għandhom joperaw taħt l-awtorità tal-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni f' kooperazzjoni mill-qrib mal-missjonijiet diplomatiċi ta' l-Istati Membri.

## KAPITOLU VIII

## L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-KLAWŻOLA TA' SOLIDARJETÀ

Artikolu III-231

1. Waqt li jaġixxi fuq proposta konġunta mill-Kummissjoni u mill-Ministru ta' l-Unjoni għall-Affarijiet Barranin, il-Kunsill tal-Ministri għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tiddefinixxi l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-klawżola ta' solidarjetà msemmija fl-Artikolu I-42. Il-Parlament Ewropew għandu jiġi infurmat.

2. Jekk Stat Membru jkun vittma ta' attakk terroristiku jew diżastru naturali jew artifiċjali, l-Istati Membri l-oħra għandhom jassistuh fuq talba ta' l-awtoritajiet politiċi tiegħu. Għal dak l-iskop, l-Istai Membri għandhom jikkoordinaw bejniethom fil-Kunsill tal-Ministri.

3. Għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu, il-Kunsill tal-Ministri għandu jiġi assistit mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà bis-sostenn ta' l-istrutturi żviluppati fil-kuntest tal-politika ta' sigurtà u difiża komui, u mill-Kumitat previst fl-Artikolu III-162, li għandhom, jekk neċessarju, jissottomettu opinjonijiet konġunti.

4. Il-Kunsill Ewropew għandu jistma regolarment l-isfidi li jiffaċċjaw l-Unjoni sabiex l-Unjoni tkun tista' tieħu azzjoni effettiva.

# TITOLU VI

# IL-FUNZJONAMENT TA' L-UNJONI

## KAPITOLU I

## DISPOSIZZJONIJIET LI JIRREGOLAW L-ISTITUZZJONIJIET

### SEZZJONI 1

### L-ISTITUZZJONIJIET

#### Subsezzjoni 1

#### Il-Parlament Ewropew

##### Artikolu III-232

1. Liġi jew liġi kwadru Ewropea tal-Kunsill tal-Ministri għandha tistabilixxi l-miżuri neċessarji għall-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b' vot dirett universali skond proċedura uniformi fl-Istati Membri kollha jew skond il-prinċipji komuni għall-Istati Membri kollha.

Il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi unanimament fuq proposta minn u wara li jottjeni l-kunsens tal-Parlament Ewropew li għandu jaġixxi b' maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu. Din il-liġi jew liġi kwadru m' għandhomx jidħlu fis-seħħ sakemm ma jkunu ġew approvati mill-Istati Membri skond il-ħtiġiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom.

2. Il-liġi Ewropea tal-Parlament Ewropew, għandha tistabilixxi r-regolamenti u l-kondizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettieq tal-kompiti tal-Membri tiegħu. Il-Parlament Ewropew għandu jaġixxi fuq l-inizjattiva proprja wara li jfittex opinjoni mill-Kummissjoni u bl-approvazzjoni tal-Kunsill tal-Ministri. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi unanimament fuq ir-regoli jew il-kondizzjonijiet kollha li jirrelataw għat-tassazzjoni ta' membri jew ta' Membri preċedenti.

3. Tul il-Parlament ta' l-2004 - 2009, il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew għandha tiġi stabbilita fil-Protokoll dwar ir-rappreżentazzjoni ta' ċittadini fil-Parlament Ewropew.

##### Artikolu III-233

Liġi Ewropea għandha tistabilixxi r-regolamenti li jirregolaw partijiet politiċi fuq livell Ewropew imsemmija fl-Artikolu I-45 (4) u b' mod partikolari regoli li jirrigwardaw il-fondi għalihom.

Artikolu III-234

Il-Parlament Ewropew jista', waqt li jaġixxi b' maġġoranza tal-Membri komponenti tiegħu, jitlob lill-Kummissjoni tissottometti kull proposta approprjata dwar kwistjonijiet fejn hu jikkunsidra li hu meħtieġ att ta' l-Unjoni għal iskop ta' implimentazzjoni tal-Kostituzzjoni. Jekk il-Kummissjoni ma tissottomettiex proposta, għandha tinforma lill-Parlament Ewropew bir-raġunijiet.

Artikolu III-235

Tul il-kompiti tiegħu, il-Parlament Ewropew jista' fuq talba ta' kwart tal-Membri komponenti tiegħu, jistabilixxi Kumitat temporanju ta' Inkjesta sabiex jivestiga, mingħajr preġudizzju għall-poteri konferiti mill-Kostituzzjoni fuq istituzzjonijiet jew korpi oħrajn, kontravenzjonijiet allegati jew malamministrazzjoni fl-implimentazzjoni tal-liġi ta' l-Unjoni, ħlief meta l-fatti allegati jkunu qed jiġu eżaminati quddiem Qorti u waqt li l-każ ikun għadu soġġett għal proċeduri legali.

Il-Kumitat temporanju ta' Inkjesta għandu jieqaf jeżisti mas-sottomissjoni tar-rapport tiegħu.

Liġi Ewropea tal-Parlament Ewropew għandha tistabilixxi d-disposizzjonijiet dettaljati li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt ta' inkjesta. Il-Parlament Ewropew għandu jaġixxi fuq l-inizjattiva proprja wara li jottjeni l-approvazzjoni tal-Kunsill tal-Ministri u tal-Kummissjoni.

Artikolu III-236

Kull ċittadin ta' l-Unjoni, u kull persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi jew li jkollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fi Stat Membru, għandu jkollha d-dritt li tindirizza, individwalment jew f' assoċjazzjoni ma' ċittadini jew persuni oħra, petizzjoni lill-Parlament Ewropew dwar kwistjoni li taqa' fl-oqsma ta' attività ta' l-Unjoni u li teffettwaha direttament.

Artikolu III-237

1. Il-Parlament Ewropew għandu jaħtar Ombudsman Ewropew. L-Ombudsman Ewropew għandu jkollu s-setgħa jirċievi ilmenti minn kull ċittadin ta' l-Unjoni jew kull persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi jew li jkollha l-uffiċju rreġistrat tagħha fi Stat Membru li jikkonċernaw każijiet ta' malamministrazzjoni fl-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet, il-korpi jew l-aġenziji ta' l-Unjoni, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li taġixxi fir-rwol ġudizzjarju tagħha.

Skond il-kompiti tiegħu jew tagħha, l-Ombudsman Ewropew għandu jikkonduċi jew għandha tikkonduċi inkjesti li għalihom isib jew issib bażi, jew fuq l-inizjattiva proprja jew abbażi ta' ilmenti sottomessi lilu jew lilha direttament jew permezz ta' Membru tal-Parlament Ewropew, ħlief meta l-fatti allegati huma jew kienu s-suġġett ta' proċeduri legali. Meta l-Ombudsman Ewropew jistabilixxi jew tistabilixxi każ ta' malamministrazzjoni, għandu jirreferi jew għandha tirreferi l-kwistjoni lill-istituzzjoni, lill-korp jew lill-aġenzija kkonċernata, li għandu jkollhom perjodu ta' tlett xhur biex fih jinfurmawh jew jinfurmawha bl-opinjonijiet tagħhom. L-Ombudsman Ewropew għandu mbagħad jgħaddi jew għandha mbagħad tgħaddi rapport lill-Parlament Ewropew u lill-istituzzjoni, lill-korp jew lill-aġenzija kkonċernati. Il-persuna li tippreżenta l-ilment għandha tiġi informata bir-riżultat ta' dawn l-inkjesti.

L-Ombudsman Ewropew għandu jissottometti jew għandha tissottometti rapport annwali lill-Parlament Ewropew dwar ir-riżultat ta' l-inkjesti tiegħu jew tagħha.

2. L-Ombudsman Ewropew għandu jinħatar jew għandha tinhatar wara kull elezzjoni tal-Parlament Ewropew għat-tul tal-mandat tiegħu jew tagħha. L-Ombudsman Ewropew għandu jkun jew ghandha tkun eleġibbli għall-ħatra mill-ġdid tiegħu jew tagħha.

L-Ombudsman Ewropew jista' jitkeċċa jew tista' titkeċċa mill-Qorti tal-Ġustizzja fuq talba tal-Parlament Ewropew jekk ma jissodisfax jew ma tissodiosfax iktar il-kondizzjonijiet meħtieġa għat-twettieq tad-dmirijiet tiegħu jew tagħha jew jekk ikun ħati jew tkun ħatja ta' miskondotta serja.

3. L-Ombudsman Ewropew għandu jkun jew għandha tkun kompletament indipendenti fit-twettieq tad-dmirijiet tiegħu jew tagħħa. Fit-twettieq ta' dawk il-kompiti la għandu jfittex jew tfittex u lanqas jieħu jew tieħu struzzjonijiet minn xi korp. L-Ombudsman Ewropew ma jistax jew ma tistax, tul il-mandat tiegħu jew tagħha, jinvolvi ruħu jew tinvolvi ruħha f' xi xogħol ieħor, kemm jekk bi qligħ u kemm jekk le.

4. Il-liġi Ewropea tal-Parlament Ewropew, għandha tistabilixxi r-regolamenti u l-kondizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettieq tal-kompiti ta' l-Ombudsman Ewropew. Il-Parlament Ewropew għandu jaġixxi fuq l-inizjattiva proprja wara li jfittex opinjoni mill-Kummissjoni u bl-approvazzjoni tal-Kunsill tal-Ministri.

Artikolu III -238

Il-Parlament Ewropew għandu jkollu sessjoni annwali. Għandu jiltaqa', mingħajr ma jeħtieġ li jiġi msejjaħ, nhar ta' Tlieta, fit-tieni ġimgħa tax-xahar ta' Marzu.

Il-Parlament Ewropew jista' jiltaqa' f'sessjoni parti straordinarja fuq talba ta' maġġoranza tal-Membri komponenti tiegħu jew fuq it-talba tal-Kunsill tal-Ministri jew tal-Kummissjoni.

Artikolu III – 239

1. Il-Kummissjoni tista' tattendi l-laqgħat kollha tal-Parlament Ewropew, u għandha fuq it-talba tagħha tinstema'.

Il-Kummissjoni għandha twieġeb oralment jew bil-miktub għal mistoqsijiet li jagħmlulha l-Parlament Ewropew jew il-Membri tiegħu.

2. Il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill tal-Ministri għandhom jinstemgħu mill-Parlament Ewropew skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-regoli proċedurali tal-Kunsill Ewropew u fir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill tal-Ministri.

Artikolu III -240

Ħlief kif provdut xort' oħra fil-Kostituzzjoni, il-Parlament Ewropew għandu jaġixxi b'maġġoranza tal-voti espressi. Ir-Regoli ta' Proċedura għandhom jiddeterminaw il-*quorum.*

Aritkolu III -241

Il-Parlament Ewropew għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu waqt li jaġixxi b'maġġoranza tal-Membri komponenti tiegħu.

Il-proċeduri tal-Parlament Ewropew għandhom jiġu ppubblikati bil-mod kif stabbilit fil-Kostituzzjoni u fir-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

Artikolu III-242

Il-Parlament Ewropew għandu jiddiskuti f'sessjoni miftuħa ir-rapport annwali ġenerali sottomess lilu mill-Kummissjoni.

Artikolu III -243

Jekk mozzjoni ta' ċensura fuq l-attivitajiet tal-Kummissjoni titressaq quddiemu, il-Parlament Ewropew m'għandux jivvota fuqha sa mill-inqas tlett ijiem wara li l-mozzjoni tkun tressqet u biss b'vot miftuħ.

Jekk il-mozzjoni ta' ċensura tintwera b'żewġ terzi tal-maġġoranza tal-voti espressi, li jirrappreżentaw maġġoranza tal-Membri komponenti tal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni għandha tirriżenja. Għandha tibqa' tittratta il-kwistjoni kurrenti sakemm tiġi sostitwita skond l-Artikoli I-25 u I-26. F'dan il-każ, il-mandat tal-Kummissjoni maħtura biex tissostitwihom għandu jiskadi fid-data li fiha l-mandat tal-Kummissjoni li kienet obbligata tirriżenja kien jiskadi.

Subsezzjoni 2
Il-Kunsill Ewropew

Artikolu III-244

1. Meta jittieħed vot, kwalunkwe membru tal-Kunsill Ewropew jista' wkoll jaġixxi għan-nom ta' mhux iktar minn membru wieħed ieħor.

Astensjonijiet minn membri preżenti in persona, jew rappreżentati m' għandhomx jipprevjenu l-adozzjoni mill-Kunsill Ewropew ta' deċiżjonijiet li jehtieġu unanimità.

2. Il-President tal-Parlament Ewropew jista' jiġi mistieden biex jinstema' mill-Kunsill Ewropew.

3. Il-Kunsill Ewropew għandu jistabilixxi r-regoli proċedurali tiegħu b' maġġoranza sempliċi. Il-Kunsill Ewropew għandu jkun assistit mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Ministri.

Subsezzjoni 3

Il-Kunsill tal-Ministri

Artikolu III-245

1. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jiltaqa' meta jissejjaħ mill-President tiegħu fuq l-inizjattiva proprja jew fuq it-talba ta' wieħed mill-membri tiegħu jew tal-Kummissjoni.

2. Il-Kunsill Ewropew għandu jadotta b' unanimità deċiżjoni Ewropea li tistabilixxi r-regoli li jirregolaw ir-rotazzjoni tal-Presidenza tal-formazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ministri.

Artikolu III-246

1. Meta jittieħed vot kull membru tal-Kunsill tal-Ministri jista' wkoll jaġixxi għan-nom ta' mhux iktar minn membru wieħed.

2. Meta hu meħtieġ jaġixxi b' maġġoranza sempliċi, il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi b' maġġoranza tal-membri tiegħu.

3. L-astensjonijiet minn membri preżenti jew rappreżentati m' għandhomx jipprevjenu l-adozzjoni mill-Kunsill tal-Ministri ta' azzjonijiet li jeħtieġu unanimità.

Artikolu III- 247

1. Kumitat li jikkonsisti mir-Rappreżentanti Permanenti ta' l-Istati Membri għandu jkun responsabbli għall-preparazzjoni tax-xogħol tal-Kunsill tal-Ministri u biex iwettaq il-kompiti mogħtija lilu minn dan ta' l-aħħar. Il-Kumitat jista' jadotta deċiżjonijiet proċedurali f' każijiet previsti fir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill tal-Ministri.

2. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jiġi assistit minn Segretarjat Ġenerali, taħt ir-responsabbiltà ta' Segretarju Ġenerali maħtur mill-Kunsill tal-Ministri.

Il-Kunsill tal-Ministri għandu jideċċiedi dwar l-organizzazzjoni tas-Segretarjat Ġenerali b' maġġoranza sempliċi.

3. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi b' maġġoranza sempliċi fir-rigward ta' materji proċedurali u għall-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

Artikolu III-248

Il-Kunsill tal-Ministri, waqt li jaġixxi b' maġġoranza sempliċi, jista' jitlob lill-Kummissjoni biex tagħmel kwalunkwe studji li l-Kunsill tal-Ministri jikkunsidra mixtieqa biex jintlaħqu l-miri komuni, u

biex tissottomettilu kwalunkwe proposti approprjati. Jekk il-Kummissjoni ma tissottomettiex proposta għandha tinforma lill-Kunsill tal-Ministri bir-raġunijiet.

Artikolu III-249

Il-Kunsill tal-Ministri għandu jadotta, deċiżjonijiet Ewropej li jistabilixxu r-regoli li jirregolaw il-kumitati previsti fil-Kostituzzjoni.Għandu jaġixxi b' maġġoranza sempliċi wara li jikkonsulta lill-Kummissjoni.

<u>Subsezzjoni 4</u>

<u>Il-Kummissjoni</u>

Artikolu III- 250

Kummissarji Ewropej u Kummissarji li ma jivvutawx għandhom jinħatru għal terminu ta' ħames snin, salv, jekk meħtieġ, l-Artikolu III-243. Biss ċittadini ta' Stati Membri jistgħu ikunu Kummissarji Ewropej jew Kummissarji.

Artikolu III-251

Kummissarji Ewropej u Kummissarji għandhom iżommu lura minn kull azzjoni inkompatibbli mal-kompiti tagħhom. Kull Stat Membru jieħu fuqu li jirrispetta dan il-prinċipju u li ma jfittixx li jinfluwenza l-Kummissarji Ewropej u lill-Kummissjonari fit-twettieq tal-kompiti tagħhom.

Kummissarji Ewropej u Kummissarji ma jistgħux, tul il-mandat tagħhom, jingaġġaw f' kwalunkwe xogħol ieħor, kemm jekk hu ta'gwadann u kemm jekk le. Meta jidħlu għal kompiti għandhom jagħtu kelma solenni li, kemm tul u kemm wara l-mandat tagħhom, jirrispettaw l-obbligi li joriġinaw minnu u b' mod partikolari d-dmir tagħhom li jġibu ruħhom b' integrità u diskrezzjoni fir-rigward ta' l-aċċettazzjoni, wara li jkunu waqfu mill-mandat tagħhom, ta' ċerti ħatriet jew benefiċċji. Fil-każ ta' kull ksur ta' dawn l-obbligi, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', fuq applikazzjoni mill-Kunsill tal-Ministri, waqt li jaġixxi b' maġġoranza sempliċi, jew mill-Kummissjoni tiddeċiedi li l-persuna kkonċernata tiġi, skond iċ-ċirkostanzi, jew ritirata b' obbligu skond l-Artikolu III-253 jew deprivata mid-dritt tagħha għal pensjoni jew benefiċċji oħra minflokha.

Artikolu III-252

1. Barra minn sostituzzjoni normali, jew mewt, id-dmirijiet ta' Kummissjonarju Ewropew jew Kummissjonarju għandhom jispiċċaw meta jirriżenja jew tirriżenja jew jiġi rtirat jew tiġi ritirata b' obbligu. Kummissjonarju Ewropew jew Kummissjonarju għandu jirriżenja jew għandha tirriżenja jekk il-President jitlob hekk.

2. Vaganza kkawżata minn riżenja, irtirar b' obbligu jew mewt għandha timtela għall-bqija tal-mandat tal-Kummissjonarju Ewropew jew tal-Kummissjonarju minn Kummissjonarju Ewropew ġdid jew Kummissjonarju maħtur mill-President tal-Kummissjoni skond l-Artikoli I-25 u I-26.

3. Fil-każ ta' riżenja, irtirar b' obbligu jew mewt, il-President għandu jiġi sostitwit jew għandha tiġi sostitwita għall-bqija tal-mandat tiegħu jew tagħha skond l-Artikolu I-26(1).

4. Fil-każ tar-riżenja tal-Kummissarji Ewropej u tal-Kummissarji kollha, għandhom jibqgħu fil-mandat sakemm ikunu ġew sostitwiti, għall-bqija tal-mandat tagħhom, skond l-Artikoli I-25 u I-26.

Artikolu III-253

Jekk kwalunkwe Kummissarju Ewropew jew Kumissarju ma jissodisfax jew ma tissodisfax aktar il-kondizzjonijiet meħtieġa għat-twettieq tad-dmirijiet tiegħu jew tagħha jew jekk kien ħati jew kienet ħatja ta' miskondotta serja, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' fuq applikazzjoni mill-Kunsill tal-Ministri, waqt li jaġixxi b' maġġoranza sempliċi, jew mill-Kummissjoni, tirtirah jew tirtiraha b' obbligu.

Artikolu III-254

Ir-responsabbiltajiet li jaqgħu fuq il-Kummissjoni għandhom ikunu mibnija u allokati fost il-membri tagħha mill-President tagħha, skond l-Artikolu I-26(3) tal-Kostituzzjoni. Il-President jista' jerġa' jassenja l-allokazzjoni ta' dawk ir-responsabiltajiet tul il-mandat tal-Kummissjoni. Kummissarji Ewropej u Kummissarji għandhom iwettqu l-kompiti li jaqgħu fuqhom mill-President taħt l-awtorità tiegħu jew tagħha.

Artikolu III-255

Il-Kummissjoni għandha taġixxi b' maġġoranza tal-membri tal-Kulleġġ. Ir-Regoli ta' Proċedura għandhom jiddeterminaw il-*quorum*.

Artikolu III-256

Il-Kummissjoni għandha tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu sabiex jassigura kemm l-operazzjoni proprja u kemm dik tad-dipartimenti tiegħu. Għandha tassigura li dawn ir-regoli huma ppubblikati.

Artikolu III-257

Il-Kummissjoni għandha tippubblika annwalment, sa mhux iktar tard minn xahar qabel il-ftuħ tas-sessjoni tal-Parlament Ewropew, rapport ġenerali dwar l-attivitajiet ta' l-Unjoni.

## Subsezzjoni 5

## Il-Qorti tal-Ġustizzja

### Artikolu III-258

Il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja għandu jkollha s-sede tagħha f' awli, bħala Prim' Awla jew bħala Qorti kompleta, skond l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja.

### Artikolu III-259

Il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja għandha tkun assistita minn tmien Avukati Ġenerali. Jekk il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja titlob hekk, il-Kunsill tal-Ministri, waqt li jaġixxi unanimament, jista' jadotta deċiżjoni Ewropea biex iżid in-numru ta' Avukati-Ġenerali.

Għandu jkun id-dmir ta' l-Avukat Ġenerali, waqt li jaġixxi jew taġixxi b' imparzjalità u b'indipendenza kompleta, li jagħmel jew tagħmel, f' qorti miftuħa, sottomissjonijiet raġjonati dwar każijiet li, skond l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, jeħtieġu l-involviment tiegħu jew tagħha.

### Artikolu III-260

L-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja għandhom jintagħżlu minn persuni li l-indipendenza tagħhom hi lil hinn minn kull dubju u li jippossjedu kwalifiki meħtieġa għall-ħatra għall-ogħla karigi ġudizzjarji fil-pajjiżi rispettivi tagħhom jew li huma juriskonsulti ta' kompetenza rikonoxxuta; għandhom jinħatru bi qbil komuni tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri wara li jikkonsultaw il-*panel* previst fl-Artikolu III-262.

Kull tlett snin għandu jkun hemm sostituzzjoni parzjali ta' l-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja.

L-Imħallfin għandhom jeleġġu l-President tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja minn fost in-numru tagħhom għal terminu ta' tlett snin. Jista' jerga' jiġi elett jew tista' terġa' tiġi eletta.

Il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja għandha tadotta r-Regoli ta' Proċedura tagħha. Dawk ir-Regoli għandhom jeħtieġu l-approvazzjoni tal-Kunsill tal-Ministri.

### Artikolu III-261

In-numru ta' Imħallfin tal-Qorti Għolja għandu jiġi determinat mill-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja. L-Istatut jista' jipprovdi għall-Qorti Għolja biex tiġi assistita minn Avukati Ġenerali.

Il-membri tagħha tal-Qorti Għolja  għandhom jintagħżlu minn fost persuni li l-indipendenza tagħhom hi lil hinn minn kull dubju u li jippossjedu l-kapaċità meħtieġa għal ħatra għal kariga ġudizzjarja għolja. Għandhom jinħatru bi qbil komuni tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri wara l-konsultazzjoni tal-*Panel* previst fl-Artikolu III-262.

Is-sħubija tal-Qorti Għolja  għandha tiġġedded parzjalment kull tlett snin. Membri li jirtiraw jistgħu jerġgħu jinħatru.

L-Imħallfin għandhom jeleġġu il-President tal-Qorti Għolja  minn fosthom għal terminu ta' tlett snin. Jista' jerġa' jiġi elett jew tista' terġa' tiġi eletta.

Il-Qorti Għolja  għandha tistabilixxi r-regoli ta Proċedura tagħha bi ftehim mal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja. Ir-Regoli għandhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni mill-Kunsill tal-Ministri.

Sakemm l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jipprovdix mod ieħor, id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li jirrelataw għall-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja għandhom japplikaw għall-Qorti Għolja .

## Artikolu III-262

Għandu jiġi stabbilit *panel*  sabiex jagħti opinjoni dwar l-adattabilità ta' kandidati, sabiex iwettaq il-kompiti ta' Imħallef u Avukat Ġenerali tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja u tal-Qorti Għolja  qabel ma l-gvernijiet ta' l-Istati Membri jieħdu d-deċiżjonijiet msemmija fl-Artikoli III-260 u III-261.

Il-*Panel*  għandu jinkludi seba' persuni magħżula minn fost membri preċedenti tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja u tal-Qorti Għolja , membri ta' Qrati Supremi Nazzjonali u Avukati ta' kompetenza rikonoxxuta, li wieħed minnhom għandu jiġi propost mill-Parlament Ewropew. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tistabilixxi ir-regoli ta' operazzjoni tal-*Panel* u deċiżjoni wropea għall-ħatra tal-membri tiegħu. Għandu jaġixxi fuq l-inizjattiva tal-President tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja.

## Artikolu III-263

1. Il-Qorti Għolja għandu jkollha ġurisdizzjoni biex tisma' u tiddetermina fl-ewwel istanza azzjonijiet jew proċeduri imsemmija fl-Artikoli III-270, III-272, III-275, III-277 u III-279, ħlief għal dawk assenjati lil qorti speċjalizzata u dawk riservati fl-Istatut għall-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja. L-Istatut jista' jipprovdi għall-Qorti Għolja  biex ikollha ġurisdizzjoni għal klassijiet oħra ta' azzjoni jew proċeduri.

Deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti Għolja taħt dan il-paragrafu jistgħu ikunu soġġetti għal dritt ta' appell lill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja dwar punti ta' liġi biss, taħt il-kondizzjonijiet u fil-limiti stabbiliti mill-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja.

2. Il-Qorti Għolja  għandu jkollha ġurisdizzjoni biex tisma' u tiddetermina azzjonijiet jew proċeduri miġjuba kontra d-deċiżjonijiet tal-qrati speċjalizzati stabbiliti taħt l-Artikolu III-264.

Deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti Għolja taħt dan il-paragrafu jistgħu ikunu soġġetti eċċezzjonalment għal reviżjoni mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja taħt il-kondizzjonijiet u fil-limiti stabbiliti mill-Istatut fejn ikun hemm riskju serju li tiġi effettwata l-unità jew il-konsistenza tal-liġi ta' l-Unjoni.

3. Il-Qorti Għolja għandu jkollha ġurisdizzjoni biex tisma' u tiddetermina kwistjonijiet riferiti għal seduta preliminari taħt l-Artikolu III-274, f' oqsma speċifiċi stabbiliti mill-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Meta l-Qorti Għolja tikkunsidra li l-każ jeħtieġ deċiżjoni ta' prinċipju li x' aktarx jeffettwa l-unità jew il-konsistenza ta' liġi ta' l-Unjoni jista' jirreferi l-każ lill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja għal seduta.

Deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti Għolja fuq kwistjonijiet riferiti għal seduta preliminari jistgħu eċċezzjonalment ikunu soġġetti għal reviżjoni mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja taħt il-kondizzjonijiet u fil-limiti stabbiliti mill-Istatut fejn ikun hemm riskju serju li jiġu effettwati l-unità jew il-konsistenza tal-liġi ta' l-Unjoni.

## Artikolu III – 264

1. Liġijiet Ewropej jistgħu jistabilixxu qrati speċjalizzati annessi mal-Qorti Għolja biex jisimgħu u jiddeterminaw fl-ewwel istanza ċerti klassijiet ta' azzjoni jew proċedura f'oqsma speċifiċi. Għandhom jiġu adottati jew fuq proposta mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Qorti tal-Ġustizzja jew fuq it-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja wara konsultazzjoni tal-Kummissjoni.

2. Il-Liġi Ewropea li tistabilixxi qorti speċjalizzata għandha tistabilixxi r-regoli dwar l-organizzazzjoni tal-qorti u l-limitu tal-ġurisidizzjoni mogħtija lilha.

3. Deċiżjonijiet mogħtija minn qrati speċjalizzati jistgħu ikunu soġġetti għal dritt ta' appell fuq punti tal-liġi biss jew meta previsti fil-liġi Ewropea li tistabilixxi il-qorti speċjalizzata, dritt ta' asppell ukoll fuq kwistjonijiet ta' fatt quddiem il-Qorti Għolja .

4. Il-membri tal-qrati speċjalizzati għandhom jintagħżlu minn persuni li l-indipendenza tagħhom hija lil hinn minn kull dubju u li jippossjedu l-kapaċità meħtieġa għall-ħatra għall kariga ġudizzjarja. Għandhom jinħatru mill-Kunsill tal-Ministri, waqt li jaġixxi unanimament.

5. Il-qrati speċjalizzati għandhom jistabilixxu r-Regoli ta' Proċedura tagħhom bi ftehim mal-Qorti tal-Ġustizzja. Dawk ir-regoli għandhom jeħtieġu l-approvazzjoni tal-Kunsill tal-Ministri.

6. Sakemm liġi Ewropea li tistabilixxi l-qorti speċjalizzata ma tipprovdix xort' oħra, id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li jirrelataw għall-Qorti tal-Ġustizzja u d-disposizzjonijiet ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja għandhom japplikaw għall-qrati speċjalizzati.

Artikolu III-265

Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li Stat Membru ikun naqas li jissodisfa obbligu taħt il-Kostituzzjoni, għandha tagħti opinjoni raġjonata dwar il-kwistjoni wara li tagħti lill-istat ikkonċernat l-opportunità li jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu.

Jekk l-Istat ma jikkonformax ma' l-opinjoni fil-perjodu stabbilit mill-Kummissjoni, dan ta' l-aħħar jista' jġib il-kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Artikolu III-266

Stat Membru li jikkunsidra li Stat Membru ieħor ikun naqas li jissodisfa obbligu taħt il-Kostituzzjoni jista' jġib il-kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Qabel ma Stat Membru jġib azzjoni kontra Stat Membru ieħor għal ksur allegat ta' obbligu taħt il-Kostituzzjoni, għandu jġib il-kwistjoni quddiem il-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni għandha tagħti opinjoni raġjunata wara li kull wieħed mill-Istati kkonċernati jkun ingħata l-opportunità li jissottometti l-każ proprju tiegħu u l-osservazzjonijiet tiegħu dwar il-każ tal-parti l-oħra kemm oralment u kemm bil-miktub.

Jekk il-Kummissjoni ma tkunx tat opinjoni fi żmien tlett xhur mid-data li fiha l-kwistjoni tressqet quddiema, fl-assenza ta' din l-opinjoni m'għandhiex tipprevjeni l-kwistjoni milli titressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Artikolu III-267

1. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ssib li Stat Membru jkun naqas li jissodisfa obbligu taħt il-Kostituzzjoni,l-Istat għandu jkun meħtieġ jieħu l-miżuri neċessarji biex jikkonforma mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.
2. Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx ħa l-miżuri neċessarji biex jikkonforma mas-sentenza tal-Qorti, tista' ġġib il-każ quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja wara li tagħti lil dak l-Istat l-opportunità li jissottometti l-oservazzjonijiet tiegħu. Għandha tispeċifika l-ammont tas-somma f'daqqa jew tal-pagament ta' penalità li għandu jitħallas mill-Istat Membru kkonċernat li hi tikkunsidra approprjat fiċ-ċirkostanzi.

Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ssib li l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx ikkonforma mas-sentenza tista' timponi somma f' daqqa jew pagament ta' penalità fuqu.

Din il-proċedura għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-Artikolu III-266.

3. Meta l-Kummissjoni ġġib il-każ quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skond l-Artikolu III-265 fuq il-bażi li l-Istat ikkonċernat ikun naqas li jissodisfa l-obbligi tiegħu li jinnotifika miżuri li jittrasponu liġi kwadru Ewropea, tista', meta tqisu approprjat, titlob li, tul l-istess proċeduri, il-Qorti tal-Ġustizzja timponi l-pagament ta' somma f' daqqa jew penalità jekk il-Qorti ssib li kien hemm dan in-nuqqas.

Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonforma mat-talba tal-Kummissjoni, il-pagament in kwistjoni għandu jseħħ fil-limitu stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha.

Artikolu III-268

Liġijiet Ewropej u regolamenti Ewropej tal-Kunsill tal-Ministri, jistgħu jagħtu lill-Qorti tal-Ġustizzja ġurisdizzjoni mhux limitata fir-rigward tal-penalitajiet previsti fihom.

Artikolu III-269

Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra tal-Kostituzzjoni, liġi Ewropea tista' tagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja, sal-limitu li għandha tiddetermina, ġuridizzjoni f' disputazzjonijiet li jirrelataw għall-applikazzjoni ta' atti adottati abbażi tal-Kostituzzjoni li joħolqu drittijiet Ewropej ta' proprjetà intellettwali.

Artikolu III-270

1. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrevedi l-legalità tal-liġijiet u tal-liġijiet kwadri Ewropej, ta' atti tal-Kunsill tal-Ministri, tal-Kummissjoni u tal-Bank Ċentrali Ewropew, ta' xort' oħra minn rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet, u ta' atti tal-Parlament Ewropew maħsuba biex jipproduċu effetti legali vis-à-vis partijiet terzi. Għandha wkoll tirrevedi l-legalità ta' atti ta' korpi jew aġenziji ta' l-Unjoni maħsuba biex jipproduċu effetti legali vis-à-vis partijiet terzi.

2. Għandha għal dan l-iskop ikollha ġurisidzzjoni f' azzjonijiet miġjuba minn Stat Membru, mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill tal-Ministri jew mill-Kummissjoni abbażi ta' nuqqas ta' kompetenza, ksur ta' ħtieġa proċedurali essenzjali, ksur tal-Kostituzzjoni jew ta' xi regola tal-liġi li tirrelata għall-applikazzjoni tagħha, jew nuqqas ta' użu ta' poteri.

3. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkollha ġurisidizzjoni taħt l-istess kondizzjonijiet f'azzjonijiet miġjuba mill-Qorti ta'l-Awdituri,mill-Bank Ċentrali Ewropew u mill-Kumitat tar-Reġjuni għall-iskop tal-protezzjoni tal-prerogattivi tagħhom.

4. Kull persuna fiżika jew ġuridika tista', taħt l-istess kondizzjonijiet, tistitwixxi proċeduri kontra att indirizzat lil dik il-persuna jew li hu ta' interess dirett u individwali għaliha, u kontra att regolatorju li hu ta' interess dirett għaliha u li ma jinvolvix miżuri ta' implimentazzjoni.

5. Atti li jistabilixxu korpi u aġenziji ta' l-Unjoni jistgħu jistabilixxu kondizzjonijiet u arranġamenti speċifiċi li jikkonċernaw azzjonijiet miġjuba minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi kontra atti ta' dawn il-korpi jew aġenziji maħsuba biex jipproduċu effetti legali.

6. Il-proċeduri previsti f' dan l-Artikolu għandhom jiġu istitwiti fi żmien xahrejn mill-pubblikazzjoni ta' l-att, jew tan-notifika tiegħu lill-attur, jew fl-assenza tiegħu, fil-jum li fih l-attur sar jaf bih, skond il-każ.

Artikolu III- 271

Jekk l-azzjoni għandha bażi tajba il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddikjara li l-att ikkonċernat huwa null.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha, jekk tikkunsidra dan neċessarju, tiddikjara liema mill-effetti ta' l-att li hi ddikjarat null għandha tiġi kkunsidrata definittiva.

Artikolu III- 272

Jekk il-Parlament Ewopew, il-Kunsill tal-Ministri, il-Kummissjoni jew il-Bank Ċentrali Ewropew, fi ksur tal-Kostituzzjoni, jonqsu li jaġixxu, l-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet l-oħra ta' l-Unjoni jistgħu iġibu azzjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja biex jiġi stabbilit il-ksur. Din id-disposizzjoni għandha tapplika taħt l-istess kondizzjonijiet, għal korpi u aġenziji ta' l-Unjoni li jonqsu li jaġixxu.

L-azzjoni għandha tkun ammessibbli biss jekk l-istituzzjoni,l-aġenzija jew il-korp ikkonċernat ikunu l-ewwel issejħu biex jaġixxu. Jekk, fi żmien xahrejn, minn meta jissejjħu, l-Istituzzjoni, l-korp jew l-aġenzija kkonċernati ma jkunux iddefinew il-pożizzjoni tagħhom, l-azzjoni tista' tinġjieb f' perjodu ulterjuri ta' xahrejn.

Kull persuna fiżika jew ġuridika tista', taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi preċedenti, tilmenta lill-Qorti tal-Ġustizzja li Istituzzjoni, il-korp jew l-aġenzija ta' l-Unjoni jkunu naqsu li jindirizzaw lil dik il-persuna kwalunkwe att ta' xort' oħra minn rakkomandazzjoni jew opinjoni.

Artikolu III-273

L-Istituzzjoni jew l-Istituzzjonijiet, il-korp jew l-aġenzija li l-att tagħhom ġie ddikjarat null, jew li n-nuqqas tagħhom li jaġixxu ġie ddikjarat kuntrarju għall-Kostituzzjoni, għandhom ikunu meħtieġa jieħdu l-miżuri neċessarji biex jikkonformaw mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Dan l-obbligu m' għandux jeffettwa kull obbligu li jista' jirriżulta mill-applikazzjoni tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu III-337.

Artikolu III-274

Il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkollha l-ġurisdizzjoni li tagħti regoli preliminari li jikkonċernaw:

(a) l-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni;
(b) il-validità u l-interpretazzjoni ta' atti ta' l-Istituzzjonijiet ta' l-Unjoni.

Meta din il-kwistjoni titqajjem quddiem kwalunkwe qorti jew tribunal ta' Stat Membru, dik il-qorti jew dak it-tribunal jistgħu, jekk jikkunsidraw li hija neċessarja deċiżjoni fuq il-kwistjoni sabiex ikunu jistgħu jagħtu sentenza, jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tgħaddi deċiżjoni fuqha.

Meta kwalunkwe kwistjoni ta' dan it-tip titqajjem f' każ pendenti quddiem qorti jew tribunal ta' Stat Membru li kontra d-deċiżjonijiet tagħhom ma hemm ebda rimedju ġudizzjarju taħt il-liġi nazzjonali, dik il-qorti jew dak it-tribunal għandhom iressqu l-kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Jekk din il-kwistjoni titressaq f' każ pendenti quddiem qorti jew tribunal ta' Stat Membru fir-rigward ta' persuna f' kustodja, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha taġixxi b' minimu ta' dewmien.

Artikolu III-275

Il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkollha l-ġurisidizzjoni f'disputazzjonijiet li jirrelataw għal kumpens għall-ħsara prevista fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu III-337.

Artikolu III-276

Fuq it-talba ta' l-Istat Membru kkonċernat b' determinazzjoni magħmula mill-Kunsill Ewropew jew mill-Kunsill tal-Ministri skond l-Artikolu I-58, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja għandu jkollha ġurisdizzjoni biss fuq l-istipulazzjonijiet proċedurali f' dak l-Artikolu. Il-Qorti għandha tirregola fi żmien xahar mid-data ta' dik id-determinazzjoni.

Artikolu III-277

Il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkollha ġurisdizzjoni fi kwalunkwe disputazzjoni bejn l-Unjoni u l-impjegati tagħha fil-limiti u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti ta' l-Impjegati ta' Uffiċjali jew fil-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg ta' impjegati oħra ta' l-Unjoni.

Artikolu III-278

Il-Qorti tal-Ġustizzja fil-limiti stabbiliti hawnhekk iżjed 'il quddiem għandu jkollha ġurisdizzjoni f'disputazzjonijiet li jikkonċernaw:

(a) it-twettieq minn Stati Membri ta' obbligi taħt l-Istatut tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment. F' din il-konnessjoni, il-Bord tad-Diretturi tal-Bank għandhom igawdu l-poteri mogħtija mill-Kummissjoni bl-Artikolu III-265;

(b) miżuri adottati mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment. F' din il-konnessjoni, kull Stat Membru, il-Kummissjoni jew il-Bord tad-Diretturi tal-Bank jistgħu jistitwixxu proċeduri taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu III-270;

(ċ) miżuri adottati mill-Bord tad-Diretturi tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment. Il-Proċeduri kontra dawn il-miżuri jistgħu jiġu istitwiti biss minn Stati Membri jew mill-Kummissjoni, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu III-270, u biss abbażi ta' non-konformità mal-proċedura prevista fl-Artikolu 21 (2), (5), (6) u (7) ta' l-Istatut tal-Bank;

(d) it-twettieq minn banek ċentrali nazzjonali ta' obbligi taħt il-Kostituzzjoni u ta' l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u l-Bank Ċentrali Ewropew. F' din il-konnessjoni, il-poteri tal-Kunsill tal-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' banek ċentrali nazzjonali għandhom ikunu l-istess bħal dawk mogħtija lill-Kummissjoni fir-rigward ta' Stati Membri mill-Artikolu III-265. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ssib li bank ċentrali nazzjonali jkun naqas li jissodisfa obbligu that il-Kostituzzjoni, dak il-bank għandu jkun meħtieġ jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jikkonforma mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Artikolu III – 279

Il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkollha ġurisdizzjoni li tagħti sentenza skond kull klawżola ta' arbitraġġ f' kuntratt konkluż minn jew għan-nom ta' l-Unjoni, kemm jekk dak il-kuntratt ikun irregolat b' liġi pubblika u kemm jekk b' liġi privata.

Artikolu III-280

Il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkollha ġurisdizzjoni f' kull disputazzjoni bejn Stati Membri li tirrelata għas-suġġett tal-Kostituzzjoni jekk id-disputazzjoni hija sottomessa lilha taħt ftehim speċjali bejn il-partijiet.

Artikolu III-281

Ħlief meta l-ġurisidizzjoni tingħata lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-Kostituzzjoni, disputazzjonijiet li hi parti għalihom l-Unjoni m' għandhomx fuq dik il-bażi jiġu esklużi minn ġurisdizzjoni tal-qrati jew tribunali ta' l-Istati Membri.

Artikolu III-282

Il-Qorti tal-Ġustizzja m' għandux ikollha ġurisdizzjoni fir-rigward ta' l-Artikoli I-39 u
I-40 u d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu II tat-Titolu V tal-Parti III li jikkonċenaw il-politika barranija u ta' sigurtà komuni.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkollha ġurisdizzjoni li tirregola fuq proċeduri li jirrevedu l-legalità ta' miżuri restrittivi kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi, adottati mill-Kunsill abbażi ta' l-Artikolu III-224, u miġjuba skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu III-270(4).

Artikolu III –283

Fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħha li jirrigwardaw id-disposizzjonijiet tas-Sezzjonijiet 4 u 5 tal-Kapitolu IV tat-Titolu III li jikkonċernaw il-qasam tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja, il-Qorti tal-Ġustizzja m' għandux ikollha ġurisdizzjoni biex tirrevedi l-validità jew il-proporzjonalità ta' operazzjonijiet imwettqa mill-pulizija jew minn kull servizz ieħor ta' applikazzjoni tal-liġi ta' Stat Membru jew l-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet li jaqgħu fuq l-Istati Membri fir-rigward taż-żamma ta' l-ordni pubbliku u s-salvagwardja tas-sigurtà interna, meta din l-azzjoni hija kwistjoni ta' liġi nazzjonali.

Artikolu III-284

L-Istati Membri jieħdu fuqhom li ma jissottomettux disputazzjoni li tikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-Kostituzzjoni għal kwalunkwe metodu ta' riżoluzzjoni barra minn dawk previsti hemmhekk.

Artikolu III-285

Minkejja l-iskadenza tat-terminu stabbilit fl-Artikolu III-270(6), kwalunkwe parti tista', fi proċeduri li fihom ikun hemm involuta liġi Ewropea, jew regolament Ewropew tal-Kunsill tal-Ministri, tal-Kummissjoni, jew tal-Bank Ċentrali Ewropew, tagħmel is-sottomissjonijiet speċifikati fl-Artikolu III-270(2) sabiex tinvoka quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja l-inapplikabilità ta' dak l-att.

Artikolu III-286

Azzjonijiet miġjuba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja m' għandhomx ikollhom effett ta' sospensjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' madanakollu, jekk tikkonsidra li ċ-ċirkostanzi jeħtieġu hekk, tordna li l-applikazzjoni ta' l-att ikkontestat tiġi sospiża.

Artikolu III-287

Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' f' kull każ quddiemha tippreskrivi miżuri *interim* neċessarji.

Artikolu III-288

Is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja għandhom jidħlu fis-seħħ taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu III-307.

Artikolu III-289

L-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja għandu jiġi stabbilit f' Protokoll.

Liġi Ewropea tista' temenda d-disposizzjonijiet ta' l-Istatut, bl-eċċezzjoni tat-Titolu I u l-Artikolu 64. Għandha tiġi adottata jew fuq it-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja u wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni, jew fuq proposta mill-Kummissjoni u wara konsultazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Subsezzjoni 6

Il-Qorti ta' l-Awdituri

Artikolu III-290

1. Il-Qorti ta' l-Awdituri għandha teżamina l-kontijiet tad-dħul u l-infiq kollu ta'l-Unjoni. Għandha wkoll teżamina l-kontijiet tad-dħul u l-infiq kollu tal-korpi kollha stabbiliti mill-Unjoni sa fejn l-istrument kostitwenti rilevanti ma jipprekludix dan l-eżami.

Il-Qorti ta' l-Awdituri għandha tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-Ministri b' dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar id-dipendibilità tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità ta' l-operazzjonijiet rappreżentati li għandhom jiġu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.* Din id-dikjarazzjoni tista' tiġi supplimentata bi stimi speċifiċi għal kull qasam maġġuri ta' attività ta' l-Unjoni.

2. Il-Qorti ta' l-Awdituri għandha teżamina jekk id-dħul kollu ġiex riċevut u jekk l-infiq kollu kienx akkumulat b' mod legali u regolari u jekk l-amministrazzjoni finanzjarja kienitx korretta. B' hekk, għandha tirrapporta b' mod partikolari dwar każijiet ta' irregolarità.

Il-verifika tad-dħul għandha titwettaq abbażi kemm ta' l-ammonti stabbiliti bħala dovuti u kemm bħala l-ammonti attwalment imħallsa lill-Unjoni.

Il-verifika ta' l-infiq għandha titwettaq abbażi ta' kemm impenni li jkunu daħlu għalihom u kemm pagamenti magħmula.

Dawn il-verifiki jistgħu jitwettqu qabel l-egħluq tal-kontijiet għas-sena finanzjarja in kwistjoni.

3. Il-verifika għandha tkun ibbażata fuq reġistri u, jekk neċessarju, titwettaq fuq il-post fl-Istituzzjonijiet l-oħra, fl-istabbiliment ta' kull korp li jamministra d-dħul jew l-infiq għan-nom ta' l-Unjoni u fl-Istati Membri, inkluż l-istabbiliment ta' kull persuna fiżika jew ġuridika li tirċievi pagamenti mill-budget. Fl-Istati Membri il-verifika għandha titwettaq flimkien ta' korpi nazzjonali ta' verifika, jew jekk dawn ma jkollhomx il-poteri neċessarji, mad-dipartimenti nazzjonali kompetenti. Il-Qorti ta' l-Awdituri u l-korpi nazzjonali ta' verifika ta' l-Istati Membri għandhom jikkooperaw fi spirtu ta' fiduċja waqt li jżommu l-indipendenza tagħhom. Dawn il-korpi jew dipartimenti għandhom jinfurmaw lill-Qorti ta' l-Awdituri jekk ikollhomx il-ħsieb li jieħdu parti fil-verifika.

L-Istituzzjonijiet l-oħra, kwalunkwe korp li jamministra d-dħul jew l-infiq għan-nom ta' l-Unjoni, kull persuna fiżika jew ġuridika li tirċievi pagamenti mill-budget, u l-korpi nazzjonali ta' verifika jew, jekk dawn ma jkollhomx il-poteri neċessarji, id-dipartimenti nazzjonali kompetenti, għandhom jgħaddu lill-Qorti ta' l-Awdituri, fuq it-talba tagħha, kull dokument jew informazzjoni neċessarji biex iwettqu l-kompiti tagħha.

Fir-rigward ta' l-attività tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment fl-amministrazzjoni ta' l-infiq u d-dħul ta' l-Unjoni, id-drittijiet għal aċċess mill-Qorti ta' l-Awdituri għal informazzjoni miżmuma mill-Bank għandhom ikunu rregolati bi ftehim bejn il-Qorti, il-Bank u l-Kummissjoni. Fl-assenza ta' ftehim, il-Qorti għandha madanakollu jkollha aċċess għall-informazzjoni neċessarja għall-verifika ta' infiq u dħul ta'l-Unjoni amministrati mill-Bank.

4. Il-Qorti ta' l-Awdituri ghandha tfassal rapport annwali wara l-egħluq ta' kull sena finanzjarja. Għandu jintbgħat lill-Istituzzjonijiet l-oħra u għandu jiġi ppubblikat, flimkien mat-tweġibiet ta' dawn l-Istituzzjoijiet għall-osservazzjonijiet tal-Qorti ta' l-Awdituri, fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Il-Qorti ta' l-Awdituri tista' wkoll, fi kwalunkwe ħin, tissottometti osservazzjonijiet, partikolarment fil-forma ta' rapporti speċjali, dwar mistoqsijiet speċifiċi u tagħti opinjonijiet fuq it-talba ta' waħda mill-Istituzzjonijiet l-oħra.

Għandha tadotta r-rapporti annwali, r-rapporti speċjali jew l-opinjonijiet tagħha b' maġġoranza tal-Membri tagħha. Madanakollu, tista' tistabilixxi awli interni sabiex jiġu adottati ċerti kategoriji ta' rapporti jew opinjonijiet taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti mir-Regoli ta' Proċedura tagħha.

Għandha tassisti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-Ministri fl-eżerċizzju tal-poteri ta' kontroll tagħhom fuq l-implimentazzjoni tal-budget.

Il-Qorti ta' l-Awdituri għandha tadotta r-Regoli ta' Proċedura tagħha. Dawk ir-regoli għandhom jeħtieġu l-approvazzjoni tal-Kunsill tal-Ministri.

## Artikolu III-291

1. Il-Membri tal-Qorti ta' l-Awdituri għandhom jintagħżlu minn fost persuni li jappartjenu jew kienu jappartjenu fil-pajjiżi rispettivi tagħhom għal korpi esterni ta' verifika jew li huma speċjalment ikkwalifikati għal dan il-mandat. L-indipendenza tagħhom għandha tkun lil hinn minn kull dubju.

2. Il-Membri tal-Qorti ta' l-Awdituri għandhom jinħatru għal terminu ta' sitt snin. Il-mandat tagħhom għandu jiġġedded. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tistabilixxi l-lista tal-Membri imfassla skond il-proposti magħmula minn kull Stat Membru. Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

Il-membri tal-Qorti ta' l-Awdituri għandhom jeleġġu l-President tagħhom minn fosthom għal terminu ta' tlett snin. Jista' jerġa' jiġi elett jew tista' terġa' tiġi eletta.

3. Il-Membri tal-Qorti ta' l-Awdituri , fl-interess ġenerali ta' l-Unjoni, għandhom ikunu kompletament indipendenti fit-twettieq tal-kompiti tagħhom.

Fit-twettieq ta’ dawn il-kompiti, la għandhom ifittxu u lanqas jieħdu istruzzjonijiet minn kwalunkwe gvern jew minn kwalunkwe korp ieħor. Għandhom iżommu lura minn kull azzjoni inkompatibbli mal-kompiti tagħhom.

4. Il-Membri tal-Qorti ta’ l-Awdituri ma jistgħux, matul il-mandat tagħhom, jidħlu għal xi xogħol ieħor, kemm jekk ta’ gwadann u kemm jekk le. Meta jidħlu għall-kompiti tagħhom għandhom jagħtu impenn solenni li, kemm tul u kemm wara l-mandat tagħhom, jirrispettaw l-obbligi li jirriżultaw minnu u b’ mod partikolari d-dmir tagħhom li jgibu ruħhom b’ integrità u diskrezzjoni fir-rigward ta’ l-aċċettazzjoni, wara li jkunu waqqfu mill-mandat tagħhom, ta’ ċerti impenni jew benefiċċji.

5. Barra minn sostituzzjoni normali jew mewt, il-kompiti ta’ Membru tal-Qorti ta’ l-Awdituri għandhom jispiċċaw meta jirriżenja jew tirriżenja, jew ikollu jirtira jew ikollha tirtira b’ obbligu b’ deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja skond il-paragrafu 6.

Il-vaganza hekk ikkawżata għandha timtela għall-bqija tal-mandat tal-Membru.

Ħlief fil-każ ta’ irtirar b’ obbligu, Membri tal-Qorti ta’ l-Awdituri għandhom jibqgħu fil-kariga sakemm jiġu ssostitwiti.

6. Membru tal-Qorti ta’ l-Awdituri jista’ jiġi deprivat mill-mandat tiegħu jew tagħha jew mid-dritt għal pensjoni jew benefiċċji oħra minflokha biss jekk il-Qorti tal-Ġustizzja, fuq it-talba tal-Qorti ta’ l-Awdituri, ssib li ma jissodisfax jew ma tissodisfax aktar il-kondizzjonijiet rekwiżiti jew ma jissodisfax jew ma tissodisfax l-obbligi li jirriżultaw mill-mandat tiegħu jew tagħha.

## SEZZJONI 2

## IL-KORPI KONSULTATTIVI TA' L-UNJONI

### Subsezzjoni 1

### Il-Kumitat tar-Reġjuni

#### Artikolu III-292

In-numru ta' membri tal-Kumitat tar-Reġjuni m' għandux jeċċedi 350. Il-Kunsill tal-Ministri għandu unanimament jadotta deċiżjoni Ewropea li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat.

Il-membri tal-Kumitat u numru ugwali ta' membri alternati għandhom jinħatru għal ħames snin. Il-mandat tagħhom għandu jiġġedded. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tistabilixxi l-lista ta' membri u membri alternati mfassla skond il-proposti magħmula minn kull Stat Membru.

Meta l-mandat imsemmi fl-Artikolu I-31(2) li abbażi tiegħu kienu proposti jasal fi tmiemu, il-mandat tal-membri tal-Kumitat għandu jiġi terminat awtomatikament u għandu mbagħad jiġi sostitwit għall-bqija tal-mandat imsemmi skond l-istess proċedura.

Ebda membru tal-Kumitat ma għandu fl-istess ħin ikun Membru tal-Parlament Ewropew.

#### Artikolu III-293

Il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jeleġġi l-president u l-uffiċjali tiegħu minn fost il-membri tiegħu għal terminu ta' sentejn u nofs.

Għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

Il-Kumitat għandu jissejjaħ mill-president tiegħu fuq it-talba tal-Parlament ewropew, tal-Kunsill tal-Ministri jew tal-Kummissjoni. Jista' wkoll jiltaqa' fuq l-inizjattiva proprja.

#### Artikolu III-294

Il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jiġi kkonsultat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill tal-Ministri jew mill-Kummissjoni meta l-Kostituzzjoni tipprovdi hekk u fil-każijiet l-oħra kollha, b' mod partikolari dawk li jikkonċernaw kooperazzjoni trans-fruntiera, li fihom waħda minn dawn l-Istituzzjonijiet tikkunsidrah approprjat.

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Ministri jew il-Kummissjoni għandhom, jekk jikkunsidrawh neċessarju, jistabilixxu limitu ta' żmien lill-Kumitat għas-sottomissjoni ta' l-opinjoni tiegħu, li ma

jistax ikun inqas minn xahar mid-data li fiha l-president jirċievi notifika għal dan l-iskop. Ma' l-iskadenza tal-limitu taż-żmien, l-assenza ta' opinjoni m' għandiex tipprevjeni azzjoni ulterjuri.

Meta l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali huwa kkonsultat skond l-Artikolu III-298, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jiġi informat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill tal-Ministri jew mill-Kummissjoni bit-talba għal opinjoni. Jista' joħroġ opinjoni fuq l-inizjattiva proporja f' każijiet li fihom jikkunsidra li din l-azzjoni hija approprjata.

L-opinjoni tal-Kumitat, flimkien ma' reġistru tal-proċeduri, għandha tintbgħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill tal-Ministri u lill-Kummissjoni.

## Subsezzjoni 2

## Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali

### Artikolu III-295

In-numru ta' membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali m' għandux jeċċedi 350. Il-Kunsill tal-Ministri għandu unanimament jadotta deċiżjoni Ewropea li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat.

### Artikolu III-296

Il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali għandhom jinħatru għal ħames snin. Il-mandat tagħhom għandu jiġġedded. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jadotta d-deċiżjoni Ewropea li tistabilixxi lista ta' membri mfassla skond il-proposti magħmula minn kull Stat Membru.

Il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni. Jista' jottjeni l-opinjoni tal-korpi Ewropej li huma rappreżentanti tas-setturi ekonomiċi u soċjali diversi u tas-soċjetà ċivili li għalihom huma ta' interess l-attivitajiet ta' l-Unjoni.

### Artikolu III-297

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali għandu jeleġġi l-president u l-uffiċjali tiegħu minn fost il-membri tiegħu għal terminu ta' sentejn u nofs.

Għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

Għandu jissejjaħ mill-president tiegħu fuq it-talba tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill tal-Ministri jew tal-Kummissjoni. Jista' wkoll jiltaqa' fuq l-inizjattiva proprja.

Artikolu III-298

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali għandu jiġi kkonsultat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill tal-Ministri jew mill-Kummissjoni meta l-Kostituzzjoni tipprovdi hekk. Fil-każijiet l-oħra kollha, jista' jiġi kkonsultat minn dawn l-Istituzzjonijiet. Jista' wkoll joħroġ opinjoni fuq l-inizjattiva rpoprja.

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Ministri jew il-Kummissjoni għandhom, jekk jikkunsidrawh neċessarju, jistabilixxu lil-Kumitat limitu ta' żmien, għas-sottomissjoni ta' l-opinjoni tiegħu, li ma jistax ikun inqas minn xahar mid-data li fiha l-president jirċievi notifika għal dan l-iskop. Ma' l-iskadenza tal-limitu ta' żmien, l-assenza ta' opinjoni m' għandhiex tipprevjeni azzjoni ulterjuri.

L-opinjoni tal-Kumitat flimkien ma' reġistru tal-proċeduri għandhom jintbagħtu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill tal-Ministri u lill-Kummissjoni.

SEZZJONI 3

IL-BANK EWROPEW TA' L-INVSTIMENT

Artikolu III-299

Il-Bank Ewropew ta' l-Investiment għandu jkollu personalità ġuridika.

Il-membri tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment għandhom ikunu l-Istati Membri.

L-Istatut tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment huwa stabbilit f' Protokoll. Liġijiet Ewropej jistgħu jemendaw l-Artikoli 4, 11 u 12 u l-Artikolu 18(5) ta' l-Istatut tal-Bank, jew fuq it-talba tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment u wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni, jew fuq proposta mill-Kummissjoni u wara konsultazzjoni mal-Bank Ewropew ta' l-Investiment.

Artikolu III-300

Il-kompitu tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment għandu jkun li jikkontribwixxi, billi jkollu rikors għas-suq kapitali u billi jutilizza r-riżorsi proprji, għall-iżvilupp bilanċjat u kostanti tas-suq intern fl-interess ta' l-Unjoni. Għal dan l-iskop il-Bank għandu, waqt li jopera fuq bażi li ma jagħmilx profitt, jagħti self u jagħti garanziji li jiffaċilitaw l-iffinanzjar tal-proġetti li ġejjin fis-setturi kollha ta' l-ekonomija:

(a) proġetti għall-iżvilupp ta' reġjuni inqas żviluppati;

(b) proġetti għall-immodernizzar jew il-konverżjoni ta' intrapriżi jew għall-iżvilupp ta' attivitajiet friski neċessitati mill-istabbiliment progressiv tas-suq intern, meta dawn il-proġetti huma ta' tali daqs jew natura li ma jistgħux jiġu kompletament iffinanzjati mill-mezzi varji disponibbli fl-Istati Membri individwali;

(ċ) proġetti ta' interess komuni għal diversi Stati Membri li huma ta' daqs jew natura li ma jistgħux jiġu kompletament iffinanzjati mill-mezzi varji disponibbli fl-Istati Membri individwali.

Fit-twettieq tal-kompitu tiegħu, il-Bank għandu jiffaċilita l-iffinanzjar ta' programmi ta' investiment flimkien ma' assistenza mill-Fondi Strutturali u mill-istrumenti finanzjarji oħrajn ta' l-Unjoni.

SEZZJONI 4

DISPOSIZZJONIJIET KOMUNI GĦALL-ISTITUZZJONIJIET, IL-KORPI U L-AĠENZIJI TA' L-UNJONI

Artikolu III- 301

1. Meta, skond il-Kostituzzjoni, il-Kunsill tal-Ministri jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, l-unanimità għandha tkun mehtieġa għal att li jikkostitwixxi emenda għal dik il-proposta, soġġett għall-Artikoli I-54, III-302 (10) u (13), u III-310.

2. Sakemm il-Kunsill tal-Ministri ma jkunx aġixxa, il-Kummissjoni tista' taltera l-proposta tagħha f' kull ħin tul il-proċeduri li jwasslu għall-adozzjoni ta' att ta' l-Unjoni.

Artikolu III-302

1. Meta, skond il-Kostituzzjoni, liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej huma adottati taħt il-proċedura leġislattiva ordinarja d-disposizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw.

2. Il-Kummissjoni ghandha tissottometti proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-Ministri.

<u>L-ewwel qari</u>

3. Il-Parlament Ewropew għandu jadotta l-pożizzjoni tiegħu ma' l-ewwel qari u jikkomunikaha lill-Kunsill tal-Ministri.

4. Jekk il-Kunsill tal-Ministri japprova l-pożizzjoni tal-Parlamemt Ewropew, l-att propost għandu jigi adottat.

5. Jekk il-Kunsill tal-Ministri ma japprovax il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, għandu jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari u jikkomunikaha lill-Parlament Ewropew.

6. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jinforma lill-Parlament Ewropew kompletament bir-raġunijiet li wassluh biex jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew kompletament bil-pożizzjoni tagħha.

<u>It-tieni qari</u>

7. Jekk, fi żmien tlett xhur minn din il-komunikazzjoni, il-Parlament Ewropew

(a) japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill tal-Ministri fl-ewwel qari jew ma jkunx ħa deċiżjoni, l-att propost għandu jitqies li ġie adottat.

(b) jirrifjuta, b' maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu, il-pożizzjoni tal-Kunsill tal-Ministri fl-ewwel qari, l-att propost għandu jitqies li ma ġiex adottat;

(ċ) jipproponi, b' maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu, emendi għall-pożizzjoni tal-Kunsill tal-Ministri fl-ewwel qari, it-test hekk emendat għandu jintbgħat lill-Kunsill tal-Ministri u lill-Kummissjoni, li għandhom jagħtu opinjoni dwar dawk l-emendi.

8. Jekk, fi żmien tlett xhur minn meta jirċievi l-emendi tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Ministri, waqt li jaġixxi b' maġġoranza kkwalifikata,

(a) japprova dawk l-emendi kollha, l-att in kwistjoni għandu jitqies li ġie adottat;
(b) ma japprovax l-emendi kollha, il-President tal-Kunsill tal-Ministri, fi ftehim mal-President tal-Parlament Ewropew, għandu fi żmien sitt ġimgħat isejjaħ laqgħa tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni.

9. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi unanimament dwar l-emendi li fuqhom il-Kummissjoni tkun tat opinjoni negattiva.

Il-Konċiljazzjoni

10. Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, li għandu jkun kompost mill-membri tal-Kunsill tal-Ministri jew ir-rappreżentanti tagħhom, u numru ugwali ta' membri li jirrappreżentaw il-Parlament Ewropew, għandu jkollu l-kompitu li jilħaq ftehim dwar test konġunt, b' maġġoranza kkwalifikata tal-membri tal-Kunsill tal-Ministri jew ir-rappreżentanti tagħhom u b' maġġoranza tal-membri li jirrappreżentaw il-Parlament Ewropew fi żmien sitt ġimgħat minn meta jissejjaħ, abbażi tal-pożizzjonijiet tal-Parlament u tal-Kunsill tal-Ministri fit-tieni qari.

11. Il-Kummissjoni għandha tieħu parti fil-proċeduri tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni u għandha tieħu l-inizjattivi kollha neċessarji bl-iskop li tirrikonċilja l-pożizzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Ministri.

12. Jekk, fi żmien sitt ġimgħat minn meta jissejjaħ, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni ma japprovax it-test konġunt, l-att propost għandu jitqies li ma ġiex adottat.

It-Tielet qari

13. Jekk, f' dak il-perjodu, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni japprova test konġunt, il-Parlament Ewropew, waqt li jaġixxi b' maġġoranza tal-voti espressi, u l-Kunsill tal-Ministri, waqt li jaġixxi b' maġġoranza kkwalifikata, għandhom kull wieħed ikollhom perjodu ta' sitt ġimgħat minn dik id-data biex fih jadottaw l-att in kwistjoni skond it-test konġunt. Jekk jonqsu li jagħmlu dan l-att propost għandu jitqies li ma ġiex adottat.

14. Il-perjodi ta' tlett xhur u sitt ġimgħat imsemmi f' dan l-Artikolu għandhom jiġu estiżi b' massimu ta' xahar u ġimgħatejn rispettivament fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Ministri.

**Disposizzjonijiet speċjali**

15. Meta, fil-każ speċifikament previst fil-Kostituzzjoni, liġi jew liġi kwadru jiġu sottomessi għall-proċedura ordinarja leġislattiva dwar l-inizjattiva ta' grupp ta' Stati Membri fuq rakkomandazzjoni

mill-Bank Ċentrali Ewropew, jew fuq it-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja jew tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment, il-paragrafi 2, it-tieni sentenza tal- paragrafu 6 u l-paragrafu 9 m' għandhomx japplikaw.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Ministri għandhom jikkomunikaw l-att propost lill-Kummissjoni mal-pożizzjonijiet tagħhom fl-ewwel u fit-tieni qari.

Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill tal-Ministri jistgħu jitolbu l-opinjoni tal-Kummissjoni tul il-proċedura kollha. Il-Kummissjoni tista' wkoll tagħti opinjoni dwar l-inizjattiva proprja tagħha. Tista', jekk tqisu neċessarju, tieħu parti fil-Kumitat ta' Konċiljazzjoni dwar il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 11.

Artikolu III-303

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Ministri u l-Kummissjoni għandhom jikkonsultaw lil xulxin u bi qbil komuni jagħmlu arranġamenti għall-kooperazzjoni tagħhom. Għal dak l-iskop, jistgħu, in konformità mal-Kostituzzjoni, jikkonkludu ftehim interistituzzjonali li jista' jkun ta' natura li jorbot.

Artikolu III-304

1. Fit-twettieq tal-missjonijiet tagħhom, l-Istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji ta' l-Unjoni għandu jkollhom l-appoġġ ta' amministrazzjoni Ewropea miftuħa, effiċjenti u indipendenti.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu III-332, liġijiet Ewropej għandhom jistabilixxu disposizzjonijiet speċifiċi għal dak l-iskop.

Artikolu III-305

1. L-Istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji ta' l-Unjoni għandhom jirrikonoxxu l-importanza ta' trasparenza fix-xogħol tagħhom u għandhom, fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu I-49, jistabilixxu fir-regoli ta' proċedura tagħhom id-disposizzjonijiet speċifiċi għal aċċess pubbliku għad-dokumenti. Il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Bank Ċentrali Ewropew għandhom ikunu soġġetti għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu I-49(3) meta jeżerċitaw il-kompiti amministrattivi tagħhom.

2. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Ministri għandhom jassiguraw pubblikazzjoni tad-dokumenti li jirrelataw għall-proċeduri leġislattivi.

Artikolu III-306

1. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jadotta regolamenti u deċiżjonijiet Ewropej li jiddeterminaw:

(a) is-salarji, l-*allowances* u l-pensjonijiet tal-President tal-Kunsill Ewropew, tal-President tal-Kummissjoni, tal-Ministru ta' l-Unjoni ta' l-Affarijiet Barranin, tal-Kummissarji Ewropej u tal-Kummissarji, tal-President, tal-Membri u tar-Reġistrar tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja u tal-Membri u r-Reġistrar tal-Qorti Għolja;

(b) il-kondizzjonijiet ta' l-impjieg, b' mod partikolari is-salarji l-*allowances,* u l-pensjonijiet tal-President u tal-Membri tal-Qorti ta' l-Awdituri.

Għandu wkoll jiddetermina kull ħlas li għandu jsir minflok remunerazzjoni.

2. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jadotta regolamenti u deċiżjonijiet Ewropej li jiddeterminaw l-*allowances* tal-Membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

## Artikolu III-307

L-Atti tal-Kunsill tal-Ministri, tal-Kummissjoni jew tal-Bank Ċentrali Ewropew li jimponu obbligu ta' flus fuq persuni ta' xorta minn Stati għandhom ikunu applikabbli.

L-applikazzjoni għandha tiġi rregolata mir-regoli ta' proċedura ċivili fis-seħħ fl-Istat Membru li fit-territorju tiegħu titwettaq. L-ordni għall-applikazzjoni tagħha għandha tiġi annessa mad-deċiżjoni mingħajr formalità oħra għajr il-verifika ta' l-awtentiċità tad-deċiżjoni, mill-awtorità nazzjonali li l-gvern ta' kull Stat Membru għandu jaħtar għal dan l-iskop u li għandu jgħarraf lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Meta dawn il-formalitajiet ikunu ġew ikkompletati fuq applikazzjoni mill-parti kkonċernata, din ta' l-aħhar tista' tipproċedi għall-applikazzjoni, billi ġġib il-kwistjoni direttament quddiem l-awtorità kompetenti, skond il-liġi nazzjonali.

L-Applikazzjoni tista' tiġi sospiża biss b' deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Madanakollu, il-qrati tal-pajjiż ikkonċernat għandu jkollhom ġurisidizzjoni fuq ilmenti li l-applikazzjoni tkun qed titwettaq b' mod irregolari.

**KAPITOLU II**

**DISPOSIZZJONIJIET FINANZJARJI**

SEZZJONI I

IL-KWADRU FINANZJARJU PLURIENNALI

Artikolu III-308

1. Il-kwadru finanzjarju pluriennali għandu jiġi stabbilit għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin skond l-Artikolu I-54.

2. Il-kwadru finanzjarju għandu jiffissa l-ammonti tal-limiti annwali fuq approprjazzjonijiet ta' impenn skond il-kategorija ta' l-infiq u tal-limitu annwali dwar approprjazzjonijiet ta' pagament. Il-kategoriji ta' l-infiq, li huma ftit, għandhom jikkorrispondu għas-setturi maġġuri ta' attività ta' l-Unjoni.

3. Il-kwadru finanzjarju għandu jistabilixxi kull disposizzjoni oħra meħtieġa biex il-proċedura annwali tal-budget topera mingħajr xkiel.

4. Meta ebda liġi Ewropew tal-Kunsill tal-Ministri li tistabilixxi kwadru finanzjarju ġdid ma tkun ġiet adottata sa l-aħħar tal-kwadru finanzjarju preċedenti, il-limiti u disposizzjonijiet oħrajn li jikkorrispondu għall-aħħar sena ta' dak il-kwadru għandhom jiġu estiżi sa dak iż-żmien meta dik il-liġi tiġi adottata.

5. Tul il-proċedura li twassal għall-adozzjoni tal-kwadru finanzjarju, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Ministri u l-Kummissjoni għandhom jieħdu kull miżura neċessarja sabiex tiffaċilita l-kompletazzoni b' suċċess tal-proċedura.

SEZZJONI 2

IL-*BUDGET* ANNWALI TA' L-UNJONI

Artikolu III-309

Is-sena finanzjarja għandha tibda mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru.

Artikolu III-310

Liġijiet Ewropej għandhom jistabilixxu l-*budget* annwali ta' l-Unjoni skond id-disposizzjonijiet li ġejjin:

1. Kull istituzzjoni għandha, qabel l-1 ta' Lulju, tfassal estimi ta' l-infiq tagħha. Il-Kummissjoni għandha tikkonsolida dawn l-estimi f' abbozz tal-budget. Għandha tannetti miegħu opinjoni li tista' tikkontjeni estimi differenti.

L-abbozz tal-budget għandu jikkontjeni stima tad-dħul u stima ta' l-infiq.

Il-Kummissjoni tista' temenda l-abbozz tal-budget tul il-proċedura sa dak il-ħin li l-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, msemmi fil-paragrafu 5 hawn taħt, jiġi msejjaħ.

2. Il-Kummissjoni għandha tissottometti l-abbozz tal-*budget* lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-Ministri sa mhux iktar tard mill- 1 ta' Settembru tas-sena li tippreċedi dik li fiha l-budget għandu jiġi implimentat.

3. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jadotta l-pożizzjoni tiegħu dwar l-abbozz tal-*budget* u jgħaddih lill-Parlament Ewropew sa mhux iktar tard mill-1 ta' Ottubru tas-sena li tippreċedi dik li fiha l-budget għandu jiġi implimentat. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jinforma lill-Parlament Ewropew kompletament bir-raġunijiet li wassluh biex jadotta l-pożizzjoni tiegħu.

4. Jekk, fi żmien tnejn u erbgħin jum minn din il-komunikazzjoni, il-Parlament Ewropew:

(a) japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill tal-Ministri jew ma jkunx ħa deċiżjoni, il-liġi Ewropea tal-*budget* għandha titqies li ġiet adottata;

(b) jipproponi emendi għall-pożizzjoni tal-Kunsill tal-Ministri b' maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu, it-test emendat għandu jintbgħat lill-Kunsill tal-Ministri u lill-Kummissjoni. Il-Presidet tal-Parlament Ewropew, bi ftehim mal-President tal-Kunsill tal-Ministri, għandu imedjatament isejjaħ laqgħa tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni.

Jekk, fi żmien għaxart ijiem, il-Kunsill tal-Ministri jinforma lill-Parlament Ewropew li jkun approva l-emendi kollha tiegħu, il-kumitat ta' Konċiljazzjoni m' għandux jiltaqa'.

5. Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, li għandu jkun kompost mill-membri tal-Kunsill tal-Ministri jew mir-rappreżentanti tagħhom u numru ugwali ta' membri li jirrappreżentaw il-Parlament Ewropew, għandu jkollu l-kompitu li jilħaq ftehim dwar test konġunt, b' maġġoranza kkwalifikata tal-membri tal-Kunsill tal-Ministri jew tar-rappreżentanti tagħhom u b' maġġoranza tal-membri li jirrappreżentaw il-Parlament Ewropew fi żmien wieħed u għoxrin jum minn meta jissejjaħ, abbażi tal-pożizzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Ministri.

6. Il-Kummissjoni għandha tieħu parti fil-proċeduri tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni u għandha tieħu l-inizjattivi kollha neċessarji bl-iskop li tirrikonċilja l-pożizzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Ministri.

7. Jekk, fi żmien il-wieħed u għoxrin jum imsemmi fil-paragrafu 5, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni japprova test konġunt, il-Parlament Ewropew, waqt li jaġixxi b' maġġoranza tal-voti espressi, u l-Kunsill tal-Ministri, waqt li jaġixxi b' maġġoranza kkwalfiikata, għandhom kull wieħed ikollhom perjodu ta' erbatax-il jum minn dik id-data biex fih jadottaw it-test konġunt.

8. Jekk, fi żmien il-wieħed u għoxrin jum imsemmi fil-paragrafu 5, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni ma japprovax test konġunt jew jekk il-Kunsill tal-Ministri jirrifjuta t-test konġunt, il-Parlament jista', fi żmien erbatax-il jum, waqt li jaġixxi b' maġġoranza tal-komponenti tiegħu u tlieta minn ħamsa tal-voti espressi, jikkonferma l-emendi tiegħu. Meta l-emenda tal-Parlament mhijiex ikkonfermata, il-pożizzjoni tal-Kunsill tal-Ministri dwar il-partita tal-budget li hija s-suġġett ta' l-emenda għandha titqies li ġiet adottata.

Madanakollu, jekk il-Parlament, waqt li jaġixxi b' maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu u tlieta minn ħamsa tal-voti espressi, jirrifjuta t-test konġunt, jista' jitlob biex jiġi sottomess abbozz ġdid tal-*budget*.

9. Meta l-proċedura prevista f' dan l-Artikolu tkun ġiet ikkompletata, il-President tal-Parlament Ewropew għandu jiddikjara li l-liġi Ewropea tal-budget tkun ġiet finalment adottata.

Artikolu III-311

1. Jekk ebda liġi Ewropea tal-budget ma tkun ġiet adottata fil-bidu tas-sena finanzjarja, somma ekwivalenti għal mhux iktar minn wieħed minn tnax ta' l-approprjazzjonijiet tal-*budget* iskritti fil-liġi Ewropea tal-budget għas-sena finanzjarja preċedenti tista' tintnefaq kull xahar fir-rigward ta' kull kapitolu jew suddiviżjoni oħra tal-budget skond id-disposizzjoijiet tal-liġi Ewropea msemmija fl-Artikolu III-318; dan l-arranġament m' għandux, madanakollu, jkollu l-effett li jqiegħed għad-disposizzjoni tal-Kummissjoni approprjazzjonijiet in eċċess ta' wieħed minn tnax ta' dawk previsti fl-abbozz tal-budget taħt konsiderazzjoni.

2. Il-Kunsill tal-Ministri, fuq proposta mill-Kummissjoni, u in konformità mal-kondizzjonijiet l-oħra stabbiliti fil-paragrafu 1, jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tawtorizza infiq in eċċess ta' wieħed minn tnax. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jgħaddi d-deċiżjoni immedjatament lill-Parlament Ewropew.

Id-deċiżjoni Ewropea għandha tistabilixxi l-miżuri neċessarji li jirrelataw għar-riżorsi sabiex tiġi assigurata l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.

Għandha tidħol fis-seħħ tletin jum wara l-adozzjoni tagħha jekk il-Parlament Ewropew, waqt li jaġixxi b' maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu ma jkunx iddeċieda li jnaqqas dan l-infiq f' dak il-limitu ta' żmien.

Artikolu III-312

Skond il-kondizjonijiet stabbiliti bil-liġi Ewropea msemmija fl-Artikolu III-318, kull approprjazzjoni, barra minn dawk li jirrelataw għal infiq tal-personal, li ma tkunx mistennija fl-aħħar tas-sena finanzjarja tista' titressaq 'il quddiem sas-sena finanzjarja li jmiss biss.

Approprjazzjonijiet għandhom jiġu kklassifikati taħt kapitoli differenti li jiġbru partiti ta' infiq skond in-natura jew l-iskop tagħhom u jiġu suddiviżi skond il-liġi Ewropea msemmija fl-Artikolu III-318.

L-infiq tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill tal-Ministri, tal-Kummissjoni u tal-Qorti tal-Ġustizzja għandu jiġi stabbilit f' partijiet separati tal-budget, mingħajr preġudizzju għal arranġamenti speċjali għal ċerti partiti komuni ta' infiq.

SEZZJONI 3

L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-*BUDGET* U R-RILAXX

Artikolu III-313

Il-Kummissjoni għandha timplimenta l-budget f' kooperazzjoni ma' l-Istati Membri, skond il-liġi Ewropea msemmija fl-Artikolu III-318, fuq ir-responsabbiltà proprja u fil-limiti ta' l-approprjazzjonijiet allokati, b' qies għall-prinċipji ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw mal-Kummissjoni sabiex jassiguraw li l-approprjazzjonijiet jintużaw skond dawk il-prinċipji.

Il-liġi Ewropea msemmija fl-Artikolu III-318 għandha tistabilixxi l-obbligi ta' kontroll u verifika ta' l-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-budget u r-responsabbiltajiet li jirriżultaw.

Il-liġi Ewropea msemmija fl-Artikolu III-318 għandha tistabilixxi r-responsabbiltajiet u regoli dettaljati għal kull Istituzzjoni li jikkonċernaw il-parti tagħha f' li jiġi effettwat l-infiq proprju.

Il-Kummissjoni tista' soġġett għal-limiti u l-kondizzjonijiet stabbiliti mil-liġi Ewropea msemmija fl-Artikolu III-318, tagħmel trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn kapitoli jew bejn suddiviżjonijiet fil-*budget*.

Artikolu III-314

Il-Kummissjoni għandha tissottometti annwalment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-Ministri il-kontijiet tas-sena finanzjarja preċedenti li jirrelataw għall-implimentazzjoni tal-budget. Il-Kummissjoni għandha wkoll tgaħddilhom dikjarazzjoni finanzjarja ta' l-assi u r-responsabbiltajiet ta' l-Unjoni.

Il-Kummissjoni għandha wkoll tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-Ministri rapport ta' valutazzjoni dwar il-finanzi ta' l-Unjoni bbażati fuq ir-riżultati ottenuti, b' mod partikolari fir-rigward ta' l-indikazzjonijiet mogħtija mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill tal-Ministri skond l-Artikolu III-315.

Artikolu III-315

1. Il-Parlament Ewropew, fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill tal-Ministri, għandu jagħti rilaxx lill-Kummissjoni fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-budget. Għal dan l-iskop, il-Kunsill tal-Ministri u l-Parlament Ewropew warajh għandhom jeżaminaw il-kontijiet, id-dikjarazzjoni finazjarja u r-rapport ta' valutazzjoni imsemmi fl-Artikolu III-314, ir-rapport annwali mill-Qorti ta' l-Awdituri flimkien mat-tweġibiet ta' l-Istituzzjonijiet taħt verifika lill-osservazzjonijiet tal-Qorti ta' l-Awdituri, id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu III-290(1) u kull rapport speċjali rilevanti mill-Qorti ta' l-Awdituri.

2. Qabel ma jagħti rilaxx lill-Kummissjoni, jew għal kull skop ieħor in konnessjoni ma' l-eżerċizzju tal-poteri tiegħu fuq l-implimentazzjoni tal-budget, il-Parlament Ewropew jista' jitlob biex jisma' lill-Kummissjoni tagħti prova fir-rigward ta' l-eżeguzzjoni ta' infiq jew l-operazzjoni ta' sistemi

ta' kontroll finanzjarju. Il-Kummissjoni għandha tissottometti kull informazzjoni neċessarja lill-Parlament Ewropew fuq it-talba ta' dan ta' l-aħħar.

3. Il-Kummissjoni għandha tieħu l-passi kollha approprjati sabiex taġixxi fuq l-osservazzjonijiet fid-deċiżjonijiet li jagħtu rilaxx u fuq l-osservazzjonijiet kollha mill-Parlament Ewropew li jirrigwardaw l-eżekuzzjoni ta' l-infiq, kif ukoll fuq kummenti li jakkumpanjaw ir-rakkomandazzjonijiet dwar ir-rilaxx adottat mill-Kunsill tal-Ministri.

4. Fuq it-talba tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill tal-Ministri, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar il-miżuri meħuda fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet u l-kummenti u b' mod partikolari dwar l-istruzzjonijiet mogħtija lid-dipartimenti li huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-budget. Dawn ir-rapporti għandhom ukoll jintbagħtu lill-Qorti ta' l-Awdituri.

SEZZJONI 4

DISPOSIZZJONIJIET KOMUNI

Artikolu III-316

Il-kwadru finanzjarju pluriennali u l-*budget* annwali għandhom jitfasslu f' ewro.

Artikolu III-317

Il-Kummissjoni tista', sakemm tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri kkonċernati, titrasferixxi fil-munita ta' wieħed mill-Istati Membri l-assi finanzjarji tagħha fil-munita ta' Stati Membru ieħor, sal-limitu neċessarju sabiex ikunu jistgħu jiġu wżati għal skopijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Kostituzzjoni. Il-Kummissjoni għandha sa fejn possibbli tevita li tagħmel dawn it-trasferimenti jekk tippossjedi flus jew assi likwidi fil-muniti li għandha bżonn.

Il-Kummissjoni għandha titratta ma' kull Stat Membru kkonċernat permezz ta' l-awtorità maħtura mill-Istat. Fit-twettieq ta' l-operazzjonijiet finanzjarji il-Kummissjoni għandha timpjiega s-servizzi tal-bank tal-ħruġ ta' l-Istat Membru kkonċernat jew ta' kull Istituzzjoni finanzjarja oħra approvata minn dak l-Istat.

Artikolu III-318

1. Il-liġijiet Ewropej għandhom:

(a) jistabilixxu r-regoli finanzjarji li jiddeterminaw b' mod partikolari l-proċedura li għandha tiġi adottata għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-*budget* u għall-preżentazzjoni u l-verifika tal-kontijiet;

(b) jistabilixxu regoli li jikkonċernaw ir-responsabbiltà ta' kontrolluri finanzjarji, uffiċjali ta' awtorizzazzjoni u uffiċjali ta' kontabilità.

Għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-Qorti ta' l-Awdituri.

2. Il-Kunsill tal-Ministri għandu fuq proposta mill-Kummissjoni jadotta regolament Ewropew li jistabilixxi l-metodi u l-proċedura li permezz tagħhom id-dħul tal-budget previst taħt l-arranġamenti li jirrelataw ghar-riżorsi proprji ta' l-Unjoni għandhom isiru disponibbli lill-Kummissjoni, u l-miżuri li għandhom jiġu applikati, jekk jeħtieġ, biex jilħqu l-ħtiġiet ta' flus kontanti. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Qorti ta' l-Awdituri.

3. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi unanimament sa l-1 ta' Jannar 2007 fil-każijiet kollha msemmija minn dan l-Artikolu.

## Artikolu III-319

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Ministri u l-Kummissjoni għandhom jassiguraw li l-mezzi finanzjarji ikunu disponibbli biex jippermettu lill-Unjoni tissodisfa l-obbligi legali tagħha fir-rigward ta' partijiet terzi.

## Artikolu III-320

Laqgħat regolari bejn il-Presidenti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Ministri u l-Kummissjoni għandhom jissejjħu fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni taħt il-proċeduri tal-budget imsemmija f' dan il-Kapitolu. Il-Presidenti għandhom jieħdu l-passi kollha neċessarji sabiex jippromwovu konsultazzjoni u r-rikonċiljazzjoni tal-pożizzjonijiet ta' l-Istituzzjonijiet sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu.

SEZZJONI 5

IL-ĠLIEDA KONTRA L-FRODI

Artikolu III-321

1. L-Unjoni u l-Istati Membri ghandhom jiġġieldu kontra l-frodi u kull attività oħra illegali li teffettwa l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni permezz ta' miżuri adottati skond dan l-Artikolu. Dawn il-miżuri għandhom jaġixxu bħala deterrent u jkunu tali li jagħtu protezzjoni effettiva fl-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-istess miżuri biex jiġġieldu kontra frodi li teffettwa l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni bħalma jieħdu biex jiġgieldu kontra frodi li teffettwa l-interessi finanzjarji proprji.

3. Mingħajr pregudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra tal-Kostituzzjoni, l-Istati Membri għandhom jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom immirata lejn il-protezzjoni ta' l-interessi finazjarji ta' l-Unjoni kontra l-frodi. Għal dan l-iskop għandhom jorganizzaw flimkien mal-Kumissjoni, kooperazzjoni mill-qrib u regolari bejn l-awtoritajiet kompetenti.

4. Liġijiet jew liġijiet kwadri Ewropej għandhom jistabilixxu l-miżuri neċessarji fl-oqsma tal-prevenzjoni ta' u l-ġlieda kontra l-frodi li teffettwa l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni bl-iskop li tingħata protezzjoni effettiva u ekwivalenti fl-Istati Membri. Għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-Qorti ta' l-Awdituri.

5. Il-Kummissjoni, f' kooperazzjoni ma' l-Istati Membri, għandha kull sena tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-Ministri rapport dwar il-miżuri u d-disposizzjonijiet adottati għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.

## KAPITOLU III

## IL-KOOPERAZZJONI MSAĦĦA

Artikolu III-322

Kull kooperazzjoni msaħħa proposta għandha tikkonforma mal-Kostituzzjoni u l-liġi ta' l-Unjoni.

Din il-kooperazzjoni m' għandhiex tissopravjeni fuq is-suq intern jew il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. M'għandhiex tikkostitwixxi barriera għal jew diskriminazzjoni fil-kummerċ bejn Stati Membri, u lanqas ma għandha tiddistorċi l-kompetizzjoni bejniethom.

Artikolu III-323

Kull kooperazzjoni msaħħa proposta għandha tirrispetta l-kompetenzi, d-drittijiet u l-obbligi ta' dawk l-Istati Membri li ma jipparteċipawx fiha. Dawk l-Istati Membri m' għandhomx jimpedixxu l-implimentazzjoni tagħha mill-Istati Membri parteċipanti.

Artikolu III-324

1. Meta l-kooperazzjoni msaħħa tkun qed tiġi stabbilita, għandha tkun miftuħa għall-Istati Membri kollha soġġetti għal konformità ma' kwalunkwe kondizzjoni ta' parteċipazzjoni stabbilita mid-deċiżjoni Ewropea ta' awtorizzazzjoni. Għandha tkun miftuħa għalihom fi kwalunkwe ħin ieħor, soġġett għall-konformità ma' l-atti diġà adottati f' dak il-kwadru, b' żieda ma' kull kondizzjoni ta' dan it-tip.

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri li jipparteċipaw f' kooperazzjoni msaħħa għandhom jassiguraw li jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni minn kemm jista' jkun Stati Membri.

2. Il-Kummissjoni u, meta approprjat, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni għandhom iżommu lill-membri kollha tal-Kunsill tal-Ministri u lill-Parlament Ewropew regolarment infurmati bl-iżviluppi li jirrigwardaw il-kooperazzjoni msaħħa.

Artikolu III-325

1. L-Istati Membri li jixtiequ jistabilixxu kooperazzjoni msaħħa bejniethom f' wieħed mill-oqsma koperti mill-Kostituzzjoni, bl-eċċezzjoni tal-politika barranija u ta' sigurtà komuni, għandhom jinidirizzaw talba lill-Kummissjoni, waqt li jispeċifikaw il-qasam ta' l-applikazzjoni u l-miri għall-kooperazzjoni msaħħa proposta. Il-Kummissjoni tista' tissottometti proposta lill-Kunsill tal-Ministri għal dak l-iskop. Fil-każ li l-Kummissjoni ma tissottomettiex proposta, għandha tinforma lill-Istati Membri kkonċernati bir-raġunijiet biex ma jsirx hekk.

Awtorizzazzjoni għal proċediment b' kooperazzjoni msaħħa għandha tingħata b' deċiżjoni Ewropew tal-Kunsill tal-Ministri, waqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kumissjoni u wara li jottjeni l-kunsens tal-Parlament Ewropew.

2. Fil-kwadru tal-politika barranija u ta' sigurtà komuni, it-talba ta' l-Istati Membri li jixtiequ jistabilixxu kooperazzjoni msaħħa bejniethom għandha tiġi inidirzzata lill-Kunsill tal-Ministri. Għandha tintbgħat lill-Ministru għall Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, li għandu jagħti opinjoni dwar jekk il-kooperazzjoni msaħħa hijiex konsistenti mal-politika barranija u ta' sigurtà komuni ta' l-Unjoni, u lill-Kummissjoni, li għandha tagħti l-opinjoni tagħha b' mod partikolari dwar jekk il-kooperazzjoni msaħħa proposta hijiex konsistenti mal-politiki l-oħra ta' l-Unjoni. Għandha wkoll tintbgħat lill-Parlament Ewropew għal informazzzjoni.

L-Awtorizzazzjoni għal proċediment b' kooperazzjoni msaħħa għandha tingħata b' deċiżjoni Ewropeatal-Kunsill tal-Ministri.

Artikolu III-326

1. Kull Stat Membru li jixtieq jipparteċipa f' kooperazzjoni msaħħa f' waħda mill-oqsma msemmija fl-Artikolu III-325 (1) għandu jinnotifika l-intenzjoni tiegħu lill-Kunsill tal-Ministri u lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni għandha, fi żmien erba' xhur mid-data ta' l-irċevuta tan-notifika tikkonferma l-parteċipazzjoni ta' l-Istati Membri kkonċernati. Għandha tieħu nota meta neċessarju li l-kondizzjonijiet kollha ta' parteċipazzjoni ġew sodisfatti u għandha tadotta kull miżura transitorja meqjusa neċessarja b' rigward għall-applikazzjoni ta' l-atti digà adottati fil-kwadru ta' kooperazzjoni msaħħa.

Madanakollu, jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li kull kondizzjoni ta' parteċipazzjoni ma ġietx sodisfatta, għandha tindika l-arranġamenti li għandhom jiġu adotatti biex jiġu sodisfatti dawk il-kondizzjonijiet u għandha tistabilixxi żmien perentorju biex terġa' tiġi eżaminata t-talba għal parteċipazzjoni. Għandha terġa' teżamina t-talba skond il-proċedura stabbilita fis-subparagrafu preċedenti. Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li kull kondizzjoni ta' parteċipazzjoni għandha ma ġietx sodisfatta, l-Istat Membru kkonċernat jista' jirreferi l-kwistjoni lill-Kunsill tal-Ministri, li għandu jaġixxi skond l-Artikolu I-43(3). Il-Kunsill tal-Ministri jista' wkoll jadotta l-miżuri transitorji msemmija fit-tieni subparagrafu fuq proposta mill-Kummissjoni.

2. Kull Stat Membru li jixtieq jipparteċipa f' kooperazzjoni msaħħa fil-kwadru tal-politika barranija u ta' sigurtà komuni, għandu jinnotifika l-intenzjoni tiegħu lill-Kunsill tal-Ministri, lill-Ministru ta' l-Unjoni ta' l-Affarijiet Barranin u lill-Kummissjoni.

Il-Kunsill tal-Ministri għandu jikkonferma l-parteċipazzjoni ta' l-Istat Membru kkonċernat, wara konsultazzjoni mal-Ministru ta' l-Unjoni ta' l-Affarijiet Barranin. Għandu jikkontrolla, meta neċessarju, li kull kondizzjoni ta' parteċipazzjoni ġiet sodisfatta. Il-Kunsill tal-Ministri fuq proposta mill-Ministru ta' l-Unjoni ta' l-Affarijiet Barranin jista' wkoll jadotta kull miżura transitorja meqjusa neċessarja fir-rigward ta' l-applikazzjoni ta' l-atti diġà adottati fil-kwadru ta' kooperazzjoni msaħħa. Madankollu, jekk il-Kunsill tal-Ministri jikkunsidra li kull kondizzjoni ta' parteċipazzjoni ma ġietx sodisfatta, għandu jindika l-arranġamenti li għandhom jiġu adottati sabiex jiġu sodisfatti dawk il-kondizzjonijiet u għandu jistabilixxi żmien perentorju biex terġa' tiġi eżaminata t-talba ghal parteċipazzjoni.

Għall-iskopijiet ta' dan il-paragrafu, il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi skond l-Artikolu I-43(3).

### Artikolu III-327

L-Infiq li jirriżulta mill-implimentazzjoni ta' kooperazzjoni msaħħa, barra minn spejjeż amministrattivi involuti għall-Istituzzjonijiet l-oħra, għandhom ikunu responsabbli għalih Stati Membri parteċipanti, sakemm il-membri kollha tal-Kunsill tal-Ministri, waqt li jaġixxi unanimament wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, ma jiddeċiedux mod ieħor.

### Artikolu III-328

Meta disposizzjoni tal-Kostituzzjoni li tista' tiġi applikata fil-kuntest ta' kooperazzjoni msaħħa tistipula li l-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi unanimament, il-Kunsill tal-Ministri, waqt li jaġixxi unanimament skond l-arranġamenti stabbiliti fl-Artikolu I-43(3), jista' fuq l-inizjattiva proprja, jiddeċiedi li jaġixxi b' maġġoranza kkwalifikata.

Meta disposizzjoni tal-Kostituzzjoni li tista' tiġi applikata fil-kuntest ta' kooperazzjoni msaħħa tistipula li l-Kunsill tal-Ministri għandu jadotta liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej taħt proċedura leġislattiva speċjali, il-Kunsill tal-Ministri, waqt li jaġixxi unanimament skond l-arranġamenti stabbiliti fl-Artikolu I-43(3), jista', fuq l-inizjattiva proprja, jiddeċiedi li jaġixxi taħt il-proċedura leġislattiva ordinarja. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew.

### Artikolu III-329

Il-Kunsill tal-Ministri u l-Kummissjoni għandhom jassiguraw il-konsistenza ta' attivitajiet meħuda fil-kuntest ta' kooperazzjoni msaħħa u l-konsistenza ta' dawn l-attivitajiet mal-politiki ta' l-Unjoni, u għandhom jikkooperaw għal dak l-iskop.

## TITOLU VII

## DISPOSIZZJONIJIET KOMUNI

Artikolu III-330

Waqt li titqies is-sitwazzjoni strutturali ekonomika u soċjali tad-dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej, l-*Azores*, il-*Madeira* u l-Gżejjer Kanarji, flimkien mal-fatt li huma remoti, insulari, żgħar, ta' topografija u klima diffiċli, ekonomikament dipendenti fuq ftit prodotti, li l-permanenza u l-kombinazzjoni tagħhom iżżomm lura strettament l-iżvilupp tagħhom, il-Kunsill tal-Ministri, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta regolamenti u deċiżjonijiet Ewropej immirati, b' mod partikolari, lejn li jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-Kostituzzjoni għal dawk ir-reġjuni, inklużi l-politiki komuni. Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

Il-miżuri msemmija fl-ewwel paragrafu jikkonċernaw b' mod partikolari  oqsma bħall-politiki doganali u kummerċjali, il-politika fiskali, iż-żoni liberi, il-politiki agrikoli u tas-sajd, il-kondizzjonijiet għall-provvista ta' materja prima u l-prodotti essenzjali għall-konsumaturi, l-għajnuniet Statali u l-kondizzjonijiet ta' aċċess għal fondi strutturali u programmi orizzontali ta' l-Unjoni.

Il-Kunsill tal-Ministri għandu jadotta l-miżuri msemmija fl-ewwel paragrafu waqt li jieħu kont tal-karatteristiċi speċjali u l-irbit tar-reġjuni l-iktar 'il barra mingħajr ma jiġu sopravvenuti l-integrità u l-koerenza ta' l-ordni pubblika ta' l-Unjoni, inkluż is-suq intern u  l-politiki komuni.

Artikolu III-331

Il-Kostituzzjoni m' għandha b'ebda mod tippreġudika r-regoli fl-Istati Membri li jirregolaw is-sistema tas-sidien ta' proprjetà.

Artikolu III-332

F' kull wieħed mill-Istati Membri, l-Unjoni għandha tgawdi l-iktar kompetenza ġuridika estensiva mogħtija lil persuni ġuridiċi taħt il-liġijiet tagħhom; tista', b' mod partikolari, tottjeni jew tiddisponi minn proprjetà mobbli u immobbli u tista' tkun parti għal proċeduri legali. Għal dan l-iskop, l-Unjoni għandha tiġi rappreżentata mill-Kummissjoni. Madanakollu, għandha tiġi rappreżentata minn kull wieħed mill-Istituzzjonijiet, permezz ta' l-awtonomija amministrattiva tagħhom, fi kwistjonijiet li jirrelataw għall-operazzjoni rispettiva tagħhom.

Artikolu III-333

Ir-Regolamenti tal-Personal ta' uffiċjali u l-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg ta' impjegati oħra ta' l-Unjoni għandhom jiġu stabbiliti b' liġi Ewropea. Għandha tigi adottata wara konsultazzjoni ma' l-Istituzzjonijiet kkonċernati.

Artikolu III-334

Il-Kummissjoni tista', fil-limiti u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti b' regolament jew deċiżjoni Ewropea adottata b'maġġoranza sempliċi mill-Kunsill tal-Ministri, tiġbor kull informazzjoni u twettaq kull kontroll meħtieġ għat-twettieq tal-kompiti fdati lilha.

Artikolu III-335

1. Mingħajr pregudizzju għall-Artikolu 5 tal-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, miżuri għall-produzzjoni ta' statistiċi għandhom jiġu stabbiliti b' liġi jew liġi kwadru Ewropea meta neċessarju għat-twettieq ta' l-attivitajiet ta' l-Unjoni.

2. Il-produzzjoni ta' statistiċi għandha tikkonforma ma' imparzjalità, dipendibilità, oġġettività, indipendenza xjentifika, effettività tal-prezz u kunfidenzjalità statistika; m' għandhiex tinvolvi piżijiet eċċessivi fuq operaturi ekonomiċi.

Artikolu III-336

Il-membri ta' l-Istituzzjonijiet ta' l-Unjoni, il-membri tal-kumitati, u l-uffiċjali u impjegati oħra ta' l-Unjoni għandhom ikunu meħtieġa, anke wara li l-kompiti tagħhom ikunu waqqfu, biex ma jiżvelawx informazzjoni tat-tip koperta bl-obbligu ta' segretezza professjonali, b' mod partikolari informazzjoni dwar impriżi, ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom jew il-komponenti tagħhom ta' spiża.

Artikolu III-337

Ir-responsabbiltà kuntrattwali ta' l-Unjoni għandha tiġi rregolata bil-liġi applikabbli għall-kuntratt in kwistjoni.

Fil-każ ta' responsabbiltà non-kuntrattwali, l-Unjoni għandha, skond il-prinċipji ġenerali komuni għall-liġijiet ta' l-Istati Membri, tagħmel tajjeb għal kull ħsara kkawżata mill-istituzzjonijiet tagħha jew mill-impjegati tagħha fit-twettieq tal-kompiti tagħha.

It-tieni paragrafu għandu japplika taħt l-istess kondizzjonijiet għal ħsara kkawżata mill-Bank Ċentrali Ewropew jew mill-impjegati tiegħu fit-twettieq tal-kompiti tagħhom.

Ir-responsabbiltà personali ta' l-impjegati tagħha lejn l-Unjoni għandha tiġi rregolata bid-disposizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti ta' l-Impjegati jew fil-Kondizzjonijiet ta' Impjieg applikabbli għalihom.

Artikolu III-338

Is-sede ta' l-Istituzzjonijiet ta' l-Unjoni għandha tiġi determinatab' kunsens komuni tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri.

Artikolu III-339

Il-Kunsill tal-Ministri għandu jadotta unanimament regolament Ewropew li jistabilixxi regoli li jirregolaw il-lingwi ta' l-Istituzzjonijiet ta' l-Unjoni, mingħajr preġudizzju għall-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Artikolu III-340

L-Unjoni għandha tgawdi fit-terriotrji ta' l-Istati Membri dawk il-privileġġi u l-immunitajiet li huma neċessarji għat-twettieq tal-kompiti tagħha, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Protokoll tat-8 ta' April 1965 dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej. L-istess għandu japplika għall-Bank Ċentrali Ewropew u l-Bank Ewropew ta' l-Investiment.

Artikolu III-341

Id-drittijiet u l-obbligi li joriġinaw minn ftehim konkluż qabel l-1 ta' Jannar 1958 jew, għal Stati kandidati, qabel id-data ta' l-adeżjoni tagħhom, bejn Stat Membru wieħed jew iktar minn naħa waħda, u pajjiż terz wieħed jew iktar minn naħa l-oħra, m' għandhomx jiġu effettwati mill-Kostituzzjoni.

Sal-limiti li dan il-ftehim mhuwiex kompatibbli mal-Kostituzzjoni, l-Istat Membru jew l-Istati Membri kkonċernati għandhom jieħdu l-passi kollha approprjati sabiex jiġu eliminati l-inkompatibiltajiet stabbiliti. L-Istati Membri għandhom, meta neċessarju, jassistu lil xulxin għal dan l-iskop u għandhom, meta approprjat, jadottaw attitudni komuni.

Fl-applikazzjoni tal-ftehim imsemmi fl-ewwel paragrafu, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont tal-fatt li l-vantaġġi mogħtija taħt il-Kostituzzjoni minn kull Sat Membru jiffurmaw parti integrali ta' l-Unjoni u huma b' hekk marbuta inseparabbilment mal-ħolqien ta' Istituzzjonijiet komuni, l-għoti lilhom ta' kompetenzi u l-għoti ta' l-istess vantaġġi mill-Istati Membri l-oħra kollha.

Artikolu III-342

1. Il-Kostituzzjoni m' għandhiex tipprekludi l-applikazzjoni tar-regoli li ġejjin:

(a) ebda Stat Membru m' għandu jkun obbligat iforni informazzjoni li l-iżvelar tagħha jikkunsidra kuntrarju għall-interessi essenzjali tas-sigurtà proprja;

(b) kull Stat Membru jista jieħu dawk il-passi li jikkunsidra neċessarji għall-protezzjoni ta' l-interessi essenzjali tas-sigurtà tiegħu li huma konnessi mal-produzzjoni ta' jew il-kummerċ fl-armi, l-ammunizjon u materjal tal-gwerra; dawn il-passi m' għandhomx jeffettwaw b' mod avers il-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq intern fir-rigward ta' prodotti li mhumiex intiżi għal skopijiet speċifikament militari.

2. Il-Kunsill tal-Ministri, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista', unanimament jadotta deċiżjoni Ewropea li tagħmel bidliet għal-lista, li fassal fil-15 ta' April 1958, tal-prodotti li japplikaw għalihom id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1(b).

# PARTI IV

# DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

Artikolu IV-1

Is-simboli ta' l-Unjoni[1]:

Il-bandiera ta' l-Unjoni għandha tkun ċirku ta' tnax-il still tad-deheb fuq sfond blu.

L-innu ta' l-Unjoni għandu jkun ibbażat fuq *Ode to Joy* mid-Disa' Sinfonija ta' *Ludwig van Beethoven*.

Il-*motto* ta' l-Unjoni għandu jkun: Uniti fid-diversità.

Il-munita ta' l-Unjoni għandha tkun l-ewro.

Id-9 ta' Mejju għandu jkun iċċelebrat fl-Unjoni kollha bħala jum l-Ewropa.

Artikolu IV-2

It-Tħassir ta' Trattati preċedenti

It-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea, it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-atti u t-trattati li ssupplimentawhom jew emendawhom u huma elenkati fil-Protokoll anness mat-Trattat li jistabilixxi l-Kostituzzjoni għandhom jitħassru mid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat li jistabilixxi l-Kostituzzjoni.

Artikolu IV-3

Kontinwità legali fir-rigward tal-Komunità Ewropea u l-Unjoni Ewropea

L-Unjoni Ewropea għandha tidħol għad-drittijiet u l-obbligi kollha tal-Komunità Ewropea u ta' l-Unjoni, kemm jekk interni u kemm jekk jirriżultaw minn ftehim internazzjonali, li oriġinaw qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat li jistabilixxi l-Kostituzzjoni permezz tat-trattati, l-protokolli u l-atti preċedenti, inklużi l-assi u r-responsabbiltajiet kollha tal-Komunità u ta' l-Unjoni, u l-arkivji tagħhom.

Id-disposizzjonijiet ta' l-atti ta' l-Istituzzjonijiet ta' l-Unjoni, adottati permezz tat-trattati u l-atti msemmija fl-ewwel paragrafu, għandhom jibqgħu fis-seħħ taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Protokoll anness mat-Trattat li jistabilixxi l-Kostituzzjoni. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għandha tinżamm bħala fonti ta' interpretazzjoni ta' liġi ta' l-Unjoni.

Artikolu IV-4

Il-Qasam ta' l-applikazzjoni

1. It-Trattat li jistabilixxi l-Kostituzzjoni għandu japplika għar-Renju tal-Belġju, għar-Renju tad-Danimarka, għar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, għar-Repubblika Ellenika, għar-Renju ta' Spanja, għar-Repubblika Franċiża, għar-Repubblika ta' l-Awstrija, għall-Irlanda, għar-Repubblika Taljana, għall-Gran Dukat tal-Lussemburgu, għar-Renju ta' l-Olanda, għar-Repubblika ta' l-Awstrija, għar-Repubblika Portugiża, għar-Repubblika tal-Finlandja, għar-Renju ta' l-Isvezja, għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, …

[1] Il-Konvenzjoni tqis li dan l-Artikolu jkun aħjar jekk jinstab fil-Parti I.

2. It-Trattat li jistabilixxi l-Kostituzzjoni għandu japplika għal dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej, għall-*Azores*, għall-*Madeira* u għall-Gżejjer Kanarji skond l-Artikolu III-329 tal-Parti III.

3. L-arranġamenti speċjali għall-assoċjazzjoni stabbiliti fit-Titolu IV tal-Parti III tat-Trattat li jistabilixxi l-Kostituzzjoni għandhom japplikaw għall-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej elenkati fl-Anness III mat-TEC.

It-Trattat li jistabilixxi l-Kostituzzjoni m' għandux japplika għal pajjiżi u territorji extra-Ewropej li għandhom relazzjonijiet speċjali mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq li mhumiex inklużi f' dik il-lista.

4. It-Trattat li jistabilixxi l-Kostituzzjoni għandu japplika għat-territorji Ewropej li hu responsabbli għar-relazzjonijiet esterni tagħhom l-Istat Membru.

5. It-Trattat li jistabilixxi l-Kostituzzjoni għandu japplika għall-Gżejjer Åaland skond id-disposizzjonijiet stabbiliti fil-Protokoll 2 ma' l-Att li jikkonċerna il-kondizzjonijiet ta' adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija, tar-repubblika tal-Finlandja u tar-Renju ta' l-Isvezja.

6. Minkejja l-paragrafi preċedenti:

(a) it-Trattat li jistabilixxi l-Kostituzzjoni m' għandux japplika għall-Gżejjer *Faeroe*;

(b) it-Trattat li jistabilixxi l-Kostituzzjoni m' għandux japplika għaż-żoni ta' bażi sovrana tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq fiċ-Ċipru;

(ċ) it-Trattat li jistabilixxi l-Kostituzzjoni għandu japplika għaċ-*Channel Islands* u l-*Isle of Man* biss sa fejn neċessarju biex tiġi assigurata l-implimentazzjoni ta' l-arranġamenti għal dawk il-gżejjer stabbiliti fit-Trattat li jikkonċerna l-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda għall-Komunità Ekonomika Ewropea u għall-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, ffirmat fit-22 ta' Jannar 1972.

### Artikolu IV-5
### Unjonijiet reġjonali

It-Trattat li jistabilixxi l-Kostituzzjoni m' għandux jipprekludi l-eżistenza jew il-kompletazzjoni ta' unjonijiet reġjonali bejn il-Belġju u l-Lussemburgu, jew bejn il-Belġju, l-Lussemburgu u l-Olanda, sa fejn il-miri ta' dawk l-unjonijiet reġjonali ma jintlaħħqux mill-applikazzjoni tat-Trattat imsemmi.

### Artikolu IV-6

### Il-Protokolli

Il-protokolli annessi ma' dan it-Trattat għandhom jiffurmaw parti integrali tiegħu.

## Artikolu IV-7
## Il-Proċedura għar-reviżjoni tat-Trattat li jistabilixxi l-Kostituzzjoni

1. Il-gvern ta' kull Stat Membru, il-Parlament Ewropew jew il-Kummissjoni jistgħu jissottomettu lill-Kunsill tal-Ministri proposti għall-emenda tat-Trattat li jistabilixxi l-Kostituzzjoni. Il-Parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri għandhom jigu notifikti b' dawn il-proposti.

2. Jekk il-Kunsill Ewropew, wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, jadotta b' maġġoranza sempliċi deċiżjoni a favur tal-kontroll ta' l-emendi proposti, il-President tal-Kunsill Ewropew għandu jsejjaħ Konvenzjoni komposta mir-rappreżentanti tal-Parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri, tal-Kapijiet ta' l-Istat jew tal-Gvern ta' l-Istati Membri, tal-Parlament Ewropew u tal-Kusmmissjoni. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu wkoll jiġi kkonsultat fil-każ ta' bidliet Istituzzjonali fil-qasam monetarju. Il-Kunsill Ewropew jista' jiddeċiedi b' maġġoranza sempliċi, wara li jottjeni l-kunsens tal-Parlament Ewropew, biex ma jsejjaħx il-Konvenzjoni jekk dan ma jkunx ġustifikat mill-estent ta' l-emendi proposti. Fil-każ ta' l-aħħar, il-Kunsill Ewropew għandu jiddefinixxi l-kondizzjonijiet ta' referenza għall-konferenza tar-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Memnbri.

Il-Konvenzjoni għandha tikkontrolla proposti għal emendi u għandha tadotta b' *consensus* rakkomandazzjoni lill-konferenza ta' rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri previsti fil-paragrafu 3.

3. Il-konferenza tar-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri għandha tissejjaħ mill-President tal-Kunsill tal-Ministri għall-iskop li jiġu determinati bi qbil komuni l-emendi magħmula lit-Trattat li jistabilixxi l-Kostituzzjoni.

L-emendi għandhom jidħlu fis-seħħ wara li jiġu ratifikati mill-Istati Membri kollha skond il-ħtiġiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom.

4. Jekk, sentejn wara l-iffirmar tat-t-trattat li jemenda t-Trattat li jistabilixxi l-Kostituzzjoni, erbgħa minn ħamsa ta' l-Istati Membri jkunu rratifikawh u Stat Membru wieħed jew iktar ikunu ltaqgħu ma' diffikultajiet fil-proċediment tar-ratifika, il-kwistjoni għandha tissemma lill-Kunsill Ewropew.

## Artikolu IV-8
## L-Adozzjoni, ir-ratifika u d-dħul fis-seħħ tat-Trattat li jistabilixxi l-Kostituzzjoni

1. It-Trattat li jistabilixxi l-Kostituzzjoni għandu jiġi ratifikat mill-Partijiet Kontraenti għolja skond il-ħtiġiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom. L-istrumenti ta' ratifiika għandhom jiġu depożitati mal-Gvern tar-Repubblika Taljana.

2. It-Trattat li jistabilixxi l-Kostituzzjoni għandu jidħol fis-seħħ fil…, sakemm l-istrumenti ta' ratifika kollha jkunu ġew depożitati, jew, fin-nuqqas ta' dan, fl-ewwel jum tax-xahar wara d-depożitu ta' l-istrument ta' ratifika mill-aħħar Stat firmatarju biex jieħu dan il-pass.

Artikolu IV-9
It-Tul ta' Żmien

It-Trattat li jistabilixxi l-Kostituzzjoni huwa konkluż għal perjodu mingħajr limitu.

Artikolu IV-10
Il-Lingwi[2]

It-Trattat li jistabilixxi l-Kostituzzjoni, mfassal f' oriġinali wieħed bil-lingwi Daniż, Olandiż, Ingliż, Finlandiż, Franċiż, Ġermaniż, Grieg, Irlandiż, Taljan, Portugiż, Spanjol, Svediż, *Czech*, Estonjan, Latvjan, Litwan, Ungeriż, Malti, Pollakk, Slovakk u Sloven, bit-test ta' kull wieħed minn dawn il-lingwi li jkun ugwalment awtentiku, għandu jiġi depożitat fl-arkivji tal-Gvern tar-Repubblika Taljana, li għandu jittrasmetti kopja ċertifikata lil kull wieħed mill-gvernijiet ta' l-Istati firmatarji l-oħra.

---

[2] Għandu jiġi aġġustat skond l-Att ta' l-Adeżjoni

**PROTOKOLL FUQ IR-RWOL TAL-PARLAMENTI NAZZJONALI FL-UNJONI EWROPEA**

IL-PARTIJIET GĦOLJA KONTRAENTI,

WAQT LI JFAKKRU li l-mod li bih il-Parlamenti nazzjonali individwali jeżerċitaw kontroll fuq il-gvernijiet tagħhom ta' dak li jolqot l-attivitajiet ta' l-Unjoni hija materja ta' l-organizzazzjoni partikolari u l-prattika kostituzzjonali ta' kull Stat Membru,

XEWQANA li jinkoraġġixxu parteċipazzjoni akbar tal-Parlamenti nazzjonali fl-attivitajiet ta' l-Unjoni Ewropea u sabiex ikabbru l-kapaċità tagħhom biex jesprimu l-opinjonijiet proprji dwar proposti leġislattivi kif ukoll fuq oqsma oħra li jistgħu jkunu ta' interess partikolari għalihom,

ADOTTAW id-disposizzjonijiet li ġejjin, li għandhom ikunu annessi mal-Kostituzzjoni:

**I. Informazzjoni għall-Parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri**

1. Id-dokumenti kollha ta' konsultazzjoni tal-Kummissjoni (*green papers* u *white papers* u komunikazzjonijiet) għandhom jintbagħtu direttament mill-Kummissjoni lill-Parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri kif jiġu pubblikati. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ukoll lill-Parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri l-programm leġislattiv annwali kif ukoll kull strument ieħor ta' programmazzjoni leġislattiva jew stateġija politika li hi tkun issottomettiet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, fl-istess ħin li tibgħathom lil dawk l-Istituzzjonijiet.

2. Il-proposti leġislattivi kollha mibgħuta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-Ministri għandhom fl-istess ħin jintbagħtu lill-Parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri.

3. Il-Parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri, jistgħu jibgħatu lill-Presidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill tal-Ministri u tal-Kummissjoni, opinjoni motivata dwar jekk il-proposta leġislattiva tosservax il-prinċipju ta' sussidjarjetà, skond il-proċedura stabbilita fil-Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

4. Għandu jgħaddi perjodu ta' sitt ġimgħat bejn meta proposta leġislattiva mill-Kummissjoni tingħata lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill tal-Ministri u lill-Parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri, fil-lingwi uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea u d-data meta titqiegħed fuq l-aġenda tal-Kunsill tal-Ministri għall-adozzjoni tagħha, jew għall-adozzjoni ta' posizzjoni fil-kwadru ta' proċedura leġislattiva, bla ħsara għal kull eċcezzjoni minħabba f'urġenza, li dwarha għandhom jingħataw r-raġunijiet fl-att jew fil-posizzjoni tal-Kunsill tal-Ministri. Minbarra f'każijiet urġenti li għalihom għandhom jingħataw raġunijiet xierqa, ma jista' jintlaħaq l-ebda ftehim fuq proposta leġislattiva matul dawk is-sitt ġimgħat. Għandu jgħaddi perjodu ta’ għaxart ijiem bejn it-tqegħid ta' proposta fuq l-aġenda tal-Kunsill tal-Ministri u l-adozzjoni tal-posizzjoni tal-Kunsill tal-Ministri.

5. L-aġendi u r-riżultati tal-laqgħat tal-Kunsill tal-Ministri, inklużi l-minuti tal-laqgħat li fihom il-Kunsill tal-Ministri ikun qed jiddiskuti l-proposti leġislattivi, għandhom jintbagħtu direttament lill-Parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri, fl-istess ħin li jintbagħtu lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri.

6. Meta l-Kunsill Ewropew ikollu l-intenzjoni li jagħmel użu mid-disposizzjoni ta' l-artikolu I-24, paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu, il-Parlamenti nazzjonali għandhom ikunu infurmati bil-quddiem.

   Meta l-Kunsill Ewropew ikollu l-intenzjoni li jagħmel użu mid-disposizzjoni ta' l-artikolu I-24, paragrafu 4, it-tieni subparagrafu, il-Parlamenti nazzjonali għandhom ikunu infurmati mhux anqas minn erba' xhur qabel ma tittieħed deċizjoni.

7. Il-Qorti ta' l-Awdituri għandha tibgħat ir-rapport annwali tagħha lill- Parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri, għall-informazzjoni, fl-istess ħin li tibagħtu lill-Parlament Ewropew, u lill-Kunsill tal-Ministri.

8. Fil-każ ta' Parlamenti nazzjonali bikamerali, dawn id-disposizzjonijiet għandhom japplikaw għaż-żewġt ikmamar.

## II. Kooperazzjoni interparlamentari

9. Il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali għandhom flimkien jistabbilixxu kif kooperazzjoni interparlamentari tista' tiġi organizzata u promossa b'mod effettiv u regolarment fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

10. Il-Konferenza tal-Kumitati ta' l-Affarijiet Ewropej tista' tissottometti kull kontribuzzjoni li jidhrilha approprjata għall-attenzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill tal-Ministri u tal-Kummissjoni. Dik il-Konferenza għandha wkoll tippromwovi l-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattika bejn il-Parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri u l-Parlament Ewropew, inklużi l-kumitati speċjali tagħhom. Il-Konferenza tista' wkoll torganizza konferenzi interparlamentari fuq materji speċifiċi, partikolarment sabiex tiddibatti dwar materji ta' politika barranija u ta' sigurtà komuni u ta' politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni. Il-kontribuzzjonijiet mill-Konferenza ma' għandhom bl-ebda mod jorbtu l-Parlamenti nazzjonali jew jippreġudikaw il-posizzjonijiet tagħhom.

## PROTOKOLL DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI TAS-SUSSIDJARJETÀ U TAL-PROPORZJONALITÀ

IL-PARTIJIET GĦOLJA KONTRAENTI,

XEWQANA li jimxu b'mod li d-deċiżjonijiet jittieħdu l-iktar qrib possibbli taċ-ċittadini ta' l-Unjoni,

DETERMINATI li jistabbilixxu l-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, kif dikjarati fl-Artikolu I-9 tal-Kostituzzjoni, u sabiex jistabbilixxu sistema għall-monitoraġġ ta' l-applikazzjoni ta' dawk il-prinċipji mill-Istituzzjonijiet,

QABLU DWAR id-disposizzjonijiet li ġejjin, li għandhom jiġu annessi mal-Kostituzzjoni:

1. Kull Istituzzjoni għandha tgħasses kontinwament il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, kif stabbiliti fl-Artikolu I-9 tal-Kostituzzjoni.

2. Qabel ma tipproponi atti leġislattivi, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta fil-wisa'. Dawn il-konsultazzjonijiet għandhom, fejn approprjat, iqisu d-dimensjoni reġjonali u lokali ta' l-azzjoni maħsuba. F'każijiet ta' urġenza eċċezzjonali, il-Kummissjoni m'għandhiex iżżomm dawn il-konsultazzjonijiet. Għandha tagħti r-raġunijiet għal din id-deċiżjoni fil-proposta.

3. Il-Kummissjoni għandha tibgħat il-proposti leġislattivi tagħha kollha kif ukoll il-proposti emendati tagħha lill-Parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri u fl-istess ħin li tibgħathom lil-leġislatur ta' l-Unjoni. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Ministri għandhom jibgħatu r-risoluzzjonijiet leġislattivi tagħhom u l-posizzjonijiet komuni rispettivament, meta dawn jiġu adottati, lill-Parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri.

4. Il-Kummissjoni għandha tiġġustifika l-proposti tagħha fir-rigward tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Kull proposta leġislattiva għandu jkun fiha dikjarazzjoni fid-dettall li tagħmel possibbli li wieħed jikkonferma l-osservanza tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Din id-dikjarazzjoni għandu jkun fiha l-istima ta' l-impatt finanzjarju tal-proposta u, fil-każ ta' liġi kwadru, ta' l-implikazzjonijiet biex ir-regoli jiġu emanati mill-Istati Membri, inkluża, fejn ikun neċessarju, il-leġislazzjoni reġjonali. Ir-raġunijiet li għalihom wieħed ikun tal-fehma li l-mira ta' l-Unjoni tista' tintlaħaq aħjar fil-livell ta' l-Unjoni għandha tiġi sostanzjata minn indikaturi kwalitattivi u, fejn hu possibbli, kwantitattivi. Il-Kummissjoni għandha tqis il-ħtieġa li kull piż, kemm jekk ikun ta' natura finanzjarja jew amministrattiva, li jaqa' fuq l-Unjoni, fuq il-gvernijiet nazzjonali, fuq awtoritajiet reġjonali jew lokali, fuq operaturi ekonomiċi u fuq iċ-ċittadin, jitnaqqas u jkun relatat mal-mira li trid tintlaħaq.

5. Kull Parlament nazzjonali jew kull kamra ta' Parlament nazzjonali ta' Stat Membru jistgħu, fi żmien sitt ġimgħat mid-data meta jirċievu proposta leġislattiva tal-Kummissjoni, jibgħatu lill-Presidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill tal-Ministri u tal-Kummissjoni opinjoni motivata bir-raġunijiet li minħabba fihom iqisu li l-proposta in kwistjoni ma tosservax il-prinċipju tas-sussidjarjetà. Kull Parlament nazzjonali u kull kamra ta' Parlament nazzjonali għandhom jikkonsultaw, fejn approprjat, mal-Parlamenti reġjonali li jkollhom setgħat leġislattivi.

6. Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Ministri u l-Kummissjoni għandhom jieħdu kont ta' l-opinijonijiet motivati mibgħuta mill-Parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri jew minn kamra ta' Parlament nazzjonali.

Il-Parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri b'sistemi parlamentari unikamerali għandu jkollhom żewġ voti, filwaqt li l-kmamar ta' sistema Parlamentari bikamerali għandu jkollhom, kull waħda, vot wieħed.

Meta l-opinjonijiet motivati dwar l-inosservanza tal-prinċipju tas-sussidjarjetà ta' proposta tal-Kummissjoni jirrappreżentaw għall-anqas terz tal-voti kollha allokati lill-Parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri u lill-kmamar tagħhom, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-proposta tagħha. Din l-għatba għandha tkun għall-anqas kwart fil-każ ta' proposta tal-Kummissjoni jew ta' inizjattiva li toriġina minn grupp ta' Stati Membri skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu III-165 tal-Kostituzzjoni fl-oqsma tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja.

Wara din ir-reviżjoni, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tħalli l-proposta kif inhi, temendaha, jew tirtiraha. Il-Kummissjoni għandha tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.

7. Il-Qorti tal-Ġustizzja jkollha l-ġuriżdizzjoni sabiex tisma' kawżi bbażati fuq il-ksur tal-prinċipji tas-sussidjarjetà minn att leġislattiv, miġjuba skond ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu III-270 tal-Kostituzzjoni minn Stati Membri, jew notifikati minnhom skond l-ordni legali tagħhom f'isem il-Parlament nazzjonali proprju jew kamra tiegħu.

   Bi qbil ma' l-istess Artikolu tal-Kostituzzjoni, il-Kumitat tar-Reġjuni jista' jintroduċi wkoll dawn l-azzjonijiet dwar atti leġislattivi li l-Kostituzzjoni tipprevedi li l-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun konsultat dwarhom.

8. Il-Kummissjoni għandha tissottometti kull sena lill-Kunsill Ewropew, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill tal-Ministri u lill-Parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri, rapport dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu I-9 tal-Kostituzzjoni. Dan ir-rapport annwali għandu wkoll jiġi mgħoddi lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

**PROTOKOLL FUQ IR-RAPPREŻENTANZA TAĊ-ĊITTADINI FIL-PARLAMENT EWROPEW U L-MOD KIF JITKEJJEL IL-PIŻ TAL-VOTI FIL-KUNSILL EWROPEW U FIL-KUNSILL TAL-MINISTRI**

IL-PARTIJIET GĦOLJA KONTRAENTI

ADOTTAW id-disposizzjonijiet li ġejjin, li huma annessi mat-Trattat li jistabblixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa:

## ARTIKOLU 1

### Disposizzjonijiet dwar il-Parlament Ewropew

1. Matul il-leġislatura parlamentari 2004-2009 in-numru ta' rappreżentanti eletti fil-Parlament Ewropew minn kull Stat Membru għandu jkun kif ġej:

| | |
|---|---|
| L-Awstrija | 18 |
| Il-Belġju | 24 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 24 |
| Ċipru | 6 |
| Id-Danimarka | 14 |
| L-Estonja | 6 |
| Il-Finlandja | 14 |
| Franza | 78 |
| Il-Ġermanja | 99 |
| Il-Greċja | 24 |
| L-Irlanda | 13 |
| L-Italja | 78 |
| Il-Latvja | 9 |
| Il-Litwanja | 13 |
| Il-Lussemburgu | 6 |
| Malta | 5 |
| L-Olanda | 27 |
| Il-Polonja | 54 |
| Il-Portugal | 24 |
| Ir-Renju Unit | 78 |
| L-Islovakkja | 14 |
| Is-Slovenja | 7 |
| Spanja | 54 |
| L-Isvezja | 19 |
| L-Ungerija | 24 |

## ARTIKOLU 2

Disposizzjonijiet dwar il-piż tal-voti fil-Kunsill tal-Ministri

1. Id-disposizzjonijiet li ġejjin jibqgħu fis-seħħ sa l-1 ta' Novembru 2009, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu I-24 tal-Kostituzzjoni.

Għad-deliberazzjonijiet tal-Kunsill Ewropew u tal-Kunsill tal-Ministri li jeħtieġu maġġoranza kwalifikata, il-voti tal-membri għandhom jitqiesu li għandhom piż skond kif ġej:

| | |
|---|---|
| L-Awstrija | 10 |
| Il-Belġju | 12 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 12 |
| Ċipru | 4 |
| Id-Danimarka | 7 |
| L-Estonja | 4 |
| Il-Finlandja | 7 |
| Franza | 29 |
| Il-Ġermanja | 29 |
| Il-Greċja | 12 |
| L-Irlanda | 7 |
| L-Italja | 29 |
| Il-Latvja | 4 |
| Il-Litwanja | 7 |
| Il-Lussemburgu | 4 |
| Malta | 3 |
| L-Olanda | 13 |
| Il-Polonja | 27 |
| Il-Portugal | 12 |
| Ir-Renju Unit | 29 |
| L-Islovakkja | 7 |
| Is-Slovenja | 4 |
| Spanja | 27 |
| L-Isvezja | 10 |
| L-Ungerija | 12 |

Deċiżjonijiet għandhom jiġu adottati jekk ikun hemm mill-inqas 232 vot favur li jirrappreżenta l-maġġoranza tal-membri meta, skond il-Kostituzzjoni, għandhom jittieħdu fuq proposta tal-Kummissjoni. Fil-każijiet l-oħra d-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu jekk ikun hemm mill-inqas 232 vot favur li jirrappreżenta mhux anqas minn żewġ terzi tal-membri.

Membru tal-Kunsill Ewropew jew tal-Kunsill tal-Ministri jista' jitlob li, fejn deċiżjoni għandha tittieħed mill-Kunsill Ewropew jew mill-Kunsill tal-Ministri b'maġġoranza kwalifikata, issir verifika jekk l-Istati Membri li jiffurmaw din il-maġġoranza kwalifikata jirrappreżentawx mill-inqas 62% tal-popolazzjoni totali ta' l-Unjoni. Jekk jinstab li dan mhux hekk, id-deċiżjoni in kwistjoni ma tkunx adottata.

2. F'kull adeżjoni suċċessiva l-għatba msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi kkalkolata b'mod illi l-għatba tal-maġġoranza kwalifikata espressa f'voti ma teċċedix dak li jirriżulta mit-tabella li tidher fid-dikjarazzjoni fuq it-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea fl-Att Finali tal-Konferenza li adottat it-Trattat ta' Nizza.

## PROTOKOLL DWAR IL-GRUPP TA' L-EWRO

Il-Partijiet Għolja Kontraenti,

Waqt li jixtiequ jippromwovu kondizzjonijiet għal tkabbir ekonomiku iktar b' saħħtu fl-Ewropa u għal dak l-iskop, li tiġi żviluppata koordinazzjoni dejjem iktar mill-qrib tal-politiki eknomiċi fiż-żona ta' l-ewro,

Waqt li huma konxji mill-bżonn li jiġu stabbiliti disposizzjonijiet speċjali għal djalogu msaħħaħ bejn l-Istati Membri li adottaw l-ewro, u fl-istennija ta' l-adeżjoni ta' l-Istati Membri kollha ta' l-Unjoni għaż-żona ta' l-ewro,

Ftehmu dwar id-disposizzjonijiet li ġejjin, li huma annessi mal-Kostituzzjoni:

### Artikolu 1

Il-Ministri ta' l-Istati Membri li adottaw l-ewro għandhom jiltaqgħu informalment. Dawn il-laqgħat għandhom iseħħu, meta neċessarju, għad-diskussjoni ta' kwistjonijiet marbuta mar-responsabbiltajiet speċifiċi li huma jaqsmu fejn tidħol munita unika. Il-Kummissjoni u l-Bank Ċentrali Ewropew għandhom ikunu mistiedna jieħdu sehem f' dawn il-laqgħat, li għandhom ikunu ppreparati mir-rappreżentanti tal-Ministri responsabbli għall-finanzi ta' l-Istati Membri li adottaw l-ewro.

### Artikolu 2

Il-Ministri ta' l-Istati Membri li adottaw l-ewro għandhom jeleġġu president għal sentejn u nofs, b' maġġoranza ta' l-Istati Membri.

**PROTOKOLL LI JEMENDA T-TRATTAT TA' L-EURATOM**

IL-PARTIJIET GĦOLJA KONTRAENTI,

WAQT LI JFAKKRU n-neċessità li d-disposizzjonijiet tat-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika għandu jibqa' jkollu effett ġuridiku sħiħ,

WAQT LI JIXTIEQU madankollu jadattaw dak it-Trattat għar-regoli ġodda stabbiliti bit-Trattat li jistabilixxi Kostituzzjoni ta' l-Ewropa, b' mod partikolari fl-oqsma istituzzjonali u finanzjarja.

ADOTTAW id-disposizzjonijiet li ġejjin, li huma annessi mat-Trattat li jistabilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa u jemendaw it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika kif ġej:

Artikolu 1

L-Artikolu 3 għandu jitħassar.

Artikolu 2

L-intestatura tat-Titolu III "Disposizzjonijiet Istituzzjonali" għandha tiġi sostitwita b' li ġej: "Disposizzjonijiet Istituzzjonali u finanzjarji".

Artikolu 3

1. L-Artikolu 107 għandu jiġi sostitwit b' li ġej:

"L-Artikolu 107
Id-disposizjonijiet istituzzjonali u finanzjarji tat-Trattat li jistabilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa (Artikoli I-18 sa I-38, l-Artikoli I-52 sa I-55 u l-Artikoli III-227 sa III-316) u l-Artikolu I-58 ta' dak it-Trattat għandhom japplikaw għal dan it-Trattat mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fl-Artikoli 134, 135, 144, 145, 157, 171, 172, 174 u 176.

2. L-Artikoli 107a sa 133, 136 sa 143, 146 sa 156, 158 sa 170, 173, 173a, 175, u 177 sa 183a għandhom jitħassru.

Artikolu 4

L-intestatura tat-Titolu IV "Disposizzjonijiet Finanzjarji" għandha tiġi sostitwiti b' li ġej:

"Disposizzjonijiet finanzjarji speċifiċi".

Artikolu 5

Fit-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 38 u fit-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 82 ir-referenzi għall-Artikoli 141 u 142 għandhom jiġu sostitwiti b' referenzi għall-Artikoli III-265 u III-266 rispettivament tat-Trattat li jistabilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa.
Fl-Artikolu 171(2), l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 175, u l-Artikolu 176(3) ir-referenzi għall-Artikolu 183 għandhom jitħassru bir-referenzi għall-Artikolu III-318 tat-Trattat li jistabilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa.

Fl-Artikolu 172(4) ir-referenza għall-Artikolu 177(5) għandha tiġi sostitwita b' referenza għall-Artikolu III-310 tat-Trattat li jistabilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa.
Fl-aħħar paragrafu ta' l-Artikolu 18 u fl-Artikolu 83(2) ir-referenzi għall-Artikolu 164 għandhom jiġu sostitwiti b' referenzi għall-Artikolu III-307 tat-Trattat li jistabilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa. Fl-Artikoli 38 u 82 il-kelma "direttiva" għandha tiġi sostitwita b' "deċiżjoni Ewropea". Fit-Trattat il-kelma "deċiżjoni" għandha tiġi sostitwita b' "deċiżjoni Ewropea".

Artikolu 6

L-Artikolu 190 għandu jiġi sostitwit b' li ġej:

"Ir-regoli li jirregolaw il-lingwi ta' l-Istituzzjonijiet għandhom, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet kontenuti fl-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, jiġu determinati mill-Kunsill tal-Ministri, waqt li jaġixxi unanimament".

Artikolu 7

L-Artikolu 198 għandu jiġi emendat kif ġej:

"(a) Dan it-Trattat m' għandux japplika għall-Gżejjer *Faeroe*".

Artikolu 8

L-Artikolu 201 għandu jiġi emendat kif ġej:

"Il-Komunità għandha tistabilixxi kooperazzjoni mill-qrib ma' l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku, li d-dettalji tagħha għandhom jiġu determinati bi qbil komuni".

Artikolu 9

L-Artikolu 206 ghandu jiġi emendat kif ġej:
"Il-Komunità tista' tikkonkludi ma' Stat wieħed jew iktar jew organizzazzjonijiet internazzjonali ftehim li jistabilixxi assoċjazzjoni li tinvolvi d-drittijiet u l-obbligi reċiproċi, azzjoni komuni u proċeduri speċjali.

Dan il-ftehim għandu jiġi konkluż mill-Kunsill tal-Ministri, waqt li jaġixxi unanimament wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

Meta dan il-ftehim jirrikjedi li jsiru emendi lil dan it-Trattat, dawn l-emendi għandhom l-ewwel jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu IV-7 tat-Trattat li jistabilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa."

**DIKJARAZZJONI**

**annessa mal-Protokoll fuq ir-rappreżentanza taċ-ċittadini**

**fil-Parlament Ewropew u l-ippeżar tal-voti**

**fil-Kunsill Ewropew u l-Kunsill tal-Ministri**

Il-pożizzjoni komuni li għandha tittieħed mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea fil konferenzi dwar l-adeżjoni tar-Rumanija u/jew tal-Bulgarija fir-rigward ta' l-allokazzjoni tas-siġġijiet fil-Parlament Ewropew u l-ippeżar tal-voti fil-Kunsill Ewropew u fil-Kunsill tal-Ministri għandha tkun kif ġej. Jekk l-adeżjoni għall-Unjoni Ewropea tar-Rumanija u/jew tal-Bulgarija sseħħ qabel id-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew prevista fl-Artikolu I-19(2) tal-Kostituzzjoni, in-numru tar-rappreżentanti eletti tagħhom fil-Parlament Ewropew għandu jiġi kkalkolat fuq il-bażi taċ-ċifri 33 u 17 rispettivament, korretti skond l-istess formula li biha ġie determinat in-numru tar-rappreżentanti għall-Parlament Ewropew ta' kull Stat Membru kif indikat fil-Protokoll fuq ir-Rappreżentanza taċ-Ċittadini fil-Parlament Ewropew u l-piż tal-voti fil-Kunsill Ewropew u fil-Kunsill tal-Ministri.

It-Trattat ta' Adeżjoni għall-Unjoni Ewropea jista', b'deroga għall-Artikolu I-19 il-paragrafu 2 tal-Kostituzzjoni in-numru tal-membri tal-Parlament Ewropej jista' temporanjament jeċċedi 736 għall-bqija tal-leġislatura 2004/2009.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu I-24, paragrafu 2, il-peżar tal-voti tar-Rumanija u tal-Bulgarija fil-Kunsill Ewropew u fil-Kunsill tal-Ministri ikun rispettivament ta' 14 u 10 sa l-1 ta' Novembru 2009. Ma' kull adeżjoni l-għatba msemmija fil-Protokoll dwar ir-Rappreżentanza taċ-Ċittadini fil-Parlament Ewropew u l-piż tal-voti fil-Kunsill Ewropew u fil-Kunsill tal-Ministri għandha tiġi deċiża mill-Kunsill tal-Ministri.

**DIKJARAZZJONI**
**DWAR IL-ĦOLQIEN TA' SERVIZZ EWROPEW**
**TA' AZZJONI ESTERNA**

"Sabiex tassisti l-Ministru futur ta’ l-Unjoni ta’ l-Affarijiet Barranin, introdott fl-Artikolu I-27 tal-Kostituzzjoni, biex iwettaq jew twettaq il-kompiti tiegħu/tagħha, il-Konvenzjoni taqbel dwar il-bżonn li l-Kunsill tal-Ministri u l-Kummissjoni jiftiehmu, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-Parlament Ewropew, li jiġi stabbilit taħt l-awtorità tal-Ministru servizz konġunt wieħed (Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna) kompost minn uffiċjali mid-dipartimenti rilevanti tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Ministri u tal-Kummissjoni u impjegati assekondati minn servizzi diplomatiċi nazzjonali.

L-Impjegati tad-delegazzjonijiet ta' l-Unjoni, kif definit fl-Artikolu III-230, għandhom jiġu pprovduti minn dan is-servizz konġunt.

Il-Konvenzjoni hi ta' l-opinjoni li l-arranġamenti neċessarji għall-istabbiliment tas-servizz konġunt għandhom isiru fl-ewwel sena mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat li jistabilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa".

**DIKJARAZZJONI**

**FL-ATT FINALI TA’ L-IFFIRMAR**

**TAT-TRATTAT LI JISTABILIXXI L-KOSTITUZZJONI**

Jekk, sentejn wara l-iffirmar tat-Trattat li jistabilixxi l-Kostituzzjoni, erbgħa minn ħamsa ta' l-Istati Membri jkunu rratifikawh u Stat Membru wieħed jew iktar ikun iltaqa' ma' diffikultajiet fil-proċeduri tar-ratifika, il-kwistjoni tiġi riferita lill-Kunsill Ewropew.

# *IL-KONVENZJONI EWROPEA*

**<u>LISTA TAL-MEMBRI</u>**

## IL-PRESIDENZA

| | |
|---|---|
| Is-Sur Valéry GISCARD d'ESTAING | **President** |
| Is-Sur Giuliano AMATO | **Viċi-President** |
| Is-Sur Jean-Luc DEHAENE | **Viċi-President** |

## MEMBRI OĦRA TAL-PRESIDJU

| | |
|---|---|
| Is-Sur Michel BARNIER | Rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea |
| Is-Sur John BRUTON | Rappreżentant tal-Parlamenti Nazzjonali |
| Is-Sur Henning CHRISTOPHERSEN | Rappreżentant tal-Presidenza Daniża |
| Is-Sur Alfonso DASTIS | Rappreżentant tal-Presidenza Spanjola (minn Marzu 2003) |
| Is-Sur Klaus HÄNSCH | Rappreżentant tal-Parlament Ewropew |
| Rappreżentant tal-Presidenza Griega (sa Frar 2003) | |
| Is-Sur Iñigo MÉNDEZ DE VIGO | Rappreżentant tal-Parlament Ewropew |
| Is-Sinjura Ana PALACIO (sa Marzu 2003) | Rappreżentanti tal-Presidenza Spanjola |
| Is-Sur Giorgos PAPANDREOU | Rappreżentant tal-Presidenza Griega (minn Frar 2003) |
| Is-Sinjura Gisela STUART | Rappreżentanti tal-Parlamenti Nazzjonali |
| Is-Sur Antonio VITORINO | Rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea |
| Is-Sur Alojz PETERLE | Mistieden |

# IL-MEMBRI TAL-KONVENZJONI

## RAPPREŻENTANTI TAL-PARLAMENT EWROPEW

Is-Sur Jens-Peter BONDE (DK)
Is-Sur Elmar BROK (D)
Is-Sur Andrew Nicholas DUFF (UK)
Is-Sur Olivier DUHAMEL (F)
Is-Sur Klaus HÄNSCH (D)
Is-Sinjura Sylvia-Yvonne KAUFMANN (D)
Is-Sur Timothy KIRKHOPE (UK)
Is-Sur Alain LAMASSOURE (F)
Is-Sinjura Linda McAVAN (UK)
Is-Sinjura Hanja MAIJ-WEGGEN (NL)
Is-Sur Luís MARINHO (P)
Is-Sur Íñigo MÉNDEZ DE VIGO Y MONTOJO (ES)
Is-Sinjura Cristiana MUSCARDINI (IT)
Is-Sur Antonio TAJANI (IT)
Is-Sinjura Anne VAN LANCKER (B)
Is-Sur Johannes VOGGENHUBER (ÖS)

## RAPPREŻENTANTI TAL-KUMMISSJONI

Is-Sur Michel BARNIER

Is-Sur António VITORINO

## RAPPREŻENTANTI TA' L-ISTATI MEMBRI

**IL-PAJJIŻ**

**BELGIË/IL-BELĠJU**

**Gvern**
Is-Sur Louis MICHEL

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Karel DE GUCHT
Is-Sur Elio DI RUPO

**ID-DANIMARKA**

**Gvern**
Is-Sur Henning CHRISTOPHERSEN

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Peter SKAARUP
Is-Sur Henrik DAM KRISTENSEN

**IL-ĠERMANJA**

**Gvern**
Is-Sur Joschka FISCHER
*issostitwixxa lis-Sur Peter GLOTZ f' Novembru 2002*

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Jürgen MEYER
Is-Sur Erwin TEUFEL

**IL-GREĊJA**

**Gvern**
Is-Sur Giorgos PAPANDREOU
*issostitwixxa lis-Sur Giorgos KATIFORIS fi Frar 2003*

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Paraskevas AVGERINOS
Is-Sinjura Marietta GIANNAKOU

**SPANJA**

**Gvern**
Is-Sur Alfonso DASTIS
*issostitwixxa lis-Sur Carlos BASTARRECHE bħala supplent,, f'Sett. 2002,imbagħad is-Sinjura A. Palacio bħala membru,f' Marzu 2003*

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Josep BORRELL FONTELLES
Is-Sur Gabriel CISNEROS LABORDA

**FRANZA**

**Gvern**
Is-Sur Dominique de VILLEPIN
*issostitwixxa lis-SurPierre MOSCOVICI f' Novembru 2002*

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur. Pierre LEQUILLER
*issostitwixxa lis-Sur Alain BARRAU f' Lulju 2002*
Is-Sur Hubert HAENEL

**L-IRLANDA**

**Gvern**
Is-Sur Dick ROCHE
*issostitwixxa lis-Sur Ray MacSHARRY f' Lulju 2002*

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur John BRUTON
Is-Sur Proinsias DE ROSSA

**L-ITALJA**

**Gvern**
Is-Sur Gianfranco FINI

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Marco FOLLINI
Is-Sur Lamberto DINI

**IL-LUSSEMBURGU**

**Gvern**
Is-Sur Jacques SANTER

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Paul HELMINGER
Is-Sur Ben FAYOT

**L-OLANDA**

**Gvern**
Is-Sur Gijs de VRIES
*issostitwixxa lis-Sur Hans van MIERLO f' Ottubru 2002*

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur René van der LINDEN
Is-Sur Frans TIMMERMANS

**L-AWSTRIJA**

**Gvern**
Is-Sur Hannes FARNLEITNER

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Caspar EINEM
Is-Sur Reinhard Eugen BÖSCH

**IL-PORTUGALL**

**Gvern**
Is-Sur Ernâni LOPES
*issostitwixxa lis-Sur João de VALLERA f' Mejju 2002*

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Alberto COSTA
Is-Sinjura Eduarda AZEVEDO

**SUOMI/IL-FINLANDJA**

**Gvern**
Is-Sinjura Teija TIILIKAINEN
Is-Sur Jari VILÉN
*f' Mejju 2003*

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Kimmo KILJUNEN
*issostitwixxa lis-Sur Matti VANHANEN*

**L-ISVEZJA**

**Gvern**

Is-Sur Sören LEKBERG
Is-Sur Göran LENNMARKER

**Parlament nazzjonali**
Is-Sinjura Lena HJELM-WALLÉN

**IR-RENJU UNIT**

**Gvern**
Is-Sur Peter HAIN

**Parlament nazzjonali**
Is-SinjuraGisela STUART
Is-Sur David HEATHCOAT-AMORY

## RAPPREŻENTANTI TAL-PAJJIŻI KANDIDATI

**IL-PAJJIŻ**

**Κΰπρος/ IĊ-ĊIPRU**

**Gvern**
Is-Sur Michael ATTALIDES

**Parlament nazzjonali**
Is-Sinjura Eleni MAVROU
Is-Sur Panayiotis DEMETRIOU

**MALTA**

**Gvern**
Is-Sur Peter SERRACINO-INGLOTT

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Michael FRENDO
Is-Sur Alfred SANT

**MAGYARORSZÀG/L-UNGERIJA**

**Gvern**
Is-Sur Péter BALÁZS

Is-Sur Pál VASTAGH
*f'Ġunju 2002*

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur József SZÁJER
*issostitwixxa lis-Sur János MARTONYI*

**POLSKA/IL-POLONJA**

**Gvern**
Is-Sinjura Danuta HÜBNER

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Jozef OLEKSY
Is-Sur Edmund WITTBRODT

**ROMÂNIA/IR-RUMANIJA**

**Gvern**
Is-Sinjura Hildegard Carola PUWAK

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Alexandru ATHANASIU
i*ssostitwixxa lis-Sur Liviu MAIOR*
*fi Frar 2003*
Is-Sur Puiu HASOTTI

**SLOVENSKO/IS-SLOVAKKJA**

**Gvern**
Is-Sur Ivan KORČOK

*issostitwixxa lis-Sur Pavol HAMZIK*
*f' Novembru 2002*

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Jan FIGEL
*issostitwixxa lis-Sur Ján FIGEL*

*f' Ottubru 2002*

Is-Sinjura Irena BELOHORSKÁ

**LATVIJA/IL-LATVJA**

**Gvern**
Is-Sinjura Sandra KALNIETE

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Rihards PIKS
*issostitwiet lis-Sur Roberts ZILE*
Is-Sinjura Liene LIEPINA
*f' Jannar 2003*
*issostitwiet lis-Sur Edvins INKĒNS*
*f' Jannar 2003*

**EESTI/L-ESTONJA**

**Gvern**
Is-Sur Lennart MERI

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Tunne KELAM
Is-Sur Rein LANG
*issostitwixxa lis-Sur Peeter REITZBERG*
*f' April 2003*

**LIETUVA/IL-LITWANJA**

**Gvern**
Is-Sur Rytis MARTIKONIS

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Vytenis ANDRIUKAITIS
Is-Sur Algirdas GRICIUS
*issostitwixxa lis-Sur Alvydas MEDALINSKA f'Diċembru 2002, li ssostitwixxa huwa stess bħala supplenti lis-Sinjura Dalia KUTRAITE-GIEDRAITIENE*

**България/IL-BULGARIJA**

**Gvern**
Is-Sinjura Meglena KUNEVA

**Parlament nazzjonali**

Is-Sur Daniel VALCHEV
Is-Sur Nikolai MLADENOV

**ČESKÁ REPUBLIKA/**
**IR-REPUBBLIKA ĊEKA**

**Gvern**
Is-Sur Jan KOHOUT
*issostitwixxa lis-Sur Jan KAVAN*
*f' Settembru 2002*

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Jan ZAHRADIL
Is-Sur Josef ZIELENIEC

**SLOVENIJA/IS-SLOVENJA**

**Gvern**
Is-Sur Dimitrij RUPEL
*issostitwixxa lis-Sur Matjaz NAHTIGAL f' Jannar 2003*

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Jelko KACIN
*issostitwixxa lis-Sur Slavko GABER f' Jannar 2003*
Is-Sur Alojz PETERLE

**TÜRQÍYE/IT-TURKIJA**

**Gvern**
Is-Sur Abdullah GÜL
*issostitwixxa f' Marzu 2003 lis-Sur Yasar YAKIS,li hu stess kien sostitut tas-Sur Mesut YILMAZ, f' Diċembru 2002*

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Zekeriya AKCAM
*issostitwixxa lis-Sur Ali TEKIN f' Diċembru 2002*
Is-Sur Kemal DERVIŞ
*Issostitwixxa lis-Sinjura Ayfer YILMAZ*
f' *Diċembru 2002*

## IS-SUPPLENTI
### RAPPREŻENTANTI TAL-PARLAMENT EWROPEW

Is-Sur William ABITBOL (F)
Is-Sinjura ALMEIDA GARRETT (P)
Is-Sur John CUSHNAHAN (IRL)
Is-Sinjura Lone DYBKJAER (DK)
Is-Sinjura Pervenche BERÈS (F)
Is-Sinjura Maria BERGER (ÖS)
Is-Sur Carlos CARNERO GONZÁLEZ (ES)
Is-Sur Neil MacCORMICK (UK)
Is-Sinjura Piia-Noora KAUPPI (FI)
Is-Sinjura Elena PACIOTTI (IT)
Is-Sur Luís QUEIRÓ (P)
Is-Sur Reinhard RACK (ÖS)
Is-Sur Esko SEPPÄNEN (FI)
l-*Earl of* STOCKTON (UK)
Is-Sinjura Helle THORNING-SCHMIDT (DK)
Is-Sur Joachim WUERMELING (D)

## RAPPREŻENTANTI TAL-KUMMISSJONI

Is-Sur David O'SULLIVAN

Is-Sur Paolo PONZANO

## RAPPREŻENTANTI TA' L-ISTATI MEMBRI

**IL-PAJJIŻ**

**BELGIË/IL-BELĠJU**

**Gvern**
Is-Sur Pierre CHEVALIER

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Danny PIETERS
Is-Sinjura Marie NAGY

**ID-DANMARKA**

**Gvern**
Is-Sur Poul SCHLÜTER

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Per DALGAARD
Is-Sur Niels HELVEG PETERSEN

**IL-ĠERMANJA**

**Gvern**
Is-Sur Hans Martin BURY
*issostitwixxa lis-Sur Gunter PLEUGER f' Novembru 2002*

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Peter ALTMAIER
Is-Sur Wolfgang GERHARDS
*issostitwixxa lis-Sur Wolfgang SENFF f' Marzu 2003*

**IL-GREĊJA**

**Gvern**
Is-Sur Giorgos KATIFORIS
*issostitwixxa lis-Sur Panayiotis IOAKIMIDIS fi Frar 2003*

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Nikolaos CONSTANTOPOULOS
Is-Sur Evripidis STILINIADIS

**SPANJA**

**Gvern Parlament nazzjonali**
Is-Sinjura Ana PALACIO
*issostitwiet lis-Sur Alfonso Dastis f' Marzu 2003*

Is-Sur Diego LÓPEZ GARRIDO
Is-Sur Alejandro MUÑOZ LONSO

**FRANZA**

**Gvern**
Is-Sinjura Pascale ANDREANI
*issostitwiet lis-Sur Pierre VIMONT f' Awwissu 2002*

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Jacques FLOC
*issostitwixxa lis-Sinjura Anne-Marie IDRAC f' Lulju 2002*
Is-Sur Robert BADINTER

**L-IRLANDA**

**Gvern**
Is-Sur Bobby McDONAGH

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Pat CAREY, *f' Lulju 2002 issostitwixxa lis-Sur Martin CULLEN*
Is-Sur John GORMLEY

**L-ITALJA**

**Gvern**
Is-Sur Francesco E. SPERONI

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Valdo SPINI
Is-Sur Filadelfio Guido BASILE

**IL-LUSSEMBURGU**

**Gvern**
Is-Sur Nicolas SCHMIT

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Gaston GIBERYEN
Is-Sinjura Renée WAGENER

**L-OLANDA**

**Gvern**
Is-Sur Thom de BRUIJN
Is-Sur Jan Jacob van DIJK

**Parlament nazzjonali**
Is-SurWim van EEKELEN
*issostitwixxa lis-Sur Hans van BAALEN f' Ottubru 2002*

**L-AWSTRIJA**

**Gvern**
Is-Sur Gerhard TUSEK

**Parlament nazzjonali**
Is-Sinjura Evelin LICHTENBERGER
Is-Sur Eduard MAINONI
*issostitwixxa lis-Sur Gerhard KURZMANN f' Marzu 2003*

**IL-PORTUGALL**

**Gvern**
Is-Sur Manuel LOBO ANTUNES

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Guilherme d'OLIVEIRA MARTINS, *issostitwixxa lis-Sur Osvaldo de CASTRO f' Ġunju 2002*
Is-Sur António NAZARÉ PEREIRA

**SUOMI/IL-FINLANDJA**

**Gvern**
Is-Sur Antti PELTOMÄKI

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Hannu TAKKULA
*issostitwixxa lis-Sinjura Riitta KORHONEN f' Mejju 2003*
Is-Sur Esko HELLE

**L-ISVEZJA**

**Gvern**
Is-Sur Sven-Olof PETERSSON
*issostitwixxa lis-Sinjura Lena HALLENGREN f' Diċembru 2002*

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Kenneth KVIST
Is-Sur Ingvar SVENSSON

**IR-RENJU UNIT**

**Gvern**
Il-Barunessa SCOTLAND OF ASTHAL

**Parlament nazzjonali**
Il-Lord TOMLINSON
Il-Lord MACLENNAN OF ROGART

**RAPPREŻENTANTI TAL-PAJJIŻI KANDIDATI**

**IL-PAJJIŻ**

**Κΰπρος/IĊ-ĊIPRU**

**Gvern**
Is-Sur Theophilos V. THEOPHILOU

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Marios MATSAKIS
Is-Sinjura Androula VASSILIOU

**MALTA**

**Gvern**
Is-Sur John INGUANEZ

**Parlament nazzjonali**
Is-Sinjura Dolores CRISTINA
Is-Sur George VELLA

**MAGYARORSZÀG/
L-UNGERIJA**

**Gvern**
Is-Sur Péter GOTTFRIED

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur András KELEMEN
Is-Sur István SZENT-IVÁNYI

**POLSKA/IL-POLONJA**

**Gvern**
Is-Sur Janusz TRZCIŃSKI

**Parlament nazzjonali**
Is-Sinjura Marta FOGLER
Is-Sinjura Genowefa GRABOWSKA

**ROMÂNIA/IR-RUMANIJA**

**Gvern**
Is-Sur Constantin ENE
*issostitwixxa lis-Sur Ion JINGA*
*f' Diċembru 2002*

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Péter ECKSTEIN-KOVACS
Is-Sur Adrian SEVERIN

**SLOVENSKO/IS-SLOVAKKJA**

**Gvern**
Is-Sur Juraj MIGAŠ

**Parlament nazzjonali**
Is-Sinjura Zuzana MARTINAKOVA
*issostitwiet lis-Sur Frantisek SEBEJ*
*f' Novembru2002*
Is-Sur Boris ZALA
*issostitwixxa lis-Sinjura Olga KELTOSOVA*
*f' Novembru 2002*

**LATVIJA/IL-LATVJA**

**Gvern**
Is-Sur
Roberts ZILE
*issostitwixxa lis-Sur Guntars KRASTS*
*f' Jannar 2003*

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Guntars KRASTS
*issosstitwixxa ls-Sur Maris*
*SPRINDZUKS f' Jannar 2003*
Is-Sur Arturs Krisjanis KARINS
*issostitwixxa lis-Sinjura IneseBIRZNIECE*
*f' Jannar 2003*

**EESTI/L-ESTONJA**

**Gvern**
Is-Sur Henrik HOLOLEI

**Parlament nazzjonali**
Is-Sinjura Liina TÕNISSON
*Issostitwiet lis-Sinjura Liia HÄNNI f' April 2003*
Is-Sur Urmas REINSALU
*issostitwixxa lis-Sur Ülo TÄRNO f' April 2003*

**LIETUVA/IL-LITWANJA**

**Gvern**
Is-Sur Oskaras JUSYS

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Gintautas ŠIVICKAS
*issostitwixxa fi Frar 2003 lis-Sur Gediminas DALINKEVICIUS, li kien hu stess issostitwixxa lis-Sur Rolandas PAVILIONIS, f' Diċembru 2002*
Is-Sur Eugenijus MALDEIKIS
*issostitwixxa lis-Sur Alvydas MEDALINSKAS fi Frar 2003*

**България/IL-BULGARIJA**

**Gvern**
Is-Sinjura Neli KUTSKOVA

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Alexander ARABADJIEV
Is-Sur Nesrin UZUN

**ČESKÁ REPUBLIKA/
IR-REPUBBLIKA ĊEKA**

**Gvern**
Is-Sinjura Lenka Anna ROVNA
*issostitwiet lis-Sur Jan KOHOUT f' Settembru 2002*

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Petr NEČAS
Is-Sur František KROUPA

**SLOVENIJA/IS-SLOVENJA**

**Gvern**
Is-Sur Janez LENARČIČ

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Franc HORVAT
*issostitwixxa lis-Sinjura Danica SIMŠIČ f' Jannar 2003*
Is-Sur Mihael BREJC

**TÜRQÍYE/IT-TURIKIJA**

**Gvern**
Is-Sur Oğuz DEMIRALP
i*ssostitwixxa lis-Sur Nihat AKYOL*
*f' Awwissu2002*

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Ibrahim ÖZAL
*issostitwixxa lis-Sur Kürsat ESER*
*f' Diċembru 2002*
Is-Sur Necdet BUDAK
*issostitwixxa lis-Sur A. Emre*
*KOCAOGLOU f' Diċembru 2002*

## L-OSSERVATURI

| | |
|---|---|
| Is-Sur Roger BRIESCH | Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali |
| Is-Sur Josef CHABERT | Il-Kumitat tar-Reġjuni |
| Is-Sur João CRAVINHO | L-Imsieħba Soċjali Ewropej |
| Is-Sur Manfred DAMMEYER | Il-Kumitat tar-Reġjuni |
| Is-Sur Patrick DEWAEL | Il-Kumitat tar-Reġjuni |
| Is-Sur Nikiforos DIAMANDOUROS<br>*(issostitwixxa lis-Sur Jacob SÖDERMAN f' Marzu 2003)* | L-Ombudsman Ewropew |
| Is-Sinjura Claude DU GRANRUT | Il-Kumitat tar-Reġjuni |
| Is-Sur Göke Daniel FRERICHS | Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali |
| Is-Sur Emilio GABAGLIO | L-Imsieħba Soċjali Ewropej |
| Is-Sur Georges JACOBS | L-Imsieħba Soċjali Ewropej |
| Is-Sur Claudio MARTINI | Il-Kumitat tar-Reġjuni |
| Is-Sinjura Anne-Maria SIGMUND | Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali |
| Is-Sur Ramón Luis VALCÁRCEL SISO<br>*(issostitwixxa lis-Sur Eduardo ZAPLANA fi Frar 2003,*<br>*wara s-supplenza tas-Sinjura Eva-Riitta SIITONEN* | Il-Kumitat tar-Reġjuni |

## IS-SEGRETARJAT

| | |
|---|---|
| Sir John KERR | Segretarju Ġenerali |
| Is-Sinjura Annalisa GIANNELLA | Deputat Segretarja Ġenerali |

Is-Sinjura Marta ARPIO SANTACRUZ
Is-Sur Hervé BRIBOSIA
Is-Sinjura Elisabeth GATEAU
Is-Sinjura Maria José MARTÍNEZ IGLESIAS
Is-Sur Guy MILTON
Is-Sinjura Kristin de PEYRON
Is-Sur Alain PIOTROWSKI
Is-Sinjura Alessandra SCHIAVO
Is-Sinjura Maryem van den HEUVEL
Is-Sinjura Agnieszka BARTOL
Is-Sinjura Nicole BUCHET
Is-Sur Clemens LADENBURGER
Is-Sur Nikolaus MEYER LANDRUT
Is-Sur Ricardo PASSOS
Is-Sur Alain PILETTE
Is-Sur Etienne de PONCINS
Is-Sinjura Walpurga SPECKBACHER

# IL-KONTENUT


| | | *Paġna* |
|---|---|---|
| **PREFAZJU** | | 4 |
| **PREAMBOLU** | | 6 |
| **<u>PARTI I</u>** | | |
| **TITOLU I** | **TIFSIR U MIRI TA' L-UNJONI** | 8 |
| **TITOLU II** | **DRITTIJIET FUNDAMENTALI U Ċ-ĊITTADINANZA TA' L-UNJONI** | 11 |
| **TITOLU III** | **IL-KOMPETENZI TA' L-UNJONI** | 12 |
| **TITOLU IV** | **L-ISTITUZZJONIJIET TA' L-UNJONI** | 18 |
| KAPITOLU I | IL-KWADRU ISTITUZZJONALI | 18 |
| KAPITOLI II | ORGANI U ISTITUZZJONIJIET OĦRA | 28 |
| **TITOLU V** | **L-EŻERĊIZZJU TAL-KOMPETENZI TA' L-UNJONI** | 30 |
| KAPITOLU I | DISPOSIZZJONIJIET KOMUNI | 30 |
| KAPITOLU II | DISPOSIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI | 34 |
| KAPITOLU III | KOOPERAZZJONI MSAĦĦA | 40 |
| **TITOLU VI** | **IL-ĦAJJA DEMOKRATIKA TA' L-UNJONI** | 41 |
| **TITOLU VII** | **IL-FINANZI TA' L-UNJONI** | 44 |
| **TITOLU VIII** | **L-UNJONI U L-AMBJENT QRIB TAGĦHA** | 46 |
| **TITOLU IX** | **ADEŻJONI MA' L-UNJONI** | 47 |

**PARTI II: IL-KARTA TAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI TA' L-UNJONI** 50

**PREAMBOLU** 50

**TITOLU I** **DINJITÀ** 51

**TITOLU II** **LIBERTAJIET** 52

**TITOLU III** **L-UGWALJANZA** 55

**TITOLU IV** **SOLIDARJETÀ** 57

**TITOLU V** **ĊITTADINANZA** 60

**TITOLU VI** **ĠUSTIZZJA** 62

**TITOLU VII** **DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI LI JIRREGOLAW L-INTERPRETAZZJONI U L-APPLIKAZZJONI TAL-KARTA** 63

**PARTI III: IL-POLITIKI U L-FUNZJONAMENT TA' L-UNJONI** 65
**TITOLU I - KLAWŻOLI TA' APPLIKAZZJONI ĠENERALI** 66

**TITOLU II - IN-NONDISKRIMINAZZJONI U Ċ-ĊITTADINANZA** 67

**TITOLU III - IL-POLITIKI U L-AZZJONIJIET INTERNI** 69

KAPITOLU I – IS-SUQ INTERN 69

Sezzjoni 1 – L-istabbiliment tas-Suq Intern 69
Sezzjoni 2 – Iċ-ċirkolazzjoni libera ta' persuni u ta' servizzi 70

Subsezzjoni 1 – Il-Ħaddiema 70

Subsezzjoni 2 – Il-Libertà ta' stabbiliment 72

Subsezzjoni 3 – Il-libertà tal-provvista ta' servizzi 74

Sezzjoni 3 – Iċ-Ċirkolazzjoni libera tal-merkanzija 77

Subsezzjoni 1 – L-Unjoni Doganali 77

Subsezzjoni 2 – Il-Kooperazzjoni Doganali 78

Subsezzjoni 3 – Il-probizzjoni ta' restrizzjonijiet kwantitattivi 78

Sezzjoni 4 – Il-Kapital u l-pagamenti 80

Section 5 – Regoli dwar il-Kompetizzjoni 82

Subsezzjoni 1 – Regoli li japplikaw għal Intrapriżi 82

Subsezzjoni 2 – Għajnuniet mogħtija minn Stati Membri 85

Sezzjoni 6 –-Approssimazzjoni tal-leġislazzjoni Disposizzjonijiet fiskali 87

Sezzjoni 7 – L 88

KAPITOLU II – IL-POLITIKA EKONOMIKA U MONETARJA 91

Sezzjoni 1 – Il-Politika ekonomika 91

Sezzjoni 2 – Il-Politika monetarja 96

Sezzjoni 3 – Disposizzjonijiet istituzzjonali 100

Sezzjoni 3a – Disposizzjonijiet speċifiċi għall-Istati Membri li huma parti miż-żona ta' l-Ewro 102

Sezzjoni 4 – Disposizzjonijiet transitorji 103

KAPITOLU III – POLITIKI F'OQSMA SPEĊIFIĊI OĦRA 107

Sezzjoni 1 – L-Impjieg 107

Sezzjoni 2 – Il-Politika Soċjali 110

Subsezzjoni 1- Il-Fond Soċjali Ewropew 115

Sezzjoni 3 – Il-Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali 116

Sezzjoni 4 – L-Agrikoltura u s-Sajd 118

Sezzjoni 5 – L-Ambjent 122

Sezzjoni 6 – Il-Protezzjoni tal-konsumatur 125

Sezzjoni 7 – It-Trasport 126

Sezzjoni 8 – Rettikolati trans-Ewropej 129

Sezzjoni 9 – Ir-Riċerka u l-Iżilupp Teknoloġiku u l-iSpazju 131

Sezzjoni 10 – L-Enerġija 135

KAPITOLU IV – ŻONA TA' L-LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA 136

Sezzjoni 1 – Disposizzjonijiet ġenerali 136

Sezzjoni 2 – Politiki dwar kontrolli fuq il-fruntieri, l-ażil u l-immigrazzjoni 138

Sezzjoni 3 – Il-Kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili 141

Sezzjoni 4 – Il-Kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali 142

Sezzjoni 5 – Il-Kooperazzjoni tal-pulizija 145

KAPTOLU V - OQSMA FEJN L-UNJONI TISTA' TIDDEĊIEDI LI TIEĦU AZZJONI TA' KOORDINAZZJONI, KUMPLIMENTARI JEW TA' APPOĠĠ 147

Sezzjoni 1 – Is-Saħħa Pubblika 147

Sezzjoni 2 – L-Industrija 149

Sezzjoni 3 – Il-Kultura 150

Sezzjoni 4 – L-Edukazzjoni, it-taħriġ professjonali, iż-żgħażagħ u l-isport 151
Sezzjoni 5 – Il-Protezzjoni ċivili 153
Sezzjoni 6 – Il-Kooperazzjoni amministrattiva 154

**TITOLU IV – ASSOĊJAZZJONI TAL-PAJJIŻI U T-TERRITORJI EXTRA-EWROPEJ 155**

**TITOLU V – L-AZZJONI ESTERNA TA' L-UNJONI 158**

KAPITOLU I – DISPOSIZZJONIJIET TA' APPLIKAZZJONI ĠENERALI 158

KAPITOLU II- IL-POLITIKA BARRANIJA U TA' SIGURTÀ KOMUNI 160

Sezzjoni 1 – Il-Politika ta' sigurtà u difiża komuni 166

Sezzjoni 2 – Disposizzjonijiet finanzjarji 169

KAPITOLU III - IL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI 170

KAPITOLU IV – IL-KOOPERAZZJONI MA' PAJJIŻI TERZI U L-GĦAJNUNA UMANITARJA 172

Sezzjoni 1 – Il-Kooperazzjoni għall-iżvilupp 172

Sezzjoni 2 – Il-kooperazzjoni eknomika, finanzjarja u teknika ma' pajjiżi terzi 174

Sezzjoni 3 – L-għajnuna umanitarja 175

KAPITOLU V – IL-MIŻURI RESTRITTIVI 176

KAPITOLU VI – IL-FTEHIM INTERNAZZJONALI 177

KAPITOLU VII – IR-RELAZZJONIJIET TA' L-UNJONI MA' ORGANIZZAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI U PAJJIŻI TERZI U DELEGAZZJONIJIET TA' L-UNJONI 180

KAPITOLU VIII – L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-KLAWŻOLA TA' SOLIDARJETÀ 181

**TITOLU VI -IL-FUNZJONAMENT TA' L-UNJONI 182**

KAPITOLU I -DISPOSIZZJONIJIET LI JIRREGOLAW L-ISTITUZZJONIJIET 182

Sezzjoni 1 – L-Istituzzjonijiet 182

Subsezzjoni 1 – Il-Parlament Ewropew 182
Subsezzjoni 2 – Il-Kunsill Ewropew 185

Subsezzjoni 3 – Il-Kunsill tal-Ministri 186
Subsezzjoni 4 – Il-Kummissjoni 187
Subsezzjoni 5 – Il-Qorti tal-Ġustizzja 189
Subsezzjoni 6 – Il-Qorti ta' l-Awdituri 198

Sezzjoni 2 – Il-Korpi konsultattivi ta' l-Unjoni 201

Subsezzjoni 1 – Il-Kumitat tar-Reġjuni 201
Subsezzjoni 2 – Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali 202

Sezzjoni 3 – Il-Bank Ewropew ta' l-Investiment 204
Sezzjoni 4 – Disposizzjonijiet komuni għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenzija ta' l-Unjoni 205

KAPITOLU II -DISPOSIZZJONIJIET FINANZJARJI 209

Sezzjoni 1 – Il-kwadru finanzjarju pluriennali 209

Sezzjoni 2 – Il-*budget* annwali ta' l-Unjoni 210

Sezzjoni 3 – L-implimentazzjoni tal-*budget* u r-rilaxx 213

Sezzjoni 4 – Disposizzjonijiet komuni 215

Sezzjoni 5 – Il-Ġlieda kontra l-frodi 217

KAPITOLU III- IL-KOOPERAZZJONI MSAĦĦA 218

**TITOLU VII: DISPOSIZZJONIJIET KOMUNI** 221

**PARTI IV: DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI** 225

**PROTOKOLL FUQ IR-RWOL TAL-PARLAMENTI NAZZJONALI FL-UNJONI EWROPEA** 230

**PROTOKOLL DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI TA' SUSSIDJARJETÀ U TAL-PROPORZJONALITÀ** 233

**PROTOKOLL FUQ IR-RAPPREŻENTANZA TAĊ-ĊITTADINI FIL-PARLAMENT EWROPEW U L-MOD KIF JITKEJJEL IL-PIŻ TAL-VOTI FIL-KUNSILL EWROPEW U FIL-KUNSILL TAL-MINISTRI** 236

**PROTOKOLL DWAR IL-GRUPP TA' L-EWRO** 239

**PROTOKOLL LI JEMENDA T-TRATTAT TA' L-EURATOM** 240

**DIKJARAZZJONI ANNESSA MAL-PROTOKOLL DWAR IR-RAPPREŻENTANZA TA' ĊITTADINI FIL-PARLAMENT EWROPEW U L-PEŻAR TAL-VOTI FIL-KUNSILL EWROPEW U FIL-KUNSILL TAL-MINISTRI** 242

**DIKJARAZZJONI DWAR IL-ĦOLQIEN TA' SERVIZZ EWROPEW TA' AZZJONI ESTERNA** 243

**DIKJARAZZJONI FL-ATT FINALI TA' L-IFFIRMAR TAT-TRATTAT LI JISTABILIXXI L-KOSTITUZZJONI** 244

**LISTA TAL-MEMBRI TAL-KONVENZJONI EWROPEA** 245